Il-Malti

ħarġa LXXXVIII 2015

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXXVIII 2015

# Il-Malti

Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA AKKADEMIKA
LXXXVIII
2015

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Olvin Vella

*Membri*: David Agius Muscat

Joseph P. Borg

Maurice Mifsud Bonnici

Thomas Pace

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2015 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-516-9

# Werrej

L-editorjal
*Olvin Vella* .................................................................... v

Ġużè Ellul Mercer: vuċi u spalla għar-ruħ fi kriżi
*Olivia Borg* .................................................................... 1

Il-ġens grammatikali fil-Malti f'kuntest tipoloġiku u psikolingwistiku
*George Farrugia* .................................................................... 24

Il-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem Rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?
*Reno Fenech* .................................................................... 45

Il-pronunzja tas-suffiss pronominali: studju soċjolingwistiku
tal-varjanti [ɐː] ~ ['ɐħːɐ]; [ɔːm] ~ ['ɐħːɔm]; [ɐ'ʊlʊ] ~ [ɐ'ħːʊlʊ]
*Christina Sammut* .................................................................... 72

L-arti satirika fin-novelli ta' Juan Mamo: minn realtà storika sa frattarija ta' perspettivi
*Bernard Micallef* .................................................................... 90

L-Akkademja tal-Malti matul is-snin... (2009-2013)
*Joseph P. Borg* .................................................................... 127

# L-editorjal

Olvin Vella

Fl-aħħar snin, l-Akkademja tal-Malti organizzat għadd ta' taħditiet fuq il-lingwa u l-letteratura. It-taħditiet kienu kollha bbażati fuq riċerka akkademika u għalhekk infittxu biex nippubblikawhom f'*Il-Malti*, li qed isaħħaħ il-profil tal-Akkademja bħala organizzazzjoni li ġġib 'il quddiem ir-riċerka ta' studjużi stabbiliti u oħrajn żgħażagħ. Din il-ħarġa fiha studji fuq il-pronunzja, l-ortografija, il-grammatika, u x-xogħlijiet letterarji ta' Ġużè Ellul Mercer u Juan Mamo.

L-istudju dettaljat ta' Olivia Borg jagħti ħarsa lejn kif Ellul Mercer jippreżenta l-karattri femminili u maskili, u kif dawn jaraw lil xulxin fir-rumanz ċelebri tiegħu.

Dr George Farrugia jittratta l-ġens grammatikali fil-Malti f'perspettiva usa' minn dik li nħarsu lejha s-soltu. Il-kelliema tal-Malti jikklassifikaw in-nomi billi jassoċjaw magħhom ġens jew ieħor. Dan kollu jinvolvi bosta proċessi mentali, proċessi ta' assoċjazzjonijiet u analiżi kontinwi li ħafna drabi lanqas il-kelliem innifsu ma jkun konxju tagħhom.

L-istudju ta' Reno Fenech hu kontribuzzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni ta' regola ortografika tal-1984 li għadha tħabbatna meta niġu biex niktbu xi kliem ta' nisel Rumanz. Din ir-regola titlob mingħandna tagħrif etimoloġiku li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed insibuh diffiċli minħabba li naqset il-familjarità tal-Maltin mat-Taljan. Ma għandniex xi ngħidu, fil-każ tal-kliem

imnissel minn xi djalett Sqalli, id-diffikultà tikber għax kull djalett Sqalli jista' joffri forom differenti tal-istess kelma.

Dr Bernard Micallef jistħarreġ il-mod kif in-narratur ta' Mamo jirrakkonta b'konvinzjoni żuffjettuża ġrajja li qatt ma setgħet seħħet, billi jippreżentaha mill-perċezzjoni żbaljata tal-karattri raħlin involuti fiha. Dan l-istudju juri l-istrateġiji narrattivi li bihom Mamo jagħmel lin-narratur u lill-qarrej kompliċi mal-imġiba retrograda u provinċjali li eventwalment tiġi kkundannata.

L-istudju ta' Christina Sammut huwa l-ewwel xogħol ippubblikat li jagħti ħjiel tal-firxa ta' pronunzja ta' kliem bħal *jaqraħħa* ("jaqraha") u ftit iħalli dubju li, 'il quddiem, dil-firxa se tieħu mal-pajjiż kollu.

Fi tmiem il-volum qed inkomplu nagħtu rendikont tal-ħidma tal-Akkademja fis-snin 2009-2013. Kienu erba' snin ta' ħidma kontinwa taħt it-tmexxija ta' Carmel Azzopardi. Dħalna għal inizjattivi ġodda, ewlenin fosthom l-organizzazzjoni tal-Premju tal-UE għall-Kittieba Emerġenti. Fittixna wkoll il-kollaborazzjoni ta' entitajiet differenti għax konvinti li ħaddieħor ukoll jimpurtah mit-trawwim tal-ilsien u tal-letteratura.

Irrodd ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tad-dedikazzjoni tagħhom, tal-kritika kostruttiva, u fuq kollox tal-ispirtu ta' ħbiberija li wrew fil-laqgħat u fil-komunikazzjonijiet tagħhom.

# Ġużè Ellul Mercer: vuċi u spalla għar-ruħ fi kriżi

Olivia Borg

F'dan l-artiklu se nkun qed niffoka l-aktar fuq il-mod kif inhuma ppreżentati l-karattri nisa u rġiel u kif dawn iħarsu lejn xulxin fix-xogħol ewlieni ta' Ġużè Ellul Mercer (1897-1961), ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938). Il-karatterizzazzjoni hija aspett fundamentali f'xogħol letterarju għax bosta drabi huma l-karattri li jlaħħmu x-xogħol. Tant hu hekk li l-kittieb E.M. Forster jasal biex jgħid li l-karattri huma *"creations inside a creation.*"[1] Bħallikieku l-ewwel hemm il-ħolqien prinċipali jew il-qafas li f'dan il-każ huwa r-rumanz u mbagħad hemm ħolqien ieħor daqstant importanti li se jkun ospitat minn dan il-qafas. Dan jixhed l-impenn doppju ta' awtur bħal Ellul Mercer li mhux interessat biss li jagħtina stampa ħelwa tal-pajsaġġ, tendenza li kienet mogħtija prominenza mill-kittieba Romantiċi iżda hu bil-wisq aktar interessat fit-tiswir ta' individwu li hu konxju tal-limiti ta' madwaru u li jagħmel ħiltu kollha biex jitqabad kontrihom.[2] "Mir-realtà li tidher (ir-raħal, ir-raħlin, il-qagħda soċjali) Ellul Mercer jgħaddi għar-realtà li ma tidhirx iżda tiġġarrab fl-għeluq tal-ispirtu."[3] Kawża t'hekk ir-rumanz jistrieħ fuq żewġ aspetti: l-aspett soċjali li jagħtina stampa realistika tar-raħlin neqsin minn kull mezz t'edukazzjoni u li kawża t'hekk qed ibatu kultant mingħajr lanqas biss jindunaw għax ma jafux ħajja oħra għajr din u l-aspett psikoloġiku li jixhed il-kriżi ta' ruħ li ma tridx li tkun parti minn din il-massa u għalhekk tiġġildilha minkejja li fl-aħħar mill-aħħar titlef.[4] Għalhekk, m'hemmx dubju li hemm interdipendenza bejn dawn iż-żewġ aspetti li jagħmlu r-rumanz dak li hu proprju għax huma preżenti t-tnejn.

Waqt li l-karatterizzazzjoni fir-rumanzi idealistiċi u storiċi-romantiċi kienet toħroġ bosta drabi mill-azzjoni, f'tipi oħra ta' rumanzi, fosthom dak politiku-

soċjali u psikoloġiku bħal *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, il-karatterizzazzjoni tixref aktar mill-enfasi li tinxteħet "fuq l-għarfien u l-iżvolġiment tal-identità ġewwiena tal-personaġġ" imġarrab u konxju tiegħu nnifsu.[5] Barra minn hekk, din it-tip ta' kitba, prevalenti l-aktar fis-snin tletin u erbgħin tas-seklu l-ieħor b'awturi bħal Juan Mamo (1886-1941) u Ġużè Orlando (1898-1962), apparti Ellul Mercer, għandha wkoll l-iskop tal-"kunxjentizzazzjoni tal-massa."[6]

## Karattri u Fehmiet Sterjotipati

Minkejja li *Leli ta' Ħaż-Żgħir* "jista' jitqies bħala l-ewwel rumanz li jagħti passi deċiżi lejn in-narrattiva psikoloġika"[7] u minkejja li jiffavorixxi l-intellettwaliżmu u l-pożittività tad-dubju permezz ta' Leli, f'Ellul Mercer insibu għadd ta' sterjotipi. Sa mill-bidu tar-rumanz niltaqgħu ma' Dun Karm ta' Rużann, karattru li jrid jibqa' mwaħħal mal-għeruq tiegħu tant li "Jekk kont tibda biex tkellmu fuq xi tibdil, imqar dak li hu meħtieġ u li minnu nnifsu jidher li hu għall-aħjar, aktarx li kont issibu ma jaqbilx miegħek."[8] Minnu nnifsu, it-terminu "sterjotip" jikkumplimenta b'mod preċiż din il-karatteristika ta' dan il-qassis. Il-kelma "sterjotip" ġejja mill-Grieg u hija komposta minn żewġ kelmiet: *stereos* li tfisser "solidu" u *typos* li tfisser "marka, mudell jew tip."[9] It-terminu, li oriġina mill-qasam tal-istampar, oriġinarjament kien jirreferi għal "*one piece printing plate cast in type metal from a mold (matrix), taken of a printing surface, as a page of set type.*"[10] Dan kollu jimplika xi ħaġa li ma tistax titbiddel jew tiċċaqlaq malajr.

Dun Karm ta' Rużann kien jimxi bl-arketipi għax fil-perċezzjoni tiegħu jħaddan "mudell ewlieni li jsiru kopji minnu; idea universali li jieħdu sehem fiha l-varjazzjonijiet tagħha."[11] Dan huwa evidenti meta n-narratur jgħidilna li "Dun Karm lin-nisa ftit kien iġerragħhom."[12] Dan id-distakk min-nisa jkompli jattribwixxi għar-reputazzjoni tajba tiegħu mar-raħlin għax qed juri li huwa raġel; li mhuwiex imjassar minn mara iżda huwa ħieles f'kull sens.[13] Tant hu hekk li ħsiebu "kien jimraħ safi daqs dak ta' tarbija"[14] għax ladarba distakkat min-nisa kien innoċenti, b'direzzjoni ċara f'ħajtu u mingħajr traċċi ta' ħażen. Naqraw li Dun Karm kien iwissi lill-bniet li kienu jinġemgħu jitkellmu maġenb il-kunfissjunarju tiegħu, u jċanfar "bl-akbar herra" lil dawk il-"ħafna nisa bla ġieħ" li skont hu jmorru l-knisja "biex jinqdew u jħajru l-irġiel."[15] "Is-safa, bħall-ġmiel, kellha tkun dik il-kwalità tant importanti li biha jissebbaħ il-ġisem femminili Malti."[16] Kif inhu evidenti mill-qawl "Ix-xebba dellha tqil u l-ġuvni

bandiera bajda," rimarka li tgħaddiha wkoll Kunċett ta' Venuża meta tgħarraf lis-Sa Marjann li Leli qed jiltaqa' ma' Vira,[17] donnha li hija l-mara biss li tista' titħammeġ bl-immoralità. Barra minn hekk, il-qawl, "Mara sabiħa, ġmielha jibqa' sakemm titlef ġieħha,"[18] apparti li bħall-kumplament tal-qwiel huwa rifless ta' kif kien jirraġuna l-moħħ Malti, jevoka preċiżament il-filosofija ta' Dun Karm li l-ġieħ u l-purità tar-ruħ, tal-moħħ u tal-intenzjonijiet għandhom ikunu l-karatteristiċi fundamentali li jagħnu lill-mara.

Għal Dun Karm ta' Ružann, il-maġġorparti tan-nisa jappartjenu għal din it-tip ta' mġiba mtajra. Il-mara tidher bħala dik li kapaċi tisseduċi bil-makakkerija u tinganna bil-qerq.[19] Kif ironikament jixhed isimha, din it-tip ta' mara fir-rumanz hija rrappreżentata minn Klara Buqerq; il-mara żienja li trid l-attenzjoni u li moħħha biex taħfen lil Leli taħt idejha. Hija murija bħala theddida għall-pjan t'Alla u bħala dik li ma ssibx kwiet qabel taħtaf il-priża tagħha u tisfrattalu l-merħla f'daru stess.[20] Għall-kuntrarju, omm Dun Karm kienet "mara mdaħħla fiż-żmien u għaqlija kemm tridha" u kienet tisimgħu "bis-sabar kollu u mingħajr ma tħalli kelma toħroġilha minn fommha."[21] Minn din id-deskrizzjoni jidher ċar li omm dan il-qassis tirrappreżenta viżjoni oħra fi ħdan it-twemmin Nisrani, viżjoni li tqis lill-mara bħala dik li hija mogħnija b'bosta virtujiet li jilħqu l-qofol u l-perfezzjoni tagħhom fil-Madonna.[22] Fi ħdan it-twemmin Nisrani jidher li m'hemmx triq tan-nofs għan-nisa iżda hemm żewġ toroq estremi li jixirfu minn dawn iż-żewġ viżjonijiet antitetiċi msemmija.[23] Jista' jkun li l-awtur mhuwiex konxju tal-isterjotipiċità ta' dawn il-karattri iżda jista' jkun ukoll li nqeda bihom biex iqanqal diskussjoni. Għal Dun Karm, ommu kienet kollox u meta tmut hi jħoss is-solitudni iżda jiddefinixxi d-dgħufija f'termini sessisti meta jgħid "Sirt donni mara"[24] għax beda jfittex kull okkażjoni biex jitkellem ma' xi ħadd u biex ikun fil-kumpanija tan-nies. Din l-idea li n-nisa huma kreaturi li moħħhom biex ipaċpċu tixref f'mument ieħor meta Vira u s-Sa Marjann jiltaqgħu ma' Klara ċ-ċimiterju u l-awtur jgħidilna li dawn "qalu ftit kliem fieragħ, bħalma jgħidu n-nisa."[25]

M'hemmx dubju li Dun Karm jirrappreżenta x-xbieha tal-missier konservattiv u ideali, dak li jservi ta' spalla minflok għall-familja fis-sens dejjaq tal-kelma, għall-familja estiża li hija l-komunità lokali tar-raħal tiegħu.[26] Tant hu hekk li fi kliem is-Sur Kelin, raġel li kien jistmerr lill-qassisin, Dun Karm qatt m'għamel "l-inqas ħaġa li ċċekknu u tbaxxih bħala qassis u bħala raġel."[27] Bħala l-kap, b'mod speċjali mil-lat spiritwali u morali, Dun Karm:

> *embodies the values needed to make one's way in the world and to support a family: he is morally strong, self-disciplined, frugal, temperate, and restrained.*

*He sets an example by holding himself to high standards. He insists on his moral authority, commands obedience, and when he doesn't get it, metes out retribution as fairly and justly as he knows how. It is his job to protect and support his family, and he believes that safety comes out of strength.*[28]

Iżda m'hemmx dubju wkoll li f'Dun Karm hemm kuntrast għax filwaqt li kien iċanfar bil-herra lil dawk li ma jikkonformawx ma' mġiba li tixraq fil-knisja u kien raġel b'ħarsa mqita u b'wiċċ imqarras u ta' ftit tislim, "kellu t-tajjeb tiegħu; u t-tajjeb ta' Dun Karm kien jisboq bil-kbir in-nuqqas li semmejna."[29] L-awtur donnu ried li jibbilanċja lil dan il-karattru billi jurina li taħt din il-qoxra ostili kien hemm "moħbija qalb tad-deheb."[30] Mhux talli hekk talli "L-inqas wieħed li kien jaħseb li Dun Karm kien jixraqlu qima u tifħir bħala qassis tassew, kien Dun Karm innifsu."[31]

U għad illi fejn jarawh in-nies kien daqshekk imqit u ta' għalih waħdu, meta xi ħadd kien jiġi f'daru biex jiftaħ qalbu miegħu, Dun Karm kien jinħall. U mhux l-ewwel u t-tieni darba li f'għajnejh feġġet demgħa; bħalma kienu drabi bla għadd dawk li fihom daħħal idu f'butu u ta kulma kellu fih f'dak il-waqt. U meta Dun Karm kien jagħmel dan kien jagħmlu b'qalbu kollha u bla xejn tnikkir.[32]

Ir-riċerkatur u lingwista George Lakoff jisħaq li:

*The strict father is restrained in showing affection and emotion overtly, and prefers the appearance of strength and calm. He gives to charity as an expression of compassion for those less fortunate than he and as an expression of gratitude for his own good fortune.*[33]

F'Dun Karm hemm preżenti x-xrara tal-kuxjenza soċjali; iħoss għall-foqra u għal dawk li qegħdin iġarrbu l-għaks u kien jilmenta mal-kappillan biex jindirizza din it-tebgħa soċjali. Iħoss ukoll għal Leli meta jarah jitqabad miegħu nnifsu iżda mingħajr tlaqliq isostni li fil-fehma tiegħu Leli marad minħabba li qara "kotba li jqallbu r-ras" u li jħammġu r-ruħ għax iberrdu t-twemmin.[34] "Dun Karm ma kienx għaref; iżda kien jemmen wisq aktar milli jista' jemmen min hu għaref [...]."[35] Bħala qassis, Dun Karm ma jirrikonoxxix il-fatt li l-marda ta' Leli hija kkaġunata mis-"sens ta' ħtija u biża' li tiżra' fih il-komunità li jgħix fiha ddominata minn konservattiżmu Kattoliku, komunità li la tifhmu u lanqas trid tifhmu"[36] u mhux minħabba l-kotba li kien jaqra. Fil-każ tar-relazzjoni adultera tiegħu ma'

Klara, Leli jħoss sa mill-bidu li qed jagħmel ħażin iżda fil-każ tal-ħeġġa tiegħu għall-qari u t-tagħlim, is-sens ta' ħtija jinżera' fih minn forzi esterni. Waqt li f'xi waqtiet "kien iħossu mejjet biex jaqta' l-għatx klubi u jixrob mill-ħelu li l-ħajja tressaq ma' fomm iż-żgħażagħ, f'oħrajn kien jisma' f'widnejh tidwi l-għajta tad-dmir: 'Lel, tinsiex li int Nisrani! … Lel, kun raġel!'"[37]

Martu Vira mhijiex sterjotipika biss fid-dehra tagħha iżda ssaħħaħ il-konservattiżmu Kattoliku permezz tal-fehmiet tagħha. Bħas-Sa Marjann, li skont Oliver Friggieri hija l-"mara fidila li tirrappreżenta t-torri taċ-ċertezza teoloġika u tal-morali eżatta,"[38] Vira tħeġġeġ lil Leli jerġa' jibda jitqarben u meta għal waqt wieħed jgħidilha li qed iħossu fil-paċi miegħu nnifsu tgħidlu "'Dak għax għamilt dmirek u m'intix tonqos 'l Alla.'"[39] "Ir-rumanz iqiegħed l-imħabba għall-mara 'pura' (u sterjotipika) tiegħu Vira kontra l-kilba tiegħu għall-kotba meqjusin (sterjotipikament) bħala 'impuri.'"[40] Vira hija meqjusa bħala pura mhux biss għax hija leali lejn żewġha iżda anki għax ma tistaqsix; għax ruħha u moħħha mhumiex imtebbgħin b'għerf li skont il-komunità li trabbiet fiha, ma jistħoqqilhiex li jkollha. Għalhekk, bejn Leli u Vira hemm kuntrast qawwi u l-karattri tagħhom jistgħu faċilment jitqiesu bħala metafora ta' Malta l-qadima (Vira) u Malta l-ġdida mdawla b'ideat progressivi (Leli).[41] Inevitabbilment, iż-żwieġ tagħhom jixhed il-konflitt bejn dawn iż-żewġ aspetti ta' artna.[42]

Bħalma omm Dun Karm hija murija bħala l-mara ideali, hekk ukoll is-Sa Marjann. Il-karattru tas-Sa Marjann huwa mgħobbi bil-piż tal-awtobijografija kif wara kollox ikun, fi grad jew ieħor, kull xogħol letterarju iżda f'dan il-każ għandna konferma ta' dan. Ħu l-awtur, Ġorġ Ellul Mercer, jikkonferma li s-Sa Marjann hija mera ta' ommu u omm l-awtur, "mara reliġjuża ħafna li l-awtur kellu qima kbira lejha."[43] Kif wieħed jistenna, bħala bint "l-iżgħar Gżira iżda l-ewlenija fit-Twemmin Imqaddes,"[44] it-twemmin Nisrani kien kollox għaliha sal-punt li kienet toqgħod "għassa"[45] għal x'kotba qed jaqra binha Leli.

> Is-Sa Marjann kienet Nisranija tassew u mhux tal-isem. Ma kinitx Nisranija fejn kien jaqbel lilha biss; u lanqas kienet Nisranija minn dawk li, fi dmirhom tal-imħabba lejn għajrhom, iħobbu 'l għajrhom sa fejn ta' għajrhom ma jmissx ma' tagħhom.[46]

Id-domna li tat lil binha Ninu qabel siefer hija sinjal ieħor tal-fidi qawwija tagħha li kienet tmexxiha f'kull għemil tagħha. Hija mara li tħobb lil uliedha u tippreokkupa ruħha dwarhom, ta' karattru sod, umli, għarfa bl-esperjenzi tal-ħajja, f'kelma waħda, dik li sservi ta' pilastru għall-familja tagħha, dik li

aċċettat bla ribelljoni ta' xejn ir-rwol li s-soċjetà patrijarkali lestiet għaliha. Sal-aħħar xena tar-rumanz u sa xjuħitha, is-Sa Marjann tibqa' tafferma l-konformiżmu tagħha u l-karba tagħha hija waħda: li Leli jerġa' jikseb twemminu; it-twemmin li lilha żammha ħajja u l-istess twemmin li jekk jerġa' jiksbu binha jġagħalha tmut hienja. Jista' jkun li r-rumanz jagħlaq b'din ix-xena patetika biex l-awtur ifakkarna li minkejja l-mixja twila u iebsa ta' Leli (u tiegħu stess), m'hawn xejn iktar b'saħħtu mit-tradizzjoni li terfa' rasha ma' kull opportunità li tiġiha u li għalhekk it-taqbida kontra l-*istatus quo* trid tkun waħda kollettiva biex forsi tintrebaħ.

Bħalma f'Dun Karm jixref l-istint patern; il-missier li jindokra lil uliedu r-raħlin, fis-Sa Marjann jixref l-istint matern b'mod predominanti. Meta saret taf mingħand Kunċett li binha Leli interessat f'Vira, is-Sa Marjann "ħasset f'qalbha l-imrar li tħoss kull omm meta tintebaħ li mara oħra sa tisirqilha lil binha."[47] Dan jindika element ta' possessjoni, tant hu hekk li l-awtur jirreferi għal Leli bħala "*Leli tagħha*, il-mimmi ta' għajnejha."[48] Mument ieħor waqt ir-rumanz meta jinħass ħafna l-element matern tas-Sa Marjann huwa meta Leli tela' biex jieħu l-premju għall-ħidma tiegħu matul is-sena skolastika u s-suċċess li kiseb fl-eżamijiet biex ma nsemmux ukoll il-waqt tal-firda minn binha Ninu, waqt li għaliha kien qisu "barraxa li tisloħ il-qalb."[49] F'dak il-mument tal-premjazzjoni ta' Leli, għas-Sa Marjann "ma kien baqa' xejn isbaħ, aktar ħelu, aktar għaref u aktar ta' min iħobbu minn Leli tagħha!..."[50] u l-awtur jinqeda b'dawn it-termini assolutisti biex juri kemm Leli kien ifisser għal ommu. Jibqa' l-fatt ukoll li minkejja l-intenzjonijiet tajba tas-Sa Marjann fil-konfront ta' binha Leli, waħħlitha f'moħħha li għandu jsir qassis, xewqa li kif jistqarr tajjeb in-narratur, kienet frekwenti fl-ommijiet Maltin l-aktar dawk f'ambjent raħli u li kien għaliha kellu jsir hekk bilfors, b'riħet it-tradizzjoni. F'xi waqtiet fir-rumanz, l-istint matern joħroġ ukoll b'mod mill-aktar sterjotipat u fil-forma ta' xewqa. Pereżempju naqraw li Anġla bdiet tgħir għal Ċetta aktar minn qatt qabel meta semgħet li Ċetta se jkollha t-tfal għax fil-perċezzjoni ta' Anġla din kienet "sa toħroġ ta' mara iżjed minnha."[51] F'ħin minnhom, Vira wkoll tistaqsi lil Leli jekk jaħsibx li l-Bambin għad jibagħtilhom l-ulied għax inkella jkunu ta' min jitħassarhom. Il-maternità tant hija meqjusa bħala rwol naturali tal-mara li għandna l-qawl "Mara bla żaqq bħal tieġ bla daqq" li jfisser li t-"twelid hu l-ogħla ġieħ tal-mara miżżewġa."[52] Dan il-qawl jasserixxi li l-ulied huma s-sors ewlieni li jirrendi lill-mara b'funzjoni utli u dawk in-nisa li ma kienx ikollhom tfal jew minħabba l-infertilità jew għax ma xtaqux kienu meqjusa bħala devjanti, falluti u bla skop f'ħajjithom.[53]

F'waqtiet oħrajn fir-rumanz insibu diversi rimarki konformisti fir-rigward tal-femminilità li fi kliem Luce Irigaray (1930- ) hija *"a role, an image, a value, imposed upon women by male systems of representation."* Irigaray tissokta tgħid li *"In this masquerade of femininity, the woman loses herself* [...]."[54] Il-femminilità sservi wkoll ta' maskra li tippermetti lill-mara li tkun kif tixtieqha l-kultura patrijarkali u għadd ta' ideoloġiji oħra mfassla mir-raġel.[55] Fi ħdan din il-maskra l-mara titlef lilha nnifisha għax ma tibqax hi u kultant anki inkonxjament tibda ssegwi mudell preskritt ta' mġiba u attitudni mfassal ukoll mill-istituzzjonijiet bħall-Knisja u l-liġijiet. Marbuta ma' din il-kostruzzjoni soċjali hemm *"a set of culturally defined characteristics"*[56] fosthom il-mistħija; bosta drabi sinjal tan-nuqqas ta' soċjalizzazzjoni u allura talludi wkoll għall-fatt li n-nisa Maltin ftit kienu joħorġu minn djarhom waħedhom, għajr għax-xirja jew għall-quddiesa. Leli kien mistħi u kwiet u kien "jiġrilu bħan-nisa u jsir aħmar kif xi ħadd ifaħħru f'ħaġa żgħira [...]."[57] F'mument ieħor fir-rumanz ukoll insibu l-mistħija marbuta man-nisa meta Gejtu jgħid lil Leli "'Isma' Lel; tridx naqbżu fi kliem ieħor, għaliex, nistħi ngħidlek, għandi min-nisa; ma nistax nisma' 'l min jitkellem fuq il-għali u t-tiġrif.'"[58] Hawnhekk ir-rumanz qed joġġettiva l-ġisem u l-imġiba tal-mara skont l-ideoloġija normattiva ta' soċjetà purament patrijarkali. Għalhekk, ir-rumanz, f'dawn il-waqtiet ma jkun qed jagħmel xejn ħlief ikompli jinforza l-hekk imsejjaħ misteru femminili li Sigmund Freud (1856-1939) irrefera għalih bħala l-"kontinent mudlam tal-istudju psikoloġiku."[59]

Karatteristika oħra hija l-ħlewwa, li fi kliem is-Sur Kelin, li suppost kien intellettwali, "għan-nisa biss tajba!" u jgħid lil Leli "jeħtieġ tara kif tagħmel u xxarraf ftit lilek innifsek"[60] għax fil-perċezzjoni patrijarkali l-ħruxija hija sinjal ta' rġulija u ta' saħħa, sinjal ta' karattru sod. Is-saħħa tant hija element maskili li donnu l-awtur ħass il-bżonn li f'waqt minnhom fir-rumanz jieqaf u jiddeskrivi l-karattru ta' Tona, li mhi ħadd għajr karattru ċatt u sekondarju fost il-ħafna li hemm. Iżda Tona timmerita ftit aktar spazju għax hi kemm kemm sovversiva għal żmienha. Tona baqgħet taħżen iz-zokkor u tbigħu bil-għali fi żmien il-gwerra u baqgħet tagħmel ta' rasha meta żewġha kien iwissiha li jibża' li jinqabdu għax hi "kellha stonku ta' għaxart irġiel."[61] Minn din il-kwotazzjoni joħroġ ċar kemm il-mara mhijiex libera u meqjusa għal dak li verament hi għax minflok hija mqabbla mal-irġiel. Luce Irigaray tgħid li l-mara għandha tkun essri awtonoma, b'personalità idjosinkratika.

> *To demand equality as women is, it seems to me, a mistaken expression of a real objective. To demand to be equal presupposes a point of comparison. To*

> *whom or to what do women want to be equalized? To men? To a salary? To a public office? To what standard? Why not to themselves?*[62]

Karatteristika oħra marbuta esklużivament man-nisa hija l-għira li skont l-awtur m'hawnx "qilla li tisboq lil dik ta' mara f'waqt ta' għira."[63] B'dan il-lingwaġġ, l-awtur ma jirrikonoxxix il-fatt li l-għira tista' tkun preżenti kemm fin-nisa u kemm fl-irġiel proprju għax hija parti min-natura tagħna ta' bnedmin. Permezz ta' dan il-lingwaġġ li jistabbilixxi l-aspettattivi, il-karattri jinħbew "fin-normalità tad-diskors" li jixħet lil kulħadd f'keffa waħda.[64] Karatteristika oħra li għandha għeruq sodi u li hija marbuta mal-mara minħabba l-orjentament domestiku li din tingħata hija l-indafa. Tant hu hekk li s-Sur Kelin kellu daru miżmuma tajjeb "daqskemm kieku kellu mara ddurlu biha."[65]

Fir-rumanz insibu wkoll xi rimarki minn u dwar uħud mill-karattri, imqar dawk sekondarji, li jiffavorixxu l-partikolarità aktar milli l-ġeneralizzazzjonijiet. Jibdew jistaqsu x'hemm mistur taħt il-qoxra ta' barra u jaslu biex ifarrku, imqar jekk bil-kliem, dik l-immaġni li wieħed ikun bena fil-pubbliku. Is-Sur Nin ta' Braġ, missier Leli, "kien iħobb in-nisa" u "ta' sikwit kien jhewden b'xi wiċċ sabiħ" iżda dan ħadd ma kien jafu għajr martu stess, xi ħbieb tal-qalb u xi nisa li kien nibixhom u għalhekk fir-raħal "kien magħruf b'raġel medhi biss b'martu u wliedu."[66] Iżda jidher li s-Sur Nin sab mara li waqfitlu u ċarrtitlu l-pretensjonijiet tiegħu.

> Billi wieħed ikun iħobb lil martu u 'l uliedu xħin ikun ħdejhom, u jkun 'minn tagħna' u ta' qalb tajba, ma jfissirx li għandu kulma titlob l-irġulija. Jiena m'iniex raġel, iżda rrid naħseb li raġel li ma għandux il-ħila jleġġem lilu nnifsu man-nisa, ma jixraqlux l-isem ta' raġel.[67]

Is-Sur Nin ta' Braġ huwa inċert fis-sens li huwa maqbud bejn żewġ ħajjiet: il-ħajja mtajra fil-logħob u l-interess f'nisa oħra u d-dmir tiegħu ta' miżżewweġ u ta' missier. Martu Marjann hija daqstant ieħor maqbuda bejn ħaltejn għax minkejja li tara lil żewġha jagħtiha għall-ħala, ta' omm eżemplari li kienet, ħeġġet lil binha biex qatt ma jonqos "imqar b'kelma"[68] mill-qima li għandu jkollu lejn missieru.

**Il-Lingwaġġ Id f'Id mat-Tema**

*Leli ta' Ħaż-Żgħir* huwa rumanz li fih id-diversi aspetti tal-istil bħal-lingwaġġ, is-simboliżmu u l-metafori jikkumplimentaw it-tema. It-tema ewlenija tar-rumanz nistgħu niġbruha f'sentenza waħda: il-konflitt bejn l-injoranza u l-għerf. Dawn iż-żewġ naħat huma ssimbolizzati bil-metafora klassika u ċentrali tad-dlam u d-dawl rispettivament. Fir-rumanz jissemma Sqaq id-Dlam; post il-faqar, id-dnub, il-ħmieġ, il-vjolenza, il-mard u n-nies bla xogħol; kollha sintomi diretti jew indiretti tan-nuqqas t'edukazzjoni. Mhux talli għandna d-dlam iżda talli għandna l-idea tal-isqaq; żewġ xbihat b'konnotazzjonijiet oskuri. Din il-metafora ewlenija tista' tinġabar proprju f'*L-Isqaq* (1962), it-titlu ta' wieħed mir-rumanzi ta' Ġużè Chetcuti (1914-2006), awtur soċjali ieħor li għandu wkoll id-dramm *Il-Kerrejja* (1963). F'bosta kitbiet soċjopolitiċi, l-isqaq u ħafna drabi wkoll il-kerrejja, minbarra li jixhdu ambjent degradanti spiss jinbidlu f'simbolu jew metafora ta' qagħda fiżika u mentali ta' pajjiż sħiħ. Huwa l-għeluq morali, fiżiku, finanzjarju, psikoloġiku, intellettwali u l-bqija. Fil-Malti preċiżament għandna l-espressjoni idjomatika "daħal fi sqaq" biex nirreferu għal xi ħadd li daħal f'sitwazzjoni li ma jistax joħroġ minnha kif ġieb u laħaq kif jidher min-nies ta' dan l-imkien li mhix faċli għalihom li jinqatgħu minn din it-tip ta' ħajja. Għal Ellul Mercer, l-edukazzjoni kellha tkun is-salvazzjoni tagħhom. F'dan l-isqaq, it-tfal huma murija bħala saħta u mhux bħala barka tant li naqraw li s-sqaq "kien imdewwed bit-tfal,"[69] tentattiv ieħor fejn l-awtur jinqeda b'lingwaġġ li jħalli impatt fuq il-qarrejja. It-tfal huma mistkerrha u jqanqlu stmerrija għax f'ambjent bħal dan huma piż u sors ta' aktar problemi, l-istess kif wieħed ġeneralment jistkerrah id-dud. L-awtur jgħidilna li r-raħal "fi ftuħ il-ġrajja tagħna kien għadu bilkemm iddawwal bil-lampi tal-pitrolju."[70]

Barra minn hekk, isem ir-raħal, Ħaż-Żgħir, ikompli jindika l-għeluq u l-provinċjaliżmu. Ħajjet dawn ir-raħlin kienet ċiklika; "tixbah lil tas-sienja" minkejja li "d-dinja kienet qiegħda toqrob sewwa lejn kixfiet u lejn ġrajjiet tal-għaġeb."[71] Ħaż-Żgħir mhux talli kien ċkejken talli kien "bogħod mid-dinja,"[72] bogħod mill-iżviluppi u l-progress, bogħod mit-tidwil tal-moħħ u mill-għatx għall-għarfien u r-raħlin "kienu għadhom qed jgħixu u jqattgħu żmienhom x'aktarx bħalma kienu għexu u qattgħu żmienhom missirijiethom u nanniethom."[73] Din il-kritika mhix waħda personali indirizzata lejn il-poplu biss. Hija wkoll kritika politika ta' pajjiżna li permezz tagħha Ellul Mercer, l-istess kif jagħmel fil-kitba tiegħu *Malta Ġenna tal-Art* (1930) ipoġġi l-osservazzjonijiet

tiegħu, jipponta subgħajh anki lejn l-awtoritajiet statali u jħajjarhom sabiex itejbu l-kundizzjonijiet iġeniċi fl-irħula li bosta drabi kienu minsijin.

Leli jikkuntrasta bil-kbir ma' dan u hawn l-awtur ukoll joħroġ il-kuntrast permezz ta' lingwaġġ mirqum u magħżul apposta. Waqt li "ebda wieħed miż-Żgħirin ma kien iħabbel rasu b'dak li kien qed jiġri fid-dinja,"[74] anke waqt l-irqad, Leli kien "jomgħod il-kliem."[75] Dan il-verb jagħtina l-idea li Leli ma kienx jibla' kollox, ma kienx jaċċetta kulma jgħidulu iżda kien jgħarbel u jixtarr u jipprova jifhem tant li spiċċa tilef twemminu għax "min jaqra jitgħallem u jsir jaf"[76] u għalhekk Leli ħafna drabi kien iwieġeb "aktarx ta' tifel milli ta' raġel."[77] Huwa l-individwu li jqis lis-soċjetà bħala l-kawża tal-kriżi interna tiegħu. Ir-ruħ tibki biex tinstema' iżda minflok ikollha xi tgħid man-normi u l-valuri li jxekkluha milli tiżviluppa.

Ma' Leli kont "tgħid kelma u tiftiehem"[78] għax il-qari fetaħlu orizzonti ġodda. F'tentattiv ieħor biex iżewweġ l-istil mat-tema, f'diversi mumenti l-awtur ipoġġi fuq fomm Leli l-frażi "baħar ta' għerf"[79] preċiżament minħabba l-fatt li l-kelma "baħar" tixhed immensità. F'din is-silta meħuda minn fomm is-Sur Kelin u li jgħidha lil Leli u lil ħabibu Pawlu Sulnata hemm il-qofol tal-ideoloġija tar-rumanz u tal-ħajja b'mod ġenerali. Hemm il-promozzjoni tas-suġġettività u l-ħajra biex wieħed jifforma opinjoni li tkun verament tiegħu.

> Aqraw kemm tifilħu. Kollox jgħallimkom. Iżda qisu li kulma taqraw ma teħduhx b'evanġelju. Tabilħaqq li f'kull ktieb hemm xi ftit tas-sewwa; iżda dan ma jfissirx li kull ktieb mill-bidu sal-aħħar huwa s-sewwa. U barra minn hekk, biex kittieb imaqdar ieħor ma jridx wisq! F'kull ktieb issib xi tmaqdar; iżda mhux kull min imaqdar għandu l-ħila jidħol għax-xogħol u jagħmlu aħjar...[80]

Ironikament, f'din is-silta l-awtur jinqeda bil-paronomasja jew il-logħob bil-kliem bi skop nebbiexi[81] permezz tal-kelma "evanġelju" biex jenfasizza aktar il-fehma tiegħu u biex joħroġ id-dikotomija bejn l-għarfien u t-twemmin u bejn ir-rieda u s-setgħa. Fil-Malti għandna l-espressjoni "mhux kollox vanġelu." Dan minħabba l-fatt li fil-kuntest tas-soċjetà predominantement Nisranija tagħna, il-vanġelu huwa meqjus bħala xi ħaġa sinċiera, sagra, żgura u li wieħed suppost lanqas tgħaddilu minn moħħu li jiddubita minnu ladarba l-evanġelisti kienu "mnebbħin" u "mdawlin" minn Alla stess meta kitbuh. Dawk li jemmnu ma jħossux il-bżonn li jitgħallmu għax Alla għalihom huwa l-bidu u t-tmiem; ladarba jagħrfuh u jinsabu fil-"kenn tat-Twemmin Imqaddes"[82] m'hemmx xi jsiru jafu aktar. Din l-aċċettabilità għamja hija totalment l-oppost

tal-viżjoni mħaddna minn Leli. L-awtur jistaqsi jekk it-twemmin hux għall-klassi l-magħkusa u għal dawk ta' bla skola biss u jipprova jressaq lejn xulxin it-tagħlim u l-fidi iżda min-naħa ta' Leli dan ma jseħħx.

Leli ma ried xejn ħlief li sempliċiment isib lilu nnifsu. Il-ġlieda tal-individwu, f'dan il-każ Leli, miegħu nnifsu, l-awtur jiddeskriviha bħala "l-akbar ġlieda li bniedem jista' jsib ruħu fiha."[83] F'Leli, il-qarrejja jistgħu jilmħu lill-awtur innifsu, "il-karattru sensittiv li josserva u jaħseb,"[84] u li jipponta subgħajh lejn in-nuqqasijiet ta' soċjetà mgħaddsa fit-tajn tal-aljenazzjoni. Leli, il-protagonist tar-rumanz, "huwa ogħla moralment mill-kotra li ma tifhimx."[85] M'hemmx dubju li Leli huwa karattru tond għax il-personalità tiegħu ġġarrab żvilupp u tespandi ħafna sal-punt li fih naraw bidla radikali. Ir-rumanz huwa mibni fuq antiteżi ewlenija; fuq paradoss li m'hemmx dubju li l-iskop tiegħu huwa li jistimula lill-qarrejja, forsi dawk ta' meta ħareġ aktar milli dawk tal-lum minħabba n-natura avangardista tiegħu. Ħajjet ir-raħlin kienet ċerta u stabbli u f'dan is-sens kienu privileġġjati għax moħħhom ma kien jitqabad ma' xejn. F'dan is-sens, l-injoranza ma kinitx biss żvantaġġ jew mezz ta' iżolament soċjali imma kienet ukoll privileġġ għax ladarba l-moħħ ma kienx jaħseb aktar milli jmissu dan kien iġib miegħu element ta' serħan.[86] Min-naħa l-oħra, il-qari "jwassal għall-inċertezza matura u [...] jeqred iċ-ċertezza injuranta."[87] Hija l-mistoqsija kontinwa li twassal għall-għerf; huwa l-isforz ta' Leli li biex jaqra ma jkun għajjien qatt. Leli kien kontinwament miftuħ għat-tagħlim tant li jistqarr "jien ma naf xejn ħdejn min jaf. Naf biżżejjed biex nista' nintebaħ kemm ma naf xejn u kemm stajt, sal-lum, tgħallimt u mxejt aktar 'il quddiem."[88] Bejn Leli u l-kotba mhux biss kien hemm rabta assoluta imma kien hemm ukoll element ta' intimità li huwa espress tant tajjeb minn Ellul Mercer permezz tal-użu tal-verb "reda'."[89] Il-kotba li kien jaqra Leli kienu jagħtu lok għal kunflitt mal-ordni stabbilit jew mas-sewwa magħruf għax jesploraw u jgħarblu perspettivi, identitajiet u realtajiet li huma intrinsikament preżenti fina u fid-dinja ta' madwarna iżda li s-soċjetà ma tirrikonoxxihomx għax tibża' li jekk turihom id-dawl ittebba' ġieħha. L-idea jaċċenna għaliha wkoll Oscar Wilde (1854-1900) f'*The Picture of Dorian Gray* li deher għall-ewwel darba fl-1891 meta jgħid li *"The books that the world calls immoral are books that show the world its own shame."*[90] Il-ktieb jistaqsi u ma jippruvax jordom il-kurżità iżda l-kurżità ssir ix-xrara li tkebbes lill-ktieb fil-vjaġġ tiegħu biex jesprimi t-tiftix dejjiem tal-bniedem b'lingwaġġ imġedded. L-istoriku Carmel Cassar isostni li sa tmiem is-seklu sittax, minkejja li l-qari tal-kotba beda jinfirex bil-mod il-mod minħabba l-iżvilupp tal-istampar, "il-Knisja Kattolika, permezz

tal-Inkwiżizzjoni, irnexxielha tikkontrolla l-ħajja, u l-ħsibijiet l-aktar mistura, tan-nies f'Malta."[91] Il-kotba li kien jaqra Leli kellhom il-ħila jieħdu l-għarfien tal-bniedem lil hinn mill-konfini limitati tal-għarfien f'perjodu partikolari tal-Istorja u kien proprju għalhekk li Leli xellef difru mal-Knisja u ma' familtu għax il-kotba li jistimulaw l-intellett huma għodda ta' poter għax fost l-oħrajn jagħmlu l-bniedem aktar rikk fi ħsibijietu. Fil-fatt, il-kelma qadima Griega *"agon"* li tfisser "kunflitt" tinsab fiċ-ċentru tal-kelma "protagonista;" il-bniedem li jipprova jissupera t-toqol u l-ostakli tal-kunflitt.

Moħħ ir-raħlin jibża' jasal għall-konklużjonijiet, jibża' jipproblematizza iżda kontinwament iserraħ fuq il-ftit magħżula bħal Dun Karm. Għar-raħlin, il-bidla u l-progress huma forom ta' xkiel. In-nuqqas ta' bidla u l-għeluq tar-raħal għalihom kienu forma ta' protezzjoni u reżistenza. Iżda għax Leli ried l-awtonomija u s-sodisfazzjon li jiġi mill-iżvilupp tal-potenzjal ta' dak li jkun u ħabrek biex jitma' lil moħħu fi ħdan ambjent marradi, kellu jħallas prezz għoli. Minħabba li min-natura tagħhom "il-qari u t-tagħlim jieħdu xejra soċjali u jridu r-relazzjonijiet ma' oħrajn," Leli "ma sabx ma' min jiddiskuti u għalhekk b'tagħwiġa ironika kellu jġarrab it-twarrib soċjali."[92] Ironikament, Leli sofra dak li qatt ma xtaq isofri. Leli jittrasforma ruħu f'ribell intellettwali, fil-prototip tal-antieroj li żviluppa sew fin-narrattiva ta' wara l-Indipendenza. Huwa l-bniedem li jopponi l-ideoloġija tal-massa u għax jopponiha jingħadd b'miġnun.

> Il-ħajja li tgħix il-kotra b'kulma fiha li jaqbel u li jimla l-but, għal Leli ma kinitx tgħodd; u ma kienx iħossha twettqu; u għalhekk fiha qatt ma seddaq. Dil-ħajja biss kien irid Leli – Il-ħajja tal-ħalliemi mqajjem![93]

Biex jirreferi għall-marda ta' Leli fl-istadju inizjali tagħha, l-awtur jinqeda bil-metafora tad-dell biex iwassal sfond malinkoniku. Leli kien "iddellel"[94] u f'għajnejn Leli kien hemm id-"dell tal-għaja tar-ras."[95]

Il-vjaġġ mill-injoranza għall-intellettwalità huwa rifless ukoll fil-vjaġġ li Ninu, ħu Leli, jagħmel lejn l-Awstralja. Hemm din l-idea ta' ħruġ minn post magħluq u klawstrofobiku ssimbolizzat permezz tal-għar.[96] L-emigrazzjoni kienet il-mezz li bih il-bniedem jinqata' mill-għeluq u jintebaħ li d-dinja ma tikkonsistix biss minn pajjiżu. Ninu jistqarr "'Kemm hi żgħira Malta, Ma! U kemm nibqgħu ma nafu xejn u ma noħolmux liema dinja qed ingħixu fiha, sakemm ma noħorġux minn gżiritna u niġu f'artijiet hekk kbar!...'"[97]

Madankollu, minkejja dawn ix-xejriet li jmorru kontra l-konvenzjonalità, nistgħu ngħidu li dan ir-ribell xorta waħda huwa raġel, kif wieħed isib f'bosta

mix-xogħlijiet letterarji Maltin. Donnu li kien permess għal raġel li jisfida l-awtorità u jmur kontra l-kurrent iżda ma kienx possibbli għal mara li tagħmel dan. Minkejja li Leli kien moħħu miftuħ bil-qari li kien jaqra, xorta waħda kien jaħsibha b'mod sterjotipat fil-konfront tan-nisa u l-irwoli tiegħu u ta' Vira fil-ħajja miżżewġa kienu dawk li tiddetta s-soċjetà patrijarkali; preċiżament "hi d-dar u hu fuq ix-xogħol."[98] Naqraw li "Leli lil Vira ftit kien joħroġha" u li darba minnhom "daħħal lil Vira l-Belt; ħadha tieħu kafè f'ħanut ħdejn il-Qorti, daħħalha ċ-ċini [...]."[99] Dawn il-verbi bil-pronomi mehmużin marbuta magħhom ma jindikawx awtonomija imma possessjoni u sottomissjoni. Dan il-lingwaġġ ma kienx jingħad biss fi żmien Ellul Mercer jew fi żmien il-ġrajja tar-rumanz imma għadu jinstema' sal-lum fuq fomm ċerti rġiel kif tistqarr tajjeb Maria Grech Ganado f'intervista li jien għamiltilha meta tgħid "Jekk iż-żwieġ għad hemm ħafna rġiel b'mentalità li l-mara hija tiegħu, joħroġha għax ma nistax għaliha din 'Ħriġtha lill-mara' jew 'Ħariġni' qisha xi kelb!"[100] Konferma oħra ta' dan tasal mingħand Klara li tgħid lil Leli li n-nisa msakkrin "dejjem taħt il-muftieħ, li, allaħares qatt, ma jiġix xi ħadd u jeħodna."[101]

> Dwardu ġieli qal lil Leli: 'Isma', Lel, ma nagħmlux mod li int wieħed minn dawk ta' bla ras, li jgħiru għal għarusthom, hux? Ili noqgħod ir-raħal ma nafx kemm, u nara 'l kulħadd barra minn Vira tiegħek?'
> Leli kien iwieġeb bid-daħka: 'Tridx tmur! M'iniex minn dawn il-boloh, jien. L-għarusa ma toħroġx għax ma tridx. Jien, mingħalija, tista' tmur fejn trid hi.'
>
> Iżda Leli, meta kien jgħid dan, kien ikun qed jigdeb.[102]

## Id-Dehra Fiżika ta' Wħud mill-Karattri

Kuntrarju għall-ideoloġija li ħaddnu wħud mill-kittieba kontemporanji ma' Ellul Mercer bħal Mary Meylak (1905-1975) u anki Lina Brockdorff (1930- ) jekk naslu sa żmienna, apparti l-bosta films u riklami li lkoll jinfurzaw l-"attitudni tas-soċjetà patrijarkali li tħares lejn is-sess femminili bħala s-sess estetiku" għax skontha "huwa l-ġisem tal-mara li qiegħed hemm biex in-nies iħarsu lejh u mhux tar-raġel u, aktar minn hekk, hija l-identità tal-mara li l-aktar li tiddependi mill-identità fiżika tagħha u mhux dik tar-raġel"[103] Ellul Mercer, għal mument, jaqleb din l-idea. F'dan ir-rumanz, fil-każ tal-ġenituri ta' Leli, l-aspett attraenti jaqa' fuq ir-raġel. Missieru "kien raġel sabiħ. Wiċċu jrid itajjar

in-nar, għajnejh żoroq, u fommu ħelu daqs ta' mara"[104] minkejja li din ir-rabta bejn il-ħlewwa tal-fomm u l-mara hija espressjoni konformista u turija oħra tas-saħħa tat-tradizzjoni. L-istess jista' jingħad għall-fatt li "Tħares lejh, kont tgħid li għandu saħħa ta' barri"[105] għax fid-dinja patrijarkali, is-saħħa hija element maskili, l-istess bħal meta naqraw li Leli "kien imġissem ġmielu,"[106] li wlied Pietru s-sajjied kienu "jbigħu s-saħħa"[107] u li s-Sur Kelin "kien raġel daqs hawn."[108] Madankollu, is-Sur Nin huwa bħal dik it-tuffieħa li hija sabiħa minn barra iżda mħassra minn ġewwa għax meta rah it-tabib ċanfru biex "iżomm ruħu nadif u jibża' għal saħħtu, għax qalbu 'm'aħniex.'"[109]

B'kuntrast ma' żewġha, is-Sa Marjann "ma kinitx mara mis-sbieħ" iżda "meta kienet tiftaħ fommha u tibda titkellem, kont tħossok tinġibed lejha." Donnha li s-Sa Marjann tippossedi sbuħija interna li tpatti għan-nuqqas tagħha minn barra.

> Qatt ma kienet, lanqas fi xbubitha, minn dawk in-nisa li malli jersqu lejn raġel, jinħallu. Meta kienet tkun titħaddet ma' xi raġel kienet tkellmu bla mistħija żejda; iżda b'dik il-bruda bħallikieku qiegħda titkellem ma' mara bħalha.
> […]
> Is-Sa Marjann moħħha kien jilħqilha bis-sħiħ; u ma kontx tidħak jew tqarraq biha bil-lest.[110]

Mill-banda l-oħra, id-dehra ta' Vira hija rromantiċizzata u sterjotipata.

> Vira Kanwara kienet ix-xbieha taż-żgħożija fl-isbaħ tagħha.
> La twila u lanqas qasira, u aktarx mimlija, b'sider sabiħ u mitfugħ 'il quddiem u b'rasha miżmuma lura, Vira kienet iġġiblek għira taraha miexja fit-triq. Wiċċha mkebbes dejjem, minnu tista' tixgħel suffarell; għajnejha kbar, suwed u daħkanin; xofftejha donnhom imċappsin bl-aħmar tal-peprin; b'xagħarha iswed daqs għajnejha u mġiegħed minnu; Vira kienet tinnamrak minnha qabel tiftaħ fommha biex tkellmek.
> [...]
> F'dil-ħabta Vira kienet waslet biex tagħlaq il-għoxrin sena; u billi kienet sabiħa u tbigħ is-saħħa u bint in-nies sewwa u mill-aħjar kemm-il żagħżugħ fir-raħal kien mixtieq għaliha u mitluf warajha.[111]

Din ix-xbieha tat-tfajla mibruma, b'għajnejha skuri u ħaddejha ħomor, ir-Romantiċiżmu Malti, l-aktar permezz ta' Dun Karm (1871-1961) li huwa

kontemporanju ma' Ellul Mercer, igglorifikaha u idealizzaha u nistgħu ngħidu li mbuttaha biex titqies bħala aspett fundamentali li jikkaratterizza l-pajsaġġ Malti.[112] Tant hu hekk li Immanuel Mifsud jisħaq li kien preċiżament Dun Karm il-"poeta li fil-poeżija stabilixxa l-mara ideali kif mistmerra mill-għajnejn kolonjali."[113] Il-kwalitajiet ta' din it-tfajla saru jiddistingwu s-sura u l-identità Maltija. Hija l-mara bieżla u raħlija, ħaġa waħda mal-ambjent fejn tgħix. Id-deskrizzjoni ta' Vira tinkludi metafori, similitudnijiet, termini assolutisti u fis-superlattiv u attenzjoni lejn il-moviment li mhux biss huma intiżi biex ipinġuha fid-dettall imma wkoll biex jerotiċizzawha u juruha bħala irreżistibbli u seduċenti.

Il-ħarsa kolonjali ppreferiet "il-forma żnella tal-ġisem Brittaniku jew Nordiku" u l-"ħxuna ma tqisitx biss bħala kerha iżda anki vulgari" waqt li l-ħarsa Maltija ppreferiet il-mara mibruma, aktar 'Mediterranja.'[114] Dan il-mit Romantiku tant huwa promoss li saħansitra naqraw li s-Sa Marjann ma kinitx mis-sbieħ proprju għax kienet "magħluba."[115] Din id-dehra Romantika tat-tfajla safja u raħlija hija parallela għall-pitturi hekk imsejħa "folkloristiċi" ta' Edward Caruana Dingli (1876-1950), persunaġġ ieħor kontemporanju ma' Ellul Mercer, li fittex li jpinġi nisa mibrumin, b'par wardiet ħomor, kemxejn somor u ħelwin.[116]

Barra minn hekk, Vira, bħall-maġġoranza tat-tfajliet f'ritratti Romantiċi, minbarra li hija ideali "kemm fil-għaqal u kemm fil-ġmiel,"[117] kienet ukoll "tbigħ is-saħħa."[118] Immanuel Mifsud josserva preċiżament din it-tendenza: li dawn in-nisa jġorru "saħħa maskili iżda fl-istess waqt delikati."[119] Flimkien ma' dawn il-fatturi, wieħed irid isemmi wkoll il-fatt li t-tfajla f'bosta mumenti tkun tħares "lejn l-art,"[120] simbolu tal-mistħija.[121] Fil-perċezzjoni tagħha, din it-tip ta' tfajla tqis il-belt bħala mniġġsa u lin-nisa wlied il-belt bħala żienja.[122] Għaliha, il-belt, bid-distrazzjonijiet kollha li l-ambjent urban iġib miegħu, toħnoq it-tiftixa għal dinja ideali billi ma tgħinx biex tinħoloq dik l-atmosfera fiżika-spiritwali li tnissel hena fil-moħħ u fir-ruħ u konsegwentement aktarx li tfittex il-permanenza fl-imħabba. Tant hu hekk illi fil-laqgħa tagħha ma' Leli, Vira tiddistakka ruħha mit-tfajliet urbani u tfakkar lil Leli li hi mhix "minn dawk li tiltaqa' magħhom fl-ibliet."[123] Minbarra r-rabta maż-żina u l-frugħa, biex dan il-ġisem tat-tfajla rurali jkun komplut kien jeħtieġ li jiżżejjen bid-dehbijiet l-aktar f'okkażjonijiet speċjali bħal xi festa jew tieġ. Fil-ġrajja rrakkontata fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, li sseħħ għall-ewwel snin tas-seklu għoxrin, naqraw li dakinhar tat-tieġ tagħha,

> Ċetta kien fiha x'tara. Kellha fuq sidirha mimli deheb, u miegħu jdejha u subgħajha. Iżda d-deheb li kellha fuq kien, biex ingħid hekk, jidher imtappan ħdejn is-suwed għajnejha, jibbru u jżebbġu mad-daħka ħelwa ta' fommha.[124]

Naslu għall-konklużjoni li l-ġrajja tar-rumanz seħħet għall-ewwel snin tas-seklu għoxrin għax meta jirrakkonta l-ġrajja tal-għarqa ta' Pietru tal-Kalkara, Ellul Mercer jgħid li din seħħet daqs "ħamsa u tmenin qabel il-ftuħ tal-ġrajja tagħna, jiġifieri għall-ħabta tal-aħħar jiem ta' Frar tas-sena 1820."[125] Immanuel Mifsud jikkwota lil Louis de Boiseglin, storiku u vjaġġatur li żar Malta fil-bidu tas-seklu dsatax, proprju madwar mitt sena qabel ma sseħħ il-ġrajja tagħna, li jirreferi "għall-figura mbaċċna u samra tan-nisa Maltin; in-nisa sbieħ, b'għajnejhom skuri u ħafna drabi mżejna bid-dehbijiet."[126] Dan il-kumment joqgħod preċiżament għad-dehra ta' Ċetta li kienet "ix-xbieha ta' Maltija tar-raħal mis-sbieħ."[127]

Dan id-diskors jalludi wkoll għall-poeżija "Monument Mary Meylak" li fiha Meylak taċċenna għall-fatt li li tiżżejjen, tinżebagħ u tagħti kas id-dehra tagħha huma meqjusa affarijiet "tan-nisa" u hi, kuntrarju għal bosta nisa, ma kellhiex żmien x'titlef f'dawn l-affarijiet u ssostni "Fil-lixx, mill-eħfef, m'għandix moħħ nizzejjen, / Jew nilgħab ma' persunti jew mal-libsa."[128] Dan kollu apparti l-fatt li l-ġisem tal-mara, fil-perċezzjoni patrijarkali "qiegħed għal-lest biex jiġi analizzat, skrutinizzat"[129] sal-punt li naqraw li din Ċetta "kien fiha x'tara." F'dan il-kumment hemm l-idea li l-mara hija murija bħala "pupa" bil-konnotazzjonijiet kollha li din il-kelma ġġorr magħha, idea li kif tistqarr tajjeb Lou Drofenik, riċerkatriċi u awtriċi Maltija-Awstraljana, anki jekk inkonxjament, tippromwovi l-patrijarkat u s-sottomissjoni tal-mara minbarra li tirriduċi l-mara fi ħlejqa estetika biss.[130] Din l-idea hija evidenti wkoll fi Klara, karattru ieħor ċatt li bħal fil-każ ta' Vira u Ċetta l-awtur mhuwiex konxju tas-superfiċjalità ta' dawn il-karattri prevedibbli li wkoll jersqu kważi lejn il-karikatura. Lil din Klara, l-awtur, hi u miexja jistħajjilha tgħid "Arawni! Ħarsu lejja u tgħaxxqu bi ġmieli, ja rġiel! U intom nisa, għiru u nkeddu!"[131] Madankollu, id-dehra u d-deskrizzjoni ta' Klara huma bil-wisq differenti minn dawk ta' Vira. Vira hija t-tfajla raħlija, 'innoċenti' jew safja u għaldaqstant naturali filwaqt li Klara hija bint il-belt, waħda min-"nisa tad-dinja," żienja, fiergħa u artifiċjali, kwalità li hija ssimbolizzata bil-wiċċ "dejjem miksi b'saff terra ta' fwieħa li taqsmek."[132]

Mara oħra li Ellul Mercer jiffoka fuq id-dehra fiżika tagħha hija Dolor ta' Braġ, zit Leli, oħt missieru, iżda din id-darba għandna ritratt tagħha f'żewġ

waqtiet differenti u dehra tiddistingwi ruħha minn oħra kawża tal-effett tal-passaġġ taż-żmien li huwa s-sors tal-qerda tal-ġmiel fiżiku.[133] Fl-ewwel ritratt, jiġifieri fiż-żgħożija, il-ġmiel korporali huwa ċċelebrat għax "F'żgħużitha, Dolor ma kien fiha xejn xi tmaqdar, mhux biss iżda kienet xbejba tħares lejha darba, trid terġa'. Kienet fuq tagħha kemm tridha; tbigħ is-saħħa u tinnamra max-xemx għaddejha."[134] Iżda mbagħad ifiġġ il-kuntrast għax Dolor,

> Tbiddlet, jiġifieri, minn xebba fuq tagħha u kull fejn issibha ħalqha mċarrat u tinnamra max-xemx għaddejja, meta qorbot il-ħamsin, saret bużżieqa mill-kbar. Terġa': ma' kull sena għomor bdiet dejjem tismen u żżid fix-xaħam, u bil-ftit il-ftit saret waħda minn dawk in-nisa mdaħħlin fiż-żmien, ta' wiċċhom jiġbdek, iżda dejjem donnhom ġralhom xi ħaġa kbira. Hekk u xejn inqas saret Dolor. Ħxunitha saret għaliha salib. Jekk titla' telgħa jew taraġ, araha taqta' nifisha, u fejn issibha, tilmenta dejjem.[135]

Immanuel Mifsud jikkwota fost l-oħrajn lil Stephen Einar Gilbert Ponder li f'rakkont minn tiegħu tal-1937, sena qabel ġie ppubblikat ir-rumanz tagħna, jagħraf is-sbuħija tan-nisa Maltin iżda jammetti wkoll "li dawn kellhom it-tendenza jinbarmu u mbagħad jiħxienu aktar ma jikbru fl-età."[136] M'hemmx dubju li d-dehra ta' Dolor ixxaqleb lejn il-grottesk, teknika li tilgħab parti importanti fit-tħaddim tal-istrateġija viżiva tal-awtur. L-istess jista' jingħad għad-dehra t'Anġla l-għajjura li l-awtur ukoll ifittex li jissatirizzaha u joħloq karikatura minnha. Il-karattru ta' Anġla kien l-oppost ta' dak li ironikament jixhed isimha. Kienet mara seksieka, ġellieda, ta' temperament qasir, għajjura, l-ewwel u qabel kollox għal żewġha u seqer fuq kollox. Dakinhar tat-tieġ ta' Ġanni ta' Kejla ma' Ċetta, it-tfajla li Anġla "kellha kull lanżita daqsiex" għaliha, Ċetta "kienet qisha d-dundjana, weħidha weħidha, b'għonnella daqsiex fuq rasha, u b'wiċċha merfugħ 'il fuq, donnha l-imħallef tal-beżqa."[137] L-awtur jagħtina deskrizzjoni f'għamla ta' ritratt bl-iskop li jinbex u jwaqqa' għaċ-ċajt billi jenfasizza d-difetti u jkabbar ix-xejriet ewlenin tipiċi tal-karattru[138] bħal meta pereżempju naqraw li Anni, mart Ċikku tal-Karozzin, kienet tgħanni "tajjeb daqs ħasi mnittef."[139] Ma ninsewx li Ellul Mercer kien attiv ukoll fil-qasam ġurnalistiku jiġifieri m'hemmx dubju li kellu għajn fina għad-dettall li għenitu mhux ftit fil-ħidma letterarja tiegħu.

F'dan ir-rumanz, ix-xeħta karikaturali mhijiex preżenti biss fil-konfront tan-nisa. Qabelxejn, hija preżenti fil-laqmijiet li bosta minnhom inisslu togħma umoristika bħalma nsibu f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (1930-

31) ta' Juan Mamo. Fost dawn il-laqmijiet b'xeħta karikaturali nsibu Ta' Saramni, Mariroż il-Peċluqa, Ta' Waħħaxni, Ġużè Snien, Nikol l-Imfattar, Tal-Imqarqaċ u Anni tal-Indannat. Barra minn hekk, il-karikatura hija preżenti wkoll fil-konfront tal-irġiel u ta' sitwazzjonijiet partikolari kif naraw minn din is-silta.

> Karmnu ta' Nurat, in-nannu tal-għarusa, ta' kull darba li jimla l-imgħarfa, sa ma jwassalha f'ħalqu, jitfa' nofsha fuq ħwejġu; u ta' kull darba, Ġużè Snien li kien biswitu, u miegħu dawk ta' madwaru, jinfexxu jidħku kemm jifilħu.
> 'Ara kif ħasilhom mustaċċih!'
> […]
> Ġużè tal-Imqarqaċ inzerta bilqiegħda ħdejn Wenza, il-mara ta' Nikol l-Imfattar; u ta' kull darba li jkellimha erħilu jfaqqgħalha l-pala t'idu fuq irkoppitha.[140]

**Konklużjoni**

F'Leli nilmħu lil Ellul Mercer minn diversi aspetti. Bħal Leli, huwa l-bniedem li terraq kważi waħdu kemm politikament u kemm letterarjament fi żmien meta ftit kienu dawk ta' madwaru li kienu lest jħabirku biex jgħollu l-livell tal-għajxien tal-kotra.[141] Bħal Leli, ukoll kellu jħallas prezz għali għall-ideat u l-valuri li kien iħaddan. Spiċċa mbarri mis-soċjetà li kien jagħmel parti minnha stess għax din ma fehmitux. Minħabba f'hekk, sofra l-interdett u ndifen fil-parti mhux ikkonsagrata taċ-ċimiterju tal-Addolorata msejħa l-Miżbla għax kien jimmilita fil-Partit Laburista.[142] Ellul Mercer ried it-tiġdid biex artna taqbad il-pass ta' pajjiżi oħra u l-aktar li kien ikiddu kien "il-ħsieb tal-qawwa ta' dawk li kienu jridu jitfu kull raġġ ta' dawl li jittanta jdawwal l-imħuħ."[143] Deskritt bħala "ħassieb u kommentatur serju, b'xejriet ta' riformatur soċjali,"[144] għaraf b'mod profetiku li poplu mazzun huwa l-akbar ġerħa li l-pajjiż jista' jkollu.[145] Barra minn hekk, il-weġgħa kienet akbar għax il-poplu lanqas biss kien jintebaħ kemm għadu lura. Minkejja li r-rumanz ħareġ lejn l-aħħar tat-tletinijiet tas-seklu l-ieħor, bosta mit-temi li jittratta għadhom rilevanti u bosta mill-problemi li jsemmi u mill-karatteristiċi tal-komunità li jagħmel parodija minnhom għadhom magħna sal-lum iżda libsu libsa ġdida.

Fi żmienu, l-Istabbiliment kien magħmul primarjament mir-reliġjon u llum flimkien mar-reliġjon u z-zekzik huwa magħmul mill-propaganda ta' kull xorta u mill-mezzi tax-xandir immanipulati u qarrieqa b'mod speċjali r-riklami

li jikkontrollaw l-imħuħ. Bħall-aħwa Buċagħak tar-rumanz, huma l-ftit li "jnessu dak li jixtiequ jnessu, jgħawġu fejn jixtiequ jgħawġu u jfakkru fejn jeħtieġ ifakkru."[146] Iżda minn fost il-kotra jfiġġ Leli, li jista' jkun kwalunkwe persuna; basta din tagħraf b'attenzjoni li bl-istabbiltà l-bniedem isaddad u fuq kollox tmur kontra l-kurrent biex dak li temmen fih tgħixu. Ma' dawn il-fatturi negattivi rridu ngħidu wkoll li llum il-ġurnata r-reliġjon, minbarra forma ta' kontroll, bosta drabi wkoll tintuża għall-isem għax bosta Maltin jgħixu ħajja falza billi jużaw twemminhom biex jieħdu dak li jaqbel lilhom bħal Kunċett li meta avżat lis-Sa Marjann li binha qed iħares lejn Vira qaltilha wkoll "Ara taħseb, Sa Marjann, li dan għamiltu għal ħaġ'oħra għajr biex naqdi dmiri ta' Nisranija li jien."[147]

Għax ġarrab hu stess u għax dawn in-nuqqasijiet kienu jdejqu l-ewwel u qabel kollox lilu stess, Ellul Mercer ħabrek biex jeqred din il-problema mhux biss letterarjament iżda anki politikament għax il-kelma tqanqal iżda l-eżempju jkaxkar. Għalkemm il-kitba għandha impatt qawwi għax tħeġġeġ u ġġib lil dak li jkun konxju, Ellul Mercer uża wkoll is-sensittività tiegħu ta' awtur biex b'mod attiv u aktar konkret, permezz tal-ħidma politika tiegħu, serva wkoll ta' spalla u vuċi għal dawk milqutin minn din il-marda soċjali u għal dawk mistura fid-dlam tal-injoranza.

*Diskors li sar nhar fl-24 ta' Mejju 2011 fil-ħamsin sena mill-mewt ta' Ġużè Ellul Mercer fl-1961. Id-diskors, li qed jidher b'xi tibdiliet u żidiet żgħar, kien parti minn konferenza li ttellgħet fil-librerija tal-Università ta' Malta bl-appoġġ tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università u l-Akkademja.*

## Noti

1 E. M. Forster, *Aspects of the Novel* (L-Ingilterra: Penguin Books, 1970) 74.
2 Oliver Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza," f'Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2010) 3.
3 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 4.
4 Charles Briffa, *Ir-Rumanz Malti sa Nofs is-Seklu Għoxrin* (Malta: PIN, Kullana Kulturali 53, 2003) 232.
5 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, it-3et ed. (Malta: PEG, 2000) 343.
6 Terence Portelli, ed. *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika* (Malta: Allied Publications, 2009) 104.
7 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 4.
8 Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2010) 9.

9 *Oxford Dictionary of Sociology*. Oxford University Press, 2005. *eNotes.com*. 2011. L-aħħar aċċess fit-18 ta' Lulju 2013 <http://www.enotes.com/oxsoc-encyclopedia/>.

10 *Webster's New World College Dictionary*. *YourDictionary.com*. L-aħħar aċċess fis-16 ta' Lulju 2013 <http://www.yourdictionary.com/>.

11 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* 87.

12 Ellul Mercer 10.

13 Adrian Grima, "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo," f'*Symposia Melitensia* 5 (2008) 135.

14 Ellul Mercer 10.

15 Ellul Mercer 10.

16 Immanuel Mifsud, "Gwerrieri u Sinjorini: Mary Meylak u l-Poeżija tal-Ġisem" f'Marco Galea, ed. *Il-Malti* LXXIX (2007) 105-116.

17 Ellul Mercer 67.

18 Brother Henry, *Qwiel Maltin* (Malta: De La Salle Brothers, 1987) 56.

19 Grima, "Tarżan u l-Udjenza Tiegħu f''Il-Ġnien' ta' Henry Holland," f'*Fora Melitensia* 2 (2005) 74-75.

20 Grima, "Savage Boys and the Predatory Woman in Holland's Garden" fi Stephanos Stephanides, ed. *Cultures of Memory / Memories of Culture* (Nicosia: University of Nicosia Press, 2007) 227-240.

21 Ellul Mercer 10.

22 Olivia Borg, *Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez: Identitajiet u Perspettivi*, teżi għall-grad ta' M.A. fil-Malti (L-Università ta' Malta: 2010) 5.

23 Borg, *Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez* 5.

24 Ellul Mercer 237.

25 Ellul Mercer 211.

26 Grima, "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo" 134.

27 Ellul Mercer 181.

28 George Lakoff, "Metaphor, Morality and Politics, Or, Why Conservatives Have Left Liberals in the Dust." *The World Wide Web Center of The Institute for Cultural Democracy* 1995. L-aħħar aċċess fis-26 ta' Ġunju 2013 <http://www.wwcd.org/issues/Lakoff.html>.

29 Ellul Mercer 10.

30 Ellul Mercer 10.

31 Ellul Mercer 11.

32 Ellul Mercer 10-11.

33 Lakoff.

34 Ellul Mercer 140-141.

35 Ellul Mercer 11.

36 Grima, "Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut" f'Marco Galea, ed. *Il-Malti* LXXIX, 84.

37 Ellul Mercer 135.

38 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 7.

39 Ellul Mercer 175.

40 Grima, "Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut" 84-85.

41 Grima, "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo" 136.

42 Grima, "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo" 136.

43 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 8.

44 Ellul Mercer 72.

45 Ellul Mercer 33.

46 Ellul Mercer 68.

47 Ellul Mercer 67.

48 Ellul Mercer 68.

49 Ellul Mercer 128.

50 Ellul Mercer 42.

51 Ellul Mercer 169.

52 Brother Henry 128.

53 Borg, *Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez* 3.

54 Luce Irigaray, *This Sex Which is Not One*, trad. ta' Catherine Porter u Carolyn Burke (New York: Cornell University Press, 1985) 84. Għal aktar tagħrif dwar il-kunċett tal-femminilità ara "L-Identità Femminili u l-Femminiżmu f'Malta" f'Borg, *Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez* 1-35.

55 Irigaray, *This Sex Which is Not One* 220.

56 Toril Moi, "Feminist, Female, Feminine" f'Sandra Kemp u Judith Squires, ed. *Feminisms* (Oxford: Oxford University Press, 1997) 246.

57 Ellul Mercer 139.

58 Ellul Mercer 149.

59 Sigmund Freud, *The Question of Lay Analysis*, trad. ta' James Strachey f'*The Standard Edition of the Complete Psychological Works of Sigmund Freud*, Vol. 20 (Londra: Norton and Company, 1959b) 212.

60 Ellul Mercer 140.

61 Ellul Mercer 155.

62 Irigaray, *Je, Tu, Nous: Toward a Culture of Difference,* trad. ta' Alison Martin (New York u Londra: Routledge, 1993) 12.

63 Ellul Mercer 169.

64 Bernard Micallef, "Is-Sensibilità Femminili bħala Djalogu mal-Ieħor" f'Maria Grech Ganado, *Iżda Mhux Biss* (Malta: Printwell, 1999) vii.

65 Ellul Mercer 89.

66 Ellul Mercer 13.

67 Ellul Mercer 13.

68 Ellul Mercer 38.

69 Ellul Mercer 62.

70 Ellul Mercer 19.

71 Ellul Mercer 19.

72 Ellul Mercer 20.

73 Ellul Mercer 133.

74 Ellul Mercer 19.

75 Ellul Mercer 17.

76 Ellul Mercer 28.

77 Ellul Mercer 32.

78 Ellul Mercer 89.

79 Ellul Mercer 90, 93.

80 Ellul Mercer 96.

81 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* 551-552.

82 Ellul Mercer 199. 83 Ellul Mercer 141.

84 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 3.

85 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 4.

86 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 4.

87 Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza" 5.

88 Ellul Mercer 107. 89 Ellul Mercer 202.

90 Oscar Wilde, "The Picture of Dorian Gray" f'Oscar Wilde, *Plays, Prose, Writings and Poems* (Londra: Everyman's Library, 1991) 316.

91 Carmel Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition. A Study of Cultural Values in Early Modern Malta* (Malta: Mireva, 1996) 63.

92 Briffa 233. 93 Ellul Mercer 168.

94 Ellul Mercer 219. 95 Ellul Mercer 223.

96 Ellul Mercer 92. 97 Ellul Mercer 131.

98 Ellul Mercer 173. 99 Ellul Mercer 215.

100 Olivia Borg, "Intervista ma' Maria Grech Ganado" f'Borg, *Il-Vuċi ta' Mara fil-Poeżija ta' Maria Grech Ganado*, teżi għall-grad ta' B.A. (Unuri) fil-Malti (L-Università ta' Malta: 2008). Fil-kwotazzjonijiet meħudin mill-intervista ma biddilt xejn mill-grammatika, l-għażla lessikali u l-idjoma ta' Grech Ganado.

101 Ellul Mercer 194. 102 Ellul Mercer 159.

103 Mifsud, "Gwerrieri u Sinjorini: Mary Meylak u l-Poeżija tal-Ġisem" 105-116.

104 Ellul Mercer 14. 105 Ellul Mercer 14.

106 Ellul Mercer 17. 107 Ellul Mercer 23.

108 Ellul Mercer 27. 109 Ellul Mercer 14.

110 Ellul Mercer 14-15. 111 Ellul Mercer 44-45.

112 Mifsud, "Gwerrieri u Sinjorini" 110.

113 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ: L-Għajnejn Kurjużi u Ħarsthom lejn il-Ġisem Malti." Taħdita organizzata mill-Akkademja tal-Malti u mogħtija fis-6 ta' Mejju tal-2010. L-aħħar aċċess fis-17 ta' Lulju 2013 <http://ema-ps.academia.edu/ImmanuelMifsud/Papers/172438/HOXNIN_U_SOMOR_KOROH_U_SBIEH_L-GHAJNEJN_KURJUZI_U_HARSTHOM_LEJN_IL-GISEM_MALTI>. 3

114 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" 2.

115 Ellul Mercer 14.

116 Mifsud, "Gwerrieri u Sinjorini" 110.

117 Ellul Mercer 47. 118 Ellul Mercer 45.

119 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" 3.

120 Ellul Mercer 56.

121 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" 4.

122 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" 3.
123 Ellul Mercer 59.
124 Ellul Mercer 109.
125 Ellul Mercer 22.
126 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" 1.
127 Ellul Mercer 169.
128 Mary Meylak, *Villa Meylak* (Malta: l-Istamperija tas-Salesjani, 1947) 100.
129 Mifsud, "Gwerrieri u Sinjorini" 114-115.
130 Olivia Borg, "An Interview with Lou Drofenik" f'Borg, *Minn Mary Meylak sa Simone Inguanez*.
131 Ellul Mercer 182.
132 Ellul Mercer 182.
133 Mifsud, "Gwerrieri u Sinjorini" 112.
134 Ellul Mercer 77.
135 Ellul Mercer 78-79.
136 Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" 2.
137 Ellul Mercer 108.
138 Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* 348.
139 Ellul Mercer 113.
140 Ellul Mercer 110-111.
141 Paul P. Borg, "Ġużè Ellul Mercer." *It-Torċa.* 25 ta' Mejju 2003. L-aħħar aċċess fis-16 ta' Lulju 2013 <http://www.torca.com.mt/Archives.php?ID1='Features'&ID2=24153>.
142 Michaela Muscat, "The Unholy War." *Feature* dwar l-Interdett li deher matul il-Ħdud ta' Settembru tal-2005. *Malta Today.* L-aħħar aċċess fis-17 ta' Lulju 2013 <http://archive.maltatoday.com.mt/2005/10/09/pix/interdett.pdf>.
143 Borg, "Ġużè Ellul Mercer."
144 Ġużè Cassar Pullicino, "Ġużè Ellul Mercer: Il-Kitbiet Soċjali Bikrija u l-Iżvilupp tal-Personalità Letterarja" f'*Ġużè Ellul Mercer: Il-Kitbiet Miġbura, Novelli Soċjali u Kitbiet Oħra* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1985) v.
145 Borg, "Ġużè Ellul Mercer."
146 Borg, "Ġużè Ellul Mercer."
147 Ellul Mercer 113.

# Il-ġens grammatikali fil-Malti f'kuntest tipoloġiku u psikolingwistiku

George Farrugia

Wieħed mis-suġġetti ta' natura lingwistika li kien u għadu joħloq kontroversja bejn l-istudjużi huwa dak li jiffoka fuq ir-relazzjoni li teżisti bejn il-lingwa u d-dinja ekstralingwistika. F'dan il-kuntest, id-differenza bejn sess u ieħor titqies bħala fattur li jinfluwenza ħafna l-perċezzjoni li għandna dwar id-dinja. Bosta drabi din ir-relazzjoni tkun assoċjata mal-kategoriji semantiċi raġel/mara u mal-kategoriji grammatikali maskil/femminil, distinzjoni li tistrieħ fuq is-sistema tal-ġens f'bosta lingwi, inkluż il-Malti. Madankollu, in-natura ta' din ir-relazzjoni għadha kontroversjali u għalhekk il-ġens ta' spiss jitqies bħala waħda mill-aktar kategoriji grammatikali enigmatiċi li f'xi lingwi għandha rwol importanti ħafna filwaqt li f'lingwi oħra hija prattikament noneżistenti.[1]

L-għan ewlieni ta' din il-ktiba huwa li tħares lejn il-kategorija grammatikali tal-ġens fil-Malti f'perspettiva usa' minn dak li nħarsu lejha s-soltu. Għaldaqstant, din il-ktiba tittratta l-kategorija tal-ġens fil-Malti sewwasew f'kuntest psikolingwistiku u tipoloġiku biex tingħata stampa aktar sħiħa ta' kif tiffunzjona fi lsienna meta mqabbla ma' dak li jseħħ f'lingwi oħra li jużaw sistemi ta' klassifikazzjoni nominali differenti.

Il-kelliema tal-Malti jikklassifikaw in-nomi billi jassoċjaw magħhom ġens jew ieħor. Dan kollu jinvolvi bosta proċessi mentali, proċessi ta' assoċjazzjonijiet u analiżi kontinwi, proċessi li ħafna drabi l-kelliem innifsu ma jkunx konxju tagħhom. F'ħafna ilsna l-ġens jitqies bħala kategorija grammatikali li ma jidhirx li għandha xi forma ta' sistemazzjoni u li tista' anke toħloq problemi lill-kelliema

mhux nattivi li jkunu qed jitgħallmu dawn il-lingwi. Fil-fatt, kwotazzjoni li ta' spiss tissemma f'xogħlijiet dwar il-ġens hija dik ta' Bloomfield: "*There seems to be no practical criterion by which the gender of a noun in German, French, or Latin could be determined*".[2] Min-naħa l-oħra, il-kelliema nattivi ta' dawk l-ilsna li fihom insibu l-kategorija tal-ġens grammatikali, fosthom il-kelliema tal-Malti, jidhru li ma jsibu l-ebda diffikultà biex jagħtu l-ġens grammatikali korrett lil tant eluf ta' nomi fi lsienhom. Jista' jkun li l-kelliema jitgħallmu bl-amment il-ġens ta' kull nom fi lsienhom?

Skont Corbett,[3] li kieku dawn il-kelliema kellhom jitgħallmu l-ġens tan-nomi kollha bl-amment, dan il-proċess kien ikun jirrikjedi li l-individwu jkollu memorja impekkabbli. Fil-fatt, dan ma jidhirx li hu l-każ minħabba dawn ir-raġunijiet:

(a) li kieku l-kelliema kellhom jitgħallmu l-ġens ta' kull nom fil-lingwa tagħhom bl-amment, żgur li kienu jagħmlu aktar żbalji fis-sistema tal-għoti tal-ġens;
(b) bosta kliem missellef jingħatalu ġens partikolari u dan juri li jeżisti tassew mekkaniżmu biex tassoċja ġens partikolari ma' nom, aktar milli titgħallem il-ġens li jingħatalu;
(ċ) minn xi esperimenti li saru, instab li kelliema ta' lsien partikolari, meta ntalbu jagħtu l-ġens lil nomi "ivvintati", fil-maġġoranza tagħhom qablu dwar l-għażla ta' ġens partikolari għal dawn in-nomi.

Dan l-aħħar punt huwa kkonfermat fil-Malti permezz ta' studju li sar minn Farrugia.[4] F'dan l-istudju nħolqu għadd ta' kelmiet li fil-fatt ma jeżistux fil-Malti u l-informanti ntalbu jikkwalifikawhom permezz ta' aġġettiv. Minkejja li l-informanti qatt ma kienu semgħu jew raw dan il-kliem qabel, xorta waħda nstabet korrelazzjoni qawwija bejn il-kliem ivvintat u l-ġens partikolari li ngħatalu. F'xi każi, din il-korrelazzjoni kienet qawwija ħafna, kemm meta l-kelma ntweriet miktuba kif ukoll meta l-informanti semgħuha, kif jidher fit-tabella t'hawn taħt. In-numri fil-parentesi jindikaw l-ammont ta' informanti involuti fil-proċess tal-għoti tal-ġens għal kull kelma.

Minn dan jidher li l-kelliema nattivi, fosthom dawk tal-Malti, jippossedu numru ta' kriterji u sistemi partikolari ta' kif jagħtu l-ġens lin-nomi fi lsienhom. Iżda kif iħaddmuhom dawn l-istrateġiji? U l-ġens grammatikali huwa sempliċiment maħżun bħala proprjetà sintattika tan-nomi jew inkella maħdum skont il-proprjetajiet semantiċi, morfoloġiċi u fonoloġiċi tan-nom kull darba li jkun hemm bżonnu? Mistoqsijiet bħal dawn fl-istudji lingwistiċi għadhom pjuttost ġodda u bosta mit-tweġibiet għalihom huma ta' natura psikoloġika.

| Kelma ivvintata | Meta rawha miktuba | | | Meta semgħuha | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Mask. % | Fem. % | | Mask. % | Fem. % |
| stubinger (448) | 83.0 | 17.0 | stubinger (50) | 80 | 20 |
| mocket (447) | 73.4 | 26.6 | mocket (50) | 80 | 20 |
| chabbing (447) | 73.6 | 26.4 | chabbing (50) | 68 | 32 |
| dalement (446) | 69.1 | 30.9 | dalement (50) | 72 | 28 |
| stingo (444) | 82.4 | 17.6 | stingo (50) | 66 | 34 |
| pely (444) | 33.1 | 66.9 | pely (50) | 36 | 64 |
| ġurba (220) | 3.3 | 96.7 | | | |
| farlukin (220) | 89.1 | 10.9 | | | |

Tabella 1: Il-korrelazzjoni bejn l-għoti ta' ġens partikolari u l-kelma ivvintata (Farrugia 2003)

**Il-ġens naturali u l-ġens grammatikali**

Bosta drabi l-kelliema nattivi ta' lingwa li fiha l-ġens grammatikali ma jkunux konxji ta' kif taħdem din il-kategorija. Ironikament, ħafna huma dawk li jibdew jiskopru din il-kategorija meta jkunu qed jitgħallmu xi lingwa barranija bħal, ngħidu aħna, il-Franċiż , it-Taljan u l-Ġermaniż u jkollhom jitgħallmu listi sħaħ ta' nomi bil-ġens grammatikali tagħhom jew inkella ħafna regoli grammatikali li għandhom x'jaqsmu mas-sistema tal-ġens f'dik il-lingwa partikolari.

X'aktarx li, meta l-kelliema nattivi jaħsbu fuq il-ġens fi lsienhom, ikunu konxji tal-ġens naturali aktar milli tal-mod kif topera s-sistema tal-ġens grammatikali. Il-ġens grammatikali huwa proprjetà lingwistika tal-kliem, filwaqt li l-ġens naturali huwa proprjetà bijoloġika tar-referenti animati tal-kliem. Hekk, ngħidu aħna, il-ġens naturali ta' *missier* huwa raġel filwaqt li dak ta' *omm* huwa mara. Dawn huma fatti li għandhom x'jaqsmu biss mal-bijoloġija. Billi l-ġens grammatikali ta' bosta nomi, l-aktar fil-każ tan-nomi animati, ikun jikkorrispondi mal-ġens naturali tagħhom, dan jista' jagħti l-illużjoni li l-ġens naturali u dak grammatikali huma l-istess ħaġa. Hawn ta' min jgħid li fil-kitba u fl-ispjegazzjoni ta' bosta grammatiki tal-Malti dawn iż-żewġ tifsiriet ta' spiss

tħalltu flimkien. Hekk, ngħidu aħna, mhux l-ewwel darba li l-kelmiet *raġel/mara* jintużaw biex jirreferu għall-ġens grammatikali maskil/femminil. Waqt il-lezzjonijiet tal-Malti mhux l-ewwel darba li tisma' l-għalliema jgħidu lit-tfal li *siġġu* huwa raġel jew li *mejda* hija mara. Dan ikompli jikkonferma, minkejja kollox, li teżisti xi forma ta' assoċjazzjoni bejn il-ġens grammatikali u l-ġens naturali xi drabi anke fil-mod kif nipperċepixxu l-affarijiet inanimati. U hawn nidħlu f'baħar ta' polemika bejn il-lingwisti li studjaw dan il-fenomenu tal-ġens.

Corbett (1991) jemmen li r-rabta bejn il-ġens grammatikali u l-ġens naturali mhijiex aċċidentali għalkollox, teżisti xi forma ta' korrelazzjoni bejniethom. Madankollu, jekk nemmnu li hemm xi forma ta' konnessjoni bejn il-ġens naturali u dak grammatikali żgur li din bl-ebda mod mhija konnessjoni diretta, la fi ħdan l-istess lingwa u lanqas bejn lingwa u oħra. Hekk, pereżempju, fl-Olandiż, il-kelma *wicht* (mara/qaddejja) tieħu l-ġens newtru, u tiġi *het wicht*.[5] Aktar minn hekk, il-kategoriji tal-ġens grammatikali maskil u femminil jinkludu fihom nomi inanimati li m'għandhom l-ebda rabta ma' xi sess jew ieħor. Hekk, pereżempju, fil-Malti n-nom *bieb* huwa ta' ġens maskili iżda mhuwiex raġel, filwaqt li *tieqa* hija femminili u lanqas hija mara. Eżempji oħra li juru n-nuqqas ta' korrelazzjoni diretta bejn il-ġens grammatikali u l-ġens naturali huma dawn: in-nom *kangarù* fil-Malti għandu ġens maskili iżda bla dubju jista' jirreferi għal kangarù mara kif ukoll raġel; in-nom *persuna* għandu ġens femminili iżda jirreferi għal raġel daqs kemm jista' jirreferi għal mara.

Kliem li jfisser l-istess ħaġa jista' wkoll jieħu ġens differenti f'lingwi differenti. Ngħidu aħna *dar* hija femminil fil-Malti imma l-kelma li twassal l-istess kunċett hija maskil fir-Russu u newtru fil-Ġermaniż; *xemx* hija femminil fil-Malti imma l-kelma li tirreferi għall-istess ħaġa hija maskil fit-Taljan u newtru fir-Russu.

Barra minn hekk, f'xi lingwi, bħal-lingwi Bantù, insibu minn għaxra sa għoxrin tip ta' ġens grammatikali.[6] Għaldaqstant, f'dan il-każ żgur li ma nistgħux ngħidu li hemm korrelazzjoni diretta bejn il-ġens grammatikali u dak naturali. U hawn nidħlu f'polemika oħra. Jekk qed ngħidu li ma teżistix relazzjoni diretta bejn il-ġens grammatikali u l-ġens naturali, kif il-kelliema ta' ħafna lingwi li għandhom is-sistema tal-ġens jitgħallmu bla tbatija l-ġens ta' tant eluf ta' nomi fil-lingwa tagħhom? U b'liema mod dawn l-istess kelliema jittrasferixxu dan it-tagħrif marbut mal-ġens tan-nom għal elementi oħra fit-taħdit u fil-kitba tagħhom, bħal ngħidu aħna, il-forma tal-verb, tal-aġġettiv jew tal-parteċipju? Tweġibiet għal mistoqsijiet bħal dawn ma nsibuhomx fil-kotba tal-grammatika u biex naslu għalihom x'aktarx li jkollna nirrikorru għall-psikolingwistika.

**Il-ġens u l-psikolingwistika**

Ħafna mill-istudji reċenti dwar il-ġens grammatikali kienu aktar ta' xeħta psikolingwistika, l-aktar fil-qasam tal-akkwist u tal-produzzjoni tal-lingwa. Il-produzzjoni tal-lingwa ma tfissirx biss it-taħdit. Ir-riċerka psikolingwistika dwar il-produzzjoni tal-lingwa tiffoka fuq il-proċessi konjittivi li jibdlu intenzjonijiet komunikattivi, nonverbali, f'azzjonijiet verbali. Dawn il-proċessi jridu jibdlu l-perċezzjonijiet jew il-ħsibijiet fi ħsejjes filwaqt li jużaw il-mudelli u l-elementi ta' kodiċi li tikkostitwixxi l-grammatika ta' lingwa. It-teoriji tal-produzzjoni tal-lingwa jippruvaw jispjegaw kif il-moħħ juża din il-kodiċi meta jkun qed jibdel messaġġi f'taħdit spontanju.

Il-ġens grammatikali huwa proprjetà lessikali-sintattika tal-kliem (nomi). Minħabba li t-teoriji tal-produzzjoni tal-lingwa jitkellmu b'mod ċar dwar il-ħżin, il-kisba u l-użu ta' dawn il-proprjetajiet lessikali-sintattiċi, il-ġens grammatikali ta' spiss jintuża bħala fattur li permezz tiegħu jiġu studjati suġġetti bħal dawn. Il-ġens grammatikali jista' wkoll jipprovdi paradigma biex jiġi studjat il-mod li bih niksbu l-informazzjoni lessikali-sintattika u l-użu tagħha fil-fażi tal-kodifikazzjoni grammatikali.

Tajjeb ngħidu li, minkejja li l-kelliema nattivi ta' lingwa li fiha l-ġens grammatikali jużaw kontinwament, fit-taħdit u l-kitba tagħhom, espressjonijiet u sentenzi li huma mmarkati għall-ġens grammatikali, dan ma jfissirx li s-semmiegħa jew il-qarrejja se jibbenefikaw bilfors minn din il-ħaġa. Jekk ngħidu aħna, xi ħadd jgħidilna "Ilbieraħ ilbist il-qmis l-abjad" jew "Marija jaf isajjar ħafna", minkejja li bħala kelliema tal-Malti dawn is-sentenzi nisimgħuhom jistonaw f'widnejna, jekk ma naħsbux ukoll li dak li qed jitkellem magħna jkun qed jipprova jgħaddina biż-żmien jew li mhuwiex f'sikktu għalkollox, fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda niftiehmu. Dan iseħħ għax dawk il-lingwi li għandhom sintassi relattivament fissa ma joħolqux theddida semantika serja jekk ma jkunux immarkati għall-inflessjoni tal-ġens. Fil-fatt, hawn lingwi li fihom ma teżistix is-sistema tal-ġens u bla dubju l-kelliema tagħhom jiftiehmu bla tbatija. U hawn niġu għal mistoqsija importanti. Jekk, kif qed ngħidu, f'dawn l-ilsna li m'għandhomx is-sistema tal-ġens il-kelliema jikkomunikaw bla tbatija bejniethom, għaliex kelliema oħra ta' lingwi li fihom din is-sistema tal-ġens grammatikali ma jistgħux jinjorawha wkoll?

Van Berkum jgħid li dan mhuwiex possibbli.[7] Huwa jemmen li ladarba l-kelliema nattivi jipproduċu sistematikament il-ġens fil-lingwa tagħhom, dan ifisser li huma kapaċi jipproċessawh waqt il-fażi tal-komprensjoni xejn

xejn biex jakkwistaw is-sistema tal-ġens korretta għall-fażi tal-produzzjoni li tiġi wara. Għalihom, il-ġens donnu jrid jidħol b'xi mod f'dan il-proċess. Huwa ma jaqbilx li l-kelliema nattivi jakkwistaw il-ġens grammatikali fil-lingwa tagħhom b'kumbinazzjoni, jiġifieri billi jippruvaw jipproduċu dak li jkunu semgħu. Raġuni oħra li jagħti Van Berkum biex isaħħaħ it-teżi tiegħu, li l-kelliema ta' lingwa li fiha l-ġens ma jistgħux jaqbdu u jinjorawh, hija li dawn il-kelliema nattivi jistgħu jipperċepixxu żball fil-ġens anke jekk ma jimmonitorjawx konxjament l-*input* għal dan it-tip ta' żbalji, u dan ifisser li l-ġens huwa pproċessat waqt il-fażi tal-komprensjoni. B'mod awtomatiku l-ġens jista' jikkostrinġi l-interpretazzjoni li s-semmiegħ jagħti tas-sentenza, kif jidher fil-ġens tal-aġġettiv *ġdid/ġdida* fl-eżempji t'hawn taħt. Dawn l-eżempji juru wkoll kif il-ġens grammatikali jintuża fil-fażi tad-dekodifikazzjoni grammatikali:

(1) Toni kisser il-mejda tat-televixin.
(2) Toni kisser il-mejda tat-televixin il-ġdid.
(3) Toni kisser il-mejda tat-televixin il-ġdida.

F'sentenza (1) għandna stqarrija sempliċi, jiġifieri li Toni kisser (x'aktarx l-unika) mejda li kellu tat-televixin. Fin-numru (2) il-forma maskili tal-aġġettiv qed tikkwalifika n-nom maskili *televixin* u saħansitra tista' tagħtina x'nifhmu li Toni għandu, jew kellu, aktar minn televixin wieħed. Fin-numru (3) l-forma femminili tal-aġġettiv qiegħda tikkwalifika n-nom femminili *mejda*, filwaqt li tista' tagħtina x'nifhmu li Toni għandu jew kellu aktar minn mejda waħda tat-televixin.

Skont Van Berkum, għadna ma nafux jekk il-kelliema jiksbux il-ġens tan-nom billi jġibuh direttament mil-lessiku mentali jew jekk jikkomponuhx bl-għajnuna ta' tagħrif ieħor li jiksbu dwar in-nom. Barra minn hekk, ftit li xejn għadna nafu dwar il-mekkaniżmu tal-proċess tal-kisba tal-ġens. Huwa minnu li l-ġens ta' nomi oħra fil-kuntest lessikali jista' jaffettwa l-għażla tal-ġens it-tajjeb u l-ħeffa ta' kemm il-kelliem idum biex jikseb il-ġens tan-nom? U jekk il-kelliem ikun għadu kemm uża l-ġens ta' nom partikolari, isibha eħfef biex jerġa' jużа l-ġens ta' dak in-nom?

Skont wieħed mill-mudelli tal-produzzjoni tal-lingwa, dak propost minn Levelt, in-nomi kollha tal-istess ġens grammatikali jingħaqdu flimkien fi speċi ta' ingropp[8] ta' ġens grammatikali wieħed. Dan ifisser li l-ġens tan-nomi ma jkunx speċifikat b'mod separat għal kull nom fl-entrati lessikali korrispondenti iżda jeżisti punt wieħed astratt fil-moħħ għal kull ġens grammatikali partikolari.

Caramazza ppropona mudell ieħor imsejjaħ il-Mudell tan-Netwerk Indipendenti (*The Independent Network Model* – [*IN - model*]).[9] Il-mudell ta' Caramazza jsostni li biex ikun hemm attivazzjoni ta' xi proprjetajiet sintattiċi tal-kliem, (fosthom il-ġens grammatikali), l-attivazzjoni tal-forma fonoloġika tal-kelma hija meħtieġa u, għaldaqstant, il-livell tal-lemma mhuwiex kruċjali f'dan il-proċess. Għalhekk, skont Caramazza, l-informazzjoni dwar il-ġens tista' tinkiseb mill-forma fonoloġika tal-kelma anke għall-produzzjoni ta' nomi weħidhom. Fil-psikolingwistika "lemma" għandha t-tifsira ta' forma kunċettwali astratta li tkun intgħażlet mentalment biex tiġi mlissna (*utterance*) fil-fażijiet bikrija tal-produzzjoni tat-taħdit qabel ma tkun assoċjata ma' xi informazzjoni marbuta mal-ħsejjes, jiġifieri qabel ma titlissen il-kelma. Dan ifisser li f'dan il-kuntest, il-lemma tkun tinkludi biss tagħrif maħżun fil-moħħ marbut mat-tifsira u mar-relazzjoni sintattika tal-kelma ma' kliem ieħor fis-sentenza iżda ma tinkludix informazzjoni dwar il-pronunzja tal-kelma. Għaldaqstant, il-lemma titqies bħala dak il-livell intermedjarju bejn il-livell semantiku u l-livell fonoloġiku.

Punt ieħor li jirrigwarda l-ġens *vis-à-vis* il-produzzjoni tal-lingwa huwa jekk il-ġens tan-nom huwiex proprjetà kunċettwali jew grammatikali. Din l-informazzjoni dwar in-nom tista' tgħin lill-kelliem fil-produzzjoni tal-lingwa tiegħu minħabba li fil-proċess sintattiku huwa jkun irid ifassal qbil bejn in-nom u kliem ieħor fis-sentenza, bħal aġġettivi, pronomi, partiċipji u oħrajn. Dan jiġri kemm jekk il-ġens tan-nom ikun ibbażat fuq is-sess tar-referent, kif ukoll jekk le. Corbett (1991) jgħid li, skont il-klassifikazzjonijiet tipoloġiċi, il-lingwi tad-dinja x'aktarx jirrappreżentaw il-ġens fil-forma lingwistika jew (i) bħala proprjetà kunċettwali pereżempju, *missier* (maskili) – *omm* (femminili), *ziju* (maskili) – *zija* (femminili), minħabba s-sess tar-referent, jew inkella (ii) bħala proprjetà grammatikali (formali, ngħidu aħna tarf in-nom), mingħajr l-ebda relazzjoni mas-sess tar-referent, pereżempju *persunaġġ* (maskili), *vittma* (femminili), *persuna* (femminili).

## Il-klassifikazzjoni nominali

Skont il-Konjittiviżmu , il-bniedem ta' spiss jorganizza t-tagħrif li jikseb permezz ta' strutturi interni mentali. Għaldaqstant l-istrutturi kategoriċi fil-lingwa jistgħu jitqiesu wkoll bħala prodott ta' din l-organizzazzjoni u bl-istess argument dawn l-istrutturi għandna nsibuhom ukoll fil-każ tal-klassifikazzjoni nominali. Kważi

l-lingwi kollha għandhom xi mekkaniżmu grammatikali biex jikkategorizzaw lingwistikament in-nomi fihom.

L-istudju tal-klassifikazzjoni tan-nomi huwa partikolarment ta' interess għal-lingwisti u għall-antropoloġi minħabba li, jekk nifhmu r-raġunament ta' kif niġbru n-nomi fi gruppi partikolari, inkunu qegħdin nifhmu aktar il-mod ta' kif naħsbu u nirraġunaw aħna l-bnedmin fil-kuntesti kulturali tagħna. Fil-fatt, ħafna jemmnu li taħt din il-klassifikazzjoni lingwistika hemm moħbija sistema ta' klassifikazzjoni konjittiva u kulturali.

Normalment, il-klassifikazzjoni nominali tiġbor fiha tliet tipi ta' klassifikazzjoni li kollha, b'xi mod jew ieħor, jikkategorizzaw in-nomi f'termini ta' parametri relevanti ta' kif inħarsu lejn id-dinja kif ukoll ta' kif inħarsu lejn il-proprjetajiet tal-entitajiet infushom. Dawn il-klassifikazzjonijiet insibuhom f'forom differenti. Hekk, ngħidu aħna, f'xi lingwi nsibu kategoriji u klassijiet li jaħdmu permezz tal-qbil grammatikali u li huma bbażati fuq karatteristiċi semantiċi bħas-sess u l-animità jew in-nuqqas ta' animità.

Skont Dixon,[10] il-klassifikazzjonijiet jew sistemi nominali huma: (i) il-klassifikaturi (ii) il-klassijiet nominali u (iii) il-ġens grammatikali. Irridu ngħidu li mhux bilfors li l-lingwi kollha li jikklassifikaw in-nomi jadottaw sistema waħda biss minn dawn li semmejna. Fil-fatt, xi lingwi mitkellma fl-Amażonja għandhom sistemi mħallta li fihom insibu kemm il-klassifikaturi kif ukoll il-klassijiet nominali.[11] L-użu tat-terminoloġija f'dan is-suġġett xi drabi huwa konfuż u bosta studjużi ma jaqblux bejniethom, l-aktar dwar id-distinzjoni jew in-nuqqas ta' distinzjoni bejn l-użu tat-termini "ġens grammatikali" u "klassijiet nominali". Hemm ukoll lingwisti bħal Aikhenvald[12] li jużaw it-terminu "klassifikaturi" bħala terminu ġenerali li jiġbor fih numru kbir ta' mekkaniżmi lingwistiċi li jikkategorizzaw in-nomi.

## Il-klassifikaturi

Xi lingwi bħaċ-Ċiniż (Mandarin), il-Ġappuniż, il-Burmiż u xi lingwi Ażjatiċi tax-Xlokk u tal-Lvant jużaw is-sistema tal-klassifikaturi. F'din is-sistema jrid jintuża klassifikatur u jitpoġġa quddiem in-nom. Tipikament in-numru ta' klassifikaturi fil-lingwi li għandhom din is-sistema jkun x'aktarx kbir. Hekk, ngħidu aħna, huwa normali li lingwa jkollha mal-mitt klassifikatur u kien irrappurtat ukoll każ fejn lingwa, iz-Tzeltal, kellha mal-400 klassifikatur.[13] Dawn il-klassifikaturi jistgħu jitqiesu bħala lessemi separati jew morfemi

liberi li huma assoċjati, sa ċertu punt, mal-proprjetajiet tan-nom iżda mhux b'mod morfoloġiku u qatt ma jkun hemm qbil grammatikali mal-verb u elementi oħra tas-sentenza. Il-klassifikaturi tan-nom jikkaratterizzaw in-nom u jokkorru flimkien miegħu fil-frażi nominali, jiġifieri l-preżenza tagħhom fil-frażi nominali hija mmirata sewwasew lejn in-nom biss u għalhekk hija indipendenti minn kostitwenti oħra fil-frażi nominali jew 'il barra minnha. Dan li ġej huwa eżempju ta' klassifikatur meħud mill-Malaj:

(4) *dua ekor tikus*
tnejn [denb] ġurdien
"żewġ ġrieden"

F'dan l-eżempju, meħud minn Trask,[14] il-kelma *ekor* (denb) qed isservi ta' klassifikatur quddiem in-nom *tikus* (ġurdien). Fil-fatt, f'din il-lingwa, dan il-klassifikatur jintuża mal-ismijiet kollha tal-annimali (mhux umani). Xi drabi wkoll f'dawn is-sistemi l-frażi li jidher fiha l-klassifikatur tkun immarkata permezz ta' numru. F'dawn is-sistemi, nom mhux bilfors ikun ikklassifikat. Min-naħa l-oħra, xi nomi jistgħu jappartjenu għal aktar minn sett wieħed ta' klassifikaturi biex toħroġ aħjar it-tifsira tagħhom.

## Il-klassijiet nominali

Meta l-lingwisti Ewropej bħal Bleek (1862-9: 148-9) u Meinhof (1899; 1906)[15] bdew jistudjaw il-lingwi Afrikani, bħall-Bantù u l-lingwi Sudaniżi, skoprew sistemi li kienu jixbhu lis-sistemi tal-ġens kif nafuhom aħna, bid-differenza li, minflok żewġ jew tliet kategoriji ta' ġens differenti, dawn il-lingwi kien fihom ħafna iżjed, ngħidu aħna, bejn għaxra u għoxrin tip. Għaldaqstant, huma bdew jirreferu għal dawn is-sistemi bħala *klassijiet* u kull klassi ngħatalha numru partikolari. Dan il-metodu tal-għoti tan-numri kien konvenjenti ħafna meta wieħed kien jagħmel xogħol komparattiv minħabba li forom simili f'lingwi differenti seta' jingħatalhom l-istess numru. Minħabba f'hekk, ċerti lingwi Bantù jista' jkollhom xi klassijiet neqsin li madankollu jkunu preżenti f'xi lingwi oħra.

Ħafna drabi d-distinzjonijiet bejn klassi u oħra lanqas jinkludu distinzjoni bejn nomi maskili u femminili, u kien għalhekk li l-istudjużi għażlu li meta jiddeskrivu dawn il-lingwi ma jużawx it-terminu "ġens grammatikali" iżda jiddeskrivu dawn is-sistemi bħala "klassijiet nominali".

Mill-aspett semantiku dawn il-klassijiet nominali nistgħu ngħidu li jikkategorizzaw in-nomi mill-*punto di vista* ta' kif il-kelliema tagħhom iħarsu lejn id-dinja. Xi drabi anke l-aktar klassifikazzjonijiet arbitrarji jistgħu jkunu spjegati b'mod razzjonali. Fil-fatt, fl-istudju tiegħu dwar il-klassijiet nominali fid-Dirbal,[16] Dixon jitkellem fuq l-importanza li għandhom klassijiet bażiċi (ngħidu aħna dawk assoċjati man-nisa, in-nar u affarijiet perikolużi) kif ukoll fuq il-prinċipji speċjalizzati li jpoġġu nom fi klassi partikolari. Dawn il-prinċipji x'aktarx li għandhom x'jaqsmu mat-twemmin u l-miti u ma' proprjetajiet oħra importanti tal-oġġett li jkun. Għaldaqstant f'lingwi bħad-Dirbal, minbarra li wieħed jifhem l-aspetti strutturali tas-sentenza nominali, huwa meħtieġ li jkollu ħjiel tal-kultura ta' dik is-soċjetà. Ngħidu aħna, f'din il-kultura l-qamar u x-xemx huma meqjusa bħala r-raġel u l-mara. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li bosta kelliema żgħażagħ tad-Dirbal, li mhumiex daqstant midħla tat-twemmin tradizzjonali, tilfu r-regoli li jgħinuhom jikklassifikaw entità bħala membru ta' klassi partikolari bbażata fuq twemmin mitoloġiku.[17]

Skont Craig[18] il-klassifikazzjoni tan-nomi ssir skont l-interazzjonijiet fiżiċi, soċjali u funzjonali tal-bniedem mal-oġġetti fl-ambjent ta' madwaru u jidher li hemm ġerarkija li fil-quċċata tagħha hemm fatturi bħal kemm dawn l-oġġetti għandhom kwalitajiet umani u animati. Fatturi oħra bħall-forma, l-użu u l-konsistenza ta' dawn l-oġġetti għandhom post aktar 'l isfel f'din il-ġerarkija.

Minbarra dan il-fattur semantiku fis-sistema tal-klassijiet nominali, dawn il-klassijiet irid ikollhom xi element ieħor fis-sentenza li jrid jaqbel grammatikalment man-nom. Dan il-qbil jista' jsir ma' kliem ieħor kemm fil-frażi nominali, bħal aġġettivi, numri, dimostrattivi, artikli, eċċ. u/jew mal-predikat tal-klassi jew ma' avverbju. Għaldaqstant, il-klassijiet nominali huma deskritti b'mod sintattiku u jikkostitwixxu sistema grammatikali obbligatorja. Fil-fatt dawn il-klassijiet nominali normalment ikunu definiti skont il-prefiss tal-klassi li jinhemeż maz-zokk nominali (l-immarkar formali tan-nom) u skont ir-rabta bejn sett ta' nomi u sett ta' markaturi li jikkorrispondu magħhom u li jidhru f'elementi oħra tas-sentenza. Madankollu, f'xi lingwi li fihom insibu s-sistema tal-klassijiet nominali, xi drabi mhux il-klassijiet kollha jkunu mmarkati bil-prefiss tal-klassi.

## Il-ġens grammatikali

Fost l-aktar definizzjonijiet tal-ġens grammatikali li jissemmew fl-istudji lingwistiċi nsibu dik ta' Hockett: "*Genders are classes of nouns reflected in the*

*behaviour of associated words*"[19] u d-definizzjoni ta' Matthews "… *a system in which the class to which a noun is assigned is reflected in the forms that are taken by other elements syntactically related to it*".[20]

Hemm uħud, bħal Baron, Fodor u Key, li jiddefinixxu l-ġens grammatikali bħala forma lingwistika bla tifsira u li hija nieqsa mill-kontenut.[21] Aronoff josserva li l-ġens grammatikali fil-fatt jidher mhux fil-kelma nnifisha li ġġorr b'mod inerenti l-marka tal-ġens iżda aktar fil-lessemi li jirċievu din il-marka permezz tas-sintassi.[22] Għalhekk, għalkemm, ngħidu aħna, f'xi lingwa partikolari jista' jkun hemm tliet kategoriji tal-ġens, mhux dejjem ikun possibbli tinduna x'inhu l-ġens ta' nom partikolari jekk tikkunsidra lilu biss. Illum nistgħu ngħidu li hemm qbil li l-ġens huwa fenomenu morfosintattiku minħabba li l-kriterju determinanti tiegħu huwa l-qbil grammatikali/sintattiku b'riflessi morfoloġiċi.

Din l-importanza tal-qbil grammatikali titqies bħala ewlenija fid-definizzjoni tal-ġens grammatikali u tal-klassijiet nominali u normalment titqies bħala l-punt tat-tluq għall-klassifikazzjoni nominali. Hekk, ngħidu aħna, Jespersen jiddefinixxi t-terminu "ġens" bħala fenomenu sintattiku fejn forom differenti ta' aġġettivi u pronomi huma meħtieġa ma' tipi ta' ġens differenti.[23] Għalih il-ġens huwa diviżjoni ta' klassi grammatikali li tixbah id-distinzjoni fil-lingwi Arjani bejn il-maskil, il-femminil u n-newtru, kemm jekk din id-distinzjoni tkun ibbażata fuq diviżjoni naturali f'żewġ sessi, kemm jekk bejn kriterji animati u ta' xorta oħra. Anderson jiddefinixxi l-ġens bħala kategorija li tagħżel il-lessiku ta' lingwa f'numru ta' klassijiet differenti minħabba l-proċess ta' qbil (konkordanza).[24] Skont Corbett , minkejja li n-nomi jistgħu jkunu kklassifikati b'bosta modi, tip wieħed biss ta' klassifikazzjoni jista' jitqies bħala sistema ta' ġens grammatikali u dan huwa meta din is-sistema tkun riflessa lil hinn min-nomi nfushom fuq "kliem assoċjat magħhom" bħall-artiklu definit u indefinit, aġġettivi, dimostrattivi, numerali, possessivi, il-forma inflessiva tal-verb, pronomi relattivi, pronomi personali, avverbji, eċċ.[25] Skont Corbett, meta ngħidu li lingwa, pereżempju, għandha tliet kategoriji tal-ġens, inkunu qegħdin nimplikaw li fiha hemm tliet gruppi ta' nomi li jistgħu jkunu distinti sintattikament permezz tal-qbil grammatikali li jieħdu. Din id-distinzjoni hija bbażata fuq il-fatt li l-għażla ta' nom li jappartjeni għal tip ta' ġens partikolari tiddetermina l-għażla minn fost grupp ta' kliem jew ta' forom oħra grammatikali differenti, bħal, ngħidu aħna, l-artiklu, id-dimostrattivi, l-aġġettivi, il-pronomi, eċċ. li jridu jintrabtu grammatikalment man-nom jew man-nomi fil-kuntest.

Għaldaqstant, is-sistema tal-ġens nominali tista' titqies bħala sistema li ħafna drabi tinvolvi fiha t-tlaqqigħ flimkien ta' żewġ aspetti bażiċi. L-ewwel

aspett huwa l-klassifikazzjoni attwali tan-nomi li jappartjenu għal kategorija speċifika u t-tieni aspett huwa l-qbil grammatikali li jidher f'dawk il-kelmiet assoċjati man-nom kontrollatur li jistgħu jkunu ta' kategoriji grammatikali differenti. Dawn iż-żewġ aspetti nistgħu nqisuhom li qegħdin f'relazzjoni bejniethom fejn wieħed jinfluwenza lill-ieħor minħabba li ħafna drabi l-qbil kuntestwali jiddefinixxi lill-ġens filwaqt li l-qbil huwa ddeterminat mill-ġens kif jidher f'dan l-eżempju:

(5) Kilt**ha** koll**ha** **dik** iċ-<u>ċikkulata</u> t-**tajba** li xtrajtlek?

F'dan l-eżempju naraw li s-suffiss pronominali mal-verb u mal-avverbju, il-pronom dimostrattiv u l-aġġettiv, qed jimmarkaw il-ġens. Dawn l-"elementi mira" qegħdin jindikaw li n-nom "ċikkulata" huwa ta' ġens femminili. Fl-istess waqt, il-fatt li n-nom "ċikkulata" (il- "kontrollatur" – għax huwa n-nom li qiegħed irieġi l-qbil) huwa ta' ġens femminili, qed jiddetermina l-forma femminili tal-aġġettiv u tal-pronom dimostrattiv u s-suffiss pronominali femminili *-ha* mal-forma inflessa tal-verb u mal-avverbju.

Mela nistgħu ngħidu li l-ġens grammatikali jista' jitqies bħala fenomenu sintattiku iżda wkoll morfoloġiku minħabba li l-qbil grammatikali huwa mmarkat permezz ta' mekkaniżmu inflessjonali l-aktar permezz ta' suffissi, prefissi, taħlita tat-tnejn u f'xi każi forsi mhux daqstant komuni, permezz ta' infissi. Fi kliem ieħor, il-ġens grammatikali huwa fenomenu sintattiku fejn il-klassi jew il-kategorija tal-kontrollatur hija riflessa fuq elementi mira marbutin miegħu. Is-sett sħiħ ta' forom morfosintattiċi li jintużaw biex jimmarkaw ġens partikolari f'lingwa xi drabi jissejjaħ "il-paradigma tal-ġens" iżda xi drabi dan it-terminu jintuża wkoll biex jirreferi għas-sistema sħiħa tal-forom li jimmarkaw il-ġens.

Is-sistema ta' tliet kategoriji ta' ġens grammatikali nistgħu nqisuha tipika u tinstab f'ħafna mill-ilsna Indo-Ewropej, bħall-Ġermaniż, is-Serbo-Kroat u l-Iżlandiż, u fl-ilsna Kawkasji tal-Majjistral. F'ilsna Indo-Ewropej oħra, bħall-Olandiż,[26] il-Franċiż u t-Taljan, din is-sistema kienet ridotta b'modi differenti għal żewġ kategoriji. Sistema oħra mifruxa tal-ġens grammatikali hija dik li nsibu f'ħafna ilsna Afro-Ażjatiċi,[27] fosthom il-Malti, li tħaddan fiha wkoll żewġ kategoriji tal-ġens, il-maskil u l-femminil. Min-naħa l-oħra jeżistu familji ta' ilsna li fihom ma nsibux din is-sistema, fosthom l-ilsna Uraliċi[28] u ħafna mill-ilsna Ażjatiċi u Amerikani.

Ma nistgħux neħduha bħala regola li fejn hemm tliet kategoriji tal-ġens ikunu bilfors dawk tal-maskil, tal-femminil u tal-ġens newtru. Fil-fatt insibu

possibiltajiet differenti. Pereżempju f'xi djaletti Skandinavi, bħad-Daniż modern, insibu sistemi tal-ġens li ma jiddistingwux bejn il-maskil u l-femminil. Fihom insibu l-ġens komuni, li jinkludi fih il-maskil u l-femminil, u l-ġens newtru. Wieħed irid joqgħod attent meta juża t-terminu "ġens komuni" minħabba li mhux dejjem jintuża bl-istess tifsira. Hekk, ngħidu aħna, fl-Ingliż meta nużaw "ġens komuni" nkunu nfissru l-ġens ta' dawk in-nomi li jkun japplika għaż-żewġ sessi bħal ngħidu aħna, *teacher*, *spouse*, *parent*, u *mouse*.

Is-sistema tal-ġens mhijiex statika. Ladarba l-lingwi jiżviluppaw kontinwament minħabba diversi raġunijiet, is-sistema tal-ġens fihom tista' tinbidel ukoll, billi, ngħidu aħna, tespandi u tinħoloq kategorija ta' ġens ġdid. Min-naħa l-oħra lingwa tista' wkoll titlef kategorija tal-ġens, pereżempju, minħabba bidla fis-sistema fonetika tagħha. L-ilsna Rumanzi bħat-Taljan u l-Franċiż tilfu kategorija mit-tlieta li kellhom. Il-Persjan modern saħansitra tilef għalkollox is-sistema oriġinali Indo-Ewropea tal-ġens, filwaqt li fl-Ingliż fadal biss traċċi tas-sistema oriġinali u llum il-ġens grammatikali huwa rifless biss fil-pronomi.

Id-distribuzzjoni tan-nomi fil-kategoriji tal-ġens tista' tinbidel ukoll, u nom li jkollu ġens partikolari maż-żmien jista' jitilfu u jakkwista ġens ieħor. Minħabba f'hekk, kategorija partikolari tista' tikber jew tiċkien minħabba li żżid nomi ġodda fiha jew titlef in-nomi li ma jibqgħux aktar fl-użu jew jibdlu l-ġens tagħhom. Hekk ngħidu aħna, in-nomi *sema* u *ordni* (fis-sens ta' tqegħida wara xulxin tal-kliem, eċċ.) li bosta dizzjunarji u kotba tal-grammatika jqisuhom bħala nomi maskili, fil-Malti kontemporanju ta' spiss jitqiesu bħala nomi femminili filwaqt li n-nom femminili *reliġjon* Farrugia sab li minn kampjun ta' 420 informant, 20% minnhom, l-aktar informanti nisa, qisuh bħala nom maskili.[29]

Waqt li f'xi lingwi li fihom is-sistema tal-ġens, ħafna drabi nindunaw għal liema kategorija jappartjeni ġens partikolari mill-forma jew mit-tifsira tiegħu, f'lingwi oħra dan ma nistgħux nagħmluh minħabba li s-sistema tal-għoti tal-ġens tidher anqas sistematika jew, kif iqisuha xi wħud, hija arbitrarja minħabba li mhux in-nomi kollha jidħlu f'xi kategorija jew oħra b'mod ċar u fihom insibu bosta każi li jkunu ttimbrati bħala "eċċezzjonijiet". F'xi lingwi, fil-fatt, il-ġens naturali (bijoloġiku) ma jitqiesx bħala kriterju importanti fl-għoti tal-ġens. Dan kollu jista' jagħti l-impressjoni li din is-sistema hija arbitrarja għalkollox. Ir-relazzjoni bejn il-bażi semantika (naturali) u l-fatturi morfoloġiċi u sintattiċi tvarja ħafna minn lingwa għal oħra u f'xi wħud tidher bħala relazzjoni arbitrarja, mentri f'oħrajn tidher qawwija ħafna.

Madanakollu, illum it-tendenza ġenerali hija li ma nħarsux aktar lejn il-ġens bħala kategorija kaotika u enimmatika[30] iżda bħala ordni kumplessa ddeterminata mill-interazzjoni ta' fatturi soċjali, semjotiċi u konjittivi. Madankollu, xorta waħda nsibu każi ta' nomi li donnhom ma jimxux mar-regoli tal-għoti tal-ġens stabbiliti f'lingwa partikolari, bħal, pereżempju, nomi li jitolbu magħhom qbil differenti għall-ġens meta minn singular isiru plural.[31] Xi nomi oħra, għalkemm forsi anqas milli naħsbu, sinkronikament jidhru bħala eċċezzjonijiet, jiġifieri ma tistax tbassar il-ġens tagħhom jekk timxi fuq il-kriterji normali tal-għoti tal-ġens fil-lingwa li tkun. B'eżempju ta' dan nistgħu nsemmu fil-Malti n-nomi *triq*, *id*, *żaqq*, *xemx*, *qmis*, *bajrow*, *bedspred*, *xarabank* li, minkejja li jispiċċaw b'tarf konsonantali (li fil-Malti huwa assoċjat mal-maskil), huma nomi femminili, u n-nomi *ilma, għana, għata, sewwa, ħama, ħara* li għalkemm jispiċċaw b'tarf femminili huma nomi maskili.

## Il-ġens mikxuf u l-ġens mistur

Teoretikament, jeżistu żewġ tipi estremi ta' sistemi tal-ġens, waħda bbażata biss fuq aspetti semantiċi tan-nom u li ma tinkludix regoli assoċjati mal-forma morfofonoloġika tan-nom, u l-oħra timmarka l-ġens direttament fuq bażi ta' fatturi fonoloġiċi u morfoloġiċi bi ftit li xejn konnessjonijiet semantiċi. Lingwi li għandhom sistema fejn il-ġens grammatikali huwa evidenti mill-forma tan-nom nirreferu għalihom bħala lingwi li għandhom sistema ta' ġens mikxuf (*overt gender*). Lingwa li jkollha ġens mikxuf per eċċellenza jkollha markatur wieħed għal kull tip ta' ġens, ngħidu aħna, in-nomi fil-maskil jispiċċaw kollha bil-vokali "u" u n-nomi fil-femminil jispiċċaw dejjem bil-vokali "a" u dan ikun japplika wkoll anke f'każi fejn il-ġens jista' jkun imbassar minn kriterji semantiċi. Fil-lingwi li jkollhom sistema ta' ġens mikxuf, il-ġens tan-nom mhux biss ikun jidher fl-elementi mira li jaqblu miegħu iżda jkun jidher ukoll fil-forma tan-nom innifsu. Lingwa li fiha doża qawwija ta' ġens mikxuf hija s-Swaħili.[32]

Lingwi oħra fejn il-ġens mhuwiex ibbażat fuq il-forma tan-nom jew – fi kliem ieħor – il-forma tan-nom ma tagħtiniex ħjiel dwar il-klassi nominali jew il-kategorija tal-ġens, ngħidu li għandhom sistema ta' ġens mistur (*covert gender*). F'dawn il-lingwi l-ġens ikun immarkat fuq l-elementi mira iżda ma jkunx jidher fin-nom innifsu. X'aktarx li aktar ma lingwa tapplika kriterji semantiċi fil-proċess tal-għoti tal-ġens, akbar tkun il-possibiltà li dik il-lingwa jkollha sistema ta' ġens mistur.

Fost il-lingwi li fihom is-sistema tal-ġens hija anqas mikxufa, nistgħu nsemmu l-Franċiż. Fil-Franċiż insibu regoli li jiddeterminaw l-għoti ta' ġens jew ieħor mill-forma tan-nom, iżda dawn ir-regoli jitqiesu bħala pjuttost ikkumplikati. Lingwa bħall-Ingliż hija kkunsidrata bħala lingwa li aktar toqrob lejn sistema ta' ġens mistur. F'din il-lingwa fejn l-għoti tal-ġens huwa bbażat fuq kriterji semantiċi, ftit li xejn insibu ħjiel formali fin-nomi li jista' jindika l-għoti ta' ġens jew ieħor.

M'għandniex xi ngħidu, huwa rari ħafna li jkollna lingwi li fihom sistema ta' ġens mikxuf għalkollox jew ta' ġens mistur għalkollox. Dawn jistgħu jitqiesu bħala ż-żewġ estremitajiet ta' kontinwu. Jeżistu gradi differenti bejn iż-żewġ estremi bħal, ngħidu aħna, meta lingwa jkollha gruppi partikolari biss ta' nomi li jkunu mmarkati għall-ġens, bħalma jiġri fil-Malti.

## L-aspett semantiku u l-aspett formali tan-nom

L-għoti ta' ġens partikolari lin-nomi x'aktarx jiddependi fuq żewġ tipi differenti ta' informazzjoni dwar in-nom – l-aspett semantiku u l-aspett formali tiegħu. Dan tal-aħħar naqsmuh f'żewġ tipi – l-aspett morfoloġiku u l-aspett fonoloġiku tan-nom. Irridu ngħidu li bosta drabi dawn il-fatturi ma jinfluwenzawx il-proċess tal-għoti tal-ġens b'mod individwali, daqslikieku kienu separati minn xulxin iżda jikkombinaw flimkien f'dan il-proċess. M'għandniex naħsbu li n-nomi kollha se jaqgħu f'xi kategorija jew oħra b'mod awtomatiku u bla diffikultà ta' xejn. Anzi rridu nagħmluha ċara li l-eċċezzjonijiet jeżistu u, xi drabi, ir-raġuni li għaliha nom jiġi kklassifikat f'kategorija partikolari ma tkunx dejjem ċara. Madankollu rridu niftakru li, anke meta jkun hemm l-eċċezzjonijiet, ir-regoli li jikklassifikaw numru kbir ta' nomi f'kategorija partikolari għandhom dejjem ċertu valur teoretiku minbarra dak prattiku.

L-aspett semantiku fil-klassifikazzjoni tan-nomi huwa importanti ħafna. Skont Corbett u Aikhenvald is-sistemi kollha tal-ġens huma semantiċi, fis-sens li fihom dejjem insibu dak il-komponent semantiku fis-sistema tal-għoti tal-ġens. F'xi lingwi, dan il-fattur waħdu huwa biżżejjed biex nom jingħata ġens partikolari.[33] M'għandniex xi ngħidu, hemm sistemi fejn dan il-fattur huwa qawwi ħafna u sistemi oħrajn fejn dan il-fattur huwa anqas qawwi. Fis-sistemi fejn dan il-fattur huwa b'saħħtu ħafna, it-tifsira tan-nom tiddetermina l-ġens tiegħu u, min-naħa l-oħra, il-ġens tan-nom jista' jagħtina informazzjoni dwar it-tifsira tiegħu. Sistemi bħal dawn xi drabi nirreferu għalihom ukoll bħala "sistemi tal-ġens naturali".

Il-prinċipji semantiċi li huma applikati f'bosta ilsna biex jiddistingwu ġens minn ieħor mhumiex ibbażati biss fuq id-distinzjoni ta' bejn sess u ieħor. Ħafna drabi dawn jiddependu fuq kif il-kulturi jħarsu lejn ir-rwoli partikolari assoċjati ma' sess jew ieħor. Dan il-fattur instab ukoll f'lessiku li jirreferi għal affarijiet inanimati iżda li jista' jkun assoċjat ma' karatteristiċi marbuta mas-sess maskili jew femminili.[34] Għaldaqstant il-kriterji li jinbnew fuqhom is-sistemi semantiċi tal-ġens jinkludu mhux biss dak li hu razzjonali, uman, raġel, mara, animat, inanimat, iżda wkoll kriterji li forsi lanqas biss jiġuna f'moħħna, ngħidu aħna l-kunċett ta' qies/daqs (kbir jew żgħir), jekk oġġett jittikilx jew le u oħrajn. Kriterju li jkollu importanza kbira biex jiddetermina ġens partikolari f'lingwa jista' jkun biss kriterju periferali f'sistema ta' lingwa oħra. F'ħafna każi ma jkunx fattur semantiku wieħed biss li jiddetermina l-ġens iżda jkun numru ta' fatturi semantiċi flimkien li jiffurmaw ordni ġerarkiku. Għalhekk jista' jkollna każi fejn żewġ kriterji differenti jikkontribwixxu għall-istess ġens.

Is-sistemi formali normalment naqsmuhom f'żewġ tipi, sistemi morfoloġiċi li jikkunsidraw l-istruttura tal-kelma, inkluż l-inflessjoni u d-derivazzjoni, u sistemi fonoloġiċi li jikkunsidraw l-istruttura tal-ħoss.[35] Dawn is-sistemi jistgħu jikkombinaw flimkien fi gradi differenti f'lingwi differenti. Għalkemm, kif rajna, jeżistu lingwi li jibbażaw is-sistema tal-ġens tagħhom fuq sistemi purament semantiċi (bħat-Tamil),[36] madankollu ma teżisti l-ebda lingwa naturali li tibni s-sistema tal-għoti tal-ġens tagħha fuq sistemi purament formali, jiġifieri sistemi fejn ma jkun hemm l-ebda korrelazzjoni bejn it-tifsira tan-nom u l-għoti tal-ġens li jingħata. Madankollu, f'xi lingwi l-kriterji semantiċi jista' ma jkollhomx importanza kbira minħabba li f'dan il-każ l-għoti tal-ġens ikun jiddependi aktar fuq kriterji formali.

X'aktarx li meta l-kriterji semantiċi "jfallu" milli jikklassifikaw in-nomi f'xi kategorija ta' ġens partikolari, ikunu l-kriterji morfoloġiċi li jagħmlu dan ix-xogħol. Ta' spiss ukoll, il-kriterji morfoloġiċi jitħalltu ma' kriterji semantiċi. Dan jiġri ta' spiss fil-morfoloġija derivattiva. Hekk, ngħidu aħna, fil-Malti n-nomi li jispiċċaw bit-tarf *-iż* huma maskili,[37] pereżempju, *Franċiż*, *Ingliż* u *Ċiniż*. Madankollu f'ċerti kuntesti nistgħu ngħidu wkoll li dawn in-nomi huma maskili għax jirreferu għal "raġel", pereżempju, *L-Ingliż u l-Franċiż iltaqgħu maċ-Ċiniż*. Dan juri li anke regoli formali tal-għoti tal-ġens jista' jkollhom doża ta' motivazzjoni semantika.

**U l-Malti?**

Il-Malti huwa lingwa li fiha l-ġens grammatikali huwa b'saħħtu ħafna, tant li kull nom irid jingħatalu ġens jew ieħor, maskil jew femminil.[38] Dan ifisser li kull nom missellef, anke jekk fl-ilsien oriġinali ma tkunx teżisti l-kategorija tal-ġens grammatikali, fil-Malti jrid jingħatalu bilfors ġens grammatikali fuq xi kriterju jew ieħor. Is-sistema tal-għoti tal-ġens fil-Malti nistgħu nqisuha bħala sistema mħallta minħabba li tuża numru ta' strateġiji li jikkompetu jew, nistgħu ngħidu wkoll, jikkooperaw bejniethom. Dawn l-istrateġiji jew regoli differenti joħolqu relazzjonijiet ġerarkiċi kemm fi ħdan is-sistema nnifisha (pereżempju, fis-sistema semantika) kif ukoll bejn sistema u oħra. Fil-Malti l-aktar kriterji importanti huma semantiċi u formali. B'mod ġenerali, in-nomi li jirreferu għas-sess maskili jieħdu l-ġens maskili u n-nomi li jirreferu għas-sess femminili jieħdu l-ġens femminili. In-nomi inanimati jingħataw il-ġens skont it-tarf tagħhom. F'din is-sistema l-kriterji semantiċi jieħdu preċedenza fuq il-kriterji formali. Corbett jgħid li b'mod ġenerali, meta l-kriterji semantiċi u l-kriterji formali jiġu f'konflitt, is-semantiċi jiddominaw fuq il-formali.[39] Madanakollu, il-kriterji formali fil-Malti huma wkoll qawwijin ħafna. Skont Farrugia (2010) fil-Malti hemm tassew relazzjoni qawwija ħafna bejn it-tarf tan-nom u l-ġens assoċjat miegħu. Fil-fatt, 93% tan-nomi minn kampjun ta' kważi 23,000 nom miġbura mid-dizzjunarju ta' Aquilina (1987-90) u (2006) nstab li jista' jingħatalhom il-ġens fuq bażi morfofonoloġika, jiġifieri skont it-tarf tagħhom (i.e. it-tarf *-a* u t-tarf *-i* bħala markaturi tal-femminil u t-tarf *-u* u t-tarf konsonantali bħala markaturi tal-maskil). Xi drabi l-kriterju etimoloġiku jidher ukoll li għandu ċerta importanza fl-għażla ta' ġens partikolari. Dan kollu jidher spjegat aħjar fit-tabella 2.

Fil-Malti r-regoli tal-għoti tal-ġens li japplikaw għal nomi li jirreferu għal oġġetti inanimati huma anqas b'saħħithom fil-każ tan-nomi li jirreferu għall-persuni. Jidher li f'dawn tal-aħħar l-aktar kriterju importanti fil-proċess tal-għoti tal-ġens huwa proprju kemm il-kelliema jassoċjaw b'mod sterjotipiku s-sess ta' membru tipiku ma' professjoni, kariga jew xogħol partikolari. Jekk jassoċjaw il-professjoni l-aktar ma' raġel, in-nom jingħatalu l-ġens maskili u jekk jassoċjaw il-professjoni l-aktar ma' mara, in-nom jingħatalu l-ġens femminili. Però ma nistgħux ngħidu li l-forma tan-nom hija injorata għalkollox f'dan il-proċess; li nistgħu ngħidu iżda huwa li żgur m'għandhiex dik il-qawwa li għandha fil-proċess tal-għoti tal-ġens lil nomi li magħhom il-kelliem ma jorbotx referenza kunċettwali bħalma huwa

| **Nom** | Kriterju 1 Animat +/- | Kriterju 2 Semantiku/Formali | Kriterju 3 Etimoloġiku | Ġens |
|---|---|---|---|---|
| Nom | animat | jekk jirreferi għal raġel | | M |
| | | jekk jirreferi għal mara | | F |
| | inanimat | jekk jispiċċa bit-tarf *-a* | | F |
| | | jekk jispiċċa bit-tarf *-e* | | F (3:4) M (1:4) |
| | | jekk jispiċċa bit-tarf *-i* | < Għarbi/Ingliż | M |
| | | | < Taljan/Sqalli | F |
| | | jekk jispiċċa bit-tarf *-o* | | M |
| | | jekk jispiċċa bit-tarf *-u* | | M |
| | | jekk jispiċċa b'tarf konsonantali | < Għarbi/Tal./Sq. | M |
| | | | < Ingliż | M (3:4) F (1:4) |

Tabella 2: Il-kriterji ġenerali differenti tal-għoti tal-ġens fil-Malti

s-sess tal-persuna. Huwa proprju minħabba f'hekk li nomi bħal *pulizija* u *pilota* jingħatalhom l-aktar il-ġens maskili minkejja li jispiċċaw bit-tarf tal-femminil *-a*, minħabba li fis-soċjetà Maltija x-xogħol, il-kariga jew il-professjoni marbuta magħhom hija tradizzjonalment assoċjata mal-irġiel. Aktar minn hekk, biex nirreferu għal membru tal-korp li hija mara, x'aktarx li nirreferu għaliha bħala *pulizija mara* jiġifieri, minkejja li n-nom jispiċċa bil-markatur tal-femminil ikollna xorta waħda nikkwalifikawh bil-kelma "mara". L-istess argument japplika għal nomi oħra li jispiċċaw b'tarf konsonantali, tarf li huwa marbut mal-ġens maskil. Hekk, ngħidu aħna, in-nom *ners*, maqtugħ mill-kuntest, x'aktarx li jitqies bħala nom femminili minħabba li f'pajjiżna (jew tal-anqas f'moħħ il-kelliem) din il-professjoni għadha marbuta l-aktar man-nisa.

**Konklużjoni**

Biex nikkonkludu dawn il-ftit osservazzjonijiet dwar il-kategorija tal-ġens grammatikali fi lsienna f'kuntest tipoloġiku u psikolingwistiku, kuntest li huwa usa' minn dak li s-soltu niltaqgħu miegħu fil-grammatiki tradizzjonali u preskrittivi, nistgħu ngħidu li l-Malti huwa lingwa li għandha sistema tal-ġens ibrida jiġifieri l-għoti tal-ġens jiddependi kemm fuq kriterji semantiċi kif ukoll formali. Dan jista' jfisser ukoll li jeżistu tal-anqas żewġ proċeduri differenti fil-proċess tal-għoti tal-ġens fil-Malti:

(i) jekk in-nom jirreferi għal entità li għandha sess bijoloġiku, il-fattur tal-ġens tan-nom ikun jiddependi fuq kemm il-kelliema jkunu jridu jitkellmu dwar entità femminili jew maskili; u

(ii) jekk in-nom ikun jirreferi għal oġġetti (inanimati) li għalihom il-ġens mhuwiex proprjetà semantika, il-ġens tan-nom ma jingħatax fuq il-bażi tal-intenzjoni tal-kelliema, iżda jew ikun maħżun fil-lessiku mentali bħala proprjetà integrali tal-lemma, jew inkella jkun maħdum fuq diversi fatturi assoċjati mal-kelma l-aktar, fatturi morfoloġiċi u fonoloġiċi.

*It-taħdita organizzatha l-Akkademja fit-28 ta' Marzu 2012.*

**Noti**

1 Greville G. Corbett, *Gender* (Cambridge: CUP, 1991) 1.

2 Leonard Bloomfield, *Language* (New York: Holt, Rinehart & Winston, 1933) 280.

3 Corbett 7.

4 George Farrugia, *Il-Ġens Grammatikali li Jieħdu fil-Malti n-Nomi ta' Nisel Ingliż* (Malta: Mireva Publications, 2003).

5 J. J. A. Van Berkum, *The psycholinguistics of grammatical gender* (Utrecht: Nijmegen University Press, 1996) 3.

6 *Tip ta' ġens grammatikali* hawn qed tintuża fis-sens li jużawha lingwisti bħal Comrie li ma jiddistingwux bejn il-ġens grammatikali u l-klassijiet nominali. Ara Bernard Comrie "Grammatical gender systems: A Linguist's Assessment", *Journal of Psycholinguistic Research*, 28(5) (1999) 457-466.

7 Van Berkum 10.

8 W.J.M. Levelt, *Speaking: From intention to articulation* (Cambridge, MA: MIT Press, 1989) isejħilhom *nodes*. Ara wkoll Levelt et al. (1999: 1-38).

9 Alfonso Caramazza, "How many levels of processing are there in lexical access?", *Cognitive Neuropsychology*, 14(1) (1997) 177-208.

10 R.M.W. Dixon, *Where Have all the Adjectives Gone? and Other Essays in Semantics and Syntax* (Berlin: Mouton publishers, 1982) u "Noun Classes and Noun Classification in Typological Perspective", f'C. G. Craig (1986a: 105-112). Ara wkoll Craig (1986b).

11 Desmond C. Derbyshire u Doris L. Payne "Noun classification systems of Amazonian Languages", f'Doris Payne (ed.), *Amazonian Linguistics* (Austin, Texas: University of Texas Press, 1990) 243-271.

12 Alexandra Y. Aikhenvald , *Classifiers – A Typology of Noun Categorization Devices* (Oxford: O.U.P., 2003) 1.

13 R. L. Trask, *A Dictionary of Grammatical Terms in Linguistics* (Londra: Routledge, 1993) 44.

14 Trask 44.

15 F'Corbett 44.

16 Id-Dirbal hija lingwa Awstraljana mitkellma fil-Grigal ta' Queensland fl-Awstralja u li hija kważi estinta għalkollox. Ara Dixon, *The Dyirbal Language of North Queensland* (Cambridge: CUP, 1972).

17 Corbett 17-18.

18 C. G. Craig, "Jacaltec Noun Classifiers: A Study in Language and Culture" (1986b) 6 f'C. G. Craig, *Noun Classes and Categorization*: *Proceedings of a Symposium on Categorization and Noun Classification, Eugene, Oregon, October 1983* (Amsterdam: John Benjamins B.V., 1986a) 263-294.

19 Charles F. Hockett, *A course in Modern Linguistics* (New York: Macmillan, 1958) 231.

20 P. H. Matthews, *The Concise Oxford Dictionary of Linguistics* (Oxford: OUP, 1997) 248.

21 Dennis Baron, *Grammar and gender* (New Haven: Yale University Press, 1986); Istvan Fodor, "The Origin of Grammatical Gender", (Part I), *Lingua*, 8(1) (1958) 1-41 u "The Origin of Grammatical Gender", (Part II), *Lingua*, 8(2) (1959) 186-214; M.R. Key, "Linguistic Behavior of Male and Female", *Linguistics*, 88 (1972) 15-31.

22 M. Aronoff, *Morphology by Itself* (Cambridge: MIT Press, 1994) 61.

23 Otto Jespersen, *The Philosophy of Grammar* (Londra: Allen & Unwin, 1924) 226.

24 Stephen R. Anderson, "Inflectional morphology", f'T. Shopen (ed.), *Language Typology and Syntactic Description, III: Grammatical Categories and the Lexicon* (Cambridge: CUP, 1985) 175.

25 Corbett 4.

26 Ara Van Berkum 22.

27 Xi drabi jintuża t-terminu Ħamito-Semitiċi bħala terminu sinonimu.

28 Din il-familja ta' ilsna hija magħmula minn madwar 30 lingwa mitkellma viċin il-Muntanji Ural. L-aktar lingwi Uraliċi magħrufa huma l-Estonjan, il-Finlandiż u l-Ungeriż.

29 Farrugia, *Il-Ġens Grammatikali fil-Malti,* teżi ppreżentata lill-Istitut tal-Lingwistika, fl-Università ta' Malta għall-grad ta' Dottorat fil-Filosofija (Ph.D.) fil-Lingwistika (2010).

30 Ara pereżempju, M. H. Ibrahim, *Grammatical Gender, its origin and development* (The Hague: Mouton, 1973) 11 u Corbett 1.

31 Pereżempju fil-Gunzib (lingwa Kawkasja tal-Grigal), in-nom li jirreferi għal tifel/tifla (*child*) jieħu l-qbil assoċjat mal-kategorija V tal-ġens meta jkun singular u l-qbil tal-kategorija I/II tal-ġens meta jkun fil-plural (Bokarev 1967b: 476 f'Corbett 170). Fir-Rumen, in-nom *palton* (kowt) huwa kkwalifikat b'aġġettivi maskili meta jkun singular u b'aġġettivi femminili meta jkun fil-plural i.e. *paltoane*. Ara Nicoleta Bateman u Maria Polinsky, "Romanian as a two-gender language", ktiba ppreżentata fil-laqgħa annwali tal-LSA, Albuquerque, Jannar 2005 (2006).

32 Corbett 62.

33 Corbett 8 u Aikhenvald 25.

34 David A. Zubin u Klaus-Michael Köpcke, "Gender and folk taxonomy: The indexical relation between grammatical and lexical categorization", fi Craig (1986a) 143.

35 Corbett 33.

36 Dan ma jfissirx li f'din il-lingwa ma jeżistux kriterji morfoloġiċi. Ifisser biss li l-kriterji semantiċi weħidhom huma biżżejjed biex jingħata ġens partikolari lin-nom.

37 Albert Borg u Marie Azzopardi-Alexander, *Maltese* (Londra: Routledge, 1997) 191.

38 Xi nomi jistgħu jingħataw kemm il-ġens maskili kif ukoll il-ġens femminili. Dawn, normalment nirreferu għalihom bħala nomi li għandhom ġens komuni jew doppju. Fabri jirreferi għal dawn in-nomi bħala nomi li mhumiex speċifikati għall-ġens (*underspecified*). Ara Ray Fabri "To agree or not to agree: suspension of formal agreement in Maltese", f'Ray Fabri (ed.), *Il-Lingwa Tagħna, Maltese Linguistics: A Snapshot In Memory of Joseph A. Cremona (1922-2003)* vol. 1 (Bochum: Brockmeyer, 2009) 35-61.

39 Corbett 52.

# Il-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem Rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?

Reno Fenech

L-għan ta' dan l-istudju huwa li nressaq ġabra ta' kliem ta' nisel Rumanz, l-iżjed verbi, li fil-Malti jistgħu jibdew bil-vokali 'i' u ssir diskussjoni jekk dik l-'i' għandhiex tinkiteb f'kull każ. F'xi wħud minn dawn il-verbi dik l-'i' hija tal-etimoloġija, mela skont ir-regola uffiċjali għandha tinkiteb dejjem u hemmhekk m'għandniex diffikultà. Imma hemm verbi oħrajn u anki ftit nomi li għandna dubju jekk l-'i' tal-bidu hijiex tabilħaqq etimoloġika nkella hix vokali tal-leħen.

Il-verbi miġbura se jkunu mqassmin skont l-etimoloġija għax hemm elementi interessanti li joħorġu minn dan it-tqassim. Wara kull verb se nagħti l-etimoloġija tiegħu biex tinħareġ stampa tal-iżvilupp. Għall-ġabra u l-etimoloġija mxejt l-iżjed fuq id-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina, għax sal-lum huwa l-aktar awtorevoli. Minn żmienu ħarġu aktar pubblikazzjonijiet u nstabu għadd ta' manuskritti bikrin bi kliem Sqalli li jgħinuna naslu għall-etimoloġija ta' xi kliem[1] u għalhekk kull fejn stajt, tajt etimoloġija aġġornata. Dizzjunarju importanti li għenni huwa l-*Vocabolario Siciliano*, xogħol monumentali ta' ħames volumi ppubblikat bejn l-1977 u l-2002, mibdi minn Giorgio Piccitto u ssuktat minn Giovanni Tropea.

Minħabba li l-Isqalli jagħti għadd ta' varjanti tal-istess kelma, se nieħu kampjun ta' ftit kelmiet Maltin u nsemmi f'liema partijiet ta' Sqallija jingħadu l-forom li joqorbu lejhom. Se ngħid ukoll kif l-'i' etimoloġika kienet ittrattata f'xi dizzjunarji ewlenin tal-Malti. Se jingħataw eżempji ta' xhieda minn dokumenti qodma fejn jidhru xi verbi bl-'i' tal-bidu sabiex naraw jekk seħħx

żvilupp. Fl-aħħar se nressaq l-argumenti ewlenin li hawn dwar ir-regola tal-vokali etimoloġika u nsemmi xi problemi ortografiċi qed jinħolqu.

## Ir-regola uffiċjali

Fiż-Żieda mat-*Tagħrif*, Kapitlu Ċ, 1 jingħad hekk:
"Kliem barrani li fl-ilsien barrani jibda bil-vokali 'i', jibqa' jżomm l-'i' bħala parti integrali tal-kelma wkoll meta l-kelma ta' qabel tispiċċa b'vokali", u jinġiebu dawn l-eżempji: importanti, immaġinazzjoni, inklinat, injorant, introduċa. Jingħad ukoll li għandu jsir dan ladarba l-kliem missellef li jibda bil-vokali l-oħrajn (a, e, o, u) iżomm dejjem dik il-vokali, eż. arblu, elmu, obda, umli.

Hawn se jintwera kif din ir-regola tista' toħloq id-dubji u qed tingħata interpretazzjoni differenti fl-ortografija ta' ċertu kliem li jista' jkollu l-'i' fil-bidu. Dan għax l-'i' tal-bidu ta' dawn il-kelmiet ma ġġibx ruħha bħall-vokali l-oħrajn. Filwaqt li l-vokali etimoloġiċi l-oħrajn fil-bidu tal-kelma jitlissnu dejjem, anki meta l-kelma ta' qabilhom tispiċċa b'vokali oħra, l-'i' etimoloġika fid-diskors ma titlissinx meta l-kelma ta' qabilha tintemm b'vokali għax qed timxi daqslikieku kienet vokali tal-leħen.

Id-dubju jiġi meta l-etimoloġija ta' xi lessiku mir-Rumanz mhijiex ċara jew meta l-kliem fil-Malti ġarrab żvilupp fonoloġiku u morfoloġiku.

## Il-vokali 'i' etimoloġika

L-'i' etimoloġika tinsab fi kliem ta' nisel Rumanz u aktar riċenti fi kliem mill-Ingliż. Il-lessiku mill-Ingliż bl-'i' fil-bidu ma joffrix diffikultà daqs il-kliem Rumanz ladarba mhuwiex kotran u l-Maltin għandhom għarfien tiegħu, eż. inxurja, impruvja (Aq.).

a) L-'i' etimoloġika tinsab qabel konsonanti likwidi (l, m, n, r) u din tista' tkun:
   i) Fil-prefiss Rumanz 'in-' tan-negattiv li juri antonimi. Aktarx il-kelma tkun tibda b'vokali, jew il-konsonanti 'd', 'f', 's' u 'v'.
   Eż. inabbiltà, inaċċettabbli, inadegwat, indeċiż, indefinit, indeskrivibbli, ineżistenti, infeliċi, informali, inopportun, inseparabbli, inuman, invalidu.
   Xi drabi l-prefiss tan-negattiv ikun 'im-' quddiem kliem li jibda bil-konsonanti 'p'.
   Eż. imparzjali, imperfett, impersonali.

Il-prefiss tan-negattiv isir 'il-/im-/ir-' quddiem konsonanti likwida. Dan il-proċess ikun diġà sar fil-lingwa oriġinali. Il-Malti sellef il-kelma b'mod dirett.
Eż. illeġittimu, illegali, illetterat;
immakulat, immaterjali, immatur;
irregolari, irreparabbli, irresponsabbli

ii) F'lessiku Rumanz ieħor b'nażali fil-bidu. Eż. imita, importanti, insett, interess. Bosta minn dan il-kliem jinsab fl-Ingliż u għalhekk ħafna Maltin ma jsibuhiex tqila biex jagħrfu l-'i' etimoloġika.

b) Fi ftit każijiet tinsab ukoll quddiem il-fonemi /d/, /p/ u /s/ ta' kliem Rumanz: idea, idjoma, ipnożi, ipoteżi, istantanju, istint. Rari ħafna quddiem 'b' u 'k': ibridu, ikona.
Tajjeb ngħidu li quddiem dawn il-fonemi l-vokali tal-bidu titlissen dejjem.

## Il-verbi Rumanzi

L-ewwel verbi Rumanzi li daħlu fil-Malti kienu mill-Isqalli u huma ddokumentati sa min-nofs is-seklu ħmistax.[2] Imbagħad wara l-miġja tal-Kavallieri bdew deħlin verbi mit-Taljan li baqgħu jidħlu sal-lum.

Il-verbi Rumanzi li fil-Malti jtennu l-ewwel konsonanti jieħdu l-vokali tal-leħen meta l-kelma ta' qabel tintemm b'konsonanti. Nafu dan permezz ta' regola 2 ta' Kapitlu Ċ taż-*Żieda* li tgħid li verbi li fl-oriġinal jibdew b'konsonanti waħda u li fil-Malti jirduppjawha, il-vokali 'i' tal-bidu għandha titqies tal-leħen. Jingħataw tliet eżempji ta' verbi mill-Ingliż: (i)llandja, (i)ċċalinġja u (i)xxuttja.

Tajjeb ngħidu li f'din ir-regola m'hawnx referenza għal verbi mir-Rumanz imma tapplika għalihom ukoll, eż. '(i)ppubblika' minn *pubblicare* u '(i)rredikola' minn *redicolare*. Wara r-regola hemm nota li tgħid "verbi oħra mnissla ma joħolqux diffikultajiet ortografiċi. Dawn li fil-għerq tagħhom jibdew b'vokali (aċċetta, introduċa, implika, eduka, obda, umilja), iżommu din il-vokali." Kif se naraw mill-ġabra, din in-nota ma tgħoddx f'kull każ meta l-ewwel vokali hija i.

Il-ġeminazzjoni tal-verbi Rumanzi fil-Malti aktarx hija influwenza tal-Isqalli li għandu tendenza jtenni l-ewwel konsonanti ta' kelma.[3] Hekk ngħidu

aħna, insibu n-nom *bboccia* u l-verbi *ppusari* (Tal. *posare*) u *rringrazziari* (Tal. *ringraziare*).[4]

**Klassifikazzjoni tal-verbi**

Hawn se nagħmlu tentattiv biex nikklassifikaw il-verbi missellfin mir-Rumanz li jistgħu jaqgħu taħt ir-regola tal-'i' etimoloġika. Wara kull klassifika se nagħtu kemm nistgħu eżempji biex isir tqabbil morfoloġiku bejn iż-żewġ lingwi.

Il-vokali tal-bidu ta' dawn il-verbi se nsejħulha 'i etimoloġika' għalkemm ma nkunux preċiżi ladarba fil-lingwa oriġinali ma tkunx dejjem 'i', kif se naraw.

Mill-ġabra li għamilt nistgħu nikklassifikaw il-verbi skont kif naħsbu li kienu fl-etimoloġija ladarba r-regola ortografika timxi man-nisel tal-kelma. Għal xi eżempji se nagħti t-tifsir tal-kelma minħabba li hemm minnhom omonimi jew għandhom tifsir xi ftit differenti mill-etimoloġija.

1) L-ewwel grupp iħaddan verbi Rumanzi li jżommu l-'i' etimoloġika u warajha hemm il-konsonanti likwida 'm' jew 'n' ma' konsonanti oħra (im+kons jew in+kons). Dawn baqgħu kif inhuma fir-Rumanz. Ma tantx joħolqu problema fl-etimoloġija għax aktarx imnisslin mit-Taljan skont id-dizzjunarji.

Eż. imbarazza, imbarka, imbarra, imbasta (tip ta' tisjir), imbokka, imbrolja, impaġna, impala, impedixxa, impenja, impjega, implementa, implika, impona, importa, impressjona, impriġuna, imprima

inċensa, inċentiva, inċida, indaga, indika, indovna, inforna, inġenera, inganna, ingrana, injora, inkariga, inkina, inklina, inkluda, inkolla, inkolpa, intakka, intalja, interessa, invada, investiga.

Klassi żgħira ta' verbi li jistgħu jidħlu f'din il-kategorija hija dik ta' verbi li fit-Taljan jibdew bil-vokali 'i' u warajha hemm konsonanti likwida dduplikata. Fil-Malti dawn ma ġarrbux bidla fiz-zokk:

| **ikk+zokk** | **< ikk+zokk** |
|---|---|
| illuda | < *illudere* |
| illumina | < *illuminare* |
| illustra | < *illustrare* |
| immaġina | < *immaginare* |
| immatrikola | < *immatricolare* (*matricolare* rari) |
| immigra | < *immigrare* |

| | |
|---|---|
| immortala/immortalizza | < *immortalare/immortalizzare* |
| irradja | < *irradiare* (*radiare* rari) |
| irreġimenta/irriġimenta | < *irreggimentare* |
| irrita | < *irritare* |

Huwa interessanti li fid-dizzjunarju ta' Aquilina xi wħud minnhom jagħtihom kemm taħt 'i' u kemm taħt il-konsonanti ta' wara l-vokali u għalhekk iqisha tal-leħen. Dawn huma 'illumina', 'illustra', 'immaġina' u 'irrita'. Il-verbi 'immatrikola', 'irreġimenta' u 'irradja' jagħtihom biss taħt l-ewwel konsonanti u għalhekk il-vokali etimoloġika qiesha tal-leħen. Din turi li dawn il-verbi jistgħu jitħalltu ma' dawk li l-ewwel konsonanti tagħhom hija dduplikata, eż. rrenja < *regnare*.

| **Verb** | **Etimoloġija Tal.** | **Aquilina** |
|---|---|---|
| illumina | < *illuminare* | illumina ~ llumina |
| illustra | < *illustrare* | illustra ~ llustra |
| immaġina | < *immaginare* | immaġina ~ mmaġina |
| immatrikola | < *immatricolare* | mmatrikola |
| irradja | < *irradiare* | rradja |
| irreġimenta | < *irreggimentare* | rreġimenta |
| irrita | < *irritare* | irrita ~ rrita |

Tabella 1: Verbi mit-Taljan b'konsonanti likwida dduplikata

2) It-tieni tip ta' verb Rumanz li jista' jżomm il-vokali etimoloġika 'i' tal-bidu huwa dak li fil-Malti ġarrab assimilazzjoni rigressiva. Din l-assimilazzjoni seħħet billi l-konsonanti likwida 'm' jew 'n' tal-bidu assimilat mal-konsonanti ta' warajha. B'hekk fil-Malti dawn il-verbi ġew jibdew b'konsonanti mtennija. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-verbi huma mnisslin mit-Taljan skont id-dizzjunarji ewlenin.

| **ikk+zokk** | **< i+kons. likwida (m/n)+zokk** |
|---|---|
| ibbalzma | < *imbalsamare*. Qabbel Sq. *imbalsamari/mbalsamari* |
| ibbottilja | < *imbottigliare* |
| iffastidja | < *infastidire* |
| ifferoċja | < *inferocire* |
| iffjamma | < *infiammare* |
| ippersuna | < *impersonare* |
| ippinna | < *impennarsi*. Qabbel Sq. *mpinnari* |

| | |
|---|---|
| ipponnja | Qabbel Tal. *impugnare*/Sq. *mpugnari* (VS). |
| ivvinta | Aq. < Tal. *inventare*. Qabbel mal-Isqalli *nvintari* (VS). |
| ixxenja/ixxena | < *inscenare* |

F'dan il-grupp ta' verbi jista' jkun li l-għamla kif inhi fir-Rumanz daħlet ukoll fil-Malti u hija varjant tal-għamla li għandha l-konsonanti assimilati.

| | |
|---|---|
| iddebbolixxa ~ indebbolixxa | < *indebolire* |
| iddenja ~ indenja | < *indegnare* |
| iddubja ~ indubja | Qabbel Tal. qadim *indubbiare*. |
| iffurja ~ infurja | < *infuriare*. Qabbel Sq. *nfuriari*. |
| iggomma ~ ingomma | < *ingommare* |
| iggrandixxa ~ ingrandixxa | < *ingrandire* |
| ikkolla ~ inkolla | < *incollare* |
| ippernja ~ impernja | < *imperniare* |
| ippossessa ~ impossessa | < *impossessare*. Qabbel (i)ppossieda < *possedere*. |
| issapna ~ insapna | < *insaponare*. Qabbel mal-Isqalli *nsapunari*. |
| ittavla ~ intavla | < *intavolare*. Qabbel mal-Isqalli *ntavulari*. |

F'dan il-grupp diġà għandna l-ewwel dubju jekk l-'i' tinkitibx. Dan għax hawn min l-'i' tal-bidu xorta ma jqishiex etimoloġika ladarba fil-Malti seħħet l-assimilazzjoni u ġiet tixbah lill-verbi bil-ġeminazzjoni, eż. (i)ppurifika < *purificare*. F'każijiet bħal 'ibbottilja', l-'i' għadha etimoloġika? Meta għandna għamliet doppji bħal 'ittavla' u 'intavla', dik l-'i' ta' 'ittavla' se titqies etimoloġika bħalma hija ta' 'intavla'? Dan il-każ għandu jkun mittieħed b'mod differenti minn dak li għandu għamla assimilata biss?

Jekk naċċettaw li dik l-'i' hija etimoloġika, irridu nsolvu t-tieni dubju. Dan huwa li m'għandniex ċertezza tal-etimoloġija ta' xi wħud minn dawn il-kelmiet. Jekk il-verb 'ibbalzma' ġej mit-Taljan *imbalsamare*, mela hemm l-'i' ċara. Imma jekk ġej mill-Isqalli, jingħataw iż-żewġ għamliet, *imbalsamari* u *mbalsamari*. Bħalu l-verb 'ivvinta': tnissel mit-Taljan *inventare*, kif jagħtu l-etimoloġija d-dizzjunarji, jew mill-Isqalli *nvintari*?

3) Din il-klassi ta' verbi hija l-iżjed problematika u r-regola uffiċjali mhix ċara għalihom hekk li nsibu interpretazzjonijiet differenti tagħha. Dawn huma verbi li fir-Rumanz jibdew bil-vokali 'a' li warajha jkun hemm konsonanti ġġeminata. Storikament seħħet assimilazzjoni tal-prepożizzjoni Latina *ad* mal-ewwel konsonanti tal-verb, eż. *ad* + *rabiare* = *arrabbiare*.[5] Fost

l-eżempji li fil-Malti baqgħu kif daħlu mir-Rumanz insibu *abbanduna* u *ammetta*. Iżda hemm tendenza li fil-Malti dik il-vokali tkun 'i' f'ħafna mill-verbi missellfa.[6] Dan huwa l-akbar grupp ta' verbi.

| **Malti** | **Etimoloġija Rumanza** |
|---|---|
| **ikk+ zokk** | **< akk+zokk** |
| ibbajja | < Sq. *abbajari* |
| ibbalka | < Sq. *abbalcari* (VS). Aq. jagħti *placari* jew *varchiari*. |
| ibbaxxa (ark.) | < Sq. *abbasciari* (imma wkoll *bbasciari*, VS) |
| ibbnazza | < Sq. *abbunazzari* (imma wkoll *bbunazzari*, VS) |
| ibbozza | < Tal. *abbozzare* |
| iċċanga | < Sq. *acciancari* (VS) |
| iċċonga | < Sq. *acciuncari* (ukoll *cciuncari*, VS) |
| iddobba | < Sq. *addubbari*/Tal. *addobbare* (VS sottoentrata *ddubbari*) |
| iddomestika | < Tal. *addomesticare* |
| iddottrina | < Tal. *addottrinare*. Qabbel mal-varjant 'indottrina' < Ing. *indoctrinate* |
| iddritta | Qabbel Sq. *addrizzari* (VS) |
| iddrizza | < Sq. *addrizzari*/Tal. *addrizzare* (VS sottoentrata *ddrizzari*) |
| iffaċċa/iffaċċja | < Tal. *affacciare*. Imma qabbel mal-Isqalli *ffacciari* (VS) |
| iffaċenda/iffaċendja | < Tal. *affaccendare* |
| iffitta | < Sq. *affittari* (guardare) |
| iffoga | < Tal. *affogare*. Tal. qadim b'tifsira simili: qatel lil xi ħadd bil-foga. |
| iffolla | < Tal. *affollare*. Qabbel Sq. *affullari* u *ffullari* (VS) |
| iffoltja | < Tal. *affoltare* |
| iffranka | < Tal. *affrancare*/Sq. *affrancari*. Qabbel Sq. *ffrancari* (VS) |
| igganċja | < Tal. *agganciare*/Sq. *agganciari*. Aq. jgħid li formazzjoni lokali; (VS) sottoentrata *gganciari* |
| iggobba | < Sq. *aggubbari* |
| iggotta | < Tal. *aggottare* |
| iggranċa/iggronċa | Qabbel Sq. *aggranciari*/*ggranciari* bit-tifsira ta' 'żżomm sod' (VS). Aq. < Tal. *aggranchire*. |
| iggranfa | < Sq. *aggranfari* (VS sottoentrata *ggranfari*) |

| | |
|---|---|
| iggrava | < Tal. *aggravare* |
| iggruppa | < Tal. *aggruppare* |
| ikkapparra | < Tal. *accaparrare*/Sq. *accaparrari* (VS sottoentrata *ccaparrari*) |
| ikkastella | < Tal. *accastellare* |
| ikkoppa | < Sq. *accupari* |
| ikkorda | < Tal. *accordare* |
| illaxka | Qabbel Tal. *allascare*/Sq. *allascari*/*llascari* (VS). Aq. jgħid formazzjoni lokali. |
| illesta | < Tal. *allestire*/Sq. *allestiri*/*llestiri* (VS). Qabbel l-għamla varjanti 'lesta'. |
| immajna | < Tal. *ammainare*/Sq. *ammainari* (VS sottoentrata *mmainari*) |
| immakka | < Tal. *ammaccare*/Sq. *ammaccari* |
| immalja (taqbad: għasfur) | < Tal. *ammaliare* |
| immalja (xagħar) | < Tal. *ammagliare* |
| immanettja/immanetta | < Tal. *ammanettare* |
| immansa | < Tal. *ammansire*. Aq. jagħti Sq. *ammanzari*. |
| imminda | < Tal. *ammendare* |
| immoderna | < Tal. *ammodernare* |
| immorra | < Sq. *ammurrari* |
| immuta | < Sq. *ammutiri*/Tal. *ammutare*/*ammutire* (VS sottoentrata *mmutiri*) |
| ippanna | < Tal. *appannare* |
| ippilla | < Sq. *appillari*. Aq. taħt 'p'; varjant ta' 'appella'. |
| ipponta (= senn) | < Tal. *appuntire* |
| ippoppa | < Sq. *appuppari*, 'volgere la poppa in una direzione' (VS). It-tifsira Maltija donnha żviluppata. |
| ipprenda | < Tal. *apprendere* |
| ippronta | < Tal. *approntare* |
| irrabja | < Tal. *arrabbiare* (VS jagħti l-forma *rrabbiarisi*) |
| irramba/irromba | < Tal. qadim *arrambare* (Aq.)/*arrembare* |
| irranġa | < Tal. *arrangiare* |
| irranka | < Tal. *arrancare*/Sq. *arrancari* (VS jagħti wkoll *rrancari*) |
| irrizza | < Sq. *arrizzari* (VS jagħti wkoll *rrizzari*) |

| | |
|---|---|
| irrokka | < Sq. *arruccari* (VS jagħti wkoll *rruccari*) |
| irrolla/(arrolla) | < Tal. *arrolare* |
| irronzja | Qabbel Tal. *arronzare*. Aq. jagħti *arrunzari*, imma t-tifsir ma jaqbilx. |
| irrotja | Qabbel Tal. *arrotare*. |
| issajja | < Sq. *assaiari* (VS). |
| issimbla/issombla | < Tal. *assemblare/assombrare*. Qabbel mal-għamla 'Is-Simblija' < *assemblea*.[7] |
| issuġġetta | < Tal. *assoggettare* |
| ittenda | < Tal. *attendere*. Qabbilha ma' 'attenda' bit-tifsira Ingliża 'to attend'. |
| ittrakka | < Sq. *attraccari*/Tal. *attraccare*. |
| ivvampja | < Tal. *avvampare* |
| ixxotta | < Sq. *asciuttari* |
| ixxuga | < Tal. *asciugare* |
| iżżiżża | < Sq. *azzizzari* |
| iżżombra | < Sq. *assumbrari,* 'rattristare' (VS). |
| izzika (to nag, Aq.) | < Sq. *azzicari*. Qabbel ukoll ma' 'ittika'. |
| izzintla | < Sq. *accintrari*. Għamla qadima ta' 'iċċentra'.[8] |

Aġġettiv
immuzzat (mgħawweġ 'l isfel): Qabbel Sq. < *ammuzzatu*

Issa jekk ir-regola tgħid li nżommu l-vokali etimoloġika, l-'i' tal-Malti f'dawn il-verbi nistgħu nqisuha rifless tal-vokali 'a' etimoloġika? Aquilina qiesha vokali tal-leħen.[9]

Imma ssib min jgħid li l-'i' għandha tinkiteb dejjem għax hemm vokali minflok oħra, rifless tal-vokali 'a'.

Għandna problema oħra. Jekk naraw il-*Vocabolario Siciliano* nsibu li jingħataw għamliet varjanti ta' xi verbi u dawn jibdew bl-ewwel konsonanti mtennija. Ngħidu aħna, għall-verbi 'bbnazza' u 'ddobba' minbarra *abbunazzari* u *addubbari* jagħti s-sottoentrati *bbunazzari* u *ddubbari*. Tiġina l-mistoqsija: minn liema varjant daħlu fil-Malti?

Id-dubju jkompli jikber jekk nieħdu kliem li tradizzjonalment jingħata b'etimoloġija Taljana imma jista' jkun li daħal mill-Isqalli. Ngħidu aħna, kemm aħna żguri li l-verb 'iffaċċja' daħal minn *affacciare*? Jista' jkun daħal mill-Isqalli *ffacciari* u allura qatt ma kien hemm 'a' fl-etimoloġija? Bħal dan il-verb għandna oħrajn fosthom 'iffolla', li fl-Isqalli hemm l-għamla *ffullari*,

'ikkapparra', fl-Isqalli *ccaparrari*, 'illesta', fl-Isqalli *llestiri* u 'rrabja' fl-Isqalli *rrabbiarisi*.

Fi ftit każijiet insibu verbi li fil-Malti għandhom żewġ forom, waħda bil-vokali 'i' u l-oħra bl-'a' kif inhi fl-etimoloġija. Il-verbi bl-'i' aktarx ikunu daħlu qabel dawk li jżommu l-'a' għax huma inqas komuni fil-Malti standard. F'dawn l-eżempji, ladarba għandna ż-żewġ forom, dik ta' bl-'i' xorta titqies etimoloġika daqs tal-'a' ladarba għandna l-għamla varjanti bl-'a'?

| **(i)+kk** | **a+kk** | **Etimoloġija** |
|---|---|---|
| ibbasta | abbasta | < *abbastari/abbastare*. Qabbel ukoll ma' *bastare*. |
| iċċerta | aċċerta | < *accertare* |
| iddebita | addebita | < *addebitare* |
| iffronta | affronta | < *affrontare* |
| iġġusta | aġġusta | < *aggiustare* |
| ikkampa/ikkampja | akkampa | < *accampare* |
| ikkumpanja | akkumpanja | < *accompagnare* |
| ikkumula | akkumula | < *accumulare* |
| illiega/illiga | alliga | < *allegare* (= to make an alloy, Aq.) |
| ipprezza | apprezza | < *apprezzare* |
| issaġġa | assaġġa | < *assaggiare* (ittestja d-deheb) |
| issigura | assigura | < *assicurare* |
| ivvelena | avvelena | < *avvelenare* |
| izzitta | azzetta | Qbl Sq. *azzitarisi* (= to settle down, Aq.) |

Tabella 2: Verbi b'għamliet varjanti

Insibu każ rari fejn il-vokali 'e' etimoloġika ssir 'i' għalkemm tingħad ukoll bl-'e'. Bl-'i' ma tingħatax fid-dizzjunarji imma tingħad u tinkiteb.
i < e
iffemminat ~ effemminat < Tal. *effemminato*

Nom bl-'a' fil-bidu li fl-etimoloġija huwa mingħajrha
anżalor /(għanżalor) < *nzalora* (VS)
Każijiet oħrajn interessanti li ġarrbu bidla fil-vokali tal-bidu u deglutinazzjoni tal-artiklu. F'dawn il-każijiet, l-'i' hija etimoloġika?
(l-)injam < Sq. *lignami*
(l-)imnarja < Sq. *luminaria*

4) Insibu klassi oħra ta' verbi fir-Rumanz. Dawn ikunu żewġ għamliet ta' verbi bl-istess zokk. Għamla minnhom għandha vokali fil-bidu li warajha hemm konsonanti ġġeminata, eż. *accerchiare*. L-għamla l-oħra tibda b'konsonanti biss, eż. *cerchiare*. Hawn ikollna d-dubju dwar minn liema varjant il-Malti ssellef il-verb. Minn daqqiet it-tifsira tgħinna naslu għall-etimoloġija. Ngħidu aħna, il-verb 'iġġudika' tnissel minn *giudicare* li jfisser 'tagħti ġudizzju' u mhux minn *aggiudicare* li għandu t-tifsira ta' 'tagħti premju' jew fl-irkant. Hekk ukoll il-verb 'iggrazzja', użat l-iktar fil-liġi, li fil-Malti huwa mnissel minn *graziare* għax għandu t-tifsira ta' 'maħfra'. Il-verb *aggraziare* jfisser 'issebbaħ'.

F'każijiet oħra niġu bejn ħaltejn għax iż-żewġ għamliet ikollhom semantika tixxiebah ħafna u waħda minnhom ikollha tifsira iktar intensiva. Minħabba f'hekk fil-Malti għandna problema dwar jekk għandniex niktbuhom bil-vokali tal-bidu jew le (jekk naċċettaw l-interpretazzjoni li l-'i' għandha tinkiteb anki jekk fl-etimoloġija hemm 'a'). Dan għax ma nafux eżatt minn liema varjant huma mnisslin, għalhekk it-tnejn jistgħu jitqiesu tajbin. Ħafna drabi t-tifsira ta' dawn il-pari ta' verbi hija l-istess jew tqarrab ħafna, bħal *carezzare* ~ *accarezzare* (tmelles).

Fid-dizzjunarju ta' Aquilina aktarx tingħata għamla waħda minnhom fl-etimoloġija imma jien inħoss li m'għandniex biżżejjed xhieda li tgħidilna li ġejjin minn għamla waħda minnhom. Ħafna drabi Aquilina jnissilhom mill-għamla li tibda bil-konsonanti u speċifikajt fil-lista meta jagħmel dan.

| | |
|---|---|
| ibbada | < *abbadari* ~ *badari*/*badare* (Aq. jagħtihom it-tnejn) |
| ibbalija | < *abballari* ~ *ballare* (Aq.) |
| ibbanja | < *abbagnari* ~ *bagnari*/*bagnare*, (Aq. *bagnare*) |
| ibbronża | < *abbronzare* ~ *bronzare*, (Aq. ma jagħti xejn) |
| ibbuffunja | < *abbuffuniari* ~ *buffuniari* (Aq.) |
| iċċentra | < *accentrare* ~ *centrare* (Aq.); tifsir ftit differenti imma marbut. |
| iċċerkja | < *accerchiare* ~ *cerchiare*, (Aq. *circhiari*/ *cerchiare*) |
| iffattiga | < *affaticare* (għejja) ~ *faticare* (ħadem ħafna). Aq. < *faticari*/*faticare*. |
| iffissa | < *affissare* ~ *fissare* (Aq.) |
| iġġonta | < *aggiuntare* ~ *giuntare*, Aq. < *giontare*. |
| iggwerra | < *agguerrire* (tħarreġ għall-gwerra/issaħħaħ) ~ *guerreggiare* (għamel gwerra) |

| | |
|---|---|
| ikkaġuna | < *accagionare* ~ *cagionare* (Aq., imma fl-1973 jagħti *accagionare*)[10] |
| ikkarezza | < *accarezzare* ~ *carezzare* (Aq.) |
| ikkomoda | < *accomodare* ~ *comodare* (Aq.) |
| ikkuntenta | < *accontentare* ~ *contentare* (Aq.) |
| immobilja | < *ammobiliare* ~ *mobiliare* (Aq.) |
| immoffa | < *ammuffire* ~ *muffire*, (Sq. *ammuffari/ mmuffari*, VS; Aq. < *ammuffirsi*) |
| ipponta (lejn xi ħadd) | < *appuntare* ~ *puntare* (Aq.) |
| ipprofitta | < *approfittare* ~ *profittare* (Aq.; qabbel ukoll 'approfitta') |
| irraspa | < *arraspare* (ark.) ~ *raspare* (Aq.) |
| irraxka | < *arrascari* ~ *rascari* (Aq. jagħtihom it-tnejn) |
| irriskja | < *arrischiare* ~ *rischiare*, (Aq. < *rischiare/ risicare*) |
| issekonda | < *assecondare* ~ *secondare* (Aq.) |
| isserra | < *asserrare* ~ *serrare* (Aq.; tissikka, snien) |
| issoda | < *assodare* ~ *sodare* (mat-tessuti) (Aq. jagħtihom it-tnejn) |
| ittraversa | < *attraversare* ~ *traversare* (Aq. jagħtihom it-tnejn) |
| ivvantaġġja | < *avvantaggiare* ~ *vantaggiare* (arkajk, Aq.) |

F'każijiet rari nsibu għamliet doppji oħra billi, din id-darba, waħda tibda bil-prefiss 'in-/im-' minflok bil-vokali segwita minn konsonanti ġġeminata:

| | |
|---|---|
| iggoffa | < *ingoffire* ~ *goffeggiare* (arkajk, Aq.), |
| ippjaga | < *impiagare* ~ *piagare* (Aq.) |

Insibu xi pari ta' kliem omonimu li nafu fiż-żgur in-nisel tiegħu minħabba d-distinzjoni semantika. F'dan il-każ, l-ortografija mhux bilfors tkun l-istess:

| **Bl-'i' etimoloġika** | **Bil-vokali tal-leħen** |
|---|---|
| illustra < *illustrare* (= fiehem/pinġa) | (i)llustra < *lustrare* (= għamel ileqq) |
| | NB: it-tnejn mill-istess zokk |
| investa (v.) < Tal. *investire* | (i)nvesta (n.) < Sq. *nvesta* |
| invita < Tal. *invitare* (= stieden) | (i)nvita < Sq. *nvitari* (= issikka bil-vit) |

| Bl-i dejjem? | Bil-vokali tal-leħen |
|---|---|
| iffonda < *affondare* (= għereq) Tingħad fl-espressjoni 'Mur iffonda!' | (i)ffonda < *fondare* (= waqqaf, eż. għaqda eċċ) |
| immolla < *ammollare* (eż. beda jimmolla fuq is-siġġu) | (i)mmolla < *mollare* (= *to relent*: eż. beda jimmolla jibqax jew le) |
| innota < *annotare* (= *to annotate*: eż. qed jinnota l-ktieb) Varjant: annota | (i)nnota < *notare* (= *to notice, note*) |
| eż. issomma < Sq. *assummararisi* (= iċċassa) | (i)ssomma < Tal. *sommare* (= għadd flimkien) |

Tabella 3: Pari omonimi

5) Kategorija oħra hija ftit dubjuża minħabba inċertezza fl-etimoloġija. Dawn il-ftit każijiet fil-Malti jibdew bil-prefiss 'in-' waqt li fl-etimoloġija Sqallija jibdew bil-vokali 'a' segwita minn konsonanti ġġeminata. Għalhekk l-'i' fil-Malti hija tal-leħen jew tinkiteb dejjem?

| Verb bil-prefiss in | Għamla Rumanza li toqrob |
|---|---|
| indanna ~ ndanna: | Qabbel Sq. *addannarisi* (VS) imma wkoll *ddannarisi*. |
| indokra ~ ndokra: | Qabbel Sq. *adducchiari* bl-istess tifsira. Skont Aq., Barbera jagħti l-għamla *nducchirari* imma ma tidhirx f'dizzjunarji Sqallin. |
| induna ~ nduna: | De Soldanis jagħti 'adduna' < *addunarisi*. |
| inġusta ~ nġusta<br>(to engrave wood, Aq.) | Aq. jnissilha mill-Isqalli *aggiustari*, imma tifsir differenti. VS jagħti *ggiustari* wkoll. |
| ingotta ~ ngotta<br>(to pump out/vomit, Aq.) | Tal. *aggottare* imma qabbel Sq. *nguttari*, 'sfogare/singhiozzare' (VS). |
| inkolma ~ nkolma: | Qabbel Sq. *acculmari* (VS). Aq. jnissilha mit-Tal. *colmare*. |

Tabella 4: Għamliet Maltin li ma jaqblux mal-etimoloġija Rumanza

## Kliem li ħafna drabi nsibuh miktub dejjem bl-'i' imma...

Din il-lista li ġejja hija magħmula kemm minn verbi u wkoll minn nomi u xi aġġettivi lkoll imnisslin mill-Isqalli. Dawn il-kelmiet ħafna drabi nsibuhom miktubin dejjem bl-'i', forsi minħabba d-drawwa, imma fid-dizzjunarji Sqallin fil-fatt jingħataw bla 'i'.

Fid-dizzjunarju tiegħu, Piccitto kien daħħal id-drawwa li l-appostofu fil-bidu tal-kliem li juri n-nuqqas tal-vokali ‘i’, jista’ jitħalla barra, għalhekk kiteb *mpurtanti, nsettu* u l-bqija. Il-*Vocabolario Siciliano* jagħti kemm jiflaħ għamliet varjanti tal-istess kelma, u ħafna drabi, għamliet minnhom ma jkunux dehru f’dizzjunarji li ġew ippubblikati qabel.

Id-dubju ta’ kif għandna niktbu dan il-kliem jiġina meta nagħtu daqqa t’għajn lejn atti nutarili Medjevali miktubin bl-Isqalli li nstabu Malta. Dawn jagħtuna stampa ċara tal-Isqalli użat Malta u li aktarx daħal fil-Malti. Nomi bħal ‘inforra’, ‘ingwanta’ u ‘investa’ jidhru miktubin bl-‘i’ etimoloġika minkejja li mill-inqas mis-seklu dsatax fid-dizzjunarji jidhru regolarment miktubin mingħajrha.

Hawn qed jidhru ż-żewġ forom għax mill-ftit dokumenti li għandna jidher li fil-Medju Evu kienu jinkitbu biha, xhieda li daħlu fil-Malti bl-‘i’ etimoloġika. Dawk li jinsabu ddokumentati tniżżlu bħala varjanti u warajhom hemm id-data tad-dokument.[11]

**Verbi**

- imblokka ~ mblokka < *mbluccari*
- imborda ~ mborda < *mburdari* (VS). Aq. < Tal. *abbordare*.
- imborġa ~ mborġa < *mburgiari* (Varvaro/VS)
- imborna ~ mborna (illostra) < *mbruniri*. VS jagħti *mburnarisi*.
- imbotta ~ mbotta < *mbuttari* (VS). Aq. jagħti *buttari*. Qabbel mal-Kalabriż *mbuttari*.
- impara ~ mpara (imparalu: ġieh żewġ) < *mparari* (VS), var. ta’ *apparari*
- impika ~ mpika / ippika < *mpicari*, ‘perdere tempo’ (Katanja). L-aġġettiv ‘impikuż’ < *mpicusu*, ‘dispettoso’ (VS). Qabbel ukoll man-Naplitan *mpicca* ‘rancore’ (D’Ascoli 1990).
- inċana ~ nċana < *ncianari* (VS). Qabbel ‘iċċana’ < *cianari* (VS). L-għamliet *chianari/nchianari* huma mbegħdin fonetikament.
- indota ~ ndota < *ndotari* (VS). Var. ta’ ‘ddota’ < *dotari*.
- infoska ~ nfoska < *nfuscari*
- inġarma ~ nġarma/nġerma (Soldanis) < *ngiarmarisi,* ‘entusiasmarsi per qc, incantare’ (VS). Qabbel mal-Franċiż *charmer*. Aq. ma jagħtix etimoloġija. Dan il-verb arkajk ifisser iġġiegħel lil xi ħadd jagħmel il-ħażin b’setgħa mxajtna.
- inġazza ~ nġazza < *nghiazzari* (VS)
- ingalja ~ ngalja (naġar skont il-qies) < *ngagliari* (VS). Aq. jagħti *ngagghiari*.
- ingarża ~ ngarża < *ingarzarisi* (Mort.)/*ngarzari* (VS)

- inkaxxa ~ nkaxxa < *ncasciari* (VS)
- innamra ~ nnamra < *innamurari* (Tr.) ~ *nnamurari* (Pecorella/VS).
- intaċċa ~ ntaċċa < *ntacciari*, 'rimproverare' (VS). Aq. < Tal. *tacciare*.
- invita ~ nvita (issikka bil-vit) < *nvitari* (VS). Il-verb Tal. huwa *avvitare*.
- inzerta ~ nzerta < *nzirtari*

**Nomi u aġġettivi**

- impoppa ~ mpoppa: Qabbel mal-verb *mpuppari* (VS)
- impulletta ~ mpulletta < *mpulletta* (Mort.). Qabbel mal-varjant 'ampulletta' < Sq. *ampulletta*.
- impullina ~ mpullina/mpulluzza < *mpullina/mpulluzza* (Tr.). Qabbel mal-varjant 'ampulluzza' < Sq. *ampulluzza*.
- inċirata ~ nċirata < *ncirata* (Mort./VS)/*inchiratj* (1521)
- inċova ~ nċova < *nciova* (VS). Qabbel ukoll ma' *anciova* (Tr.)
- inforra ~ nforra < *nfurra*. Qabbel *infurra* (1487)
- ingassa ~ ngassa < *ngassa*
- ingwanta ~ ngwanta < *nguanta*. Qabbel *Jnguanti* (1530)
- ingwent ~ ngwent < *nguentu*. Aq. jnisslu mit-Tal. *unguento*.
- inkrepattiv ~ nkrepattiv/nkripattiv < *ncripativu*
- inkwina ~ nkwina < *ncuina* (VS). Aq. < *ancuina*.
- intamat ~ ntamat < *ntamatu* (VS)
- intrata ~ ntrata < *ntrata* (VS)[12] Qabbel *Jntrata* (1520). L-għamla varjanti 'entrata' daħlet mit-Taljan.
- intrita ~ ntrita < *ntrita*
- intrissat ~ ntrissat < *ntrissatu/intrissatu*. Qabbel 'interessat' b'tifsira differenti.
- investa ~ nvesta (tas-sodda) < *nvesta* (VS). Qabbel *investa* (1495)

Bosta minn dawn il-kelmiet jixbhu għamliet b'etimoloġija Taljana li jżommu l-vokali 'i' bħal 'imbokka' < *imboccare* u 'inforza' < *inforzare*.

**Lista ta' kliem b'etimoloġija dubjuża**

L-etimoloġija ta' dawn il-kelmiet mhijiex ċara. Xi wħud minnhom jistgħu jkunu mnisslin kemm mill-Isqalli u wkoll mit-Taljan għax iż-żewġ għamliet joqorbu lejn xulxin.[13] Minn daqqiet l-għamla Sqallija għandha varjanti ortografiċi differenti. Ġieli

jingħad li huma għamliet ibridi,[14] ngħidu aħna, biż-żieda tal-artiklu indeterminat Sqalli.[15] Imma jista' jkun li fil-fatt jinsabu fl-Isqalli għad li mhux dejjem ikunu ddokumentati f'dizzjunarji Sqallin. Għalhekk se nagħti ż-żewġ forom, bl-i u mingħajrha, għax ladarba hemm id-dubju t-tnejn jistgħu jitqiesu tajbin.

**Verbi**

- ibbattma ~ bbattma < Sq. *bbattumari/abbattumari*
- iċċajta ~ ċċajta: Aq. *chiaitiari*. Qabbel mal-varjanti *acchiaitari* u *ciaitari* (VS)
- iċċingja ~ ċċingja: Qabbel Sq. *ncingari* (VS). Aq. jgħid li formazzjoni lokali.
- iċċomba ~ ċċomba: Qabbel *nciummari* u *acciummari* (VS). Ara wkoll *inchiumbari* u *acchiummari*. Aq. jgħid li formazzjoni lokali.
- iffanga ~ ffanga: Qabbel Tal. *infangare* u Tal. qadim *affangare* (tifsir differenti). Sq. *affangari* 'stancare' u *nfangari* (VS). Aq. jgħid li formazzjoni lokali.
- iggaffa ~ ggaffa: Qabbel Sq. *aggaffari* (VS). Aq. jgħid li formazzjoni lokali.
- iggrassa ~ ggrassa: Qabbel Tal. *ingrassare* jew *aggrassare*.
- ikkamina/inkamina ~ kkamina/nkamina (għamel progess): Qabbel Sq. *ncaminari*/Tal. *incamminare*. Aq. jgħid li formazzjoni lokali.
- ikkamla/inkamla ~ kkamla/nkamla: Qabbel Sq. *camuliri* u *ncamuliri* (VS).
- ikkankra/ikkankrena: Qabbel Sq. *ncancriniri*.
- ikkattiżma ~ kkattiżma: Qabbel Sq. *ncantisimari* (VS). Aq. < Tal. *incantesimo* (n.).
- illarga ~ llarga: Qabbel Tal. *largare* ~ *allargare*: tifsir qadim 'allontanare'; Sq. *allargari/llargari*, 'allontanare' (VS). Aq. < 'a la larga'.
- imballa ~ mballa: Tal. *imballare*. Qabbel Sq. *mballari* (VS).
- imbolla ~ mbolla: Qabbel Tal. qadim *imbullare*.
- imbolma ~ mbolma (mela ħafna l-istonku): Aq. jgħid li tista' tkun għamla denominattiva minn 'borma'.
- imbraga ~ mbraga: Tal. *imbracare*, imma qabbel Sq. *mbracari*.
- immanka ~ mmanka: Aq. < Tal. *mancare*. Qabbel Sq. *ammancari/mmancari/mancari* (VS).
- impaċċa ~ mpaċċa: Sq. *impacciari* ~ *mpacciari*/Tal. *impacciare*. Dan il-verb kien iddokumentat l-ewwel darba fil-manuskritt *Regole per la lingua Maltese* tas-seklu 17.[16]

- impiċċka ~ mpiċċka: Qabbel Sq. *mpiccicari*.
- indemonja ~ ndemonja (pp: indemonjat/indimunjat): Tal. *indemoniare*, qabbel Sq. *ndimuniatu* (VS).
- indura ~ ndura: Sq. *ndurari*/Tal. *indorare*.
- infaxxa ~ nfaxxa[17]: qabbel Sq. *nfasciari* u Tal. qadim *infasciare*.
- inġila ~ nġila: Aq. < Sq. *ingenerari*/*ngenerari* jew Tal. *ingenerare*.
- ingabba ~ ngabba (to be stuck with s.o., Aq.): Skont Aq. < Sq. *ngabbariari* imma ma kkonfermajthiex. Qabbel *ngabbari* imma b'tifsira differenti ('dare il garbo ad es. a un vestito', VS).
- ingaġġa ~ ngaġġa: Sq. *ngaggiari* (skont Aq.) jew Tal. *ingaggiare*.[18]
- ingalla ~ ngalla: Qabbel Sq. *ngallari*, imma tifsira differenti (VS).
- ingarja ~ ngarja (intaxxa żżejjed): Qabbel Sq. *ngariari* (VS).
- ingassa ~ ngassa: Qabbel Sq. *cassari*. Il-verb *ncassari* għandu tifsir differenti (VS).
- ingasta ~ ngasta: Sq. *ngastari*/Tal. *incastrare* skont Aq.
- ingoċċa ~ ngoċċa (to put rudder in place, Aq.): Qabbel Kalabriż *ngocciari* ('imbrogliare').
- ingraxxa ~ ngraxxa (ippressa): Qabbel Sq. *ngrasciari*, 'sporcare'.
- ingwala ~ ngwala: Qabbel Tal. djalettali *ingualare* (Milan), Aq. < Sq. *aggualari*/Tal. *aggualare*.
- inkalja ~ nkalja (xewa): Aq. < Sq. *caliari*. Għat-tifsira l-oħra marbuta mal-baħar < Tal. *incagliare*.
- inkalla ~ nkalla: Tal. *incallire*. Qabbel Sq. *ngallari*, 'sporcare' (VS).
- inkappa ~ nkappa: Qabbel Tal. *incappare*/Sq. *ncappari*.
- inkatna ~ ikkatna: Tal. *incatenare*. Qabbel Sq. *ncatinari* (VS).
- inkorla ~ nkorla: Qabbel Sq. *ncolirari* (VS) u Tal. qadim *incollerare*.
- inkuruna ~ nkuruna: Qabbel Sq. *ncurunari* u Tal. *incoronare*.
- inkwieta ~ nkwieta: Sq. *nquietari* jew *ncuitari* (VS). Imma ara Tal. *inquietare*.
- innervja ~ nnervja: Qabbel Sq. *nnirvarisi*, 'adirarsi' (VS). Morfoloġikament ma taqbilx mat-Tal. *innervosire*.
- intaxxa ~ ntaxxa: Qabbel Sq. *tasciari*.
- intornja ~ ntornja: Qabbel Tal. *intorniare*/Sq. *ntorniari*, imma tifsir differenti.
- intoska ~ ntoska: Sq. *ntussicari*/Tal. *intossicare*.
- intriga ~ ntriga: Aq. < Tal. *intrigare*. Qabbel Sq. *ntricari* u *ntrigarisi* (VS).
- invista ~ nvista: Qabbel Sq. *nvisitari*, var. ta' *mbisitari*, 'prendere il

lutto' (Rocca).

- inzikka ~ nzikka: Aq. < Sq. *azziccari*. Qabbel *nzaccari*, 'insaccare' (VS).
- irraġġa ~ rraġġa: Qabbel Sq. *arraggiari/rraggiari*, 'frignare dei bambini' (VS).
- irrifronta ~ rrifronta: Qabbel Sq. *arrifruntari* u *rrifruntari* (VS). Aq. jgħid li formazzjoni lokali.
- issikka ~ ssikka: Aq. < Tal. *seccare*, qabbel Sq. *siccari/assiccari*.
- issingja ~ ssingja: Aq./VS *nzingari*.
- issokta ~ ssokta: Aq. < Sq. *siquitari*. Imma qabbel ma' *assicutari* u *ssucutari*, Imma 'inseguire' (VS).
- issoppa ~ ssoppa: Qabbel Sq. *assuppari/ssuppari* (VS).
- issuppervja ~ ssuppervja: Qabbel Tal. *insuperbire* u Sq. *nzuperbiari* (VS).
- ittoffa ~ ttoffa (imbotta): Qabbel Sq. *attuffari*, 'inciampare'/*tuffari*, 'colpire' (VS).
- ivvinta ~ vvinta: Aq. < Tal. *inventare*, imma qabbel mal-Isqalli *nvintari* (VS).

**Nomi u aġġettivi**

- imbatt: Qabbel Sq. *imbatti*/Tal. *imbatto*.
- imbrijagla ~ mbrijagla: Sq *mbriacula ~ imbriacula*.
- imbrukkat ~ mbrukkat: Sq. *mbruccatu* (VS)/Tal. *imbroccato*.
- Indrija/Indrì ~ Ndrija: Sq. *Ndria*.[19]
- ingravata ~ ngravata: Qabbel mal-verb Sq. *ncravattari*, 'tilbes ingravata' (VS). Ara wkoll Tal. *cravatta*.
- ingropp ~ ngropp: Qabbel mal-verb Sq. *ngruppari*, 'annodare' (VS).
- inkiss ~ nkiss: Aq < Sq. *chissi chissi chi l'avissi*. Etimoloġija dubjuża.
- inkwatru ~ nkwatru: Qabbel mal-verb Sq. *nquatrari* (VS).
- insalata ~ nsalata: Tal. *insalata*/Sq. *nsalata*. Vassalli jiddokumentah fil-*Lexicon*.
- intiż ~ ntiż: Sq. *ntisu*/Tal. *inteso*.
- irrink ~ rrink: Sq. *rrincu*, fila, *a rrincu*, 'in fila' (VS). Tingħad fl-idjoma 'bir-rink'.

**Ix-xhieda storika: kemm tgħinna naraw l-iżvilupp etimoloġiku?**

Il-ftit dokumenti bikrin li nstabu bil-Malti mhumiex biżżejjed biex jagħtuna stampa tal-iżvilupp ta' lessiku ta' nisel Rumanz. Dan għax ma jagħtux bosta kliem Rumanz imnissel mill-Isqalli. Madanakollu xorta nistgħu nisiltu xi eżempji ta' interess. Hawn se nagħti eżempju ta' xhieda storika ta' tliet verbi.

Jekk nieħdu l-każ tal-verb 'induna', insibu tagħrif interessanti. De Soldanis fid-*Damma* (c. 1761) jagħti l-għamla 'adduna'. Din taqbel mal-Isqalli *addunarsi*.

Fl-istess żmien, fi prietka tal-1763 tidher l-għamla 'idduna':

"Idduna alla li fi dnup ta Adam, insabu chienu i disgratij cbar ta luliet tighu..." (Arkivju Univ., Ms. 195, f. 2r).[20]

L-istess għamla terġa' tokkorri fi prietka oħra tal-1765 miktuba mill-istess id:

"bdeu iddunau mil cdusia tighu," (Arkivju Univ., Ms. 176, f. 4r).[21] Din l-għamla mhi ddokumentata fl-ebda dizzjunarju tal-Malti imma tista' titqabbel mal-għamla *ddunari* ddokumentata fil-*Vocabolario Siciliano*.

Kważi erbgħin sena wara, Vassalli fil-*Lexicon* jagħti l-għamla kurrenti 'induna'.[22] Interessanti li ma jagħtix 'adduna'.

Mix-xhieda storika nistgħu nikkonkludu li, sakemm ma kienx hemm żvilupp tal-istess verb billi seħħ il-passaġġ:

adduna > idduna > induna,

seta' kellna varjanti tal-istess verb li baqgħet tingħad biss l-għamla 'induna'.[23]

Jekk naraw il-verb 'indokra' nsibu li f'nofs is-seklu sbatax, fil-manuskritt *Regole per la lingua maltese* jidher 'endokra'.[24] Hekk ukoll deher fix-xogħol ta' De Soldanis.[25] Minn Vassalli dehret l-għamla kurrenti 'indokra'. Safrattant, fid-dizzjunarji Sqallin l-aktar għamla li toqrob hija *adducchiari*.

L-aħħar verb li se nġibu xhieda storika tiegħu huwa 'ivvinta'. Aquilina, li jagħtih varjant ta' 'inventa', inisslu mit-Taljan *inventare*. Fi prietka anonima tal-1760 insibu:

"Pubul li inuenta il musica" (Arkivju Univ., Ms. 195, f. 1r).[26]

L-istess għamla terġa' tidher fi prietka tal-1800 minn Dun Giuseppe Caruana Zammit: "Isem inventat fis-smeujet mil istess Patri Eternu Alla" (Arkivju Parrokkjali Ħ'Attard, ms. mhux innumerat, f. 2r).[27]

Jekk noqogħdu fuq dawn ix-xhieda nistgħu ngħidu li seħħ żvilupp minn 'inventa' għal 'ivvinta'. Imma mbagħad fi prietka tal-1781 minn Dun Giuseppe Ciantar insibu:

"Ma appena terminata hedina il flagellazioni dauch il ministri crudili, ivvintau certu torment" (Arkivju tal-Katidral l-Imdina, Fondo Panzavecchia 94, f. 250v).[28]

Mela minn dawn l-għejun nistgħu nikkonkludu li seta' kien hawn żewġ għamliet tal-istess verb jingħadu fl-istess żmien: 'inventa', imnissla mit-Taljan *inventare* u 'ivvinta' li tista' tkun imnissla mill-Isqalli *nvintari*.

**F'liema nħawi jinsabu l-għamliet Sqallin fil-Malti?**

Bis-saħħa tal-*Vocabolario Siciliano* nistgħu naslu għal etimoloġija oħra ta' bosta kliem. Dan għaliex jingħataw għamliet Sqallin li jinsabu preċiż fil-Malti u għalhekk it-teorija li ġieli tingħad li huma 'għamliet ibridi' għax ma dehrux f'ilsna oħrajn taqa'.

Sabiex il-korp ikun rappreżentattiv għall-aħħar, l-edituri tal-*Vocabolario Siciliano* kienu ħejjew għadd ta' kwestjonarji biex minnhom jinħarġu kemm jista' jkun id-differenzi lessikali u l-varjanti fi provinċji differenti ta' Sqallija. Wara kull lemma, fid-dizzjunarju hemm indikat f'liema parti ta' Sqallija tingħad dik l-għamla biex tinħareġ stampa tal-lokalizzazzjoni. Fil-każ li wara l-entrata m'hemm imniżżla ebda provinċja jfisser li hija għamla mifruxa f'kull parti ta' Sqallija. Jekk nieħdu kampjun ta' ftit kelmiet imnisslin mill-Isqalli nistgħu naraw f'liema partijiet jingħadu l-għamliet li daħlu fil-Malti. Dan il-ġudizzju nistgħu nagħmluh għall-Isqalli modern u jista' jkun li kienu iżjed mifruxin.

Il-verb *abbunazzari* huwa mifrux ma' Sqallija kollha imma l-għamla *bbunazzari* tingħad f'Messina u Trapani. L-għamla *ammuffari* hija mifruxa wkoll waqt li l-għamla *mmuffari* skont il-*Vocabolario Siciliano* tingħad f'partijiet ta' Katanja. Il-verb *addubbari* huwa mifrux. L-għamla *ddubbari* tingħad biss f'Messina. Minn dawn l-eżempji mill-ewwel nintebħu li l-għamliet bla 'a', li jixbhu l-għamliet li daħlu fil-Malti, huma ħafna inqas mifruxin mill-għamliet bil-vokali 'a'.

Għall-verb 'inċana' fl-Isqalli hemm mill-inqas erba' varjanti. Il-varjanti *cianari*, *chianari* u *nchianari* huma mifruxin filwaqt li l-għamla *ncianari* li toqrob lejn dik Maltija tokkorri fi Trapani. Għall-verb 'iċċomba' m'hemmx għamla li taqbel għalkollox mal-Malti. Il-varjanti jingħadu fi nħawi partikolari. Filwaqt li l-għamliet *acchiummari* u *nchiummari* huma mifruxa, l-għamla *nciummari* tingħad f'Katanja, Siracusa, Ragusa u Trapani, *acciummari* tingħad f'Ragusa u *nchiumbari*, li toqrob lejn l-għamla Maltija, tingħad f'Messina. L-għamla *nzirtari* hija mifruxa ħafna. In-nom Sqalli *nzerta* li joqrob mal-verb Malti 'nzerta' jingħad f'Palermo.

Mill-ftit eżempji li rajna, għall-forom li daħlu fil-Malti m'hemmx provinċja partikulari li tispikka fuq l-oħrajn.

Fil-*Vocabolario Siciliano* hemm għamliet li joqorbu lejn dawk Maltin li jinsabu ddokumentati minn awturi partikulari, ħafna drabi f'manuskritti, u mhumiex ikkonfermati f'dizzjunarji oħrajn, aktarx għax huma għamliet inqas mifruxin u jista' jkun qodma. In-nom *anciova* jidher iddokumentat ħafna imma l-għamla *nciova*, li taqbel mal-Malti, kienet iddokumentata minn Giovanni Trischitta fid-dizzjunarju manuskritt *Vocabolario siciliano italiano per tutti* ta' tmiem is-seklu dsatax. Il-verb *agghiazzari* huwa mifrux fi Sqallija imma l-għamla *nghiazzari* li toqrob lejn il-Malti 'nġazza' kienet iddokumentata minn Trischitta. Hekk ukoll in-nom 'investa'. Filwaqt li l-għamliet *mmesta* u *mbesta* huma ddokumentati sewwa u mifruxin, l-għamla *nvesta* kien iddokumentaha Placido Spatafora fid-dizzjunarju manuskritt tas-seklu tmintax *Dizionario Siciliano ed Italiano*.

## Kif jippreżentawhom id-dizzjunarji ewlenin?

Fid-dizzjunarju ewlenin hemm l-inkonsistenza għall-'i' tal-bidu. Se nġib eżempji mix-xogħlijiet ewlenin, *Il-Miklem* ta' Erin Serracino Inglott u d-dizzjunarju ta' Aquilina għax huma l-iżjed ikkwotati. Se nislet xi eżempji wkoll mit-*Teżawru* ta' Mario Serracino Inglott, dizzjunarju riċenti.

F'*Il-Miklem,* Serracino Inglott ma jagħżilx bejn il-vokali tal-leħen u l-vokali etimoloġika u jitfa' kollox taħt l-ittra 'i'. Mela, ngħidu aħna, il-verbi bil-ġeminazzjoni fil-bidu 'ddroga', 'ikkraxxja', 'ippremja' u 'ssajjar' jinsabu lkoll taħt l-'i' daqslikieku dik il-vokali kienet parti mill-kelma.

Fid-dizzjunarju ta' Aquilina nsibu li minn daqqiet kien inkonsistenti għal kliem Rumanz b''i' fil-bidu. Ngħidu aħna, il-verb 'immaġina' għalkemm jagħtih taħt il-lemma ewlenija 'immaġni' taħt l-ittra 'i', jagħtih ukoll taħt l-ittra 'm' bħala sottoentrata u l-'i' għamilha fil-parentesi daqslikieku kienet tal-leħen. Dan huwa każ rari. Xi verbi b'etimoloġija inqas ċara bħal 'impara' jagħtihom kemm taħt 'i' u kemm taħt 'm'.

Għall-verbi li fit-Taljan jibdew bil-vokali 'a' u fil-Malti jistgħu jibdew bl-'i', dik l-'i' qiesha bħala tal-leħen u qegħedha fil-parentesi, għalhekk il-kliem jidher taħt l-ewwel konsonanti, eż. (i)rrabja. Imma mbagħad meta taha taħt l-entrata ewlenija, eż. 'rabja', kitibha bl-'i' mingħajr parentesi u ġġib dubju lill-qarrej qishiex parti mill-kelma ladarba lessiku Semitiku meta mqiegħed taħt l-entrata prinċipali kitbu mingħajr vokali tal-leħen, eż. 'mħabba'.

Kliem bħal ‘imblokk’ li fid-dizzjunarji Sqallin ma jinkitibx bl-‘i’, tefgħu taħt l-ittra ‘i’.

Fit-*Teżawru,*[29] verbi bħal ‘iffolla’, ‘iffjamma’, ‘iġġusta’ u ‘irranġa’ qegħedhom taħt l-‘i’ u għalhekk seta’ qies l-‘i’ tal-bidu bħala vokali etimoloġika, minkejja li fl-etimoloġija hija ‘a’. Verbi bħal ‘imblokka’ u ‘imbotta’ u d-derivazzjonijiet tagħhom jinsabu taħt ‘m’ u n-nomi ‘nċirata’ u ‘ngwanta’ taħt in-‘n’, kif jidher li huma fl-Isqalli imma li mhumiex daqshekk ovvji għal min mhuwiex midħla tiegħu.

**X’inhuma l-kurrenti ewlenin għall-interpretazzjoni tar-regola?**

Ġaladarba din ir-regola hija ambigwa minħabba l-etimoloġija dubjuża ta’ ħafna minn dan il-lessiku Rumanz, hemm interpretazzjonijiet differenti tagħha. Hawn se nagħtu ħames interpretazzjonijiet ewlenin.

1) L-ewwel interpretazzjoni hija li l-‘i’ tinkiteb dejjem. Ladarba storikament kelma kienet tibda b’vokali oħra, l-‘i’ xorta għandha tinkiteb dejjem għax hija rifless tagħha.[30] Mela ‘irrabja’ tinkiteb dejjem bl-‘i’ jekk inhu aċċettat li ġejja minn *arrabbiare*. Hekk ukoll l-‘i’ ta’ ‘induna’ li tnisslet minn *addunarisi*. L-iżvantaġġ ta’ dan ir-raġunament huwa li min jikteb bil-Malti jrid ikollu għarfien tal-etimoloġija Rumanza. Jibqa’ l-fatt li m’hemmx ċertezza li verb bħal ‘irrabja’ tnissel mit-Taljan *arrabbiare* u mhux mill-Isqalli *rrabbiarisi*.

2) It-tieni interpretazzjoni hija li sakemm ma nafux fiż-żgur li fl-etimoloġija l-kelma kienet tibda b’‘i’, fil-każijiet l-oħra ma niktbuhiex ħlief meta l-kelma ta’ qabel tintemm b’konsonanti. Mela fi kliem bħal ‘immaġina’ u ‘interessa’, l-‘i’ tinkiteb dejjem għax hemm ċertezza li tnisslu mit-Taljan *immaginare* u *interessare*. Imma meta naċċettaw li fl-etimoloġija l-kelma tibda bil-vokali ‘a’, bħal *arrabbiare*, fil-Malti l-‘i’ ta’ ‘rrabja’ titqies vokali tal-leħen.

Biex naslu għall-ortografija skont din l-interpretazzjoni, minflok inħarsu lejn l-etimoloġija nistgħu nagħtu kas ukoll tad-derivazzjonijiet minn kull zokk. Mela jekk hemm zokk li d-derivazzjonijiet tiegħu kollha jibdew bl-‘i’, il-vokali ‘i’ tinkiteb f’kull każ.

Eż. n. immaġni – v. immaġina.
n. interess – v. interessa

Jekk miz-zokk hemm derivazzjonijiet li ma jibdewx bil-vokali 'i', mela l-verb jinkiteb bla 'i'. Din tista' ssolvi l-problema tal-verbi li fl-etimoloġija jistgħu jibdew bl-'a'.

Eż. n. arranġament – v. rranġa
n. rabja – v. rrabja

Il-verb jinkiteb ukoll bla 'i' jekk fil-Malti ma daħlux derivazzjonijiet oħra mill-istess zokk.

Eż. / - v. rrokka
/ - v. nduna

Jista' jkollna l-problema li xi verbi m'għandhomx etimoloġija ċara. Ngħidu aħna, 'ivvinta' u 'invenzjoni' ġejjin mill-istess zokk jew wieħed mill-Isqalli (bla i) u l-ieħor mit-Taljan? Hemm dubju wkoll fuq xi kliem Sqalli bħal 'imblokka' u 'inċana'.

3) Hemm min jinterpreta r-regola billi jikteb l-'i' kull fejn hemm ċertezza li kelma tibda biha, eż. immaġina < *immaginare*. Bil-maqlub ta' qabel, jikteb l-'i' wkoll jekk fl-etimoloġija huwa aċċettat li kienet 'a' meta għandna każijiet ta' verb li ma għandux derivazzjonijiet, eż. 'irrokka'; jew id-derivazzjonijiet jibdew bl-'a' biss bħal 'irranġa' < *arrangiare* (+ *arrangiatore*, *arrangiamento*, eċċ).

Meta hemm verb li fl-etimoloġija jibda bl-'a' imma d-derivazzjonijiet l-oħrajn mill-istess zokk ikunu jibdew b'konsonanti, allura l-'i' jqisha biss tal-leħen. Ngħidu aħna, l-'i' fil-verbi *irrabja* u *vvelena* skont din it-teorija hija tal-leħen għax hemm in-nomi 'rabja' u 'velenu'.

4) Ir-raba' waħda tista' titqies 'proposta' li ma timxix mar-regola imma hemm min issuġġerieha. Minħabba li hemm dubju tal-etimoloġija ta' ħafna minn dan il-kliem, l-'i' tista' titqies vokali tal-leħen f'kull każ. Din hija proposta li tinstema' prattika għax taqta' ras kull dubju etimoloġiku li jista' jkun hemm. Il-vantaġġ tagħha huwa li tħaffef l-ortografija u tagħfas fuq il-prinċipju fonetiku. Mill-banda l-oħra tista' titqies estremista għax tneħħi l-'i' ta' kliem li ndara jinkiteb dejjem biha bħal 'importanti' u 'insista' li jinsabu wkoll fl-Ingliż u hemm tradizzjoni li jinkitbu hekk.

5)[31] Hemm min jagħżel li jwaqqa' l-'i' kull meta hemm konsonanti ġġeminata fil-bidu u b'hekk isolvi l-problema li jistgħu jitħalltu ma' verbi li fil-Malti

jtennu l-ewwel konsonanti. Mela jikteb 'mmaġina' (< *immaginare*) u 'vvinta' (< *inventare/nvintari*) bħalma jikteb 'ppubblika' (< *pubblicare*).

| | Interpretazzjoni | Eżempji |
|---|---|---|
| **1** | +i kull każ | importa, induna, irrokka |
| **2** | +i familja bl-i | importa, importatur |
| | -i bla derivazzjonijiet | nduna, rrokka |
| | -i derivazzjonijiet bla i | rranġa (għax 'arranġament') |
| **3** | +i familja bl-i | interessa, interessanti |
| | +i bla derivazzjonijiet | induna, irrokka |
| | +i deriv. kollha b'a etim. | irranġa (Tal. *arrangiare*) |
| | -i derivazzjonijiet bla i | rrabja, vvelena |
| **4** | -i kull każ | mporta, nduna, rranġa |
| **5** | -i quddiem konsonanti ġġeminati | rrabja, mmaġina, vvinta |

Tabella 5: Il-ħames interpretazzjonijiet ewlenin tar-regola tal-'i'

**Problemi ewlenin tar-regola**

a) L-ikbar problema hija l-**etimoloġija**. Ma nafux fiċ-ċert in-nisel tal-kliem għax m'għandniex biżżejjed xhieda storika. Taqta' ta' waħdiet bħal 'induna', il-biċċa l-kbira tagħhom nibqgħu fid-dubju meta daħlu eżatt u minn liema lsien. Hemm minnhom daħlu mit-Taljan jew mill-Isqalli ladarba għandhom l-istess għamla? Ngħidu aħna, il-verb 'indura' daħal mit-Taljan *indorare* bl-'i' jew mill-Isqalli *ndurari* bla 'i'?

Jekk nafu fiċ-ċert li mit-Taljan, liema għamla daħlet meta hemm il-pari bl-istess zokk? Il-verb 'ikkarezza' tnissel minn *carezzare* jew minn *accarezzare*? Jekk mill-Isqalli, liema varjetà ta' Sqalli?[32]

b) Il-kliem li fl-etimoloġija jista' jibda bil-vokali 'a' li fil-Malti daħal mingħajrha bħal 'iddobba', 'irrabja'. Hemm min jikteb dejjem 'i' għax jaħseb li hija rifless tal-'a' u hemm min l-'i' jqisha tal-leħen.

ċ) Għall-verbi li fit-Taljan għandhom għamliet doppji (eż. ikkuntenta), ir-regola ma tkoprihomx. Jekk l-'a' etimoloġika tiġi interpretata bħala 'i' etimoloġika, allura jfisser li ż-żewġ għamliet huma tajbin fil-Malti (kemm bl-'i' u kemm mingħajrha) sakemm ma nafux fiż-żgur l-etimoloġija. F'dal-każ għandna varjanti li t-tnejn huma aċċettati. Insibu pari fil-Malti li għamla minnhom hija bħar-Rumanz b'i ċara u l-għamla l-oħra ġarrbet l-assimilazzjoni, eż. insapna ~ issapna.

d) Il-kliem imnissel mill-Isqalli għandu l-ikbar problema. Meta aħna ċerti li kelma tnisslet mill-Isqalli, xorta jista' jkollna d-dubji tal-ortografija. Dan għaliex ġaladarba l-Isqalli mhuwiex standardizzat u hemm varjetajiet differenti tiegħu, hemm tendenza li jingħataw għamliet ortografiċi differenti. Il-verb 'innamra' tnissel mill-Isqalli *nnamurari*, li daqqa jinkiteb bl-'i' u daqqa mingħajrha. Meta għandna xhieda ta' kelma f'dokumenti Medjevali bħal 'ingwanta' hemm tendenza li kienet tinkiteb bl-'i' etimoloġika imma fid-dizzjunarji Sqallin tinkiteb regolarment bla 'i'. Dan ikompli jżid mad-dubju ta' kif għandna niktbuha jekk nimxu mal-kriterju etimoloġiku.

**Għeluq**

Din kienet ħarsa ħafifa fuq il-verbi u ftit nomi li għad għandna dubju jinkitbux kollha bl-'i' fil-bidu. Żgur li hemm kelmiet oħrajn li jistgħu jidħlu f'dawn il-kategoriji.

Id-diffikultà tagħhom tiġi minħabba l-fatt li fit-taħdit din il-vokali tal-bidu ma titlissinx meta l-kelma ta' qabilha tintemm b'vokali. Dik il-vokali ġġib ruħha bħala vokali tal-leħen.

Kif rajna, il-verbi Rumanzi li fit-Taljan jibdew bil-vokali 'a' segwita minn konsonanti ġġeminata bħal *arrancare* fl-Isqalli għandhom għamla varjanti mingħajr 'a', *rrancari*. Għalhekk tajjeb li nistaqsu: verb bħal 'irranka' ħadnieh dirett mill-Isqalli? U jekk inhu hekk, mela jista' jkun li dik l-'a' qatt ma kienet fil-Malti, kif ningħataw l-impressjoni fl-etimoloġija ta' dizzjunarji Maltin u allura l-i tista' tkun biss tal-leħen. Hemm ħtieġa ta' aktar studji biex fost l-oħrajn, jiġi stabbilit meta daħlu fil-Malti dawn it-tip ta' verbi u f'liema partijiet ta' Sqallija jingħadu l-forom mingħajr 'a'.

Għal kliem bl-'i' fil-bidu li għandu l-istess għamla fl-Isqalli u fit-Taljan għandu jsir studju biex jinsab minn liema lingwa daħal tassew. Minn għejun bikrin nafu fiż-żgur li xi kliem daħal mill-Isqalli bħal 'inforra'. Kif se tkun solvuta l-problema ortografika la n-nutara kienu jiktbuh bl-'i' etimoloġika imma aktar riċenti beda jinkiteb mingħajrha? Kull każ għandu jkun studjat bir-reqqa sabiex jekk tittieħed deċiżjoni kemm jista' jkun jiġu solvuti ħafna dubji u min-naħa l-oħra ma jinħolqux oħrajn.

Forsi min jieħu d-deċiżjoni jista' wara kollox iħares 'l hinn mill-kriterju etimoloġiku, u jimxi fuq kriterji oħrajn bħal fonetiċi u morfoloġiċi, ladarba għandna inċertezza kbira f'nisel il-biċċa l-kbira ta' dan il-kliem.

*Din hija verżjoni mkabbra u aġġornata tat-taħdita organizzata mill-Akkademja fil-21 ta' Mejju 2013. Inrodd ħajr lil Olvin Vella tas-suġġerimenti siewja li tani.*

**Taqsiriet:**

Aq. Aquilina, *Maltese-English Dictionary* (2 vol.)
(i) = vokali tal-leħen
Sq. Sqalli
Tal. Taljan
Tr. Traina, *Nuovo Vocabolario Siciliano Italiano*
VS Vocabolario Siciliano (5 vol.)

**Noti**

1 Ara, ngħidu aħna, Joseph Brincat, *Maltese and Other Languages* (Sta Venera: Midsea, 2011) 104-106 u Stanley Fiorini, "Ut vulgo dicitur. Pre-1600 materials for a documented etymology of Maltese", f'P. Xuereb (ed.), *Karissime Gotifride* (L-Imsida: Malta University Press, 1999) 161-176.

2 Fl-1473 għandna l-ewwel xhieda fil-frażi "U biex jisfidawna". Ara Godfrey Wettinger, *Kliem Malti Qadim* (L-Imsida: L-Istitut tal-Lingwistika u d-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta, 2006) 119.

3 Brincat, *Maltese and Other Languages* 139.

4 Ara Giorgio Piccitto et al., *Vocabolario Siciliano* (Centro di studi filologici e linguistici siciliani, Opera del Vocabolario siciliano, 1977-2002).

5 Ara Manwel Mifsud, *Loan verbs in Maltese* (Leiden: Brill, 1995) 161.

6 Aquilina kien għamel ġabra ta' wħud minnhom. Ara Joseph Aquilina, "Verbs", *Journal of Maltese Studies*, 8 (1973) 96-98.

7 Ħajr lil Olvin Vella tas-suġġeriment.

8 Qabbel mal-pari 'zuntier' ~ 'ċimiterju' u 'uffizzju' ~ 'ufficċju' li l-ewwel għamla ta' kull par hija iżjed bikrija.

9 F'Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary* (Valletta: Midsea, 1987-90) ara, ngħidu aħna, '(i)kkapparra' taħt 'k' u '(i)rrabja' u '(i)rranġa' taħt 'r'.

10 Aquilina, "Verbs" 96.

11 Qed nikkwota mill-volumi ta' Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History* (Malta: Malta University Press, 1996-1999) u Daniel Bezzina, *Dokumentazzjoni*

*Lokali tal-Kliem Sqalli li daħal fil-Malti fis-Sekli 15 u 16,* teżi tal-B.A. bl-Unuri (l-Università ta' Malta, 2011).

12 Għandna xhieda bikrija tagħha bil-vokali 'i' f'nofs is-seklu 16. Bezzina 139.

13 Għal diskussjoni fuq l-etimoloġija tal-kliem Sqalli f'dizzjunarji Maltin, ara Salvatore Claudio Sgroi, "L'articolo indeterminativo del siciliano e la sua agglutinazione nei sicilianismi del maltese," *Journal of Maltese Studies*, 17/18 (1987-88) 34-48.

14 Ara, ngħidu aħna, l-etimoloġija tal-verbi 'ċċomba' u 'ffanga' f'Aquilina li skontu huma 'formazzjonijiet lokali'.

15 Ara Giuseppe Brincat, "Vicende dell'Articolo in Maltese e in Italiano", *Le Lingue del Mondo*, XXXVIII (1973) 392-97.

16 Arnold Cassola (ed.), *The Biblioteca Vallicelliana Regole per la lingua Maltese* (Valletta: Said International, 1992) f. 133r.

17 Aquilina jagħtiha bla i fl-entrata ewlenija imma bl-i fis-sottoentrata.

18 Hawn niġu daharna mal-ħajt. Dan hu wieħed mill-każijiet li diffiċli nindunaw minn fejn tnisslet il-kelma ladarba ż-żewġ għamliet jixxiebhu.

19 G. Pitrè, *Fiabe novelle e racconti popolari siciliani*, 1, ed. Silvia Masaracchio (Bacheca Ebook, 2010) 138, nota 203.

20 Reno Fenech, *Prietki Qodma bil-Malti,* teżi tal-M.A. (l-Università ta' Malta, 2009) 57.

21 Fenech 71.

22 Michele Antonio Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti* (Ruma, 1796).

23 Din il-karatteristika ta' varjant fonetiku għadha tinsab fil-Malti modern. Qabbel, ngħidu aħna, 'daħak' ~ 'daħaq' u 'persunaġġ' ~ 'personaġġ'.

24 Cassola, f. 134r.

25 Gian Franġisk Agius De Soldanis, *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin maghmula mel Kanoniku Gianfrangesku Agius Sultana Ghauci*, B.N.M., ms. 143a, f.134v.

26 Fenech 46.

27 Fenech 156.

28 Fenech 99.

29 Mario Serracino Inglott, *Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti Mħaddem* (Blata l-Bajda: Merlin library, 2000).

30 Carmel Azzopardi, *Gwida għall-Ortografija* (Santa Venera: Klabb Kotba Maltin, 2007) 7, n 4.

31 Din l-interpretazzjoni ħarġet mid-diskussjoni li saret fi tmiem it-taħdita.

32 Għal diskussjoni fuq minn liema Sqalli daħal xi kliem Malti ara Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* (Pietà: PIN, 2006) 82-86.

# Il-pronunzja tas-suffiss pronominali: studju soċjolingwistiku tal-varjanti [ɐ:] ~ ['ɐħ:ɐ]; [ɔ:m] ~ ['ɐħ:ɔm]; [ɐ'ʊlʊ] ~ [ɐ'ħ:ʊlʊ]

Christina Sammut

F'dan l-istudju ser jissemmew kemm-il darba l-frażijiet "pronunzja normalizzata" u "pronunzja innovattiva". "Pronunzja normalizzata" tfisser pronunzja aċċettata fl-iskejjel, fil-kotba tal-grammatika u mill-kelliema edukati. "Pronunzja innovattiva" hija pronunzja aktarx riċenti li għalkemm tista' tinstema' regolarment, qatt ma ġiet ikkunsidrata pożittivament mill-iskejjel u mill-grammatiki.

## 1.0 Iċ-ċensura

Aħna kontinwament niġu ġġudikati mhux biss b'dak li ngħidu iżda wkoll kif ngħiduh.[1]

Hekk, il-Kummissjoni Lingwa tal-Akkademja tal-Malti tiċċensura "il-pronunzja devjanti" tas-suffiss pronominali *-aha*, *-ahulu* u *-ahom*. Il-kummissjoni tistqarr li kliem bħal *jaqraha* u *jaqrahom* m'għandhomx jingħadu *jaqraħħa*, *jaqraħħom*.[2]

Referenza oħra li sibt hi ta' Fenech. Jikteb li:

> Meta l-*h* taħbat bejn il-vokali *a* u *o*, hi ma tkunx realizzata. Għalhekk, kliem bħal 'tahom' u 'rahom' ikun x'aktarx imlissen /to:m/ u /ro:m/, għalkemm hemm il-possibbiltà li fil-Malti standardizzat ikunu ppronunzjati b'reqqa ikbar bħala /'ta.om/ u /'ra.om/.[3]

Fenech eskluda għalkollox il-pronunzja [ħ] fil-kliem *rahom* u *tahom,* anzi jistqarr iċ-ċans kbir tal-iperkorrettezza fil-Malti standard. Illum, il-pronunzja [ˈtɔ:m] titqies bħala Malti standard, filwaqt li fit-taħdit ta' kuljum tisma' ħafna li jippronunzjaw [ˈtɐħ:ɔm] u [ˈrɐħ:ɔm]. Din l-istqarrija tista' tindika ċensura tal-pronunzja innovattiva jew li l-pronunzja innovattiva f'dak iż-żmien ma kinitx evidenti daqs illum.

Hu deċiż li l-pronunzja [ɐˈħ:ɐ] minflok [ɐ:] hi ħażina. Din il-perċezzjoni mnejn oriġinat? Liema huma l-fatturi influwenti li jwasslu għall-pronunzja [ˈɐħ:ɐ], [ˈɐħ:ɔm] u [ɐˈħ:ʊlʊ] tas-suffissi *-aha*/*-ahom*/*-ahulu*? Ir-raġuni taċ-ċensura li jagħtu xi wħud, ngħidu aħna dawk involuti fil-MATSEC, hi li l-pronunzja innovattiva għadha ma nfirxitx sew fil-pajjiż u għalhekk ma tistax titqies parti mill-Malti standard. Dan l-argument hu impressjonistiku ladarba kien għadu ma sarx stħarriġ xjentifiku.

## 2.0 L-istorja tal-pronunzja tas-suffiss pronominali

Sas-seklu 19, l-ortografija Maltija kienet għadha fonetika. Għalhekk, ir-rappreżentazzjoni tal-*h* f'għadd kbir ta' dokumenti storiċi hija evidenza tat-tlissin tagħha. Ngħidu aħna, fil-poeżija ta' Buonamico nsibu dawn iż-żewġ verbi bis-suffiss pronominali *-ha* mlissen*: i uuenne**sha*** (iwennisha) u *i chari**sha*** (iħarisha).

## 3.0 L-istħarriġ

Qabel kull stħarriġ, ir-riċerkatur jagħmel studju pilota fuq kampjun żgħir ta' nies sabiex jagħżel liema varjabbli jikkundizzjonaw ir-riċerka tiegħu. Ir-riżultati tal-istudju pilota jwassal lir-riċerkatur sabiex jikkoreġi l-metodoloġija tal-istħarriġ fejn hemm bżonn u jiffoka fuq il-varjabbli kundizzjonanti indikati fl-istudju pilota. Il-kampjun tal-istudju attwali li jwassalna għall-konklużjonijiet finali, ikun ħafna ikbar minn tal-istudju pilota.

### *3.1 Premessa*

Nibda biex infakkar li għalkemm l-istħarriġ jiffoka fuq eżerċizzju orali, it-tip ta' taħdit xorta waħda kien ippjanat minħabba li l-metodu tal-istħarriġ kien jikkonsisti f'silta strutturata minn qabel. Dan ifisser li, minkejja illi ppruvajt

innaqqas mill-formalità tas-sitwazzjoni, il-varjazzjonijiet fonetiċi li ħarġu minn fomm il-parteċipanti setgħu ma kinux għalkollox spontanji, ladarba kienu esposti għall-kitba (ara l-appendiċi "Il-kaċċa u l-insib").

L-influwenza tat-test miktub innutajtha fil-varjant *jużahom*. Kull parteċipant li nqabad f'diffikultà biex jippronunzjah, spiċċa jaqsmu f'sillabi: *ju-ża-hom* [jʊ'zɐɔːm]. Flimkien ma' din l-influwenza, sibt influwenza oħra li kont konxja sew tagħha. Il-parteċipanti li jafu d-djalett, awtomatikament ibiddlu l-imġiba lingwistika minn pronunzja djalettali għal waħda standard. Ħafna drabi dan isir kull meta l-persuna ta' quddiemhom tkun għalkollox barranija, kif kont jien għalihom.

### *3.2 Riflessjonijiet fuq ir-riżultati*

Iddeċidejt li nistħarreġ verbi bis-suffissi *-aha*/*-ahom*/*-ahulu*, u għalhekk għażilt il-kliem *jipprattikaha*, *tisparaha*, *taċċettaha*, *tiddisturbahom*, *jikkaċċjahom*, *jużahom*, *jimmarkahulu*, *jibbalzmahulu* u *jimmontahulu* fis-silta dwar il-kaċċa u l-insib. Apparti minn hekk, ħsibt li jkun għaqli li ndaħħal tal-inqas verb wieħed suxxettibbli għall-iperkorrettezza, u għalhekk għażilt *jiġmagħhom*.

Il-kampjun tal-kelliema mistħarrġa jikkonsisti f'nisa u rġiel b'livell ta' edukazzjoni differenti li jgħixu f'Malta (mhux Għawdex), magħżulin skont ir-residenza biex il-kampjun ikun rappreżentattiv. Il-kampjun jinkludi wkoll kelliema tal-Malti standard u l-Malti djalettali.

Kemm fl-istudju pilota u kemm fl-attwali, il-pronunzja normalizzata għadha tintuża mill-maġġoranza tal-kelliema, kważi f'kull forma trattata hawn, minbarra fis-suffiss *-ahulu*. Madankollu, in-numru tal-kelliema li jużaw il-pronunzja l-ġdida jammonta għal terz u jindika li l-bidla fil-pronunzja ta' dawn is-suffissi pronominali qed isseħħ gradwalment. Minn 120 parteċipant tal-istudju attwali, tliet kwarti ppronunzjaw is-suffiss *-ahom* bħala ['ɔːm], nofshom ippronunzjaw *-aha* bħala [ɐː], iżda mhux hekk fis-suffiss *-ahulu*, għax il-maġġoranza (58.3%) lissnet il-pronunzja innovattiva [ɐ'ħːʊlʊ].

## 4.0 Iż-żewġ varjabbli kundizzjonanti

### *4.1 L-età*

Fost il-ħames varjabbli li inkludejt fl-istħarriġ – is-sess, l-età, l-edukazzjoni, il-lokalità, id-djalett/l-istandard – il-varjabbli li sa mill-istudju pilota ħarġet l-iktar relevanti hi l-età. Il-kelliema żgħar, jiġifieri bejn il-ħdax u l-ħmistax-il

sena, għandhom it-tendenza li jlissnu l-pronunzja innovattiva, filwaqt illi l-kbar għandhom it-tendenza li jlissnu l-pronunzja normalizzata.

Fil-kampjun tiegħi jidher ċar li aktar ma tikber l-età, il-pronunzja innovattiva tonqos u dik normalizzata tiżdied. Ngħidu aħna, fit-tabella 4.1, tliet kwarti tal-grupp iż-żgħir jinqeda bil-pronunzja innovattiva [ˈɐħːɔm], iżda jekk nitilgħu fl-età u mmorru għall-grupp il-medju, insibu li din il-pronunzja riċenti tonqos, speċjalment f'kelliema anzjani. Min-naħa l-oħra, jekk nieħdu l-istess tabella u nħarsu lejn il-pronunzja normalizzata [ˈɔːm], fiha nsibu l-istess tendenza iżda bil-maqlub: il-pronunzja normalizzata tikber b'27% minn kelliema żgħar għall-kelliema tal-grupp medju, u terġa' tikber b'27% oħra meta naslu għall-anzjani.




Tabella 4.1 Varjanti fonetiċi (Forma A, eż. jużahom) f'relazzjoni mal-età

Ir-riżultati tas-suffiss *-ahom* japplika wkoll għas-suffiss *-aha* kif jidher f'tabella 4.1.2, bid-differenza li l-persentaġġ taż-żgħażagħ li jlissnu l-pronunzja innovattiva, jammonta għal ftit iktar min-nofs.




Tabella 4.1.2 Varjanti fonetiċi (Forma B, eż. taċċettaha) f'relazzjoni mal-età

Ċifri bħal dawn huma qawwijin u jikkonfermaw kemm kelliema 'l fuq minn 70 sena huma l-iktar kelliema li jżommu mal-pronunzja normalizzata u hu aktar diffiċli għalihom biex jikkonformaw mal-bidliet ġodda tal-pronunzji.

Kif jidher f'tabella 4.1.3 t'hawn taħt, is-suffiss *-ahulu* jidher suxxettibbli ħafna għall-pronunzja innovattiva [ɐ'ħːʊlʊ], għax meta nqabblu t-tlissina ta' dan is-suffiss mal-oħrajn (*-ahom* u *-aha*), insibu li *-ahulu* tgawdi perċentwal ikbar tal-pronunzja innovattiva. Tant hu hekk li l-ikbar perċentwal tal-anzjani li jlissnu l-pronunzja innovattiva fost it-tliet suffissi, jinsab f'din il-forma, 23.3%, meta mqabbel ma' 6.7% fis-suffiss *-ahom* u ma' 5.0% fis-suffiss *-aha*.




Tabella 4.1.3 Varjanti fonetiċi (Forma Ċ, eż. jimmontahulu) f'relazzjoni mal-età

### *4.2 Id-djalett*

Insibu għadd ta' fatturi li jinfluwenzaw lill-kelliema tad-djalett u jrażżnulhom l-influwenzi djalettali huma u jitkellmu, fosthom il-preġudizzju kontra d-djalett u t-test miktub li jinfluwenza l-qari u joħloq ambjent formali. Dan jista' jispjega l-għaliex id-djalett ma ħariġx relevanti f'dan l-istudju.

Fit-tabelli 4.2-4.2.3 ta' hawn taħt li jikkonsistu fil-ħames varjazzjonijiet fonetiċi (Forma A sa Forma E) f'relazzjoni mad-djalett u l-istandard, il-pronunzja normalizzata reġgħet baqgħet l-iktar forma mlissna fil-każ tas-suffissi *-ahom* u *-aha* (ara tabelli 4.2 u 4.2.1).




Tabella 4.2 Varjanti fonetiċi (Forma A, eż. tiddisturbahom) f'relazzjoni mal-istandard u d-djalett




Tabella 4.2.1 Varjanti fonetiċi (Forma B, eż. jipprattikaha) f'relazzjoni mal-istandard u d-djalett




Tabella 4.2.2 Varjanti fonetiċi (Forma Ċ, eż. jimmarkahulu)
f'relazzjoni mal-istandard u d-djalett




Tabella 4.2.3 Varjanti fonetiċi (Forma D, eż. ibigħu)
f'relazzjoni mal-istandard u d-djalett

Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn il-perċentwali, mal-ewwel nintebħu li huma wisq qrib ta' xulxin, għalhekk il-varjabbli standard/djalett ma ħariġx relevanti, imma dan ma jfissirx li huwa irrelevanti. Qabel kollox irridu nikkunsidraw li fl-istħarriġ inqdejt b'silta stampata u dan rażżan l-influwenzi djalettali. Minħabba f'hekk, ir-riżultati mhux ser ikunu mera tas-sitwazzjoni reali mija fil-mija. F'kelma waħda, il-lingwa hi sensittiva għall-kuntesti.

Minħabba l-formalità ma nistgħux nistudjaw l-elementi lingwistiċi tat-taħdit spontanju kif inhu xieraq. Dan nikkonfermah għaliex waqt l-istħarriġ, il-parteċipanti awtomatikament inqdew b'reġistru formali addattat għas-sitwazzjoni formali preżenti. B'attitudni bħal din, diffiċli tikseb riżultati rappreżentattivi b'rabta mad-djalett.

Innutajt din l-imġiba fil-ħin li fih l-informanti bdew jaqraw is-silta tal-kaċċa u l-insib. Wieħed minnhom, li għandu 33 sena, trabba Ħal Għargħur u jgħix Ħal Kirkop, żewġ irħula bid-djalett tagħhom, qara s-silta bil-Malti standard bħall-informanti li trabbew u jgħixu fl-ibliet bħall-Gżira, Tas-Sliema u San Ġiljan. Minkejja li huwa kelliem djalettali, awtomatikament adatta ruħu għas-sitwazzjoni formali mitluba mill-qari ta' silta stampata u għaldaqstant ikkonforma mal-istandard.

Mill-banda l-oħra, li kieku parti mill-parteċipanti ż-żgħar kienu minn Għawdex, naħseb li s-sitwazzjoni kienet tkun differenti u r-relazzjoni bejn il-varjanti fonetiċi u d-djalett did-darba kienet toħroġ relevanti mal-ewwel. Dan għax it-tfal u l-għalliema Għawdxin jużaw id-djalett fil-klassi ħafna iżjed mit-tfal Maltin li jafu d-djalett f'Malta. Fil-fatt, "it-tfal Għawdxin kienu jsibu diffikultà huma u jispellu minħabba d-djaletti li huma kienu jitkellmu bihom, it-tfal Maltin ma kellhomx problema f'dan ir-rigward".[4]

Kollox jindika li l-bdil li qed iseħħ hu primarjament lingwistiku, għalhekk temporali u b'rabta mal-età. Kif il-pronunzja qed tinbidel issa, hi suġġetta għal bidla 'l quddiem. Normalment, fid-djalett nistennew tendenza konservattiva, għalhekk nistennew li l-innovazzjoni tiġri fl-istandard. Minkejja d-differenza ta' ġenerazzjoni, żagħżugħ li juża d-djalett, xorta nissopponu li jkollu tendenza konservattiva fid-djalett tiegħu, kif irriżulta ċarament fl-istudju attwali. Din tista' tkun raġuni oħra tal-għaliex ma rriżultat l-ebda differenza bejn kelliema tal-istandard u kelliema li jafu l-Malti djalettali.

## 5.0 Is-sess, l-edukazzjoni u l-lokalità mhumiex relevanti

Jista' jagħti l-każ li dawn il-varjabbli ma ħarġux sinifikanti minħabba li l-kampjun tal-istudju pilota kien żgħir. Fil-fatt, fl-istudju attwali, b'kampjun erba' darbiet ikbar, il-varjabbli tas-sess ħarġet sinifikanti fis-suffiss *-ahom* biss, filwaqt illi l-varjabbli tal-lokalità ħarġet relevanti fis-suffissi *-ahom* u *-aha*. Ir-rilevanza tas-sess fl-istudju attwali tista' tkun biss kumbinazzjoni ladarba s-sess ma rriżultax sinifikanti fil-bqija tas-suffissi l-oħra. Dwar il-lokalità m'hemmx wisq xi tgħid ħlief li ma ħarġitx relevanti għalkemm stennejt li din ser taffettwa xi ftit il-pronunzja tal-kelliema ladarba d-djalett hu marbut mal-irħula.

### *5.1 Is-sess*

Jekk tkun mara jew raġel ma jaffettwax il-pronunzja tas-suffiss pronominali. Il-perċentwali fit-tabelli 5.1-5.1.4 li jindikaw ir-relazzjoni bejn il-pronunzja u s-sess huma viċin xulxin, tant li l-varjazzjoni bejn il-pronunzja normalizzata u l-pronunzja innovattiva hi ta' 8.2% fis-suffiss *-ahom*, 10.3% fis-suffiss *-aha* u 1.3% fis-suffiss *-ahulu*. B'hekk, sa mill-istadju bikri għandna evidenza ċara, li s-sess mhux relevanti, għalhekk eskludejtu minnufih mill-istudju attwali.




Tabella 5.1 Varjanti fonetiċi (Forma A, eż. tiddisturbahom) f'relazzjoni mas-sess




Tabella 5.1.1 Varjanti fonetiċi (Forma B, eż. jipprattikaha) f'relazzjoni mas-sess.




Tabella 5.1.2 Varjanti fonetiċi (Forma Ċ, eż. jimmarkahulu) f'relazzjoni mas-sess.




Tabella 5.1.3 Varjanti fonetiċi (Forma D, eż. ibigħu) f'relazzjoni mas-sess.




Tabella 5.1.4 Varjanti fonetiċi (Forma E, eż. jiġmagħhom) f'relazzjoni mas-sess.

Fl-aħħar mill-aħħar, għalkemm is-sess ma ħariġx relevanti, xorta huwa riżultat interessanti fih innifsu.

### *5.2 L-età u l-edukazzjoni*

Ta' min jinnota li l-edukazzjoni, minħabba r-rabta mal-età, fid-dieher hija relevanti. Il-parteċipanti li lissnu l-pronunzja normalizzata b'mod konsistenti fil-ħdax-il varjazzjoni fonetika, attendew l-iskola sal-livell primarju biss. Dan ifisser li dawk li huma kbar fl-età u dawk li attendew l-iskola sal-primarja biss, ilissnu l-pronunzja normalizzata, filwaqt illi min kompla l-iskola jlissen l-iktar il-pronunzja innovattiva, xhieda li l-edukazzjoni hi marbuta mal-età *indirettament*.

Il-maġġoranza tal-parteċipanti li attendew sal-edukazzjoni primarja biss huma anzjani, għalhekk jagħmel sens li fil-parti tal-edukazzjoni primarja nsib il-maġġoranza kważi assoluta tal-pronunzja normalizzata, ladarba mit-tabelli tal-età, il-pronunzja normalizzata ħarġet relevanti fl-anzjani.

Fil-livelli l-oħra tal-edukazzjoni, dawk li għadhom jattendu s-sekondarja, ilissnu l-pronunzja innovattiva, iżda fl-istudju attwali ma nsibux differenza drastika bejn iż-żewġ pronunzji, għax 49.7% ppronunzjaw [ˈɐħːɐ] u 51.9% ppronunzjaw [ˈɐħːɔm], filwaqt li 48.1% ppronunzjaw [ˈɔːm] u 50.3% ppronunzjaw [ɐː] (ara tabelli 5.2-5.2.2 mill-appendiċi). Dan għaliex fil-grupp tal-edukazzjoni sekondarja m'hemmx biss iż-żgħażagħ tal-lum li għadhom jattendu s-sekondarja, iżda nsibu wkoll ħafna adulti u ftit anzjani li komplew sa dan il-livell. Minħabba f'hekk, fin-nofs insibu l-varjabbli tal-età u għalhekk wisq nissuspetta li r-relazzjoni bejn l-edukazzjoni u dawn il-pronunzji hi wkoll *aċċidentali*.

## 6.0 Iperkorrettezza

Il-verb 'jiġmagħhom' wassal uħud mill-parteċipanti biex jagħmlu iperkorrezzjoni. L-okkorrenza tal-iperkorrezzjoni kienet ikbar milli ħsibt. Minn kampjun ta' 33 parteċipant tal-istudju pilota, 6 għamlu iperkorrettezza u lissnu [jɪʤˈmɔːm], filwaqt li fl-istudju attwali nsibu 24 parteċipant. L-istess parteċipanti lissnu l-pronunzja normalizzata fil-bqija tal-varjanti tas-silta.

Kif jidher fit-tabella 6.1, l-anzjani huma l-iktar grupp li jispikka fl-iperkorrezzjoni. F'din it-tabella, il-perċentwal tal-iperkorrezzjoni jikber maż-żieda fl-età. B'mod konċiż, ir-riżultat jispjega l-mentalità konservattiva tal-adulti lejn il-pronunzja innovattiva. Din il-mentalità esprimewha kull meta żammew mal-pronunzja normalizzata u saħansitra lissnu s-suffiss *-agħhom* [ˈɔːm] minkejja li skont ir-regola stabbilita hu ppronunzjat [ˈɐħːɔm]. L-età hi l-unika varjabbli soċjolingwistika relevanti b'rabta ma' dan il-fenomenu lingwistiku.




Tabella 6.1 Varjanti fonetiċi (Forma E, eż. jiġmagħhom) f’relazzjoni mal-età

## 7.0 Stħarriġ ieħor

Minħabba l-influwenza formali li xekklet il-pronunzja djalettali tal-parteċipanti, segwejt programm televiżiv popolari illi fih sikwit isiru diskussjonijiet ta’ natura sħuna li jnaqqsu ftit mill-formalità tad-diskussjoni. Dan għamiltu biex nieħu idea ta’ liema pronunzji qed ikunu esposti għalihom it-telespettaturi. Mill-programm ħriġt it-tabella 5.B.

| Il-varjazzjoni fonetika | Is-sentenzi li fihom intqalu l-varjazzjonijiet fonetiċi |
|---|---|
| [jɐp:lɪ’kɐ:] | “id-deroga partikulari jaqbad u *japplikaha*” |
| [nɪs:ɔstɐnz’jɐ:] | “ħa *nissostanzjaha*” (x9) |
| [tɪnfʊr’mɔ:m] | “*tinfurmahom*” |
| [nɪd:ɪkjɐ’rɐ:] | “qed nerġa’ *niddikjaraha*” (x2) |
| [ʔɐ’tɐʊlɔm] | “L-insib *qatagħhulhom* fin-94” |
| [tɪk:rɪtɪ’kɔ:m] | “Tista’ *tikkritikahom* għax huma ma ġewx” |

Tabella 5.B: *Affari tagħna*: “Il-kaċċa u l-insib”

Jidher illi, anke f'diskussjonijiet pjuttost sħan u emottivi, il-pronunzja l-iktar dominanti hi dik normalizzata. Fil-programm *Affari tagħna*, 14% tal-pronunzja hi skont it-tendenza riċenti, mentri 86% tal-pronunzja kienet tikkonsisti fil-pronunzja normalizzata u dan minkejja li d-diskussjoni kienet waħda mmovimentata u qawwija.

Għalkemm l-argument tiegħi dwar il-midja hu biss impressjonistiku, stennejt li ser insib iktar okkorrenzi tal-pronunzja innovattiva. Però ta' min jgħid li fil-programm *Affari tagħna*, il-parti l-kbira tal-udjenza u l-mistidnin kienu ta' età medja u wħud minnhom kienu 'l fuq minn 60 sena, għalhekk, minn dan l-angolu, ir-riżultat jagħmel sens. Apparti minn hekk, ir-riżultat hu bbażat fuq programm wieħed, għalhekk jista' jagħti l-każ li jekk isir studju fil-fond dwar il-pronunzja innovattiva tas-suffissi li qed nistħarreġ, f'għadd ta' programmi televiżivi, ir-riżultat ikun xort'oħra.

## 8.0 Għeluq

Il-lingwa standard tinbidel. Kieku ma seħħx tibdil fl-istandard, kieku għadna llissnu l-*għ* u l-*h*: *Kalzettih*.[5] Mela l-proċess tal-bidla joffri alternattivi li wara xi reżistenza mill-awtur tal-kotba tal-iskola, il-varjazzjonijiet lingwistiċi jiġu aċċettati wara perjodu ta' żmien, kif jista' jiġri lill-pronunzja *-aha*. Parti mill-evoluzzjoni ssir propju permezz tal-varjetajiet lingwistiċi.[6]

Il-bidla lingwistika minn [ɐ:] għal ['ɐħ:ɐ] għadha mhix mitmuma għax il-pronunzja innovattiva għadha meqjusa bħala 'ħażina' għalkemm nisimgħu ħafna li jlissnu, ngħidu aħna, [rɐ'ħ:ɐ] flok [rɐ:] *raha*, [ndɪmʊnjɐ'ħ:ɐ] flok [ndɪmʊn'jɐ:] *indimunjaha*. Dan juri l-potenzjal li għalkemm il-pronunzja ['ɐħ:ɐ] mhix aċċettata u hi ppenalizzata fl-eżamijiet taċ-ĊES,[7] għandha l-probabbiltà li ssib postha fl-istandard, b'konsegwenza li l-pronunzja normalizzata tispiċċa u l-pronunzja innovattiva li hi mlaqqma "devjanti" mill-Kummissjoni Lingwa, issir l-unika pronunzja standard.

*It-taħdita organizzatha l-Akkademja fil-31 ta' Ottubru 2013.*

## Appendiċi

# IL-KAĊĊA U L-INSIB

***In-namra***

Il-kaċċa hi meqjusa bħal 'namra', imħabba u passjoni qawwija. In-nies involuti fil-kaċċa jqisuha bħala delizzju aktar milli sport, filwaqt li min hu kontriha jsejħilha sport imdemmi. Studji juru li apparti s-sensazzjoni qawwija li jħoss kaċċatur, jinħassu wkoll sintomi fiżiċi bħal rogħda fi żmien ir-rebbiegħa u tensjoni li saħansitra jiġu bżonn il-kalmanti.

***Regoli ġodda***

Il-kaċċa ġiet ristretta ħafna. Ir-regoli l-ġodda li daħħal il-Gvern jolqtu l-ibbalzmar, l-insib, id-distanza tal-isparatura, il-bejtiet u l-frieħ li ma tistax tiddisturbahom, l-isparar fuq il-plattini u l-istaġuni. Ftit mill-għasafar imsemmija fir-regoli l-ġodda huma: il-pitirrossi, it-tajr tal-priża, l-għasafar tal-għana, il-gurlini u ċ-ċief. Dawn bl-ebda mod wieħed ma jista' jikkaċċjahom.

Dawn huma l-affarijiet li nassab, skont il-liġi, ma jistax jużahom għax huma meqjusa bħala għemejjel kifrin: użu ta' lixka velenuża jew stupifikanti, trabokk tal-pitirrossi, xi mezz tal-elettriku jew gass u xbiek magħrufa bħala 'ranja'. Ovvjament, il-ħwienet ma jistgħux ibigħu materjali ta' dan it-tip.

Barra l-kaċċatur u n-nassab, anke l-*bird ringer* għandu bżonn il-liċenzja. Ebda individwu bla liċenzja, ma jista' jaqbad għasfur, ilibbislu ċ-ċurkett u jimmarkahulu. Kull *ringer* bil-liċenzja jrid jeħles lill-għasfur minnufih.

Ir-regola tal-ibbalzmar twissi lill-balzmatur, li kull min jieħu xi tip ta' għasfur illegali għandu biex jibbalzmahulu jew jimmontahulu, jirrifjuta. Jekk jikser din ir-regola, il-liċenzja tal-ibbalzmar ma tiġġeddidlux.

***Il-kaċċa tinbidel maż-żmien***

Punt interessanti għall-istorja kulturali, hu li l-kaċċa kienet attività tas-sinjur. Is-sinjur kien jixtri l-artijiet biex il-kaċċa jkun jista' jipprattikaha aħjar. L-artijiet kienu jgħassuhomlu l-pulizija. L-aċċessorji bżonjużi għal din in-namra minn dejjem kienu jiswew kemxa flus. Il-ħaddiem kien isibha diffiċli sabiex jixtri l-affarijiet kollha meħtieġa u jsib il-ħin x'joffri għall-kaċċa minħabba x-xogħol.

Tattika intelliġenti ta' kif id-dilettant jikkaċċja t-tajr, tikkonsisti fl-użu ta' każett bl-għajjat tat-tajr jew suffara għal tal-apposta biex jiġmagħhom, iżda din mhijiex permessibbli.

Għal xi wħud, l-isparar fuq il-plattini hi alternattiva għall-isparar fuq it-tajr. Dan jissejjaħ *clay-pigeon*. Bażikament jikkonsisti fi plattina li tisparaha magna, imbagħad it-tiratur jimmira biex jolqotha. Ir-reazzjoni ta' ħafna mill-kaċċaturi dwar dan l-isport, hi li s-sensazzjoni mhi xejn l-istess.

Ħafna jikkonkludu li m'għadx fadal lok għal dan id-delizzju. Il-kaċċaturi huma urtati, speċjalment dawk ġenwini li jimxu mar-regoli. Regola drastika kontra dak li tipprattika mhux lakemm taċċettaha. F'konferenza tal-aħbarijiet, il-Federazzjoni tal-Kaċċaturi dehret xettika dwar jekk it-tradizzjonijiet tal-kaċċa u l-insib jibqgħux ħajjin.

## Tabelli




Tabella 5.2 Varjanti fonetiċi (Forma A) f'relazzjoni mal-edukazzjoni




Tabella 5.2.1 Varjanti fonetiċi (Forma B) f'relazzjoni mal-edukazzjoni




Tabella 5.2.2 Varjanti fonetiċi (Forma Ċ) f'relazzjoni mal-edukazzjoni

**Noti**

1 Lars Andersson & Peter Trudgill, *Bad language* (Oxford: Basil Blackwell Ltd., 1990) 191.

2 L-Awtorità tax-Xandir. "Linji Gwida. L-Ewwel Parti". Sit elettroniku. 8 ta' Awwissu 2010. <http://www.maltesetranslators.com/Kummissjoniakkademja.htm

3 Dwardu Fenech, *Studji Lingwistiċi tas-Seklu XX* (Malta: A. C. Aquilina & Co., 1980) 78.

4 Tiziana Casha, *Studju tal-Kuntest Lingwistiku Djalettali f'Għażla ta' Klassijiet tal-Primarja f'Għawdex*, teżi tal-B.Ed. (Unuri) (Università ta' Malta, 2006) 3.

5 Olvin Vella, *L-Għejun tal-Istorja tal-Ilsien Malti. Ġabra ta' dokumenti bil-Malti mill-bidu sa Vassalli,* teżi tal-M.A. (Università ta' Malta, 2006) 71.

6 L-evoluzzjoni lingwistika tgħaddi minn erba' stadji. Fil-bidu, il-forma standard biss titqies bħala tajba, imbagħad titfaċċa l-forma alternattiva li tibda titqies 'żbaljata', 'kerha' u 'ħażina'. Il-forma l-ġdida tibda tintuża spiss u ssir komuni, għalhekk titqies 'devjanti' flok 'ħażina' u fl-aħħar jibdew jintużaw it-tnejn iżda l-forma devjanti tieħu post dik standard. Din id-deskrizzjoni hi meħuda minn Carmel Azzopardi, *Gwida għall-Ortografija* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2007) xvi-xvii.

7 Charles Briffa 2010: komunikazzjoni personali.

# L-arti satirika fin-novelli ta' Juan Mamo: minn realtà storika sa frattarija ta' perspettivi

Bernard Micallef

*Il-limiti tal-lingwa tiegħi*
*jfissru l-limiti tad-dinja tiegħi.*

*Ludwig Wittgenstein*

Fix-xogħol tiegħu *Time and Narrative*, Paul Ricoeur jargumenta li s-sens storiku tagħna jġegħilna ningħaqdu mal-ġrajjiet tal-imgħoddi u fl-istess waqt nitbiegħdu minnhom; altrimenti nitilfu s-sens tal-kelma l-*imgħoddi*, jiġifieri dak li għadda u qiegħed ikompli jitbiegħed mill-għarfien preżenti tagħna.[1] Ir-rakkont, ikompli Ricoeur, hu l-kompromess bejn iż-żamma tal-imgħoddi u t-tbegħid simultanju minnu, bl-implikazzjoni li meta nirrakkuntaw l-imgħoddi nkunu qegħdin nippreservawh mhux b'għarfien identiku u kontemporanju miegħu, iżda b'xi mudell ta' rakkuntar li għandu forom alternattivi ta' validità u ta' kredibilità. Il-ġeneri narrattivi jvarjaw minn xulxin sewwasew għax kull wieħed minnhom jippreserva ġrajja b'teknika speċifika ta' konnessjoni, sekwenzar u tfassil tal-elementi rrakkuntati, u din it-teknika toffri ordni ġdid u effettiv ta' għarfien li jappartieni għall-medju rakkontattiv. Ir-reġistru fattwali tal-kronaka jew tad-dokument storiku, in-nostalġija egoċentrika tal-awtobijografija, l-iżvolġiment idealistiku tar-rumanz storiku-romantiku, l-inferenzi allegoriċi tal-leġġenda, id-dimensjoni nazzjonali tal-epika, l-appell liriku-emottiv tal-ballata, il-karikatura grotteska tas-satira – dawn huma modi partikulari ħafna kif l-imgħoddi jinbidel f'perċezzjoni kritika u inkwiżittiva, jew f'konfigurazzjoni illuminanti tal-passat.

**Id-Derivazzjoni Storika u l-Innovazzjoni Letterarja**

Is-satira, il-metodu narrattiv li għażel Juan Mamo, tiddistingwi ruħha minn ġeneri oħra ta' rakkuntar billi toħloq attrazzjoni, permezz tal-burlesk u tal-karikatura, lejn kontenut li fir-realtà nistmerruh. Meta tlaqqa' flimkien żewġ emozzjonijiet intensi daqskemm kuntrarji – il-gost bl-esaġerazzjoni burleska u l-istmerrija lejn kontenut essenzjalment ikrah u ripulsiv – is-satira toħloq fina kumpless ta' emozzjonijiet u b'hekk teħles lill-kronaka ġurnalistika mil-limiti ta' perspettiva waħda. Sikwit ġie osservat li l-kittieb innifsu jista' f'waqtiet jinġarr mal-kurrent teatrali u burlesk tas-satira, jiġifieri mill-faxxinu bil-bluha u bil-vizzji li inizjalment ried jattakka iżda minflok qiegħed jieħu gost jirreċta.[2] Is-satira tiddistingwi ruħha wkoll billi tħallat dawn l-elementi teatrali mal-funzjoni rakkontattiva, tant li l-qarrejja f'waqtiet iħossuhom spettaturi f'nofs sitwazzjoni frattarjuża ta' ġesti, kliem, u azzjonijiet kaotiċi, aktar milli semmiegħa passivi u distakkati ta' rakkont. Fin-novelli ta' Mamo, din it-teatralità hi fl-aqwa tagħha kull meta l-leħen li jirrakkonta l-ġrajja jsir ħaġa waħda mal-leħen kollu stagħġib tal-bniedem provinċjali li jġarrabha. F'dawn il-waqtiet, il-qarrejja faċilment jitfixklu fejn jispiċċa r-rakkont u fejn jibda r-reċtar żuffjettuż bil-leħen u bil-ġesti provinċjali. Hu dan it-tqarrib tas-satira lejn ir-rappreżentazzjoni teatrali li jġiegħel lil kritiċi bħal George A. Test ifittxu l-oriġini tagħha f'ritwali żuffjettużi u komunali bħall-Festa tal-Boloh fil-kalendarju Kristjan u, naturalment, il-karnival.[3]

Sewwasew fil-mument meta l-avveniment reali ġie stampat bħala kronaka fil-ġurnal, Mamo ttrasformah f'avveniment satiriku: minn daqqiet irrakkuntat u minn daqqiet irreċtat, li jqanqal minn daqqiet simpatija u minn daqqiet antipatija lejn il-vittma tiegħu. Dan it-taħlit eteroġenju ta' funzjonijiet u sentimenti jiġġenera varjetà ta' perspettivi fuq l-istess avveniment storiku, u din hija r-raġuni għaliex fl-2010 Mark Vella ppubblika r-rakkonti satiriċi ta' Mamo, mhux l-avvenimenti storiċi li nebbħu l-kitba tagħhom. Dan il-kliem ma jnaqqas xejn mill-importanza tas-sorsi storiċi, li Vella jinkludi f'għadd ġmielu ta' annotazzjonijiet bijografiċi, politiċi, u kulturali, sewwasew biex jinforma lill-qarrejja tal-lum dwar l-attwalità li Mamo konsistentement jalludi għaliha. Effettivament, dawn l-annotazzjonijiet qegħdin iwettqu inverżjoni ta' dak li seħħ lill-ewwel qarrejja ta' Mamo: waqt li llum naqraw il-kompilazzjoni ta' Vella b'referenzi ġurnalistiċi bħala suppliment għar-rakkont letterarju, dan ir-rakkont diġà kien inqara bħala suppliment letterarju għall-kitba ġurnalistika, jiġifieri bħala potenzjal artistiku miżjud ma' qagħda storika magħrufa mill-

qari tal-ġurnal. Għax hi suppliment artistiku għall-istorja daqskemm għandha l-istorja bħala nota supplimentari, is-satira sseħħ meta l-istrateġiji narrattivi tagħha u d-dinja tanġibbli tal-ġrajjiet kurrenti jingħaqdu f'forma ġdida ta' għarfien. Fil-fatt, kif se jintwera bl-eżempji li jsegwu, l-istrateġiji tar-rakkont satiriku jitbiegħdu mill-mod ordinarju kif nibnu l-għarfien tagħna tal-kronaka kwotidjana biex imbagħad ifornuna b'mod ieħor, aktar insinwattiv u niggieżi, kif nerġgħu noqorbu lejn l-istess kronaka.

Il-ġeneri narrattivi li jirrakkuntaw l-imgħoddi (il-kronaka, id-dokument storiku, l-awtobijografija, ir-rumanz storiku-romantiku, il-leġġenda, l-epika, il-ballata, u s-satira, fost oħrajn) bejniethom juru li hemm aktar minn metodu wieħed kif l-imgħoddi jerġa' jsir avveniment riflessiv u emottiv fl-għarfien uman. Bħal kull wieħed minn dawn il-ġeneri, il-metodu satiriku ta' Mamo hu prospettiv daqskemm retrospettiv, jiġifieri javvanza lejn suġġerimenti ġodda bit-teknika letterarja tiegħu waqt li jħares lura lejn ċirkustanzi soċjali li diġà seħħew u li qiegħed jirrakkonta b'għarfien miżjud. B'dan il-mod, Mamo l-awtur ipoġġi lill-qarrejja mhux fl-istorja ta' żmienu, iżda fil-potenzjal ta' għarfien dejjem akbar ta' dik l-istorja. Il-qarrejja bħallikieku jgħammru fid-dinja reali tal-awtur b'għodod ġodda ta' komprensjoni li se jipproblematizzaw u jkabbru s-sinifikat tagħha. Fit-taqsimiet li jsegwu, se niffoka fuq xi wħud mill-mezzi satiriċi ta' Mamo – ftit minnhom aktar sottili minn oħrajn – biex neżemplifika din ir-relazzjoni letterarja produttiva u straordinarja mal-imgħoddi.

## L-Elementi Eteroġenji tas-Satira

Wieħed mill-mezzi narrattivi li jispikka fin-novelli ta' Mamo hu l-mod rikorrenti kif il-vuċi li qiegħda tirrakkonta l-ġrajja tkompli għaddejja bl-esklamazzjonijiet raħlija u bl-istagħġib spontanju tal-karattru superstizzjuż biex tiżvolġi parti mir-rakkont. Meta l-ġrajja testendi ruħha bid-diskors provinċjali tal-bniedem irrakkuntat, il-funzjoni rakkontattiva tiġi kkontaminata minn vizzji diskursivi li, minflok ikkritikati, qegħdin jiġu ddrammatizzati: id-djalett, il-pleonażmu li jirrepeti l-istess kunċett fi kliem differenti, il-metateżi jew it-tlissin żbaljat tal-ħsejjes tal-kelma, in-neoloġiżmu li jibdel il-kliem barrani f'sura lokali, u l-ewfemiżmi msawra mit-tagħwiġ esklamattiv ta' kliem reliġjuż. Uħud minn dawn il-mekkaniżmi huma eżemplifikati fin-novella "Ġrajja Maltija ta' Meta l-Maltin Kienu Iżjed Fidili," fejn il-vuċi li tirrakkonta tiddeskrivi bini fl-imwarrab, iffrekwentat minn għadd ta' rġiel li fl-għajnejn superstizzjużi tar-

raħlin jidhru "waħxin." Mingħajr qtugħ mid-deskrizzjoni li għadha kemm tat, l-istess vuċi tibda tirreċta s-sekwenza mgħaġġla ta' esklamazzjonijiet popolari li jesprimu l-biża' infundat tal-ġemgħa. Is-silta sħiħa hi din:

> Allura f'hedaka ż-żmien, żmenijiet Toni Bajada u Ċejlu Tonna, żmenijiet ta' meta d-dnub u l-ħażen kienu jsiru bil-mistur, f'naħiet ta' Ħad-Dingli kont tilmaħ dejr (palazz) kbir u mill-eqdem. Kien fl-imwarrab, sabiex min kien ikun fih ma tantx jagħti fil-għajn b'għemilu. Id-dejr fil-faċċata kellu, fuq gallarija twila u ġeblija, bieb kbir miftuħ beraħ b'dawl ta' kandilabri jnewnu.
>
> Għall-ħabta tal-għabex, min kellu l-almu jissogra jgħaddi mnejnu u jħares 'il fuq lejn il-bieb imsemmi, kien jilmaħ ġliba rġiel waħxin: min twil u min qasir, dan b'leħja twila, dak qargħi qargħa basili: il-wieħed b'għajnejn daqs ta' baqra, l-ieħor b'mustaċċi daqs denb ta' qattus. Uħud b'wiċċ samrani, oħrajn b'ħarsa li tbeżża': daqs ta' sid il-bini meta ħarġet il-liġi tal-kera.
>
> X'waħdadi'! Min huma dawk? Min jaf? Jen naf?

Fl-aħħar erba' stqarrijiet, in-narratur jadotta t-ton esklamatorju, id-djalett qawwi, u r-reġistru limitat u għaġġiebi tal-ġemgħa raħlija. Dawn ix-xejriet diskursivi ma jingħatawx bħala diskors tal-kotra li qiegħed jiġi rrappurtat, iżda bħala *leħen ta' rakkuntar li nħakem mid-drawwiet diskursivi tal-karattri rrakkuntati*, bħallikieku huma l-ġesti u d-drawwiet diskursivi provinċjali li, bin-natura impulsiva u frattarjuża tagħhom, qegħdin ifuru għal ġor-rwol tan-narratur: ir-rakkuntar innifsu. Il-ġrajja tipproċedi bl-enerġija tal-manjieri vulgari tal-ġemgħa, assimilati mhux biss mil-leħen li jirrakkonta, iżda wkoll mill-qarrejja li jridu jiddrammatizzawhom biex iwettqu l-proċess tal-qari.

Fl-istess silta, id-deskrizzjoni preċedenti tad-dejr hija fil-fatt miżgħuda b'reġistru Gotiku u b'diwi stilistiku tar-rumanz storiku-romantiku, sakemm wieħed jagħraf li dawn l-elementi narrattivi diġà kienu bdew jipparodizzaw is-seħer, il-misteri, u s-superstizzjonijiet li jaħkmu moħħ il-ġemgħa b'atmosfera Gotika: il-kelma arkajka "hedaka" li tintroduċi ż-żmien erojku-leġġendarju ta' Toni Bajada u Ċejlu Tonna, ir-reġistru tas-satra ("bil-mistur, f'naħiet ta' Ħad-Dingli," "imwarrab," "ma tantx jagħti fil-għajn"), u l-atmosfera ta' dlam u waħx ("b'dawl ta' kandilabri jnewnu," "Għall-ħabta tal-għabex," "ġliba rġiel waħxin"). In-novella "Ġrajja Maltija ta' Meta l-Maltin Kienu Iżjed Fidili" tmur lura fi żmien Toni Bajada u Ċejlu Tonna kemm permezz tal-karattri storiċi kif ukoll permezz tar-reġistru storiku-romantiku li tħaddem, iżda b'mod brikkun iddeffes f'dan il-perjodu s-superstizzjoni ta' żmien

Mamo dwar l-Istricklandjani li kienu nies tas-setta qegħdin itiru billejl. Dan tagħmlu meta tirrakkonta kif il-protagonist "Żeppi bin Majsi ta' Filumen [...], raġel tal-qiegħa, li oħtu kienet ħassiela mal-barba ta' Toni Bajada" juri li hu raġel "b'qawwa u kuraġġ liema bħalu" billi jilqa' t-talba ta' martu biex "f'dik il-lejla storika" jmorru jorqdu fuq il-qiegħa minħabba s-sħana. Matul dan il-ġest ta' eroiżmu burlesk, Żeppi fil-fatt jindarab fatalment, u n-narratur jispjega l-kaġun tal-mewt tiegħu b'din it-taħlita ta' reġistru storiku-romantiku u teatralità żuffjettuża:

> [...] dawk l-irġiel koroh tad-dejr kienu tas-sette tassew u waqt li taru u kienu għaddejjin fl-ajru jdoqqu u jżengru waqgħetilhom karkura minn sieqhom u appuntu ġiet dritt-dritt fuq ngħas l-isfortunat, l-imsejken, il-beżżul Żeppi: fetħitlu xaqq daqs qasma f'dulliegħa.

Bit-tqegħid ta' mument storiku f'ieħor, logħob anakronistiku li Mamo sikwit iħaddem bħala għodda satirika, ir-rakkont jiġġenera insinwazzjonijiet niggieża mingħajr il-ħtieġa li n-narratur ikun espliċitu fl-ironija tiegħu. Din mhix ġrajja Maltija ta' meta l-poplu kien aktar fidil, kif iwiegħed it-titlu, iżda hija żuffjett bis-superstizzjonijiet li l-awtur għex fosthom, u li b'ironija qegħdin jitpoġġew f'perjodu storiku aktar fidil, fejn jixirqilhom ikunu. Dan l-anakroniżmu ironiku jassumi l-leħen provinċjali billi jinqeda kemm bid-djalett ("kienu tas-sette tassew") kif ukoll bil-pleonażmu provinċjali ("l-isfortunat, l-imsejken, il-beżżul Żeppi"). F'waqtiet bħal dawn, ir-rakkont satiriku ma jirriproduċix l-istorja, iżda jżarma s-sekwenza kronoloġika tal-perjodi tagħha biex jerġa' jgħaqqadhom skont sekwenza ironika li tipproduċi ħarsa kritika lejn l-istorja. L-effett satiriku jinħoloq mhux b'sarkażmu dirett, iżda b'nisġa intelliġenti bejn ir-reġistru storiku-romantiku, is-sehem tal-eroj veri tal-passat, l-imġiba ordinarja ta' Żeppi, martu, u ibnu meta jorqdu fuq il-qiegħa, is-superstizzjoni dwar l-Istricklandjani, id-drawwiet diskursivi provinċjali ta' żmien Mamo, u l-anakronija. L-awtur jiġġenera kumment satiriku bil-mod oriġinali kif jirriintegra dawn ir-reġistri, il-perjodi, il-karattri, u l-avvenimenti li ġejjin minn sorsi storiċi u letterarji differenti, ħila li setgħet tinbena biss minn bniedem li kien qara ħafna, bena repertorju ta' lingwaġġi, u tgħallem jinseġ il-ħjut tagħhom f'disinn ġdid.

Wieħed jista' jsaħħaħ dan l-argument – jiġifieri li s-satira ta' Mamo tfornina b'mod ironiku kif nerġgħu nikkonfiguraw l-istorja aktar milli b'għarfien sempliċi tal-fatti storiċi – billi josserva wkoll it-tilwima intertestwali li Mamo joħloq bejn ir-rakkont satiriku tiegħu u r-rakkonti storiċi-romantiċi ta' Ġużè Muscat

Azzopardi. Ir-referenza għall-eroj Toni Bajada u Ċejlu Tonna hija wkoll aċċenn għal żewġ xogħlijiet magħrufin ta' Muscat Azzopardi, u allura għal stil narrattiv serju u gravi li sa żmien Mamo kien stabbilit biżżejjed biex isir vittma tal-parodija, kif jixhdu frażijiet bħal: "b'qawwa u kuraġġ liema bħalu" u "f'dik il-lejla storika." L-aċċenn għall-eroj eponimiċi ta' Muscat Azzopardi hu għalhekk mekkaniżmu letterarju li jġib biswit xulxin żewġ metodi rakkontattivi kif wieħed jippreserva l-ġrajjiet tal-imgħoddi: jew bil-gravità storiku-romantika jew bil-parodija satirika (tal-istess gravità). Ir-rivalità intertestwali bejn dawn iż-żewġ ġeneri tiżvela kemm Mamo kien sensittiv lejn perċezzjonijiet differenti tal-imgħoddi mibnija skont metodi narrattivi distinti minn xulxin, iżda wkoll minsuġin ma' xulxin b'konnessjonijiet parodiċi. L-istess rivalità intertestwali tidher saħansitra f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, fejn il-parodija bir-repertorju erojku ta' Muscat Azzopardi issa għandha, hi wkoll, il-qisien ta' rumanz sħiħ. Is-silta mir-rumanz li ssegwi, magħżula minn Oliver Friggieri bħala eżempju ta' "ironija kontra t-trattament ta' xi persunaġġi fir-rumanzi storiċi",[4] telenka l-eroj eponimiċi ta' Muscat Azzopardi f'diskors parodiku li fl-aħħar jistagħġeb bil-kwantità tagħhom:

> L-istorja hija storja, u mbagħad għaliex tistagħġbu mix-xejn? Toni Bajada għamel għeġubijiet tant minn nitfa ta' baħri bidwi fi żmien il-ġfien, qata' tant widnejn ta' Torok sa ma qatgħulu tiegħu, għaġeb għax Girgor tagħna jittanta l-impossibbli bħal Marconi tas-seklu għoxrin? U Pawlu Xagħra, u Ċejlu Tonna, u Luqa, u issa Nazju? (44)

Il-kumplessità teknika tal-metodu satiriku tidher sew fit-tlaqqigħ bejn il-komponenti eteroġenji li ssemmew sa issa – il-gost imħallat mal-istmerrija, il-vuċi tal-karattri mħallta mal-vuċi tan-narratur, l-avveniment storiku ta' perjodu spustat f'perjodu ieħor bi ġrajja banali, u r-rivalità intertestwali bejn rappreżentazzjonijiet narrattivi differenti tal-imgħoddi li fin-novelli ta' Mamo jidħlu f'kunflitt. Dawn il-komponenti kuntrastanti jistgħu, f'waqtiet, jinħallu minn nisġa waħda biex, bħall-kalejdoskopju li jibdel id-disinn tal-biċċiet ġo fih mal-inqas ċaqliqa, jistrieħu f'arranġament ġdid ta' kuntrasti u ironiji. Naħseb li dan il-potenzjal ta' konfigurazzjoni dejjem imġedda tal-komponenti eteroġenji tas-satira tiegħu jiddistingwi lil Mamo bħala kittieb.

Il-karattru versatili tas-satira jispikka meta l-idjoma storiku-romantika li tintroduċi lil Toni Bajada u Ċejlu Tonna fir-rakkont "Ġrajja Maltija ta' Meta l-Maltin Kienu Iżjed Fidili" tinbidel għal għarrieda f'idjoma ġurnalistika

li tippreżenta fatt veru ta' żmien Mamo. Biex jenfasizza l-fattizzi jbeżżgħu tal-irġiel li donnhom ħerġin mir-rumanzi ta' Muscat Azzopardi, in-narratur f'mument minnhom iqabbilhom mal-ħarsa kerha ta' sid il-bini li, b'liġi ġdida li ħarġet fi żmien Mamo, kien ġie pprojbit milli jgħolli l-kera minn jeddu. B'inverżjoni parodika, il-kronaka reali ta' sid il-bini hawnhekk qiegħda tintuża bħala similitudni (jiġifieri bħala suppliment letterarju) li ssaħħaħ ir-rakkont melodrammatiku li bih il-poplu għadu jipperċepixxi d-dinja madwaru. Fi kliem ieħor, ir-realtà attwali tal-għoli tal-kera ironikament tillustra l-istagħġib u l-istħajjil melodrammatiku li fis-silta qiegħed jingħata prijorità żeblieħa, tant li jsir ir-reġistru predominanti fil-vuċi tan-narratur. B'konsegwenza, it-taħlit ta' reġistri narrattivi differenti joħloq inverżjoni fil-modi kif ir-realtà għandha tiġi artikulata: bil-gravità storiku-romantika li b'żuffjett tippredomina fir-rakkont u b'referenza inċidentali jew każwali għaċ-ċirkustanzi ekonomiċi veri ta' żmien l-awtur (l-għoli tal-kera).

Ir-rakkont ta' Mamo sikwit ma jindikax liema waħda minn dawn l-artikulazzjonijiet tar-realtà hija preferibbli, u jħallihom ħjut inseparabbli ta' rakkmu wieħed. Hi fin-natura tal-kittieb satiriku li jgħaqqad flimkien iż-żuffjett stilizzat u l-ġrajja storika, l-artifizju letterarju u l-kronaka ġurnalistika, l-istil grottesk u r-referenzi reali. U kultant, bħalma jseħħ fil-kwotazzjoni preċedenti, Mamo jerfa' spazju verament żgħir għall-kumment ġurnalistiku jew fattwali tan-narratur, biex iħalli wisa' ħafna akbar għar-reċtar żeblieħi tad-diskors popolari. Hu minnu li s-satira ma tistax tabbanduna ċ-ċirkustanzi storiċi ladarba trid iġġib il-vittmi tagħha mir-realtà;[5] iżda titlef l-effett distintiv tagħha jekk ma tirrakkmax ir-referenzi reali bil-ħjut karnivaleski tal-parodija, tal-karikatura, tal-grottesk u tal-inverżjoni bejn il-mistħajjel u l-veru. Id-definizzjoni tas-satira bħala "interazzjoni enerġetika bejn il-fatt u l-finzjoni" minn William Kinsley, u l-elaborazzjoni ta' Test li s-satira tirnexxi l-aktar fejn l-aspett fittizju tagħha jintiseġ sfiq mad-dinja reali 'l hinn mill-finzjoni,[6] ikomplu jixhdu li f'dan il-ġeneru narrattiv il-ħjut storiċi diġà magħrufin mill-qarrejja tal-ġurnali kontinwament qegħdin jinħadmu f'rakkmu akbar ta' żuffjett u travestija, tant li l-ħarsa tal-qarrejja rari tiffoka fuq disinn permanenti jew tadotta perspettiva suprema.

Hemm ħafna aktar mumenti narrattivi f'Mamo li jeżemplifikaw dan it-tlaqqigħ kalejdoskopiku ta' reġistri differenti. Ngħidu aħna, fir-rakkont "Leħħ ta' Ħsebijiet" l-esklamazzjoni "ġiżumarija" hija mleħħna min-narratur, daqslikieku dan qiegħed hu nnifsu jġarrab il-biża' superstizzjuż mill-emigrant Malti, mistħajjel bħala bniedem li jista' jagħmel xi magħmul lil ġemgħa nisa billi jiġbor ix-xagħar li jaqa' minn rashom u jieħdu miegħu lejn it-Tuniżija,

pajjiż li għall-ġemgħa jinstema' misterjuż u mbiegħed. Il-qarrejja malajr jintebħu, madanakollu, li t-ton superstizzjuż u l-arja kollha apprensjoni tal-kelma "ġiżumarija" aktar jixirqu lin-nisa milli lin-narratur, li fil-fatt qiegħed jinfilsa d-diskors tagħhom fir-rakkont tiegħu dwar imġibithom. Dan ikompli jiġi affermat meta l-qarrejja jagħrfu li s-silta b'din l-esklamazzjoni hija, fil-fatt, indirizz fit-tieni persuna lill-emigrant prospettiv, li n-narratur qiegħed jittrattah bħallikieku hu ħabib intimu tiegħu, iżda li fl-istess waqt qiegħed ikellmu bir-reġistru u bit-ton ta' dawk li jibżgħu minnu. Is-silta hi din:

> Kulħadd iħares lejk minn taħt b'ħarsiet tal-għaġeb u jibża' minnek b'biża' misterjuż, li għandu minn tal-Fatati u l-Ħarsien, l-aktar nett in-nisa b'għajnejhom miftuħin li ma jarmux xi xagħar minn rashom barra t-triq, int tiġbru u bih ġiżumarija tagħmlilhom xi magħmul hemm f'dik Tuneż.

Anki hawn tispikka l-ambivalenza tipika tan-narratur satiriku li b'żuffjett teatrali jadotta r-reġistru superstizzjuż tan-nisa bla ma jikkundannah, waqt li jirnexxilu jibqa' jitħaddet mal-emigrant, il-kaġun tal-biża', bi ħbiberija intima.

L-element teatrali tas-satira jġiegħel lil Jean Weisgerber jikkummenta li fil-proċess satiriku dejjem hemm narratur li jitla' fuq il-palk mal-karattru ssatirizzat, waqt li l-awtur jibqa' moħbi fil-kwinti bħallikieku hu d-direttur teatrali, u l-qarrejja jattendu għall-ispettaklu mill-platea.[7] Weisgerber jikkummenta wkoll li, minħabba dan ir-reċtar tad-difetti umani, il-qarrejja tas-satira jridu weħidhom jaslu għal "*the opposite good*" waqt li jissieħbu mat-teatralità kollha vizzji.[8] Imbuttat mid-dinja tal-bluha umana daqskemm hu attirat lejha,[9] u dejjem miexi lejn ir-raġuni permezz tal-imġiba irrazzjonali,[10] in-narratur satiriku jasal fid-destinazzjoni tiegħu billi jassumi ħafna rwoli kunfliġġenti, li waqt ir-rakkont ma jidħlux f'relazzjoni paċifika ma' xulxin.

Din it-travestija eteroġenja rari tippermetti li l-vuċi tan-narratur tkun konsistentement riformista jew li fiha tippredomina bixra moraleġġjanti. Fi kliem Ben Parsons, is-satira wriet sa mit-tradizzjoni Medjevali tagħha, "l-abbiltà li tkun sportiva aktar milli riformattiva, u dispreġjattiva aktar milli sempliċiment kostruttiva".[11] Parsons juri kif mill-qedem in-natura rvelluża u frattarjuża tal-ġeneru satiriku tħalltet sew mal-għan didattiku u riformista li ġieli ngħata prijorità żbaljata fil-kritika tagħha. "Ta' min jinnota wkoll," ikompli jistqarr, "li l-istudjużi Medjevali ma żviluppawx mod kif jisseparaw il-possibbiltajiet didattiċi tas-satira minn dawk żuffjettużi, iżda kienu kuntenti

jħallu dawn il-funzjonijiet differenti f'koeżistenza".[12] L-abbiltà tal-kittieb satiriku tidher fil-mod kif jiġġenera ċ-ċanfira soċjali tiegħu billi jissieħeb ma' karattru abbużiv jew iblah li, kif ġie lmentat kemm-il darba, jista' anki jisseduċi u jikkorrompi, minflok jgħallem, bil-wirja umoristika tal-vizzji li jaħkmuh.

Il-funzjonijiet jinbidlu, qarrieqa, saħansitra riversibbli tan-narratur satiriku huma r-raġuni għaliex il-ġeneru jista' jqanqal reazzjonijiet kritiċi kuntrarji anki fostna. Fid-daħla tiegħu, Mark Vella jipproponi li Mamo qiegħed iħares b'antipatija lejn il-karattri tiegħu li, b'mod umoristiku kemm trid, dejjem jispiċċaw ħażin – mejta, midruba, jew umiljati.[13] Dan il-kliem jikkontesta d-definizzjoni tradizzjonali ta' Friggieri dwar kif Mamo jippreżenta l-praspar umiljanti tal-karattri tiegħu b'simpatija u b'gost. Skont Vella, hemm aktar xhieda ta' "qrusa" li biha l-kittieb "inaddaf lis-soċjetà minn [...] elementi retrogradi." Jidhirli li fil-fatt hu t-tlaqqigħ flimkien ta' dawn is-sentimenti opposti – it-trattament umiljanti, traġiku, u dispreġjattiv fuq naħa u t-trattament aktar ċajtier, karnivalesk, u attraenti fuq l-oħra – li jagħmel lis-satira irriduċibbli għal attitudni waħda, u allura unika bħala strateġija ta' rakkuntar. Hu għalhekk li d-daħka bl-imġiba tal-karattri qatt mhi mbiegħda wisq mill-mewta assurda li biha l-awtur ġieli jtemm il-bluha – altrimenti dejjiema – tagħhom. Mamo, wara kollox, kien għex f'intimità bikrija mad-dinja mġewħa u superstizzjuża li mbagħad beda jissatirizza, u din l-intimità bilfors ġegħlitu jmelles b'idu l-waħda l-istess ħajja li beda jigref b'idu l-oħra. Friggieri jindika din l-antiteżi tipika tas-satira meta jistqarr li f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* Mamo "jinqeda biċ-ċajta biex joħroġ, imqar jekk bil-moħbi u b'mod miftiehem, il-qrusa tal-qagħda kollha".[14]

Ir-reċtar umoristiku tal-vizzji provinċjali fil-fatt għandu sehem vitali fl-għadab satiriku. B'dan ir-reċtar, Mamo seta' jistmerr aspetti sħaħ mill-għajxien tal-bniedem raħli mingħajr ma jtemm l-affezzjoni lejh. Seta' wkoll jintensifika r-rabja lejn il-manjieri baxxi u l-kredulità baħnana ta' dan il-karattru, sewwasew billi jħaddem forom ta' attrazzjoni li ma jħallux lill-qarrejja jdawru wiċċhom 'l hinn mid-dehra baxxa, imġewħa, żdingata, u superstizzjuża tal-protagonisti. Dan it-tisħib umoristiku mal-istmerrija lejn il-vizzji provinċjali jqanqal sentiment sofistikat li jimraħ bejn il-faxxinu u l-istkerrih, kompromess emottiv li jrid joħroġ waħdu mit-tlaqqigħ tal-elementi eteroġenji tas-satira.

Kif josserva John R. Clark, il-kittieb satiriku ma jaħfirhiex lir-reġistru tal-boloh, iżda meta jiċċensurah irid bilfors itella' wirja affaxxinanti tal-ilsna ta' Babel.[15] B'mod simili, l-insinwazzjonijiet ironiċi ta' Mamo donnhom jinbtu aċċidentalment mit-tlaqqigħ kaotiku u divertenti bejn l-ilsna ta' Babel.

Anki meta jitqies vizzju diskursiv wieħed, bħall-metateżi, l-inferenzi ironiċi mhumiex mistqarra min-narratur daqskemm milmuħa mill-qarrejja waqt li qegħdin jorjentaw ruħhom bejn għadd ta' reġistri u ilħna f'kunflitt kaotiku. Fil-ġrajja "Is-Saħħa tal-Maltin," in-narratur pereżempju jirrakkonta li "Ġiet il-karozza tal-bonanza (kif tgħidilha z-zija Roż), ġabritu u iġri malajr għall-isptar." Waqt li l-kliem fil-parentesi jixhed li n-narratur jaf jiddistingwi bejn it-tlissin provinċjali u t-tlissin standard tal-kelma "ambulanza," xorta waħda jagħżel ir-reċtar żuffjettuż bid-diskors taz-zija Roż. Madanakollu, bejn it-tlissin żbaljat u l-evokazzjoni korretta tal-istess kelma, il-qarrejja ma jagħrfux biss kunflitt bejn żewġ reġistri, iżda jintebħu wkoll bir-relazzjoni ironika fuq il-livell semantiku. Is-sinifikat tal-kelma mlissna "bonanza," jiġifieri abbundanza ta' ġid u risq tajjeb, jaħbat mas-sinifikat inkompatibbli tal-kelma proprja li kellha tingħad, "ambulanza," bl-inferenza tagħha ta' diżgrazzja u allura ta' xorti ħażina. Kif se juru l-eżempji li jsegwu, l-ilsna ta' Babel fir-rakkonti ta' Mamo sikwit jiġġeneraw insinwazzjonijiet kuntrastanti ta' din l-għamla, għad li aktar serji fl-implikazzjonijiet tagħhom mill-kuntrast semantiku fl-eżempju preċedenti. Dawn il-konfigurazzjonijiet ironiċi mhux dejjem jintlemħu minnufih, sewwasew għax il-qarrejja jistgħu jkunu affaxxinati b'disinn kalejdoskopiku momentarju li jaljenahom minn konfigurazzjoni ironika aktar serja b'ċaqliqa żgħira tal-istess frammenti diskursivi.

Fir-rakkont "Luretu Bin Benjamin fil-Meetings tan-Nazzjonalisti," il-galoppin Nazzjonalist li jilmenta "Jien għalfejn ġejt fid-dinja? Għal mitingsijiet biss?" fl-aħħar jistqarr li ma jridx jgħajjat "viva l-lingwa ta' Tanti," u minnufih jittradixxi l-iskop pro-Taljan tas-*slogan* politiku billi jibdel il-lingwa ta' Dante fil-lingwa ta' individwu Malti (Tanti), jiġifieri fil-Malti. Wieħed jista' jilmaħ ukoll l-insinwazzjoni aktar fina li ladarba mar għal *meeting* Nazzjonalista, dan verament ma jridx ifaħħar il-lingwa Maltija ta' Tanti (irid ifaħħar it-Taljan ta' Dante). Il-karattru, bħalma tipikament jiġri fis-satira, ma jafx b'dawn l-insinwazzjonijiet li qiegħed jiġġenera, u li jwettqu l-uniku progress fir-rakkont satiriku: progress fil-ħarsa inkwiżittiva tal-qarrejja li jagħrfu l-ironija tal-qagħda tal-karattri aktar mill-karattri nnifishom. Fir-rakkont "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" wieħed mill-ġemgħa li inġustament tikkundanna lil Kalċidon wara mewtu jistqarr li wara kollox "kien marid bl-attakki tal-poplusija!" F'din il-metateżi jinstema' l-kliem "l-attakki tal-poplu," bħallikieku Kalċidon marad b'dawn l-attakki wkoll li akkumpanjaw il-puplesija tiegħu, u li huma l-mira tal-ironija satirika tar-rakkont. Fir-rakkont "Fl-Aħħar Alla Laħqu!" wieħed mill-kelliema li jitħaddtu fuq l-għomor twil ta' Feliċjan isemmi t-twelid tiegħu

nhar "Sen Bertilmewt," u jsegwi l-ħoss aċċidentali tal-kelma "mewt" b'referenza għax-xahar iddedikat lill-erwieħ ("fix-xahar tal-Qaddisin killhe"). Meta jitqies li dan ir-rakkont hu dwar ġemgħa qiegħda tistqarr li Alla laħaq lill-mejjet Feliċjan, bniedem ta' ruħ tajba iżda li żamm ma' Strickland, jibda jingħaraf kif il-vizzji diskursivi ta' din il-ġemgħa diġà jorbtu l-erwieħ qaddisa mal-mewt, u jantiċipaw b'mod inkonxju r-rabta paradossali bejn ir-ruħ tajba ta' Feliċjan u l-ħaqq ta' Alla li fl-aħħar ikkastigah. Vizzji diskursivi bħal dawn jiżvelaw ġemgħa provinċjali li bla ma taf qiegħda toħloq il-limiti u l-assurditajiet tad-dinja li tabita fiha, ġemgħa li tikkonferma l-massima ta' Ludwig Wittgenstein dwar kif "il-limiti tal-lingwa tiegħi jfissru l-limiti tad-dinja tiegħi".[16]

Meta Mamo jsejjaħ l-ilsna kollha ta' Babel f'daqqa, dejjem tfeġġ xena ffullata, karnivaleska, storbjuża, u diżordinata ta' kelliema, li fosthom l-ebda identità ma tippredomina biex torkestra lill-bqija tal-ilħna lejn xi stqarrija moraleġġjanti. Dawn l-ilħna, li rari jiġu attribwiti lil karattri distinti, jew li joriġinaw minn karattri bl-istess isem (ngħidu aħna, il-varjanti tal-isem Nikola fir-rakkont "Nikol u Kola tas-Siġġiewi fil-Miter tal-Bombi"), jintegraw ruħhom mar-rakkuntar, jinterrompu lil xulxin u lir-rakkont bl-istess faċilità, u jwettqu wirja ta' stagħġib, djalett, eliżjonijiet, pleonażmu, u metateżi li sikwit tiġġenera konnessjonijiet ironiċi imprevedibbli bħal dawk imsemmija. L-element polifoniku u kakofoniku tan-narrattiva ta' Mamo ġej mill-fatt li l-awtur iħalli l-interazzjoni vulgari u frattarjuża bejn il-kelliema twettaq weħidha parti ġmielha mill-ġrajja, b'diskors imqanqal fuq suġġett aktarx banali, bi qbiż fin-nofs ta' kelliema differenti, b'tixjir tal-idejn u tagħwiġ tal-wiċċ, u b'ħalf dwar l-irġulija u s-sewwa. B'dan il-mod, id-diżordni u l-paniku bla bżonn fl-ilħna ddrammatizzati sikwit isiru d-dinamika waħdiena tar-rakkont, li ħafna drabi ma għandux żvolġiment fil-qagħda tal-protagonisti tiegħu, iżda mewt, feriment, jew ħarba umiljanti biss. Kif josservaw Brian A. Connery u Kirk Combe, id-diskors satiriku jippreferi jagħti spettaklu kaotiku tal-ħażin milli kumment konkluživ fuqu,[17] u f'konformità ma' din il-konvenzjoni satirika Mamo jħalli l-ispettaklu tad-diskors provinċjali jsir hu waħdu l-qagħda persistenti u d-dinamika tar-rakkont, strateġija narrattiva li tipproċedi b'inferenzi ġodda ma' kull qari minflok b'avvanz fl-istess soċjetà li tiġġenerahom.

Il-prijorità li Mamo jagħti lill-ispettaklu kaotiku tal-ġemgħa titħaddet, dejjem nieqsa minn sustanza argumentattiva kif ukoll minn kull ħjiel ta' razzjonalità, tista' tispjega għaliex anki l-oġġetti u l-avvenimenti ġieli jiġu ppreżentati bħala ħoss kaotiku aktar milli kontenut deskritt jew irrakkuntat. It-tisbita, it-tifqigħa, l-isparatura, id-daqqa, u ħsejjes oħra simili sikwit

jinterrompu r-rakkont tal-ġrajja bi smigħ dirett tal-istorbju tagħha, u jkomplu jikkonsolidaw l-element teatrali tar-rakkont satiriku. L-eżempji abbundanti ta' din it-teknika onomatopejka jippermettu għażla tal-aħjar effetti tagħha. Ngħidu aħna, fir-rakkont "Ħallelin tat-Tiġieġ," il-ħsejjes "Plumm ... plumm ..." flimkien mal-għajjat tat-tiġieġ jinterrompu d-diskors banali taż-żewġ ħallelin li daħlu jisirqu t-tiġieġ minn razzett. Barra minn hekk, dawn il-ħsejjes jissostitwixxu d-deskrizzjoni tal-bidwi qiegħed jispara lejn il-ħallelin, azzjoni li qatt ma tiġi rrakkuntata minkejja li n-narratur kien għadu kemm ta lill-qarrejja deskrizzjoni sħiħa tal-bidwi qiegħed jaqla' "l-ixkubetta minn mal-ħajt, itella' l-grillu u jinnota [lill-ħallelin] minn ġo twejqa qadima." Wara l-ħoss taż-żewġ sparaturi, ir-rakkont isegwi bi frattarija tipika ta' ħsejjes u azzjonijiet, li jisfumaw f'xulxin bħallikieku r-rakkont u s-smigħ attwali tal-ġrajja tiegħu huma esperjenza waħda: "Titjir minn banda, ajma mill-oħra. Il-ġirien jistenbħu, ajjut. Il-feruti ma jistgħux jiġru, sadattant tilħaq il-pulizija u ġġorr lejn l-isptar u mbagħad lejn il-ħabs."

Il-komponenti eteroġenji tas-satira ta' Mamo (l-isfumar f'xulxin tal-gost u tal-istmerrija; it-taħlit ta' leħen in-narratur ma' leħen il-karattri; l-alternanza bejn il-funzjoni rakkontattiva u l-funzjoni teatrali; it-tqegħid ta' mument storiku f'ieħor; il-logħob intertestwali bejn ġeneri narrattivi differenti; u t-tisħib tal-ġrajja rrakkuntata mas-smigħ attwali tal-ħsejjes tagħha) ma jingħaqdux flimkien spontanjament, skont il-ħsejjes u l-azzjonijiet inkonxji tat-triq, iżda stilistikament, skont skemi letterarji maħsuba min-narratur: l-ironija, il-parodija, u l-*innuendo*. Anki l-assurditajiet li jinbtu inkonxjament mill-vizzji diskursivi tal-ġemgħa provinċjali jiksbu grad ogħla ta' ironija meta jissieħbu mal-logħob stilistiku tan-narratur. Is-satira, fil-fatt, tipproċedi billi tkattar l-intensità parodika li tiġġenera hi stess, intensità li biż-żieda tagħha tikkumpensa għall-qagħda statika tal-karattri.[18] Ix-xena ffullata, karnivaleska, u storbjuża tal-ġemgħa provinċjali ta' Mamo, għalhekk, tiġġedded fuq livell stilistiku, bi frattarija kreattiva fil-ħoss u fis-sens tal-kliem. F'dawn il-waqtiet, l-istil deliberatament kaotiku tan-narratur jiġi esegwit b'mod rettorikament ikkalkulat, tant li mid-diżordni apparenti jinbet żvolġiment ironiku li, bħalma ntwera bl-eżempju tal-metateżi, hu aktar sinifikattiv minn bidla fiċ-ċirkustanzi.

Wieħed mill-aħjar illustrazzjonijiet ta' dan hu l-logħob bil-varjanti tal-isem Nikola fir-rakkont "Nikol u Kola tas-Siġġiewi fil-Miter tal-Bombi." Fin-novella jingħataw dawn il-varjanti tal-istess isem mogħti lil Siġġiwin differenti: Kola, Kool, Koola, Nikol, Nikool, u Nik. In-narratur ikompli l-logħba ta' varjanti tal-istess isem, li sa issa diġà għandhom l-insinwazzjoni ironika ta' mentalità

uniformi f'għadd ta' bnedmin differenti, b'espressjonijiet bħal: "Nikol ieħor," "Nikolijiet u Kolijiet oħrajn," "dehru għaddejjin in-Nikolijiet u l-Kolijiet għall-Miter," "Kola minnhom," "sieħbu Nikool l-ieħor," "Dawn it-tnejn fost xi tużżana Nikolijiet oħra," "Kola u Nikol tas-Siġġiewi." Bħallikieku ma jgħoddux biżżejjed ripetizzjonijiet bejniethom, dawn in-Nikolijiet kollha jinġabru, minn kelliem wieħed fosthom li jagħmel talba għall-interċessjoni, taħt il-protezzjoni tal-qaddis patrun bl-istess isem: "San Nikola tal-Vinturi magħne." Iżda issa, aktar milli tinstema' t-talba għall-interċessjoni, tinħass l-ironija ta' talba biex jiżdied Nikola ieħor "magħne." Dan l-ispettaklu bil-ħoss u bis-sens tal-kelma jikxef waħda mill-ħiliet letterarji l-aktar effettivi f'Mamo: il-ħila li juża l-logħob bl-aspetti kollha tal-kelma (is-sens, il-ħoss, il-grammatika, it-ton, u l-bqija) biex, minflok joħloq relazzjoni diretta bejn il-kelma u r-realtà storika, joħloq relazzjoni insinwattiva bejn aspetti lingwistiċi differenti, u b'hekk jiġġenera kumment satiriku fuq ir-realtà storika. Fl-aħħar eżempju, il-kelma "magħne" tinsinwa qaddis patrun li ġie msieħeb fi klikka politika magħmula minn varjanti tal-istess isem (jew varjanti tal-istess mentalità), u din l-insinwazzjoni hija ġġenerata mill-frattarija akustika maħluqa b'dawn il-varjanti.

Il-logħob akustiku bl-isem Nikola jsir aktar karnivalesk meta jitħallat ma' għadd ta' vizzji espressivi tal-poplu: il-metateżi (ngħidu aħna, "miter" flok "*meeting,*" "ċingrofù" flok "ċinema," "tal-Kavlarija" flok "tal-kavallerija"), l-ewfemiżmi (ngħidu aħna, "eqqellum" u "l-legremew"), il-varjazzjoni fil-pronunzja tal-istess kelma mtennija ("Issa jien nof bit-Taljan u mhux Taljol, l-aħwa?"), u għadd bla tmiem ta' eliżjonijiet u pronunzji djalettali. Madanakollu, f'dan l-ispettaklu inkonxju tal-ġemgħa u konxju tan-narratur, il-ħila insinwattiva ta' dan tal-aħħar tibqa' tispikka. Il-frażi tat-titlu "fil-Miter tal-Bombi," pereżempju, tilgħab bis-sens tal-kliem deliberatament, għax tirreferi għall-post ta' *meeting* li seħħ tassew fil-Bombi, kif ukoll għall-għadd kbir ta' ġebel li ntefa' dakinhar, tant li ż-żewġ Nikolijiet protagonisti emmnu li qegħdin fi gwerra bil-bombi. Hawnhekk ukoll jidher spustament minn kitba ġurnalistika li tirreferi għal avveniment reali għal kitba satirika li tiġġenera żvolġiment ironiku ta' dik ir-realtà, permezz ta' logħob semantiku li finalment jibda jinsinwa kif deher il-*meeting* fl-istħajjil ta' żewġ Nikolijiet: miter f'Bieb il-Bombi u miter bil-bombi. Matul ir-rakkont kollu, in-narratur u ġieli anki l-karattri jinqdew b'reġistru ta' ostilità fiżika jew militari li jikkonsolida din l-impressjoni raħlija: "jagħlbuna," "jeħodha kontra," "jgħallaq," "splodiet minjiera," "jisparaw il-fornelli," "Battalja mill-kbar bla ultimatum," "l-Ingliżi, għelbu," "għajta bit-tromba," "kavlarija," "qiegħed jimmira," "bil-kanun

ġejje l-affori," "ibattuna," u "qamet gwerra." Fil-kuntest ta' dan ir-reġistru hu diffiċli ħafna li l-firxa semantika tal-kelma "bombi" tibqa' marbuta ma' Bieb il-Bombi biss. Hu daqstant diffiċli li minn din il-firxa ironika tal-kelma "bombi" l-qarrejja jiksbu biss il-kronaka ta' *meeting* organizzat f'lokalità partikulari, mingħajr ma jiksbu wkoll il-potenzjal ta' għarfien akbar tal-passat, ngħidu aħna, l-implikazzjoni supplimentari li ċerta klassi raħlija kienet tattendi l-*meetings* mingħajr ħjiel ta' x'inhu jseħħ fihom, tant li tħalli l-istħajjil tagħha jfehimha ġrajja oħra ħlief dik li qiegħda sseħħ realment. Hija din il-medjazzjoni ironika mal-imgħoddi li tagħmel lill-istrateġiji satiriċi, fosthom il-logħob bis-sens tal-kliem, mezzi validi ta' għarfien.

Wieħed mill-aħjar eżempji tal-iżvolġiment insinwattiv li joriġina mill-ispettaklu rettoriku tan-narratur satiriku jidher fir-rakkont "Xeni tal-Għada ta' Santa Marija," fejn Nardu ta' Qrempuċa jidħol il-Belt biex iħallas il-qbiela lis-Sur Gawdenz, u waqt li qiegħed jitkellem mas-sinjur fuq il-ħlas Beatrice, implikata bħala mart is-sid,

> ħelwa zokkra, għonqha u dirgħajha bojod fidda, għax qatt ma għażqet fix-xemx, għajnejha jsaħħru b'ħarsa, newlitlu l-kikkra mdiehba bid-daħka f'fommha, tħares lejn il-misluta ta' wedint Nardu, u Nardu jitgħaxxaq bil-ġentilezza u ġmiel u jilgħaq xofftejh (mit-te).

Il-frażi fil-parentesi "mit-te" tikkoreġi lill-qarrejja li, minħabba l-kliem "ħelwa zokkra" li jintroduċi lil Beatrice, bilkemm ma fehmux li Nardu qiegħed jilgħaq xofftejh wara li daq il-ħlewwa tagħha minflok it-te. Madanakollu, l-*innuendo* diġà seħħ, u l-qarrejja issa jagħrfu l-arranġament brikkun ta' deskrizzjoni twila tas-sbuħija femminili li momentarjament tnessi r-reġistru tat-togħma ħelwa li s-silta bdiet u spiċċat bih. Fir-rakkont, din il-ħlewwa delikata hi minsuġa sfiq mal-ħajja xxamplata, imxaħxħa, u mgħażżna li l-familja tas-Sur Gawdenz tgħix, f'kuntrast mal-għaraq, il-ħmieġ, u l-iżdingar tal-bidwi Nardu li ġera lejn il-Belt biex iħallas il-qbiela. Permezz tal-*innuendo*, Nardu jilgħaq xufftejh mill-ħlewwa tat-te, mill-ħlewwa femminili, u b'estensjoni allużiva mill-ħajja mxaħxħa li din il-ħlewwa tirrappreżenta. Naturalment, l-implikazzjoni issa mhix biss li Nardu rari daq it-te biz-zokkor jew id-delikatezza femminili, iżda li rari daq il-livell ta' għajxien li dawn il-ħlewwiet jirrappreżentaw. Mill-ġdid, il-progress narrattiv hawnhekk ma jseħħx bl-avvenimenti tal-ġrajja, li qajla għandhom żvilupp interessanti meta sempliċiment jirrepetu drawwa storika magħrufa tal-bdiewa: li jħallsu l-qbiela l-għada ta' Santa Marija. Il-progress narrattiv iseħħ b'mod vertikali, b'saffi

ġodda ta' implikazzjoni li, minflok joħorġu mill-qari lineari tar-rakkont, jinbtu mill-ispettaklu apparentament kaotiku tal-ħoss u t-tifsir tal-kliem, mill-ħbit bejn l-ilsna ta' Babel.

Eżempju ieħor interessanti ta' dan il-progress insinwattiv fir-rakkont ta' Mamo jinsab fin-novella "Qorti fuq ix-Xejn." It-titlu idjomatiku, li fit-taħdit ordinarju jfisser plejtu fuq ħaġa żgħira, jikseb sa tmiem ir-rakkont ħafna aktar konnessjonijiet ironiċi milli wieħed kien jipprevedi. U kull konnessjoni ġdida timmodifika l-istampa ta' ġemgħa raħlin li n-narratur qiegħed josserva. Huma qabda rġiel li mill-bidu jassumu d-dehra ta' "neguzjanti minn kull raħal." Iżda l-affari kollha "għajjat," "frattarija," u "għaġeb" li sseħħ bejn dawn l-irġiel mhix in-negozju ta' "bastiment qoton mill-Eġittu," li fi kliem in-narratur kien aktar jixraq lis-saħna tal-kliem bejniethom. In-neguzjanti fil-fatt qegħdin jilletikaw – min bħala xerrej, min ħuttab, u min bejjiegħ – fuq il-bejgħ ta' fenka biex b'hekk "idabbruha" u jitrejqu f'nofsinhar. Madanakollu, il-ġlieda li tinqala' bejn sid il-fenka, Frenġesk, u dak li jrid jixtriha, Wiżu, tintemm bil-fenka maħruba u Frenġesk l-isptar, ferut b'sikkina. Matul il-ġrajja, il-frażi "Qorti fuq ix-xejn" takkumula dawn is-sinifikati differenti: minn tifsira idjomatika ta' plejtu għalxejn, għal sens ta' affari fuq oġġett li verament ma jiswa xejn (fenka), imbagħad għas-sens tat-telfa anki ta' dan l-oġġett li ma jiswa xejn meta l-fenka taħrab, u fl-aħħar għas-sens litterali ta' bniedem (Wiżu) li jispiċċa l-qorti u l-ħabs minħabba tilwima fuq, appuntu, xejn. L-idjoma "qorti fuq ix-xejn" kisbet finalment is-sens aktar realistiku u gravi ta' bniedem li verament spiċċa quddiem il-ġustizzja fuq nuqqas ta' gwadann, u dan is-sens litterali hu l-oppost tal-impressjoni oriġinali li ta t-titlu: is-sens ta' għaġeb fuq ċirkustanzi li mhumiex gravi. Il-mekkaniżmi użati minn Mamo biex jimmodifikaw is-sens tal-kliem – l-*innuendo*, il-paronomasja, u l-ironija – sikwit ikabbru l-għarfien tal-faqar u tal-injoranza soċjali b'dan il-mod rettoriku, jiġifieri b'wirja tal-inġenjożità lingwistika tan-narratur li simultanjament tqanqal faxxinu bil-logħob divertenti tar-reġistri mħaddma.

Meta Mamo jsejjaħ l-ilsna kollha ta' Babel f'daqqa u jilgħab bil-ħoss, bit-tifsir, u bl-idjoma tal-ilsien Malti, madanakollu, l-effett qatt ma jieqaf f'wirja tal-inġenjożità implikattiva tiegħu. 'L hinn minn din il-wirja, l-effett hu l-ħolqien ta' skrutinju soċjali li jikber mal-implikazzjonijiet u mal-konnessjonijiet ironiċi li jikkaratterizzaw is-satira tiegħu. Dan l-iskrutinju soċjali għadu validu sal-lum għax jista' jitħaddem 'l hinn mill-qagħda storika li l-awtur issatirizza. L-impatt letterarju li għad għandhom in-novelli ta' Mamo mhux ġej mir-riformi soċjali li hu inkoraġġixxa, iżda li fir-realtà seħħew minħabba fatturi ekonomiċi u

politiċi mbiegħda mill-kitba letterarja tiegħu. In-novelli għad għandhom impatt minħabba l-mod kif l-*innuendo*, il-paronomasja, l-ironija, flimkien ma' forom oħra ta' logħob bil-kliem, għadhom sal-lum iwettqu riforma fil-mod kif aħna niskrutinizzaw lis-soċjetà madwarna. Kull riforma soċjali, wara kollox, trid tibda minn riforma fl-għajn li qiegħda tħares lejn is-soċjetà, u s-satira teduka qabelxejn din il-ħarsa.

Din it-taqsima ttrattat l-elementi eteroġenji li minnhom tinbena s-satira ta' Mamo: is-simpatija mżewġa mal-antipatija, id-diskors tal-ġemgħa assimilat mil-leħen tan-narratur, ir-reċtar imħallat mar-rakkuntar, il-mistħajjel sfumat fil-veru, l-ispustament anakronistiku ta' mument storiku f'perjodu ieħor, il-logħob intertestwali bejn ġeneri narrattivi differenti, ir-rakkuntar tal-ġrajja ttrasformat fis-smigħ onomatopejku tal-ħsejjes tagħha, u l-logħob bil-kliem mibdul f'insinwazzjoni ironika jew f'sens litterali serju. Fil-fatt, fl-istorja letterarja tal-ġeneru satiriku hemm allużjoni bikrija għal din id-diversità eteroġenja. Il-frażi Latina "*satura lanx*," li minnha ġejja l-kelma "satira," kienet tfisser platt mimli b'varjetà ta' frott u ġwież, taħlita ta' ingredjenti li qegħdin ifuru 'l barra mir-reċipjent tagħhom. Fl-istess perjodu Klassiku, is-satirista Juvenal kien diġà tant milqut mill-karattru varjabbli u versatili tas-satira li laqqamha "farraġni," kelma li wkoll tfisser taħlita mgerfxa ta' ġwież. F'Mamo wkoll, jidhirli, tinħass din il-kwantità ta' elementi eteroġenji li dejjem qegħdin ifuru 'l hinn mill-konfini dojoq tan-novella, u bħallikieku qegħdin jistiednu lill-qarrejja għal taħlita rikka ta' togħmiet.

Il-konnessjoni Medjevali bejn is-satira u l-imġiba estravaganti fis-Saturnalia, il-festa li fiha l-obbligi morali u ċivili jillaxkaw,[19] tixhed rabta oħra qadima, din id-darba bejn is-satira u l-kuntest brijuż u frattarjuż taċ-ċelebrazzjoni festiva. Din il-burdata ċelebrattiva minn daqqiet tippredomina fil-kitba satirika, sakemm tinħass qiegħda taħkem saħansitra s-sengħa rettorika u stilistika tal-kittieb. Is-sensibilità rfinuta li kellu Mamo lejn id-diskors provinċjali fil-fatt laqqgħetu mal-potenzjal semantiku u akustiku tal-kelma Maltija bħala qabelxejn spettaklu, kif rajna. B'konsegwenza, il-pinna tiegħu sikwit tibdel il-kelma f'ċelebrazzjoni festiva ta' reġistri jew f'orkestrazzjoni divertenti ta' ħsejjes anki fejn il-kelma ma tkunx ġejja mill-fomm raħli. Ix-xhieda letterarja ta' dan tinsab f'dawk il-waqtiet meta n-narratur ta' Mamo jibda jilgħab bil-paronomasja, bl-ironija, u bl-*innuendo*, flimkien ma' effetti akustiċi bħar-ritornell, l-onomatopea, l-assonanza, u r-rima, biex ikompli l-ispettaklu tat-taħdit provinċjali fuq livell estetiku, bħallikieku l-ħila rettorika tan-narratur issa nġarret mill-burdata farseska tat-taħdit kollokwiju.

Biżżejjed wieħed jaqra l-ewwel sentenza tar-rakkont "Ta' Rasu Iebsa," biex jara dawn l-elementi rettoriċi u akustiċi f'taħlita spettakulari:

> Mela Mikiel bin Mikiel, li kienu xtrawlu wiżna kittien, u għażluhielu rqajqa rqajqa bħall-gumma tal-iġfien, u li meta kien għadu tfajjel laqqmuh bl-isem qsajjar Kejli, kien rasu iebsa wisq, rasu ħaġra żonqrija, stinat.

Il-parodija b'derivazzjoni patronimika li tibqa' fl-istess isem ("Mikiel bin Mikiel") biex timplika staġnar fl-istess mentalità, l-assonanza bil-vokali "ie" ("Mikiel," "kienu," "kittien," "għażluhielu," "iġfien," "kien") li b'mod analoġiku donnha trid tibqa' fl-istess ħoss, il-funzjoni ornamentali tar-rima femminili ("kittien" u "iġfien"), id-dettall banali fuq il-missier li jingħaraf għax hu dak li xtrawlu wiżna kittien u barmuhielu bħall-ħbula tal-iġfna, u l-pleonażmu ("rasu iebsa wisq, rasu ħaġra żonqrija, stinat") – dawn mhumiex xejriet li jwasslu lill-qarrejja għall-identità ta' Mikiel. Huma ċelebrazzjoni karnivaleska u żuffjettuża bil-potenzjal akustiku u semantiku tal-lingwa provinċjali. L-ewwel sentenza tar-rakkont, li suppost qiegħda tintroduċi lill-protagonist, qiegħda fil-fatt turi l-ħila rettorika tan-narratur, li jirrakkonta b'taħlita farseska u ffullata ta' elementi mit-taħdit raħli, biex jiġġenera insinwazzjonijiet ta' staġnar u banalità fl-istess ġemgħa li tinqeda b'dawn il-formuli popolari ta' diskors.[20]

Griffin josserva kif matul ħafna perjodi letterarji ngħatat prominenza lill-aspett rettoriku tal-ġeneru satiriku, b'wirja tad-dehen, l-intellett, u t-talent verbali tas-satirista. Eżempju wieħed magħruf mill-Medju Evu, *The Praise of Folly* ta' Erażmu, juri kif fis-satira l-parodija b'diskors formali kienet titħallat mal-wirja tgħammex tat-talent rettoriku tal-kittieb, sakemm il-qarrejja draw ma jarawx kuntradizzjoni bejn ir-rettorika lelliexa u s-serjetà.[21] Jekk, kif ingħad qabel, il-ħjut storiċi diġà magħrufin mill-qarrejja ta' żmien Mamo kellhom jinħadmu mill-ġdid f'rakkmu akbar ta' żuffjett, ironija, travestija, u logħob rettoriku, allura jinftiehem aktar il-kumment ta' Test: li s-satira tgħaqqad flimkien l-aggressjoni, il-logħob, id-daħk, u l-ġudizzju.[22] Dawn l-osservazzjonijiet jispjegaw ħafna mit-teknika letterarja li Mamo għażel bħala medju narrattiv li jittrażmetti mhux daqstant il-qagħda storika ta' żmienu, imma mod rikk u innovattiv kif inħarsu lejha b'għajn kritika. Il-qarrejja tiegħu ma jitpoġġewx fi storja maqfula fi żmien partikulari, iżda fil-potenzjal ta' għarfien dejjem akbar ta' dik l-istorja permezz ta' għodod ġodda ta' komprensjoni li se jipproblematizzaw u jkabbru s-sinifikat tagħha. U bħas-"*satura lanx*," il-mekkaniżmi letterarji u l-għodod ta' komprensjoni li jgħaqqad flimkien l-awtur ġieli jfuru 'l barra saħansitra mir-reċipjent tagħhom – ir-rakkont qasir – biex jagħtu firxa ta' insinwazzjonijiet ħafna ikbar mill-konfini narrattivi mnejn oriġinaw.

## Is-Superstizzjoni bħala Eżempju ta' Kontenut Satiriku

L-aspetti satiriċi analizzati fl-aħħar taqsima jistgħu jagħtu l-impressjoni żbaljata li s-satira tittraskura l-kontenut f'ġieħ it-talent rettoriku tas-satirista. Madanakollu, il-kitba epistolari u ġurnalistika ta' Mamo, bit-temperament mgħaddab u urġenti tagħha, tixhed l-impenn tiegħu biex ixandar kontenut ideoloġiku ċar u qawwi. Fl-artiklu "Il-Belliegħa tal-Maltin" li deher f'*Il-Ħmar* tal-1 ta' Ġunju, 1921, Mamo jħambaq kontra l-awtoritajiet li jħajru lill-poplu ordinarju jemigra mingħajr ma jikkultivaw fih identità nazzjonali; u fl-ittri kollhom korla miktubin minn Lixandra, jitmasħan fuq l-abbandun hemmhekk ta' Manwel Dimech, u fuq il-qagħda miżerabbli tal-ħaddiema bla mexxej fil-gżejjer Maltin.[23] L-istess jista' jingħad għat-tema tal-ħaddiem Malti mħolli fid-dlam, li Mamo ddeklama fuqha f'għadd ta' artikli u ittri, fosthom l-ittra ta' Ġunju 1922, mibgħuta minn Londra lill-ġurnal tal-emigranti Maltin fl-Amerika, *Il-Malti Amerikan*.[24] L-istampar regulari ta' materjal ideoloġiku bħal dan jikxef bniedem li, apparti mit-talent rettoriku li kkomunika bih, dejjem kien immotivat minn programm politiku definit u minn kontenut soċjali tanġibbli.

Din it-taqsima se tiffoka kontinwament fuq is-superstizzjoni, bħala tema rikorrenti fin-novelli ta' Mamo li għandha kontenut kemm politiku kif ukoll soċjali. Dan l-istħarriġ tematiku għandu jservi ta' prova li ż-żuffjett, it-travestija, u l-logħob karnivalesk tal-kittieb satiriku ma jxekklux, iżda jistimulaw, l-iżvilupp tal-argument. Qabelxejn, tema letterarja rari tolqotna minħabba li jkollha mixja skematika lejn riżoluzzjoni ċara jew definittiva. Ħafna aktar drabi tinteressana għax tespandi b'dilemmi u b'mistoqsijiet li l-ħsieb sterjotipat tagħna qajla jħallina niskopru, għax tipproċedi b'relattività ifjen bejn il-perspettivi ġodda li jibdew jinkixfu fiha, u għax tassimila fl-iżvilupp tagħha emozzjonijiet kunfliġġenti li jibdlu s-suġġett f'enimma mgħajxa u lilna f'kuxjenza li għadha qiegħda timmatura f'din l-enimma. Aħna nassorbu tema letterarja għax inħallu l-iżvilupp innovattiv tagħha jassorbina fl-iżvolġiment sorprendenti tiegħu, sikwit bl-ansjetà ta' min isib ruħu mitluf f'dilemma, jiġifieri ta' min għamel pass lil hinn mill-argumenti li hu mdorri bihom u qiegħed jartikula parti mir-realtà li sa dakinhar ma kinetx ifformulata fi lsienu. Hu għalhekk li ħafna qarrejja jsibu ruħhom inqas ċerti dwar tema wara l-qari letterarju tagħha, imqar jekk iħossuhom aktar inkwiżittivi u intuwittivi fis-suġġett. Il-kritiku Wolfgang Iser jagħżel il-kelma Ingliża "*entanglement*" biex jispjega proċess li bih il-qarrejja jinstarmu jew jitbixklu fil-perspettivi jakkumulaw tas-sitwazzjoni rrappreżentata fil-letteratura,[25] u naħseb li l-istess kelma tgħodd ħafna għall-mod kif it-teknika satirika ta' Mamo tbixkilna mhux f'tema lesta iżda fit-tkattir tal-perspettivi li jsawruha.

Test josserva li meta l-materja ssatirizzata tkun suġġett serju li diġà jiddisturbana minnu nnifsu, din issir esperjenza inaċċettabbli malli titħallat mad-daħk satiriku,[26] u aktarx li dan hu l-ewwel tbixkil emottiv li l-qarrejja ta' Mamo jsibu ruħhom fih meta t-tema tas-superstizzjoni tiġi ssatirizzata. Biex wieħed japprezza dan is-saram emottiv (id-daħk inaċċettabbli b'suġġett li jiddisturbana), irid qabelxejn josserva waħda mill-karatteristiċi l-aktar straordinarji tan-narratur ta' Mamo: il-mod kif, lejn l-aħħar ta' wħud mir-rakkonti, jieqaf ħin bla waqt mit-teatralità tiegħu stess biex b'ton sever jikkonfronta lill-karattri, jew lill-poplu Malti, dwar il-gravità tal-kontenut issatirizzat, bħallikieku hu l-attur li jinża' l-maskra fuq il-palk għax għalih hu inaċċettabbli li l-qagħda deplorabbli tal-karattri tissokta tiġi pprezentata b'aktar żuffjett.

L-effett hu simili għal-logħob bil-kliem li fir-rakkont "Qorti fuq ix-Xejn" jasal f'tifsira litterali tal-kelma "xejn" wara spettaklu rettoriku u ironiku bl-istess tifsira. L-istess tendenza tan-narratur li jillitteralizza dak li sa ftit qabel kien qiegħed jipparodizza bil-karikatura u bir-rettorika żuffjettuża tiegħu rajnieha wkoll fir-rakkont "Ġrajja Maltija ta' Meta l-Maltin Kienu Iżjed Fidili," fejn id-deskrizzjoni melodrammatika ta' "ġliba rġiel waħxin" eventwalment tinkludi referenza litterali għal kronaka attwali: il-liġi ġdida tal-kera. It-teknika tal-litteralizzazzjoni (li għandha sehem kbir fis-suċċess tas-satira moderna ta' Salman Rushdie u Gabriel García Márquez) tinkoraġġixxi lill-qarrejja biex, minflok jittrasformaw ir-realtà f'diskors figurattiv, jagħrfu li fid-diskors figurattiv hemm il-potenzjal ta' sinifikat litterali – ngħidu aħna, ta' poplu li verament għandu l-grad ta' injoranza li l-karikatura dehret qiegħda tesaġera. Jidhirli li kemm f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, kif ukoll fir-rakkonti qosra tiegħu, Mamo ħoloq l-aktar narratur interessanti fil-letteratura Maltija, sewwasew minħabba l-mod kif jgħaddi minn kelliem artistiku kollu logħob insinwattiv għal opinjonista li jiżvela tifsira litterali saħansitra fid-diskors stilizzat tiegħu, jew minn attur brijuż imsieħeb mal-bniedem provinċjali għal ġurnalist li b'dijatriba diretta juri kif dal-bniedem provinċjali fil-fatt mhux liebes maskra grotteska, u mhux qiegħed f'parodija teatrali: qiegħed fit-triq Maltija.

Din it-tbixkila ta' emozzjonijiet (daħk u rabja) u ta' perspettivi (teatralità u realtà) tiġġarrab sikwit f'rabta mat-tema tas-superstizzjoni. Is-silta li ssegwi, mir-rakkont "Ta' Rasu Iebsa," hija fost l-aħjar eżempji tal-mod kif f'idejn Mamo s-superstizzjoni tinbidel minn tema lesta għal esperjenza letterarja li tbixkilna f'għadd ta' perspettivi. Is-silta tibda bin-narratur qiegħed jagħti rendikont infurmat tal-beżgħat popolari, daqslikieku huwa bniedem li trabba fihom u qiegħed jafferma t-tradizzjoni antika ta' "dawn il-qwiel waħħaxa." Iżda ħin

bla waqt, u mingħajr qtugħ mir-repertorju tal-beżgħat li jelenka, in-narratur jinfilsa kumment sarkastiku li jimmodifika l-attitudni lejn ir-repertorju metikoluż li bena hu stess:

> Kejli u tfal oħra miegħu kienu allura joqogħdu jisimgħu bi tkexkixa ddur ma' ġisimhom, b'waħx f'ruħhom dan it-tagħlim tal-biża' raħli, l-istejjer fuq il-Fatati, il-Ħares, fuq l-Għaġuża li jitfgħuha minn fuq il-kampnar, fuq ħruġ il-Gawgaw fil-lejl tal-Gandlora, fuq il-Ħanżir tal-lejl li meta kellmuh weġibhom "Min ma jkellimkomx la tkellmuhx," fuq ir-raġel twil u iswed bil-ktajjen ma' saqajh, fuq x'kienet tara billejl Lieni l-Qabla meta toħroġ biex tixtri t-tfal lin-nies, fuq it-tebut li jimxi waħdu b'ħafna fratelli mdawrin miegħu, u fuq mitt fettuqa oħra li bihom 80 fil-100 tal-poplu Malti huwa apposta mdorri ġwejjed fid-demm, ma jaf xejn ħlief minn dawn il-qwiel waħħaxa min-nannu għall-missier u mill-missier għall-iben.

Kif juri Vella fir-referenzi tiegħu għal sorsi folkloristiċi Maltin, it-twemmin fit-tfigħ tal-ixjeħ mara tar-raħal mill-kampnar fi żmien ir-Randan, u l-biża' mill-gawgaw, il-bniedem li, għax twieled lejlet il-Milied u bħallikieku pprova jieħu post il-Bambin Ġesù, jibqa' għomru kollu jibdel surtu f'dan il-lejl u jdur ikexxkex lill-bqija tar-raħlin, kellhom sehem reali fit-tiswir tal-mentalità Maltija. Minkejja l-kummenti sarkastiċi li jinfilsa għal għarrieda f'dan ir-repertorju superstizzjuż, in-narratur jibqa' jinqeda, fil-parti l-kbira tar-rakkont, bil-platitudnijiet, bit-tawtoloġiji, u bil-klixejiet tal-ġemgħa superstizzjuża. Ir-reċtar tiegħu jispikka l-aktar fejn jirrakkonta b'leħen apparentament wemmien li d-dinja li fiha Mikiel kiber "saret mimlija kollha ħażen, ħażen tad-Dimonju (barra s-siegħa ta' dal-ħin)"; jew fejn iwiddeb li Mikiel "dar b'rasu" għax ma baqax jgħid il-formula maġika li kellha tħarsu mill-"kwiekeb il-maħruba" ("Jena nostrok biex tistorni sakemm tiġi l-mewt tiġborni"); jew fejn jiddeklama bil-paralleliżmu sintattiku tal-qawl li "l-ġrajja huma ġrajja ħadd ma jista' jmerihom, u l-ħażin ħażin u fl-aħħar titħallas tiegħu"; u b'mod speċjali fejn iwissi li l-kewkba waqgħet "biex turi li b'dawn l-affarijiet ħadd ma jiċċajta."

L-avveniment straordinarju li jiġi rrakkuntat f'din il-ġrajja, il-waqgħa ta' kewkba fuq ras Mikiel, jagħlaq b'esklamazzjoni eżasperata tan-narratur ("*O Sancta Semplicitas!*") li bla ċerimonji u bla sabar twarrab ir-reġistru superstizzjuż magħżul min-narratur stess bħala medju tar-rakkuntar. It-ton ta' sabar mitluf, fil-fatt, qiegħed jimmarka l-mument meta n-narratur jirritorna

lejn il-vuċi tal-ġurnalist mgħaddab li jattakka l-falsità tar-rakkont preċedenti, mogħti minnu nnifsu bħala kompliċi mal-mentalità provinċjali. Permezz tal-kliem espliċitu fl-appendiċi "Tagħlima," li ssegwi l-esklamazzjoni kontra s-sempliċità ta' min emmen li l-kewkba verament waqgħet, jiġi ppreżentat il-kontenut veru tal-ġrajja: il-mentalità magħluqa ta' poplu superstizzjuż, imħolli "jifhem fil-qubbajt u l-isparar biss" minħabba li l-edukazzjoni tiegħu qatt ma mxiet 'l hinn mill-festi. L-għadab eżasperat tan-narratur hu mmirat lejn dan il-poplu li jemmen ġrajja impossibbli, imqar jekk farseska, li hu nnifsu ħtieġlu jirrakkonta b'konvinzjoni żeblieħa: il-ħarba tal-protagonist Mikiel u ta' qabda rġiel oħra minn kewkba li, skont id-diskors provinċjali li jippredomina fir-rakkont, tassew waqgħet fuq il-protagonist.

Sal-aħħar tan-novella "Ta' Rasu Iebsa," is-saram emottiv li jsibu ruħhom fih il-qarrejja, minħabba l-bdil qawwi fit-temperament tan-narratur, hu aktar kumpless mill-biża' kbir tal-karattri konvinti mill-waqgħa ta' kewkba. Il-qarrejja jinqabdu f'din it-tbixkila ta' sentimenti: l-ewwel iġarrbu kurżità dwar it-tagħrif superstizzjuż mogħti b'dettall min-narratur, imbagħad iġarrbu faxxinu bil-kompliċità tan-narratur mal-ħrejjef tan-nanniet, imbagħad isegwu t-twettiq ta' superstizzjoni flimkien mat-tiġrib tagħha minn Mikiel, u fl-aħħar jissieħbu mal-korla tal-istess narratur meta jikkonfronta l-assurditajiet approvati, imfaħħra, u rrakkuntati minnu nnifsu ftit qabel. Anki jekk il-qarrejja fl-aħħar mill-aħħar jagħżlu l-għadab ġenwin tan-narratur, iridu jipproċedu lejn din l-emozzjoni minn relattività sħiħa ta' sentimenti, u minn rakkont li jibqa' jinsisti li Mikiel verament intlaqat minn kewkba, tant li qatt ma jagħti spjega alternattiva għall-mod kif il-protagonist indarab. Waqt li l-protagonist hu ċert fil-biża' tiegħu minn superstizzjoni li skont ir-rakkont seħħet tassew, il-qarrejja huma inqas ċerti, għad li iktar inkwiżittivi u intuwittivi, dwar x'seta' seħħ fir-realtà.

Il-kritiku Test jikkummenta fuq kif is-satira tikkomplika l-attakk tagħha billi tagħmlu kreattiv u artistiku,[27] anzi titlef l-effett tipiku tagħha jekk ma turix l-infinità ta' modi kif il-komponenti eteroġenji li jsawruha – l-attakk, il-ġudizzju, il-logħob, u l-umoriżmu – jitħalltu flimkien biex joħolqu medju narrattiv affaxxinanti.[28] Il-kritiku Clark jargumenta b'mod simili li n-narratur satiriku jista' f'ħafna waqtiet jittrasporta lilu nnifsu "fir-renju tal-assurditajiet"[29] jew anki jpartat il-post awtorevoli tiegħu ma' dak issatirizzat tal-vittma,[30] bl-implikazzjoni li dan it-tpartit se jkun momentarju biss u n-narratur se jirritorna għal-leħen proprju tiegħu f'mument opportun. Qabel id-dijatriba tal-aħħar, in-narratur tan-novella "Ta' Rasu Iebsa" jissieħeb fir-renju tal-bluha meta jitkaża bil-protagonist, Mikiel, li qiegħed jagħmel ħażin jabbanduna l-biża' raħli

mill-kwiekeb li jistgħu jaqgħu. Dan in-narratur jiskrupla wkoll biż-żagħżugħ progressiv Salvu li, minħabba l-mod kif jirredikola l-inkanteżmu li għandu jingħad biex iżomm lill-kwiekeb milli jaqgħu, jirnexxilu jberred it-twemmin ta' Mikiel f'dawn il-"qwiel waħħaxa" tan-nanniet. Għal perjodu qasir f'ħajtu, il-protagonist Mikiel iwarrab is-superstizzjonijiet u jgawdi l-emanċipazzjoni intellettwali li Mamo kien jirreklama bla waqfien. Iżda n-narratur jibqa' jitkaża bid-disprezz ta' Mikiel u sieħbu Salvu lejn l-għeġubijiet irrakkontati min-nanniet, u b'ton kollu twiddib jirrakkonta x'jiġri lil min ikun irreverenti lejn il-forzi misterjużi miġburin fil-formuli maġiċi tal-antenati:

> X'ġara u ma ġarax?
>
> Il-kewkba, ċuè, waħda mill-istilel, biex turi li b'dawn l-affarijiet ħadd ma jiċċajta, meta rat ir-ras iebsa ta' Mikiel bin Mikiel uriet snienha: niżlet, waqgħet. U, ħej tiġi dritt dritt fuq il-qurriegħa, fuq ir-ras iebsa ta' Mikiel u għamlitlu farrett.
>
> L-istilla kienet imdaqqsa: kienet akbar mill-istilel li jarmaw nhar San Duminku fi Pjazza San Ġorġ il-Belt. U billi din kienet b'sitt ponot, jaqtgħu daqs xafra tal-leħja misnuna, laqtitu bi tnejn, u kellu raġun dan Mikiel u kemm mikelijiet kien hemm fil-għalqa jiġru ġiri tal-indannati – *O Sancta Semplicitas!*

Fid-daħla tiegħu għall-ġabra tan-novelli, Vella jinterpreta din id-daqqa tal-istilla bħala waħda fatali, għaliex Mikiel "paradossalment jitgħallem 'jaf' mingħand min bħalu 'ma jafx'," u allura xorta waħda ħaqqu din il-mewta farseska li Mamo jħobb jerfa' għall-injurant.[31] Wieħed ma jistax ma jikkummentax, madanakollu, fuq l-improbabbiltà ta' din il-mewta. Kieku kewkba kellha tassew taħbat mad-dinja, il-katastrofi universali li ġġib magħha kienet tħalli ftit lok biex in-narratur jagħti d-dettall irrelevanti li laqtet lil Mikiel, jew biex jiddeskriviha bil-paragun sproporzjonat ta' "stilla mdaqqsa [...] akbar mill-istilel li jarmaw nhar San Duminku fi Pjazza San Ġorġ il-Belt." Kemm dan il-paragun kif ukoll id-deskrizzjoni li ssegwi ta' stilla ornamentali ("b'sitt ponot jaqtgħu daqs xafra tal-leħja misnuna") fil-fatt ma jroddux ix-xbieha reali tal-kwiekeb, iżda jestendu b'żuffjett il-mod kif l-istilla qiegħda tidher fil-mentalità tal-"qubbajt u l-isparar," il-kliem li n-narratur juża fid-dijatriba tal-aħħar biex jiddefinixxi l-perċezzjoni raħlija ristretta għall-festi. Fi kliem ieħor, in-narratur qiegħed jirrakkonta, b'konvinzjoni parodika, dak li seħħ f'għajnejn "Mikiel u kemm mikelijiet kien hemm fl-għalqa": il-waqgħa (impossibbli) ta' kewkba. L-oġġett li laqat lil Mikiel u ġiegħel lilu u lil sħabu "jiġru ġiri tal-indannati"

fir-realtà seta' kien minn kollox, anki kewkba ornamentali, iżda żgur mhux kewkba naturali.

Bħal f'ħafna waqtiet oħra fir-rakkonti ta' Mamo, in-narratur hawn qiegħed jagħmel inverżjoni bejn il-veru u l-mistħajjel, u b'ironija parodika qiegħed jissieħeb mal-mistħajjel, jiġifieri ma' mentalità li ma tafx bid-daqs u bil-forma naturali tal-kwiekeb għax hija ristretta għal impressjoni festiva ta' stilla armata nhar San Duminku. Il-kontenut ta' din il-ġrajja, għalhekk, mhux il-mewt ta' Mikiel, li fl-aħħar, fil-fatt, jidher qiegħed jiġri ma' sħabu, imwerwer minn oġġett li laqtu. Il-kontenut hu l-biża' superstizzjuż li ma jħallix lill-ġemgħa ta' "mikelijiet" tagħraf x'inhu jseħħ tassew. Bħalma isem il-protagonist jingħaqad mal-"mikelijiet" l-oħra fuq livell lingwistiku, l-imġiba tiegħu wkoll terġa' tingħaqad mas-superstizzjoni popolari f'ħarba unanima mir-realtà. Il-qarrejja, mill-banda l-oħra, jinqabdu fi tbixkila ta' perspettivi (kurżità fuq ir-repertorju superstizzjuż, faxxinu bil-kompliċità tan-narratur mal-bniedem superstizzjuż, għarfien ta' superstizzjoni mwettqa, u korla kontra dawn it-twemminiet assurdi) li tiġġenera riflessjoni akbar dwar il-kontenut veru tal-ġrajja: poplu li bil-lingwa superstizzjuża tiegħu bena dinja għalih u għadu qiegħed jgħix l-assurditajiet tagħha b'konvinzjoni.

Waqt ir-reċtar tal-mentalità superstizzjuża, in-narratur fil-fatt ma jistax jagħti d-dettalji veri ta' dak li laqat lil Mikiel, anki jekk il-mistoqsija preċedenti tiegħu – "X'ġara u ma ġarax?" – donnha twiegħed li se jingħad dak li seħħ tassew. F'din il-mistoqsija issa jippredomina s-sens litterali: se jingħad x'ġara tassew (Mikiel iġedded il-biża' superstizzjuż tiegħu mill-meteoriti u juri kemm għadu maħkum mill-"qwiel waħħaxa" tan-nanniet) daqskemm se jingħad x'ma ġarax (il-waqgħa tal-kewkba, l-avveniment impossibbli li l-Malti superstizzjuż jarah iseħħ tassew). Il-qarrejja tas-satira dejjem jingħataw kontenut, iżda kull fejn in-narratur jipparodizza d-diskors u l-mentalità tal-ġemgħa injuranta, il-kontenut hu kollox barra l-avvenimenti li qiegħed jirrakkonta b'konvinzjoni provinċjali. Biex il-qarrejja jiksbu l-kontenut soċjali u politiku tas-satira ta' Mamo, iridu qabelxejn jikkommettu ruħhom għal metodu artistiku li kultant iġegħilhom jaffaxxinaw ruħhom b'teatralità li jridu jiċħdu u waqtiet oħrajn iġegħilhom jitnaffru b'dijatriba ġurnalistika li jridu jemmnu. Hija din it-tbixkila ta' emozzjonijiet li tirfina l-ġudizzju tal-qarrejja dwar is-superstizzjoni, sewwasew għax dan il-kontenut satiriku issa ġie ttrasformat f'relattività ta' perspettivi.

L-alternanza bejn it-teatralità burleska u d-dijatriba ġurnalistika tista' f'waqtiet iċċajpar il-fruntiera bejn ir-rappreżentazzjoni stilizzata u l-preżentazzjoni fattwali tal-qagħda soċjali. Fid-daħla tiegħu, Vella jikxef kemm

il-ġeneru satiriku jista' joħloq diffikultà meta jiġi biex jingħażel minn rapport ġurnalistiku minħabba dan it-taħlit bejn il-letterarjetà u l-fattwalità tiegħu:

> Hemm xi kitbiet fejn il-ġeneru jaf jiċċajpar, speċjalment dawk fejn hemm ir-rakkont ta' ġrajjiet li seħħew tassew, bħal mitings politiċi, fejn jixref sew Mamo l-ġurnalist jew l-opinjonista satiriku: f'dan il-każ, imxejt skont kriterju, forsi soġġettiv, li jagħraf il-waqt fejn il-letterarjetà tegħleb is-sempliċi kronaka jew l-opinjoni tal-awtur (x).

Il-ġeneru jiċċajpar deliberatament, għax, kif ingħad fit-tielet taqsima, hi fin-natura tal-kittieb satiriku li jgħaqqad flimkien iż-żuffjett stilizzat u l-ġrajja storika, l-artifizju letterarju u l-kronaka ġurnalistika, l-istil grottesk u l-għadd ta' referenzi reali. Daqstant ieħor hi fin-natura tal-kittieb satiriku li b'dan it-taħlit joħloq inverżjonijiet kontinwi fis-sentimenti tal-qarrejja lejn il-kontenut issatirizzat.

Fir-rakkont "Ta' Rasu Iebsa," dawn l-inverżjonijiet emottivi jseħħu l-aktar fejn in-narratur satiriku jirreċta t-tmaqdir ta' dak li hu tajjeb u t-tifħir ta' dak li hu ħażin. Ngħidu aħna, meta jistqarr li Mikiel kiber, jibda jimita t-ton moraleġġjanti tal-ġemgħa li tikkundanna lill-protagonist għax abbanduna s-superstizzjonijiet:

> Kejli kiber u sar Mikiel, xraf, u d-dinja saret mimlija kollha ħażen, ħażen tad-Dimonju (barra s-siegħa ta' dal-ħin). Mikiel beda jagħmilha mal-ħażin, u ma baqax twajjeb u għaref f'dak it-tagħlim tat-tfal, fuq il-Ħares u l-Gawgaw, erwieħ, lejlet il-Milidijiet, eċċ. Huwa għamilha ma' żagħżugħ brikkun taż-żmien mudern, żagħżugħ jismu Salvu.

L-insinwazzjoni li Kejli kiber fl-isem biss billi sar Mikiel, l-improbabbiltà li d-dinja kibret fil-ħażen mal-età tiegħu, l-espressjoni kollokwija "barra s-siegħa ta' dal-ħin," l-identifikazzjoni tat-tagħlim mas-superstizzjonijiet mgħoddija lit-tfal, l-abbrevjazzjoni "eċċ." li tiżżuffjetta bil-kwantità ta' dan it-tagħlim, u l-aġġettivi maqdara "brikkun" u "mudern": dawn ix-xejriet diskursivi jħallu ftit dubju li r-rakkont qiegħed jissawwar bil-lingwa u bil-perspettiva provinċjali. Salvu, għandhom jifhmu l-qarrejja malli jikkoreġu l-perspettiva li minnha qiegħda tingħata l-ġrajja, mhux influwenza ħażina fuq Mikiel, iżda żagħżugħ li jippreferi t-tagħrif empiriku minflok is-superstizzjoni, u allura bniedem ikkundannat bħala "brikkun"

sempliċiment għax hu "mudern," jew aġġornat fl-għerf xjentifiku tad-dinja kontemporanja. Minflok jikkundanna lill-ġemgħa, in-narratur jassumi r-rwol injurant tagħha u jippersisti fil-kundanna ta' Salvu, tant li l-qarrejja jridu jagħrfu weħidhom it-tajjeb f'dak li qiegħed jiġi kkundannat u l-ħsara reali ta' dak li qiegħed jiġi mfaħħar.

Frederic V. Bogel jargumenta li fis-satira l-koeżistenza tal-aspett letterarju (jew rettoriku) u tal-aspett storiku (jew referenzjali) qatt ma tista' tkun waħda komda jew armonjuża, għax dawn l-aspetti diskrepanti jikkontaminaw lil xulxin.[32] Madanakollu, Bogel iqis din il-kontaminazzjoni ta' benefiċċju għall-iżvilupp kulturali tal-qarrejja, għax permezz tagħha dawn jitgħallmu jassumu rwoli u xejriet li mhumiex tagħhom, sakemm imorru 'l hinn mil-limiti ta' kategoriji fissi (bħal "jiena" u "huma") li ma jħalluhomx jittrasformaw lilhom innifishom. L-iskop tal-qari tas-satira, jikkonkludi Bogel, mhux li l-qarrejja jakkwistaw pożizzjoni fissa (anki ta' ċensura), iżda li jesploraw il-kumplessità li sseħħ kull meta nieħdu pożizzjoni.[33] F'Mamo, l-alternanza bejn il-parodija żuffjettuża bil-leħen provinċjali u r-referenza storika tal-leħen ġurnalistiku tista' titqies bħala eżempju ta' pożizzjonijiet opposti li jikkontaminaw lil xulxin, b'tali mod li jġiegħlu lill-qarrejja jgħixu daqskemm jikkritikaw il-ħajja kollha superstizzjonijiet tal-ġemgħa raħlija.

Dan l-effett reċiproku bejn l-element storiku u l-element teatrali jista' jiġi eżemplifikat b'superstizzjoni oħra kontemporanja li tingħata prominenza regulari fil-kitba ta' Mamo: it-twemmin li l-membri tal-Partit Stricklandjan u tal-Partit Laburista kienu qegħdin jipprattikaw ħwejjeġ okkulti ta' mażuni li kienu, billi jtiru billejl, idoqqu xi strumenti biex jiġbdu n-nies b'mużika li ssaħħar, u jwaqqgħu l-karkura fuq ras il-bniedem Malti ordinarju għaddej għall-affari tiegħu fit-triq taħthom. Dan it-twemmin (li ma jitwemminx) hu ddokumentat bħala parti mill-propaganda politika ta' żmien l-awtur, u jsir il-mira ripetuta tan-narratur fir-rakkonti tiegħu. Waħda mill-aħjar allużjonijiet għax-xellugin mażuni tinsab fin-novella ipotetika "Kif Kienu Jaħarquni Ħaj!" Hawn in-narratur jistħajjel il-biża' li kien jaqbad lil "missirijietna," il-Maltin tal-imgħoddi, kieku kellhom jaraw titjira ta' ajruplan. It-tqegħid tal-ajruplan fi żmien l-antenati tagħna joħloq rakkont anakronistiku, għax ipoġġi oġġett tal-epoka moderna f'perjodu ieħor li fih ma kienx jeżisti. Iżda l-aktar anakronija niggieża, għad li inqas evidenti, isseħħ meta n-narratur ipoġġi l-biża' veru ta' żmienu mill-Istricklandjani u mil-Laburisti, magħrufin bħala "tas-sette," f'ħalq l-antenati li qiegħed jistħajjilhom imwerwrin mill-ajruplan:

> L-għada, fuq il-Pjazza tas-Saqqajja, tara geġwiġijiet ta' Maltin missirijietna (bil-ħsieb) ipaċpċu bejniethom:
> "Jien ukoll rajthom 'il dawn li jtiru, 'il tas-Sette: infatti waqgħetilhom il-karkura għal fuq il-qiegħa tiegħi!" – L-ieħor jgħid u jwieġeb b'għajnejh iberrqu: "Jien smajthom idoqqu, iżengru bil-vjulin billejl, u sejrin idoqqu: żingi żingi, żingi żoooo!"
> Kos! X'dinja!

Waqt li qiegħed tabirruħu jedha b'mument ta' fantasija ħielsa, in-narratur fil-fatt jillitteralizza dan l-istħajjil divertenti xħin miegħu jintegra r-reġistru superstizzjuż veru ta' żmien Mamo. B'dan il-mod, isseħħ il-kontaminazzjoni li jsemmi Bogel: ir-referenza litterali għas-superstizzjoni titħallat mar-reċtar letterarju bid-diskors tal-antenati mbeżżgħa. L-istrateġija tħalli ftit dubju li ż-żuffjett mhux b'missirijietna daqskemm bil-poplu veru kontemporanju, li bil-mentalità antika tiegħu għadu ma jafx jagħmel distinzjoni bejn il-bniedem li jtir fil-ħrejjef u l-bniedem li jtir tassew fl-ajruplan. Madanakollu, il-qarrejja għal darba oħra jaslu f'dan is-sens litterali mill-interazzjoni bejn mekkaniżmi letterarji varji: il-fantasija bl-antenati, ir-reċtar tad-diskors superstizzjuż attwali, u l-ispustament anakronistiku tal-ajruplan u tas-superstizzjoni f'perjodu ieħor.

Il-kontaminazzjoni bejn l-element reali u l-element fittizju tas-satira tilħaq il-kulminu tagħha fl-esklamazzjoni li tagħlaq ir-rakkont kollu: "Kos! X'dinja!" Din l-istqarrija, li tiġi eżattament wara l-vuċi mistagħġba tal-karattri quddiem it-titjira tal-ajruplan, timraħ bejn reċtar ta' dan l-istagħġib u espressjoni ironika tan-narratur li, wara li xaba' jirreċta, qiegħed jiskanta hu wkoll bis-superstizzjonijiet ma jitwemmnux ta' żmienu. L-aqwa mumenti fis-satira ta' Mamo jseħħu fejn il-funzjoni teatrali tan-narratur tikseb għal għarrieda dan l-aċċent ċiniku u litterali mingħajr ma titlef l-effett burlesk tagħha, bħalma rajna li jseħħ fir-rakkont "Ta' Rasu Iebsa" bil-mistoqsija "X'ġara u ma ġarax?" Din il-mistoqsija, ejja niftakru, tkompli t-teatralità tar-rakkont dwar il-kewkba li taqa' waqt li fuq livell litterali tirreferi għal dak li qatt ma seta' ġara. Dawn l-eżempji ta' narratur satiriku li qatt ma taf fejn qiegħed miegħu, għax jirreċta permezz ta' referenza reali daqskemm ifisser litteralment l-istqarrijiet teatrali, juru għaliex il-ġeneru satiriku ġie deskritt b'enfasi fuq "id-dehen tiegħu, il-mod indirett tiegħu, il-fawriet ta' kreattività artistika tiegħu, il-qagħdiet fantastiċi u l-vokabularji offensivi tiegħu, [...] ir-rinunzja kważi skandaluża tiegħu tal-fruntieri u l-konfini".[34] F'idejn is-satirista, ikompli l-kritiku Clark, il-messaġġ jiġi ssostitwit bi kwantità ta' maskri u vuċijiet, pożi kreattivi, u bagalja ta' stili li jinqeda bihom il-kittieb. Minħabba f'hekk, il-fruntiera bejn dak li hu reali u dak li hu grottesk ma tistax ħlief tiċċajpar.

Ir-rikorrenza ta' allużjonijiet għall-mażuni li jtiru, idoqqu, u jissieħbu ma' elementi oħra ta' ħażen minnha nnifisha tixhed l-għadab li Mamo bilfors ħass lejn dan it-twemmin ta' żmienu, u tkompli tafferma li s-satira, minkejja l-letterarjetà tagħha, tibqa' tinsisti fuq vizzju jew abbuż soċjali tanġibbli u mistmerr. Fir-rakkonti ta' Mamo, il-frekwenza tal-allużjonijiet għall-mażunerija f'rabta mal-politika tista' titqies minn dawn l-eżempji li jsegwu. Fir-rakkont "Nikol u Kola tas-Siġġiewi fil-Miter tal-Bombi," il-partitarju li jżur lil Nikol tas-Siġġiewi biex ifakkru fil-*meeting* Nazzjonalista tal-għada, jiġġustifika l-ħtieġa tal-parteċipazzjoni tagħhom bil-kumment, "Ma nħallux il-Mażuni jagħlbuna." Fi nħawi oħra tal-istess raħal, partitarju ieħor jispjega lil "Nikol ieħor" li jeħtiġilhom imorru l-*meeting* minħabba "t-taxxi, Protestanti, mażuni, żmatiċi, friegħen, għafieret, li jtiru billejl, tabarraminnhaw, tas-setta, xjaten, demonji, tantazzjonijiet. Is-serpent tal-Eden." Il-lista interminabbli teliċita t-tweġiba, "Kemm il-mniefaħ hemm!" u jekk niftakru li l-kelma "mniefaħ" hija ewfemiżmu għal "demonji" nifhmu kif il-logħob satiriku bil-kunċett ta' ħażen ikompli jestendi ruħu sat-tweġiba kollha skantament ta' Nikol, li donnu qiegħed jistaqsi: kemm hemm demonji? Madanakollu, in-narratur jintensifika l-għadab tiegħu kontra s-superstizzjoni politika meta jiddeskrivi d-dehra ta' ħafna "Nikolijiet u Kolijiet" sejrin għall-*meeting* "kontra min u għaliex ma jafux," imqar wara li semmew kull xorta ta' ħażen u xjaten.

Fir-rakkont "Xeni tal-Għada ta' Santa Marija," is-Sur Gawdenz, sid l-art, jistaqsi lil Nardu li mar iħallsu l-qbiela: "Hee: Int 'il min tajtu l-vot, Nard? Mhux lill-Mażuni, u lanqas lill-Bolxevisti hux!" Imbagħad, ir-rakkont ikompli hekk:

> Nardu l-Mażuni jaf x'inhuma. Nies wiċċhom iswed bħal dawk tal-faħam, għax għamlu xi dnub, biegħu ruħhom lix-Xitan, u għandhom flixkun b'mera, isfar li kull filgħaxija bih jindilku u jgħasfru: itiru. Jaf x'inhuma, iżda lill-Bolxevisti ma jafx: din kelma ġdida għalih: ikkonfonda, beda jħokk.

Id-deskrizzjoni assurda tal-mażuni li teżisti fil-ħsieb superstizzjuż ta' Nardu, deskrizzjoni li n-narratur kompliċi jinsisti li hija għerf awtentiku permezz tal-frażi ripetuta "jaf x'inhuma," tixhed fil-fatt kontenut ieħor: bħalma Nardu ma jafx x'inhuma l-Bolxevisti għax din hija "kelma ġdida għalih," hekk ukoll ma jafx x'inhuma l-mażuni għax, għad li din hija kelma qadima u familjari għalih, hija wkoll parti mir-repertorju superstizzjuż li minnu tissawwar id-dinja Gotika tal-bniedem provinċjali. Nardu la jaf xi jfisser il-kliem ġdid li jisma', u lanqas jaf xi jfisser sewwasew il-kliem qadim li ilu jisma', ladarba

dan id-diskors familjari poġġa lill-protagonist f'ħajja ta' ġrajjiet impossibbli u ta' għeġubijiet assurdi. Aktar tard is-Sur Gawdenz ibeżża' lil Nardu li jekk jagħti l-vot "lil dak il-Mażun u tala' l-baħar, jew ġew il-friefet, inkella l-urieżaq, ma kienx ikollok il-ġid, ma kienx iġibhulek sħun Strickland, u ma kontx iddewwaqna milli ġibt fil-ħorġa" – bħallikieku vot lil Strickland kien jissarraf f'kastigi ta' proporzjonijiet bibliċi, u b'konsegwenza Nardu ma jkunx jista' jżid mal-ħlas tal-qbiela l-ġid tal-art li kien imdorri jagħti b'xejn lis-sid.

Eżempju ieħor ta' avveniment impossibbli rrakkuntat min-narratur satiriku jinsab fl-aħħar tar-rakkont "Ġrajja Maltija ta' Meta l-Maltin Kienu Iżjed Fidili." Kif intwera fit-tielet taqsima, hawnhekk in-narratur jagħti din ir-raġuni għaliex Żeppi, li raqad ma' martu u ibnu fuq il-qiegħa tad-dris minħabba s-sħana tal-lejl, qam b'daqqa f'nagħsu u miet: l-irġiel tal-waħx li fil-bidu tar-rakkont dehru jokkupaw dejr Gotiku "kienu tas-sette tassew u waqt li taru u kienu għaddejjin fl-ajru jdoqqu u jżengru waqgħetilhom karkura minn sieqhom" li ġiet fuq ngħas il-protagonist.

Daqs il-Knisja, il-Partit Nazzjonalista, u l-professjonisti li fil-kitba ta' Mamo jwelldu dawn is-superstizzjonijiet, hu ħati l-poplu li jkompli jrabbihom. Ir-rakkont "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" forsi hu l-aqwa eżempju ta' din il-ħtija kollettiva. Kalċidon – bniedem twajjeb, tar-ruħ, u rett forsi żżejjed, kif jimplika l-kliem lelliexi u iperboliku li bih hi deskritta t-tjieba tiegħu – jidħol il-qorti ma' sid il-kera minħabba ż-żieda ta' nofs lira ħlas fix-xahar. Kalċidon ried jibqa' jagħti din in-nofs lira bħala karità minflok jonfoqha f'kera ogħla. Iżda meta jissimpatizza mal-"Partit Bolxevista tal-Ħaddiema" bil-liġi tiegħu kontra min jgħolli l-kera minn jeddu, Kalċidon isir wieħed minn dawk li "la jista' jqerr, la jberkulu u la x'naf jien," jiġifieri vittma tal-pastorali li ħarġet "bil-għajjat u t-twerżiq ta' xi Dun Turin, ta' xi Patri Paris u xi erba' rġiel ta' dil-fatta." Minkejja li baqa' bniedem twajjeb u tar-ruħ sa mewtu, is-simpatija ta' Kalċidon mal-Partit tal-Ħaddiema tiksiblu ġesti ta' disprezz u ta' skunġrar mill-ġemgħa, li dakinhar tal-funeral tiegħu tgħajjat, tobżoq u tagħmel is-slaleb. Id-diskors kattiv tal-ġemgħa f'dan il-waqt, miżgħud b'inkonsistenzi vili dwar it-tjieba u l-kundanna mistħoqqa ta' Kalċidon, joffri spettaklu tat-tbeżżigħ propagandistiku li l-poplu jkompli jsaħħaħ bit-taħdit tiegħu:

> Tarox, tarox! Killu għal ta' xej' li tagħmel karitò f' għomrok la ma tkunx paċi miegħew!
> — qal wieħed imgħaxxex li kien qed jiġbor iż-żibel u waqaf f'daqqa jħares.
> — Minn did-dinje m'għandne xejn, u li tagħmel issib, jgħid tel-erwieħ — qal ieħor ibigħ il-karawett.

— Eħħħ: trob kinne u trob insiru. Issa x'ħo? — qal Ġakki tal-bigilla hekk kif spiċċa mill-għajta "Bigiiilla sħuunaaa".

— X'jiswe li tisma' l-qiddiese tel-ewwel ladarba barka ma jkellekx? — qalet Ċikka għadha kemm waqfet waqt li kienet ġejja minn fuq il-mastella tal-ħasil.

— Intix tora b'għajnejk! Kien roġol twajjob tant, toni tant tlitiet biex trajjaqt! Erħilu jmur fl-ebbissi — qal ieħor jgħolli idu mċappsa waqt li waqaf mix-xogħol ta' taħmil ta' fossa.

— U ma tarawx li Kalċi kien miġnewn! Ħalli jieħu għal taħt is-siġra hemm la kisirhe ma' ta' fuq. L-ebbissi iżjed ħomor mill-bandiera li gawda! — gemgmet Mariroż li kienet imbaqbqa mill-ġlieda manja ma' ġaritha li għajritha minn kollox.

— Mhux don għandek tgħid, imme ħaqqu bla fonorol u li fl-aħħar tal-mazzita sob iż-żbibeee — kisru l-ieħor b'ħalqu mċappas bil-meraq ta' ikla patata tal-gaxen.

Adrian Grima josserva kif hawn il-kundanna taqa' mhux biss fuq il-Knisja, iżda wkoll "fuq l-injoranza tal-Maltin" li bla ma joqogħdu jaħsbuha jadottaw is-superstizzjonijiet propagandistiċi kontra l-partiti tax-xellug, u jikkundannaw bniedem bħal Kalċidon imqar jekk fl-istess waqt ma jiċħdux it-tjieba tiegħu u jibqgħu jafuh bħala t-"Twajjob".[35] Mark Vella wkoll jitkellem dwar l-injoranza li f'Mamo "mhix biss riżultat ta' klassi dominanti qarrieqa u korrotta, iżda fuq kollox ta' illoġiċità popolari intrinsika",[36] bl-implikazzjoni li l-injoranza u s-superstizzjoni huma komponenti essenzjali tal-mod kif il-ġemgħa provinċjali ssawwar u tifhem ir-realtà madwarha. Kummenti bħal dawn jiffukaw fuq l-implikazzjonijiet soċjali gravi tar-rakkonti ta' Mamo, u jispjegaw għaliex il-faxxinu bir-reċtar stilizzat u versatili tan-narratur satiriku qatt ma jmewwet l-għadab li l-istess narratur irid iqanqal lejn il-gravità tal-kontenut. Iżda anki fil-każ tan-novella "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" hemm proċediment farsesk u teatrali lejn l-għeluq innervjat tan-narratur, u l-kontaminazzjoni bejn l-element burlesk u l-element litterali toħloq kuxjenza skiżofrenika f'min qiegħed jirrakkonta, daqskemm tibdel it-tema f'interazzjoni illuminanti ta' reġistri u ta' perspettivi.

Il-ħbit bejn reġistri differenti jispikka lejn l-aħħar tar-rakkont. Ftit qabel l-għeluq immasħan tiegħu, in-narratur kien qiegħed jistaqsi jekk l-erba' vittmi li mietu b'daqqa ta' "*motocar*" waqt il-funeral ta' Kalċidon kinux fil-fatt l-istess peċlieqa li kkundannawh għall-"ebbissi": "Mhux huma li kienu jikkummentaw fuq it-twajjeb Kalċidon?" Ftit qabel din il-mistoqsija, madanakollu, ġemgħa oħra ta' pċielaq kienet diġà identifikat lill-erba' vittmi bħala dawk li "kienu

medhijin u mitlufin" jikkummentaw waqt il-funeral ta' Kalċidon. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni nnifisha tal-aċċident li qatel lill-erba' pċielaq ("Tajrithom lejn is-sema firrrrr, min b'saqajh b'taħmil il-fossa, min b'idejh imċappsin bil-bagħar u min b'xofftejh imdellka b'ikla gaxen tal-Ingliż") turi l-istess attività raħlija li kienet qiegħda sseħħ waqt il-funeral ta' Kalċidon. In-narratur, għalhekk, qajla jeħtieġlu jistaqsi dwar l-identità tal-mejtin, biex imbagħad iwieġeb il-mistoqsija superfluwa tiegħu nnifsu b'ton eżasperat: "U mela min tridhom ikunu, f'ġieħ dik ommok!"

Grima jikkummenta kif hawnhekk in-narratur donnu qiegħed iwieġeb il-mistoqsija rettorika tiegħu stess.[37] Il-korla tan-narratur tassew tinħass indirizzata lilu nnifsu, iżda dan iseħħ għax il-mistoqsija preċedenti tiegħu dwar l-identità tal-erba' vittmi tixbah ħafna lit-tpeċliq banali tal-ġemgħa, li dejjem trid tagħti dettalji superfluwi biex tafferma l-identità u l-karattru ta' dak u tal-ieħor. Aktarx li n-narratur fl-aħħar jagħdab ma' dan il-leħen peċluqi, imqar jekk qiegħed jirreċtah hu nnifsu. Fi kliem ieħor, in-narratur satiriku tant isir ħaġa waħda mad-diskors tal-bniedem provinċjali, u allura tant jiġi kkontaminat mill-vizzji diskursivi tiegħu, li bilfors jidher qiegħed jeħodha miegħu nnifsu meta fl-aħħar jitmasħan mal-leħen indiġenu li assuma, il-leħen medhi biss bil-laqmijiet, bir-razza u r-radika, u bl-istejjer ta' ħaddieħor. Din il-qagħda tan-narratur hija bħal dik tal-attur li, wara li neża' l-maskra fuq il-palk għax ma felaħx jiżżuffjetta aktar bil-vizzji serji tal-ġemgħa, jagħdab għall-maskra li għadu kemm neża' u jgħajjarha fuq l-istess palk f'xena skiżofrenika.

Imnebbaħ dejjem mix-xejriet attwali tal-bniedem tat-triq, Mamo qatt ma seta' jittraskura l-immedjatezza storika li forniet il-missjoni letterarja tiegħu b'materja soċjali u politika. Madanakollu, is-satira tiegħu toffri aċċess insidjuż għal dan il-kontenut permezz ta' inverżjoni kontinwa bejn it-tajjeb u l-ħażin, affermazzjonijiet qarrieqa tal-istħajjil u tal-beżgħat popolari, u rakkuntar skiżofreniku li matulu n-narratur ikollu bilfors jirreċta u jġedded l-istess karattru indiġenu li jrid jiċċensura u jtemm. Fl-aħħar tar-rakkont "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" jinħass dan il-kunflitt bejn narratur li donnu qiegħed jitħajjar jibda rakkont indiġenu ieħor fuq l-erba' vittmi tal-"*motocar*," imqar jekk jagħmel dan biex jiżżuffjetta bid-diskors peċluqi tal-ġemgħa, u narratur li akkost ta' kollox irid iwaqqaf il-vizzji diskursivi rreċtati, għax xaba' jisma' tpeċliq superstizzjuż u banali li f'dan ir-rakkont dejjem jibda b'xi forma ta' stagħġib: "Smajtu x'ġara, l-aħwa?" "Iwaa?" "Tarox, tarox!" "Smajtuha d-diżgrazzja li ġrot ilbieraħ, l-aħwa?" "Le, x'ġara, jaqaw?" L-għajta rrabjata "U mela min tridhom ikunu, f'ġieħ dik ommok!" effettivament ittemm dan

il-vizzju peċluqi li donnu ma jista' jieqaf bl-ebda mod ieħor fir-reċtar tipiku tas-satira.

F'waqtiet oħrajn – ngħidu aħna, fir-rakkont "Fl-Aħħar Alla Laħqu!" – in-narratur jiddistakka ruħu kemxejn aktar mil-lingwaġġ banali, superstizzjuż, u kuntradittorju ta' dawk li hu jsejħilhom "l-imħollijin apposta injuranti, fanatiċi, bigotti," li ma jafux ħlief "joqogħdulek taħt il-kampnar tal-knisja [...] jissandikaw 'il kull min jgħaddi." F'dan ir-rakkont, il-ġemgħa anonima tistagħġeb bl-età kbira tal-protagonist, Feliċjan, li ta' 96 sena hu deskritt bħala "Ħaj u mimli bil-għomor!" Id-dettalji banali u irrelevanti li bihom din il-ġemgħa tenfasizza kemm l-għomor kif ukoll l-identità ta' Feliċjan huma evidenti biżżejjed f'dan l-eżempju ta' wieħed mill-kelliema:

> U kif jgħid hu, twieled nhar Sen Bertilmewt, fix-xahar tal-Qaddisin killhe, fis-sena ta' wara li l-patota kienet messetha l-ġlota. U l-ewwel qatra kienet tathielu Karluwa ta' Ġakki ta' Fonzu tal-Merqtuxa bin Żeppi ta' Toni ta' Ċaflasdejjem, Alla jtih il-ġenne.

Dan il-leħen, li ma jafx jidentifika s-sena numerikament u li jaqla' l-laqmijiet tar-razza u r-radika biex ikompli jafferma l-identità diġà stabbilita tal-protagonist, jitlob li Alla jagħti l-ġenna lil wieħed mill-antenati remoti tal-mara li reddgħet lil Feliċjan. Iżda mal-mewt tal-protagonist il-ġemgħa anonima tpeċlaq li "Avulja kien iżomm ma' Stricklen miet, [Alla] laħqu," għax b'dawn l-affarijiet "ma tiċċajtox!" Effettivament, Alla għandu jagħti l-ġenna lil parti mill-identità tal-istess bniedem li Alla stess "fl-aħħar laħqu," wara li Feliċjan innifsu "laħaq żmien bdil l-ewwieq u żmien il-qoton ukoll," u "ġiġò kien xjeħ fi żmien il-Lajs." L-għomor twil ta' 96 sena hu mibdul minn grazzja divina f'ħarba twila mill-ħaqq divin, perċezzjoni kuntradittorja msawra minn skrupli popolari maħdumin fil-forġa tal-propaganda politika, kif jixhed wieħed mill-kummenti tal-ġemgħa: "fl-aħħar jilħqok! Imur iqajmu Stricklen issa."

Hawnhekk ukoll, in-narratur jitlef sabru mad-diskors kuntradittorju tal-kotra u jinterrompih ħin bla waqt, b'dijatriba indirizzata lill-Maltin:

> Maltin! Taħsbu intom li biex issib l-injoranza tas-slavaġ trid tmur fil-ġewwien tal-Afrika? Qalb it-tigri? Le, leee.
> Le! Aħna l-Maltin għadna lura bis-sħiħ, jew fostna għad fadal slavaġ qatigħ, għax hekk ġejna mħollijin, ma nafu xejn u jidhrilna li nafu ħafna. Nistagħġbu bix-xejn u kollox insejħu għaġeb, sħarijiet.

L-għajta eżasperata tan-narratur fl-aħħar tar-rakkont ("U morru xxejru!") hi mmirata lejn it-tpeċliq tan-nisa fit-triq jew tal-irġiel fuq iz-zuntier, ix-xbihat rikorrenti li bihom Mamo jirrappreżenta lil dawk li ma għandhomx x'jagħmlu ħlief ilissnu kundanni bla sens u jġeddu s-superstizzjonijiet. Din l-għajta tixhed narratur li qata' jiesu mid-dinja provinċjali li jaf li mhix se tinbidel, ħaġa mistennija fis-satira fejn il-qarrejja la jsibu *denoument* (ir-riżoluzzjoni finali tal-kunflitt fil-ġrajja) u lanqas *anagnorisis* (l-għarfien tal-qagħda vera mill-karattri). Il-ġemgħa provinċjali ta' Mamo, fil-fatt, jew tibqa' kif inhi jew tintemm b'mewta assurda li taħsad lill-vittmi tagħha qabel dawn jagħrfu l-ħajja deplorabbli li għexu. Huwa għalhekk li fin-narrattiva ta' Mamo, inkluż ir-rumanz tiegħu, it-tmiem dejjem jinħass maqtugħ fil-qasir: effettivament, Mamo ma joffrix tmiem fis-sens konvenzjonali ta' qagħda diffiċli li żviluppat lejn riżoluzzjoni, daqskemm joffri qtugħ ħesrem fil-preżentazzjoni ta' qagħda dejjiema. B'konsegwenza, it-tema tas-superstizzjoni ma tistax tespandi permezz ta' żvilupp fil-binja jew fil-qagħda tal-karattri. Tista' tespandi biss bi tbixkila ta' perspettivi (bħal dik bejn it-teatralità burleska u d-dijatriba ġurnalistika) li terħi insinwazzjonijiet ġodda fil-limiti ta' dinja essenzjalment statika, tbixkila li tirfina l-ħarsa kritika tal-qarrejja lejn kontenut storiku li fir-realtà ma javvanzax. Il-kritiku Bogel jikkonferma dan l-effett satiriku meta jargumenta li s-satirista jrid joħloq diskrepanza *f'dinja waħda okkupata kemm minnu kif ukoll mill-vittma tiegħu*, differenza li tinħoloq b'forom ta' konnessjoni kkumplikati u komprometttenti[38] aktar milli b'xi żvilupp fiċ-ċirkustanzi rrakkuntati.

## Is-Simbjożi bejn l-Istorja u s-Satira

Fit-taqsimiet preċedenti ntwera kif is-satira hija strateġija narrattiva li, permezz ta' effetti rettoriċi u akustiċi li jiġġeneraw diversità ta' insinwazzjonijiet, permezz ta' narratur li huwa impostur affaxxinanti tal-vittma provinċjali tiegħu, permezz ta' instabbiltà kontinwa fl-atteġġjamenti lejn dak li hu kundannabbli, u permezz ukoll ta' inverżjoni bejn dak li seħħ tassew u l-ġrajja mistħajla mill-karattri, tbixkel lill-qarrejja tagħha f'nisġa sfiqa ta' perspettivi u b'hekk tirfina l-ġudizzju tal-kontenut storiku li jnebbaħha. In-narratur ta' Mamo ġieli jtemm it-teatralità tiegħu b'dijatriba espliċita, iżda qabel jagħmel dan ikun diġà ttrasforma l-għarfien storiku tal-qarrejja f'kumpless ta' ironiji u paradossi, li jistieden konfigurazzjoni dejjem imġedda tal-passat. Is-satira ta' Mamo, effettivament, torganizza l-elementi miġjubin mill-istorja f'korrispondenza ifjen ta' lemħiet

kuntrastanti, ta' sentimenti inkompatibbli, u ta' perspettivi opposti, li fil-ħbit ta' bejniethom joħolqu l-avvanz ironiku u l-intensità sardonika li l-ġeneru hu magħruf għalihom. L-element storiku tas-satira jinbidel fi storja ta' ironiji u insinwazzjonijiet li tiżvolġi b'interazzjoni dejjem ifjen bejn il-komponenti eteroġenji tagħha.

Dawn ix-xejriet tan-narrattiva satirika, madanakollu, ma jnaqqsu xejn mill-element realistiku ta' dan il-ġeneru, imsaħħaħ bl-avvenimenti, bil-persunaġġi, bid-drawwiet, saħansitra bl-azjendi veri li Mamo silet mill-attwalità ta' żmienu. Għall-kuntrarju, is-satira tippreserva din l-attwalità f'rakkont li, skont il-kwotazzjoni minn Ricoeur li bdejna biha, hu kompromess bejn iż-żamma tal-imgħoddi u t-tbegħid letterarju minnu; rakkont li jibdel il-konfigurazzjoni fissa tal-imgħoddi f'ordni ġdid u effettiv ta' għarfien, tant li l-ġenerazzjonijiet ġodda ta' qarrejja Maltin jistgħu jiksbu riflessjoni fuq il-passat ikbar mill-istess protagonisti li għexuh. Fis-sew, żmien Mamo kien passat partikulari ħafna, b'avvenimenti soċjali u politiċi straordinarji li fihom innifishom kellhom xi ftit mill-ispettaklu satiriku. Ħarsa lejn l-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin hi biżżejjed biex issaħħaħ dan il-kumment.

Din kienet id-dinja Maltija tas-*Sette Giugno*, li fiha l-poplu Malti, milqut mis-sensji u mir-riċessjoni ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, wettaq irvell li ġab miegħu martri nazzjonali, avveniment li, permezz tal-wirja tal-poplu bħala forza perikoluża, ikkonfonda mhux ftit kemm lill-Gvern Kolonjali kif ukoll lill-istituzzjonijiet Maltin innifishom. Kienet id-dinja li fiha l-Gvernatur Paul Methuen kellu jitlob lill-kappillani biex minn fuq il-pulptu jħeġġu "lill-merħla tagħkom [...] dwar il-ħtieġa assoluta" li wħud mill-Maltin jemigraw minħabba l-qgħad u l-ġuħ, realtà li ġiegħlet lil madwar ħamsa u għoxrin ruħ jidhru kuljum quddiem il-Kumitat tal-Emigrazzjoni li twaqqaf apposta fil-Palazz, il-Belt; it-twaqqif tal-klassijiet ta' filgħaxija biex "l-emigranti prospettivi jitgħallmu jitkellmu bl-Ingliż" ikompli jixhed l-urġenza tat-talba tal-Gvernatur.[39] Dinja ekonomikament fraġli, tant li fiha t-temma b'suċċess ta' proġett ta' kostruzzjoni bħal dak tal-*breakwater* u tal-baċiri, bejn l-1903 u l-1906, kienet tfisser ukoll, ironikament, perjodu twil ta' dipressjoni ekonomika minħabba n-nuqqas ta' xogħol li segwa minnufih.[40] Din kienet realtà ekonomika li fiha anki l-prosperità maħluqa mill-interessi strateġiċi Ingliżi kienet tostor fiha l-falliment ekonomiku, billi xekklet l-iżvilupp ta' setturi ekonomiċi lokali – "*a fictitious prosperity*," kif kien iddefiniha Joseph Howard, il-Prim Ministru tal-ewwel Gvern Malti.[41]

Kienet ukoll id-dinja li qiegħda tistinka biex toħroġ mill-illitteriżmu: saċ-ċensiment tal-1911 mhux aktar minn "21.81 fil-mija tal-popolazzjoni Maltija ta' 'l fuq minn ħames snin kienu jafu jiktbu bil-Malti jew b'xi ilsien [*sic*] ieħor," u l-bini eżistenti tal-iskejjel seta' jakkomoda 29,000 biss mill-45,000 tifel u tifla ta' bejn ħames u ħmistax-il sena, tant li f'dan il-perjodu "kien qed jingħad [...] illi aktar minn erbat elef tifel u tifla kienu kull sena [għadhom] qegħdin ifittxu li jidħlu fl-iskejjel".[42] Il-ħtieġa ta' edukazzjoni elementari obbligatorja kienet, bħal ħafna aspetti oħra ta' dan il-perjodu, dipendenti għalkollox fuq il-qagħda ekonomika prekarja taż-żmien, tant li ftit jiem qabel is-*Sette Giugno*, is-Segretarju tal-Istat ippropona li l-età tad-dħul fl-iskola tittella' minn ħames għal sitt snin "bħala miżura ta' nfiq inqas ta' flus," biex tkun tista' tingħata żieda fis-salarju li kienet ilha żmien dovuta lill-għalliema.[43] U mill-banda l-oħra, din kienet ukoll sitwazzjoni li fiha ħafna tfal li kienu jibdew l-iskola ma kinux itemmuha: bejn l-1908 u l-1916, 43,000 tifel u tifla ħarġu mill-iskejjel elementari qabel il-waqt, u b'kollox 3000 biss komplew is-snin kollha tat-tagħlim sas-seba' grad.[44]

Kienet ukoll dinja Maltija bi kwistjonijiet ta' dimensjoni nazzjonali, li b'xi mod jew ieħor laqtu lill-klassijiet soċjali kollha: il-kwistjoni tal-lingwa, il-kwistjoni tal-awtonomija governattiva li l-politiċi Maltin tqabdu mal-gvern kolonjali u bejniethom għaliha, u l-kwistjoni politika bejn il-Knisja u l-Partit Kostituzzjonali ta' Strickland li bdiet fl-1930. Kienet id-dinja li wirtet ir-rettorika revoluzzjonarja ta' Manwel Dimech, li permezz tax-*Xirca tal Imdaulin* u *Il Bandiera tal Maltin* kien ilu jisħaq fuq il-ħtieġa ta' bidliet soċjali radikali, speċjalment fil-qasam edukattiv u demokratiku, bħalma kien saħaq bla heda kontra d-diskriminazzjoni. Id-dinja li fiha, mill-banda l-oħra, kull bniedem b'rettorika qawwija kontra l-qagħda kolonjali seta' jsib ruħu jew eżiljat għall-bqija ta' għomru, bħalma seħħ lil Dimech, jew arrestat u misjub ħati ta' sedizzjoni, bħalma seħħ lil Enrico Mizzi fl-1917. Forsi f'din id-dinja kien baqa' jidwi kultant il-kliem ta' Joseph Chamberlain tal-1902, li Malta mhix kolonja ordinarja, iżda fortizza, u l-ebda aġitazzjoni ma tista' tiġi ttollerata f'fortizza.[45]

Is-satira tqabbad l-għeruq insinwattivi, ironiċi, u burleski tagħha f'din id-dinja attwali u konkreta li tmantniha b'sustanzi indiġeni. Id-dipendenza dejjiema tas-satira fuq il-kronaka kontemporanja ġiegħlet lil xi wħud jitħassbu dwar kemm dan il-ġeneru ta' kitba jistħoqqlu jitqies bħala purament letterarju. Kif jistqarru Connery u Combe, minħabba l-insistenza tas-satira fuq id-dettall storiku, minħabba r-referenzi kontinwi tagħha għal xejriet partikulari

ta' individwi veri, kien hemm min eskludieha mil-letteratura meqjusa bħala kitba awtonoma.[46] Connery u Combe jkomplu josservaw kif is-satira, għal ċerti skejjel ta' kritika, iċċajpar il-fruntiera bejn l-istudju storiku u l-kritika letterarja, għax ġenerazzjonijiet ġodda ta' qarrejja ma jibqgħux familjari mal-persunaġġi, il-postijiet u l-avvenimenti li tkun qiegħda tirreferi għalihom, tant li jkollhom jirrikorru għal riċerka storika biex japprezzaw l-effett satiriku. Madanakollu, il-fatt li l-istorja hi suppliment inevitabbli tas-satira hu mwieżen bil-fatt li r-rakkont satiriku jissupplimenta hu nnifsu lill-qagħda storika, b'konnessjonijiet ġodda bejn l-avvenimenti tagħha. Forsi jkun aktar validu li wieħed japprezza l-benefiċċji għall-għerf uman ta' diskors letterarju u diskors storiku li jikkontaminaw lil xulxin, sakemm fis-simbjożi ta' bejniethom iseħħ avvanz fl-għarfien tal-passat.

Meta s-satira tiġi ridotta għal protesta kontra qagħda storika partikulari, dan ma jispjegax għaliex ix-xogħol satiriku jibqa' validu anki wara li s-sitwazzjoni storika li qanqlitu tkun intemmet.[47] Wieħed irid jiftakar, fl-aħħar mill-aħħar, li hemm biżżejjed kitba ġurnalistika u ittri mgħaddba ta' Mamo li jiddokumentaw iċ-ċirkustanzi soċjali ħżiena ta' żmienu. L-għażla tal-ġeneru satiriku, għalhekk, qdiet ħtieġa oħra f'ħajtu ħlief dik li jirreġistra l-kundizzjonijiet deplorabbli tal-klassi l-baxxa. Din kienet il-ħtieġa li, b'kompliċità teatrali mal-lingwaġġ tal-bniedem raħli, jippenetra fil-konfini dojoq tad-dinja provinċjali u jikxef fl-ambitu ristrett tagħha possibbiltajiet ironiċi u insinwattivi ġodda, jiġifieri mod alternattiv u ifjen kif seta' jitħaddem l-istess diskors raħli. Id-dinja provinċjali trażmessa bil-kundizzjonijiet partikulari tas-satira, għalhekk, issir dinja umana li tista' tiġi rreċtata b'effett ġdid, f'perjodi differenti ta' qari letterarju, b'arranġament aktar nebbieħi tal-fatti rrakkuntati, u b'konverġenza oriġinali ta' perspettivi – ilkoll prodotti ta' lingwaġġ raħli mħaddem b'penetrazzjoni ironika aktar irfinuta. Dan hu l-patrimonju letterarju għaqli li ħallielna Mamo: ġeneru narrattiv li jpoġġina fl-ispettaklu karnivalesk tad-diskors raħli u simultanjament jagħtina l-mezzi ironiċi biex nestendu l-limiti attwali tal-istess diskors.

*Partijiet minn dan l-istudju ġew ippreżentati bħala taħdita pubblika organizzata mill-Akkademja fis-26 ta' Novembru 2010, l-istess sena li fiha ġew ippubblikati r-rakkonti ta' Juan Mamo, miġburin u annotati minn Mark Vella fil-ktieb* Ġrajja Maltija – Ġabra ta' Novelli.

**Noti**

1 Paul Ricoeur, *Time and Narrative*. Trad. Kathleen Blamey & David Pellauer. Vol. 3 (Chicago and London: U of Chicago P, 1988) 154-6.

2 Dustin Griffin, *Satire: A Critical Reintroduction* (Lexington, KY: U P of Kentucky, 1994) 68.

3 George A. Test, *Satire: Spirit and Art* (Florida: U P of Florida, 1991) 63.

4 Oliver Friggieri, *Ġwann Mamo: Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali* (Malta: Mid-Med Bank, 1984) 25.

5 Griffin 1.

6 Test 63.

7 Jean Weisgerber, "Satire and Irony as Means of Communication," *Comparative Literature Studies* 10.2 (1973) 163.

8 Weisgerber 163.

9 Griffin 51.

10 Weisgerber 162.

11 Ben Parsons, "'A Riotous Spray of Words': Rethinking the Medieval Theory of Satire," *Exemplaria* 21.2 (2009) 113.

12 Parsons 116.

13 Mark Vella, "Mamo Misjub mill-Ġdid." Daħla. *Ġrajja Maltija: Ġabra ta' Novelli*. Juann Mamo (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2010) xix.

14 Friggieri 29-30.

15 John R. Clark, "Vapid Voices and Sleazy Styles." *Theorizing Satire: Essays in Literary Criticism*. Eds. Brian A. Connery & Kirk Combe (New York: Palgrave Macmillan, 1995) 21.

16 Ludwig Wittgenstein, *Tractatus Logico-Philosophicus*. 1922 (New York: Cosimo, 2009) 88.

17 Brian A. Connery & Kirk Combe, "Theorizing Satire: A Retrospective and Introduction." *Theorizing Satire: Essays in Literary Criticism* 5.

18 Test 17.

19 Parsons 123.

20 Waqt id-diskussjoni li segwiet il-preżentazzjoni ta' dan l-istudju nhar is-26 ta' Novembru 2010, Trevor Żahra stqarr li jiftakar kif l-espressjoni "li kienu xtrawlu wiżna kittien, u għażluhielu rqajqa rqajqa bħall-gumma tal-iġfien" kienet tintuża minn nanntu, biex tirreferi għal persuna li dwarha ma kienx hemm dettalji magħrufa. Dan jixhed li Mamo nqeda b'formuli espressivi popolari li minnhom innifishom diġà kienu jgħaddu ż-żmien bid-drawwiet soċjali u diskursivi tal-istess poplu li ħoloqhom. Jixhed, fi kliem ieħor, il-ħila espressiva tal-poplu fil-parodija tiegħu nnifsu. Fl-istess intervent, Żahra ftakar ukoll ir-referenzi ta' nanntu għall-karkura tal-mażuni li taqa' mill-ajru.

21 Griffin 76-8.

22 Test 12.

23 Francis Galea, *Juan Mamo: Ħajtu u Ħilietu* (Malta: SKS, 2007) 82-9.

24 Galea 120-1.

25 Wolfgang Iser, *The Act of Reading – A Theory of Aesthetic Response* (Baltimore, MD: The Johns Hopkins U P, 1978) 130-2.

26 Test 2.

27 Test 4.

28 Test 5.

29 Clark 24.

30 Clark 25.

31 Vella xviii.

32 Fredric V. Bogel, *The Difference Satire Makes: Rhetoric and Reading from Jonson to Byron* (New York: Cornell U P, 2001) 111.

33 Bogel 62.

34 Clark 23.

35 Adrian Grima, "Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut." *Il-Malti* LXXIX (2007) 82.

36 Vella xvii.

37 Grima 82.

38 Bogel 19.

39 Michael A. Sant, *"Sette Giugno" 1919: Tqanqil u Tibdil* (Malta: SKS, 1989) 125, 132.

40 Henry Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience* (Malta: Midsea Books, 1979) 145.

41 Frendo 146.

42 Sant 133.

43 Sant 134.

44 Carmel Cassar, "Everyday Life in Malta in the Nineteenth and Twentieth Centuries." *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society.* Ed. Victor Mallia-Milanes (Malta: Mireva Publications, 1988) 107.

45 Cassar 120.

46 Connery u Combe 4.

47 Harriet Deer & Irving Deer, "Satire as Rhetorical Play," *Boundary 2* 5.3 (1977) 712.

# L-Akkademja tal-Malti matul is-snin... (2009-2013)

Joseph P. Borg
Segretarju tal-Akkademja

**Il-kunsill għas-sentejn 2009-2011**

Il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-5 ta' Settembru 2009 saret il-Furjana fis-sala ta' taħt il-Knisja tal-Metodisti (Sala Robert Samut) u fiha nħatar Carmel Azzopardi bħala President (*in absentia*) u l-bqija tal-membri mingħajr il-ħtieġa ta' elezzjoni billi kien hemm ħdax-il nominazzjoni kif jitlob l-istatut: Dr George Farrugia (Viċi President), Joseph P. Borg (Segretarju), l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici (Teżorier), Saviour Camilleri (Assistent Segretarju), Nicholas Vassallo (Assistent Teżorier/Arkivista), Sergio Grech (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Thomas Pace (Assistent U.R.P.), David Agius Muscat, Lawrence Deguara u Olvin Vella. F'din il-Laqgħa Ġenerali ġiet approvata l-mozzjoni "It-tħaddim tal-fondi finanzjarji tal-Akkademja" b'rabta mal-fond tal-familja Mikallef Buħaġar.

Dan il-Kunsill iltaqa' 17-il darba, mit-30 ta' Settembru 2009 sad-29 ta' Awwissu 2011, u l-laqgħat kienu jsiru fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Is-Sur Frank Zammit mill-Awstralja kien il-mistieden speċjali f'laqgħa nru 8, fit-30 ta' Ġunju 2010 u s-Sur Trevor Żahra kien il-mistieden speċjali f'laqgħa nru 15, fit-8 ta' Ġunju 2011 meta ġie diskuss li norganizzaw forum dwar iċ-ċensura.

## Il-pubblikazzjonijiet

### *Il-Malti*

Tul dawn is-sentejn l-Akkademja ppubblikat żewġ ħarġiet speċjali ta' *Il-Malti*: "Xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt" LXXXI fl-2010 u "Ta' Barra Minn Hawn" LXXXIII fl-2011 li bis-saħħa tagħhom ġew irkuprati s-snin 2002 u 2003 meta *Il-Malti* ma ħariġx.

Il-ħarġa speċjali f'ġieħ Ġużè Gatt kienet fi ħsieb bord editorjali magħmul minn Toni Cortis, Reno Fenech, Olvin Vella u Dr William Zammit; filwaqt li l-ħarġa speċjali "Ta' Barra Minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija" kienet fi ħsieb l-editur Dr Marco Galea flimkien ma' bord editorjali li kien jinkludi lil Carmel Azzopardi, David Agius Muscat, Joe Borg, Dr George Farrugia, l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici u Olvin Vella. Dan il-volum ġabar it-taħditiet li kienu saru fis-seminar tat-3 ta' Frar 2007 fl-Università ta' Malta, bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-Malti.

Fl-2011 dehret ukoll il-ħarġa akkademika LXXXII editjata minn Carmel Azzopardi bil-għajnuna tal-istess bord editorjali. Delegazzjoni mill-Kunsill iltaqgħet mas-Sur Joseph Mizzi, Direttur tal-KKM nhar is-7 ta' Mejju 2010 bil-għan li jsir ftehim fuq iż-żewġ ħarġiet speċjali filwaqt li tħallsu l-arretrati kollha li l-Akkademja kellha mal-KKM.

### *Ċirkularijiet*

Dan il-Kunsill ħa ħsieb jippubblika żewġ ċirkularijiet – waħda fi Frar 2010 u oħra f'Ġunju 2011 bl-avviżi u t-tagħrif fuq l-attivitajiet organizzati. Fihom ingħatat tislima xierqa lill-imsieħba li ħallewna: Renato Agius Muscat, il-Prof. Guido de Marco u Frans Sammut. Il-membri li bagħtu l-pubblikazzjoni tagħhom għal-librerija tal-Akkademja ssemmew fiċ-ċirkularijiet.

## Is-Sena Dunkarmjana

L-Akkademja kellha sehem importanti fit-tixrid tad-diska kompatta *Tina l-Ħlewwa* tal-Kor Laudate Pueri bl-arranġament u direzzjoni tal-Mro Joseph Vella, maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif ukoll fil-produzzjoni tal-ktejjeb tal-kunċert

kommemorattiv f'għeluq il-50 anniversarju mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali li sar fil-Konkatidral ta' San Ġwann, nhar it-28 ta' April 2011. L-għażla tal-innijiet għas-CD *Tina l-Ħlewwa* bdiet minn sottokumitat magħmul minn David Agius Muscat, Joe Borg, Thomas Pace, Olvin Vella, Rev. Jesmond Manicaro, Rev. Joe Galea Curmi u l-Prof. Manwel Mifsud u l-ewwel laqgħa kienet saret fit-28 ta' Diċembru 2009 fit-Taqsima tal-Uffiċjali Edukattivi, il-Mall, il-Furjana sakemm sar magħruf li l-Kor Laudate Pueri kien mexa 'l quddiem bl-istess proġett u għalhekk l-għażla tal-innijiet tħalliet fi ħsieb il-Kor Laudate Pueri. Maċ-ċirkulari stampata ta' Ġunju 2011 kull membru rċieva wkoll il-ktejjeb tal-kunċert *Tina l-Ħlewwa*.

Inħatar bord editorjali magħmul minn Carmel Azzopardi, Dr Stephen Bonanno, Dr Mario Cassar u Dr Bernard Micallef bil-ħsieb li l-Akkademja tippubblika għażla mit-taħditiet li saru fis-sensiela ta' Konferenzi Dun Karm imnedija fl-1975 minn Karmen Mikallef Buħaġar.

L-Akkademja żammet kuntatt kontinwu mal-Kumitat Festi Nazzjonali kemm għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kif ukoll għal dawk li jiġu mħejjija f'Ottubru f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali.

**Imsieħba ġodda u Membri Onorarji**

Il-Kunsill ħatar bħala Membri Onorarji lill-Prof. Joe Friggieri u lis-Sur Joseph Mizzi. Matul dawn is-sentejn issieħbu fl-Akkademja 20 membru ġdid, li huma jew gradwati tal-Malti jew kittieba.

**Erba' taħditiet u seminar ieħor fuq il-*Kantilena***

Bħala parti mill-attivitajiet biex jitfakkar għeluq id-90 sena tal-Akkademja, saru sensiela ta' taħditiet li servew kemm ta' aġġornament kif ukoll ta' għajnuna għal dawk kollha li jinteressaw ruħhom fl-istudju tal-Malti kif ukoll fil-letteratura Maltija. L-ewwel taħdita saret minn Carmel Azzopardi fuq l-ortografija Maltija (2 ta' Marzu 2010). It-tieni taħdita, ta' Immanuel Mifsud, "Ħoxnin u Somor, Koroh u Sbieħ" (6 ta' Mejju 2010); it-tielet taħdita, ta' Dr Bernard Micallef, "Il-parodija, l-ironija, u ż-żuffjett satiriku fin-novelli 'l-ġodda' ta' Juann Mamo (26 ta' Novembru 2010); u r-raba' taħdita, ta' Dr Stephen Zammit, "Analiżi ta' prietki bit-Taljan minn awturi Maltin tas-sekli 17-19" (28 ta' Marzu 2011). It-taħditiet saru fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Ħ'Attard.

***Hemme ard bayda* v *hemme ard seude et hamrya***

Din it-taħdita fuq il-*Kantilena* kienet organizzata mill-Akkademja f'Palazzo Falson bil-għajnuna tal-kuratur tal-Mużew, is-Sinj. Francesca Balzan. It-taħdita saret fl-24 ta' Lulju 2011 minn Dr John A. Schembri bit-tema "Kif il-Ġeografija tgħinna nifhmu l-Kantilena" u attendiet għaliha ġemgħa sabiħa ħafna. It-taħdita ġiet irrekordjata u Olvin Vella ħa ħsieb jintervista lil Dr Schembri fuq Campus FM.

**Serati u lejliet letterarji mal-għaqdiet tal-Malti**

L-Akkademja organizzat numru ta' lejliet letterarji flimkien ma' għaqdiet oħra tal-Malti u b'hekk saħħet ir-rabtiet ma' kull min jaħdem b'risq ilsienna u l-letteratura tagħna u offriet l-għajnuna fejn meħtieġ.

*Tifkiriet ta' Lulju*
Serata ma' VersAgħtini (IKM) flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u li fiha tfakkru Ġorġ Zammit, Alfons Marija Galea u Dwardu Cachia f'għeluq l-anniversaju minn mewthom. Din saret nhar it-28 ta' Lulju 2010.

*Serata kommemorattiva f'ġieħ Patri Wistin Born O.P.*
Bis-saħħa ta' din it-tifkira l-Akkademja ħadmet mill-qrib mal-Għaqda Poeti Maltin f'ġieħ ir-rumanzier u poeta Patri Wistin Born f'għeluq il-100 sena minn twelidu. Tul is-serata, li saret nhar il-15 ta' Settembru 2010 fil-Kulleġġ San Albert il-Kbir, il-Belt, inqraw xogħlijiet ta' Patri Born u s-Sa Marilyn Borg qrat silta mir-riċerka li għamlet fuq Patri Wistin Born. Fost il-mistednin distinti attenda l-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P. u Patri Frans Micallef, il-Vigarju tal-Ordni Dumnikan.

*Serata letterarja mal-awtur Pierre Mejlak fil-Qala*
Organizzata f'Għawdex mal-Kunsill Lokali tal-Qala, il-lejla mużiko-letterarja "Qed nistenniek nieżla max-xita" kienet kollha kemm hi ddedikata lill-awtur żagħżugħ Pierre Mejlak min-Nadur, rebbieħ għal tliet darbiet tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Is-serata saret fit-3 ta' Settembru 2010 fi Ġnien il-Familja, il-Qala, bis-sehem ta' Dr Marco Galea li intervista lill-awtur u qari ta' novelli mill-Prof. Manwel Mifsud u Dr George Farrugia. Is-serata ntemmet b'diskors mis-Sindku tal-Qala, is-Sur Paul Buttigieg. Il-President tal-Akkademja ppreżenta għadd ta' kotba għal-librerija tal-Kunsill Lokali.

**Attivitajiet oħra**

Il-Kunsill tal-Akkademja ħa ħsieb numru ta' attivitajiet oħra fosthom: attività mal-Għaqda Maltija tal-Folklor bi żjara lil Casa Rocca Piccola, il-Belt, is-Sibt, 6 ta' Marzu 2010; żjara lill-Arkivju Notarili nhar is-26 ta' Frar 2010 bil-għajnuna ta' Dr Joan Abela u s-Sur Paul Camilleri li ggwidawna mal-arkivju u wrewna d-dokumenti prezzjużi li hemm merfugħa, fosthom il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro; għajnuna lill-grupp ta' studenti universitarji għat-taħdita letterarja f'ġieħ Ġużè Ellul Mercer f'għeluq il-50 sena minn mewtu, bis-sehem ta' Olivia Borg, Dr Adrian Grima u Mark Vella – il-bibljoteka tal-Università ħadet ħsieb torganizza wirja ma' din it-taħdita li saret fl-24 ta' Mejju 2011.

**Laqgħa mal-President ta' Malta**

Nhar id-19 ta' Novembru 2010, il-President ta' Malta l-E.T. Dr George Abela, għoġbu jiltaqa' mal-kumitat tal-Akkademja li ħa ħsieb jippreżentalu €300 għall-Community Chest Fund kif ukoll kopja tal-ħarġa speċjali ta' *Il-Malti – xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt.*

**Serata mal-President ta' Malta f'għeluq id-90 sena**

Il-qofol tas-sena 2010 ntlaħaq bis-serata organizzata mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta f'Sant'Anton, nhar it-23 ta' Novembru 2010 li fiha l-Akkademja fakkret għeluq id-90 sena mit-twaqqif tagħha f'post daqstant għażiż li missew miegħu patrijotti bħal Vassalli, Sir Anthony Mamo u Anton Buttigieg. Mexxiet is-serata mużiko-letterarja s-Sa Marlene Abela mal-qarrejja mistiedna s-Sinjuri Charles Abela Mizzi, Toni Cortis, Marcel Teuma, Marcel Zammit Marmarà u Dr George Farrugia.

Ix-xogħlijiet li nqraw intgħażlu minn sottokumitat magħmul minn Dr Stephen Bonanno, Olivia Borg u Dr Mario Cassar. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-Akkademja ħadmet mal-Uffiċċju tal-President biex għas-serata kommemorattiva jkunu mistiedna 100 awtur li mhux bilfors huma membri tal-Akkademja. Il-kittieba mistiedna laqgħu t-talba tal-Akkademja biex dakinhar tas-serata jippreżentaw pubblikazzjoni tagħhom għal-librerija tal-President ta' Malta u, bħala apprezzament, il-President ta' Malta bagħat ittra ta' ringrazzjament lil kull awtur. Doreen Galea, akkumpanjata minn binha l-Mro Dominic Galea, kantat għażla ta' poeżiji mid-diska kompatta tagħhom *Ommi*.

Fit-tmiem tas-serata l-President, Dr George Abela, ippreżenta lill-Akkademja plattin tal-fidda bħala tifkira.

## Pinna Kommemorattiva

Il-membri aġġornati fil-miżata rċevew il-ħarġa akkademika ta' *Il-Malti* (2011) flimkien ma' pinna kommemorattiva f'għeluq id-90 sena mit-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

## L-Akkademja u l-European Writers Congress

Wara li s-sħubija tal-Akkademja fil-EWC ġiet konfermata fl-assemblea ġenerali tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2009, il-President attenda għal seminars u konferenzi ġenerali: Brussell fid-19-20 ta' Diċembru 2009, Dubrovnik mid-29 ta' Settembru sal-1 ta' Ottubru 2010; Brussell mis-16-17 ta' Frar 2011 u Turku mill-25-28 ta' Mejju 2011 għall-Forum Mare Nostrum.

## Il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea 2011

Il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea hu premju li jingħata lil awturi emerġenti Ewropej u jgawdi prestiġju għoli ferm fl-Ewropa.

Il-premju hu organizzat mill-Kummissjoni Ewropea u minn konsorzju magħmul mill-European Writers Council (EWC), il-Federation of European Publishers (FEP) u l-European Booksellers Federation (EBF). Il-European Writers Council, b'koperazzjoni mill-qrib maż-żewġ entitajiet imsieħba fil-konsorzju, hu responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ġurija u l-proċedura tal-għażla f'kull wieħed mill-pajjiżi parteċipanti.

L-Akkademja tal-Malti, bħala membru formali tal-EWC, ingħatat l-inkarigu li tikkoordina l-ħidma fuq livell nazzjonali u l-President tal-Akkademja nħatar il-koordinatur nazzjonali tal-proġett.

Fil-premju jipparteċipaw il-35 pajjiż Ewropew li huma msieħba fil-Programm Kulturali tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-pajjiżi jinqasmu fi tliet gruppi. Malta ħadet sehem mal-grupp tal-2011 u magħha kien hemm il-Bożnja u Ħerzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Iżlanda, il-Latvja,

il-Liechtenstein, il-Montenegro, is-Serbja, l-Olanda, it-Turkija, u r-Renju Unit. Kull pajjiż jirbaħ il-premju darba kull tliet snin.

Il-ġurija ta' Malta hi ffurmata minn ħames membri: erbgħa minnhom nominati mill-Akkademja u wieħed mill-Federation of European Publishers. Nhar it-18 ta' Jannar 2011, il-Kunsill innomina l-membri tal-ġurija. Id-dettalji dwar il-premju dehru fiċ-ċirkulari ta' Ġunju 2011 bi prominenza fl-ewwel faċċata u fl-10 ta' Ottubru 2011 ħarġet stqarrija b'rabta mal-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea.

Dr Immanuel Mifsud rebaħ il-Premju Letterarju tal-2011 għax-xogħol tiegħu *Fl-Isem tal-Missier (u tal-iben)* u ċ-ċerimonja formali saret fi Brussell nhar is-17 ta' Frar 2012. Dan il-premju jagħti lil pajjiżna l-istess opportunità li tingħata lil pajjiżi ferm akbar minna u joffri l-possibbiltà li l-awtur Malti u x-xogħol rebbieħ tiegħu jkunu esposti fil-vetrina wiesgħa tal-Ewropa u jagħti spinta enormi lill-awtur rebbieħ kif ukoll lir-rumanz Malti u lil-letteratura Maltija inġenerali.

L-awtur rebbieħ jingħata ħamest elef ewro (€5,000) u x-xogħol tiegħu jingħata prijorità fl-iskema tal-Unjoni Ewropea li tiffinanzja t-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji. Iċ-ċerimonja formali tal-għoti tal-premjijiet saret fi Brussell f'Novembru 2011.

**Dar Doreen Micallef – is-sede l-ġdida tal-Akkademja**

Wara għadd ta' żjarat kemm mill-Kunsill tal-Akkademja kif ukoll minn diversi periti tal-gvern, nhar il-25 ta' Jannar 2011 fil-Gazzetta tal-Gvern deher avviż nru 6/2011 biex jibdew "xogħlijiet ta' rinnovar f'nru 12, Flat 2, Triq Sant'Andrija, il-Belt."

Matul ix-xhur sar xogħol estensiv li jinkludi l-kisi tal-art biċ-ċeramika, sistema ġdida għall-provista tal-elettriku u l-ilma, bibien tal-injam u twieqi ġodda tal-aluminju bl-aperturi kif ukoll il-kisi bil-*gypsum* tal-ħitan kollha tal-appartament. Ix-xogħol inkluda wkoll kċina ġdida kompluta bil-kabords, kuker u friġġ. Bis-saħħa u t-tħabrik tal-President Carmel Azzopardi flimkien mal-Perit Camilleri x-xogħol mexa b'pass mgħaġġel hekk li l-appartament tlesta f'qasir żmien u fl-istess ħin b'xogħol ta' kwalità għolja.

Wara 90 sena, l-Akkademja tal-Malti llum għandha dar fejn tista' tiltaqa' u żżomm il-librerija u l-arkivju tagħha. Dar Doreen Micallef iżżanżnet nhar l-14 ta' Novembru 2011 f'Jum l-Akkademja. Għall-inawgurazzjoni kienu

mistiedna l-membri flimkien ma' Dr Louis Galea, ir-Rev. Prof. Peter Serracino Inglott – li bierek l-appartament – Francis Galea u Marlene Saliba li kienu jafu l-poetessa mill-qrib. Il-plakka ta' tifkira kixfuha l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici u Anton Cassar, veterani tal-Akkademja tal-Malti. Il-Kunsill beda jaħseb biex jikkommemora lil Doreen Micallef bil-pubblikazzjoni ta' żewġ kotba: il-poeżiji miġbura u l-atti tas-seminar li kien sar fit-3 ta' Diċembru 2011 f'għeluq l-10 snin minn mewtha.

## Nominazzjonijiet għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Wara t-talba li saritlu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, fil-laqgħa li saret fit-8 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill tal-Akkademja nnomina persuna għall-kariga ta' Kap tal-Kumitat Tekniku għall-Edukazzjoni fi ħdan il-KNM, skont kif jitlob l-artiklu 8 (a) tal-*Att dwar l-Ilsien Malti*.

## Id-Drittijiet tal-Awtur

Fil-5 ta' Novembru 2010, l-Akkademja organizzat seminar biex tfisser x'jista' jsir biex jitħarsu d-drittijiet tal-awturi (*Public Lending Rights*) b'rabta mal-flus dovuti lilhom meta l-kotba jissellfu mil-libreriji.

Din l-istedina kienet miftuħa wkoll għad-disinjaturi, produtturi ta' filmati, ġurnalisti u fotografi – għal kull min jipproduċi materjal viżiv jew miktub. Dil-ħidma l-Akkademja ma setgħetx tibqa' għaddejja fuqha minħabba l-piż amministrattiv imma ninnotaw b'sodisfazzjon li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb introduċa s-sistema fl-2015 u llum id-drittijiet tal-awturi f'Malta jinsabu fl-istess livell ta' kważi l-pajjiżi kollha tal-Ewropa.

## Is-sit elettroniku tal-Akkademja

Is-Sur Thomas Pace ħa ħsieb jaġġorna s-sit elettroniku tal-Akkademja u ħafna kienu l-istudenti li żaru l-portal biex jieħdu xi informazzjoni jew biex permezz tiegħu jitolbu xi tagħrif.

**Il-kunsill għas-sentejn 2011-2013**

Il-Laqgħa Ġenerali tas-Sibt, 3 ta' Settembru 2011 ġabet bidliet fil-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti: Carmel Azzopardi ma kienx kontestat bħala President. Dr George Farrugia nħatar Viċi President; Joseph P. Borg, Segretarju; Reno Fenech, Assistent Segretarju; l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Teżorier; Saviour Camilleri, Assistent Teżorier; Sergio Grech, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi; Thomas Pace, Assistent U.R.P. u responsabbli tas-sit elettroniku tal-Akkademja; David Agius Muscat, Arkivista; Membri: David Muscat u Olvin Vella. Il-Laqgħa Ġenerali saret fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Ħ'Attard.

Fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Għaqda tal-Malti – Università, li saret f'Dar l-Istudent fl-Università ta' Malta nhar l-4 ta' Ġunju 2012, l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici nħatar Teżorier fil-kumitat *ad interim* tal-Għaqda tal-Malti – Università. Għaldaqstant, biex titħares klawsola 5.15 tal-istatut tal-Akkademja, is-Sur Olvin Vella ħa l-inkarigu ta' Teżorier sakemm għadda l-perjodu tal-kunsill *ad interim* tal-Għaqda tal-Malti u l-Inġ. Mifsud Bonnici seta' jerġa' jissokta fil-kariga tiegħu ta' Teżorier tal-Akkademja.

**Laqgħat**

Il-Kunsill iltaqa' 19-il darba, mit-28 ta' Settembru 2011 sat-13 ta' Awwissu 2013. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Akkademja, il-biċċa l-kbira tal-laqgħat saru fis-sede tagħha.

Ħarsa ħafifa lejn l-aġendi turi li l-ħidma kienet marbuta l-aktar ma' *Il-Malti*; il-ftuħ uffiċjali ta' Dar Doreen Micallef; il-ġarr tal-bqija tal-arkivju minn Palazzo Carafa; taħditiet letterarji u lingwistiċi, Jum l-Akkademja; il-Midalja tad-Deheb Ġużè Muscat Azzopardi; l-emendi għall-istatut; proġetti mal-MEUSAC u l-Malti bħala l-ilsien tat-tagħlim fl-iskejjel. L-Akkademja ħadmet ukoll ma' entitajiet oħra bħal, ngħidu aħna, il-Mare Nostrum 2013 mal-EWC; serati letterarji u kommemorazzjonijiet mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta; is-serata "L-Omm li Tatna Isimha" mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Kumitat Festi Nazzjonali; ir-restawr tal-volum tal-Kantilena mal-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Nutarili; u d-diska kompatta bil-poeżiji ta' Rużar Briffa interpretati mill-Mro Dominic Galea.

**Ħatriet ta' bordijiet editorjali u sottokumitati**

Fl-ewwel laqgħa nħatar minnufih il-bord editorjali għall-edizzjoni letterarja ta' *Il-Malti* b'dawn il-membri: Carmel Azzopardi (editur), Joseph P. Borg, Mario Cassar, l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Reno Fenech u Victor Fenech.

Inħatar is-sottokumitat għat-Terminoloġija tal-Matematika magħmul minn Dr George Farrugia, David Agius Muscat u David Muscat.

Inħatar ukoll sottokumitat għall-organizzazzjoni tal-Mare Nostrum li kien magħmul minn Carmel Azzopardi, Dr Adrian Grima u Dr Marco Galea.

**Pubblikazzjonijiet**

***Il-Malti***

Sar ftehim ġdid mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Klabb Kotba Maltin li ġie ffirmat fl-1 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu l-Ministeru joħroġ is-somma ta' elf ewro (€1000) lill-Akkademja għall-finanzjament tar-rivista. Skont il-ftehim, l-Akkademja tgħaddi 150 kopja ta' kull edizzjoni ppubblikata lill-Ministeru sabiex jitqassmu fl-iskejjel u fil-libreriji f'Malta u Għawdex. Il-ħarġa letterarja ta' *Il-Malti* LXXXIV (2012) ġiet ippubblikata f'Ġunju 2013. Biex jitnaqqsu l-ispejjeż postali, *Il-Malti* qed jitqassam lill-membri f'okkażjonijiet soċjali qabel ma jintbagħat bil-posta regolari.

***Studji Dunkarmjani***

Il-Kunsill baqa' f'kuntatt mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex issir serata kommemorattiva f'Kastilja li tagħlaq is-sena Dunkarmjana bit-tnedija ta' ktieb b'għażla ta' taħditiet fuq Dun Karm. *Studji Dunkarmjani* tnieda fis-serata mużiko-letterarja "L-Omm li Tatna Isimha" li saret is-Sibt, 3 ta' Diċembru 2011 u dakinhar tnediet ukoll id-diska kompatta bi wħud mill-aqwa poeżiji tal-Poeta Nazzjonali mmużikati mill-Mro Dominic Galea.

**Taħditiet**

L-Akkademja ssoktat torganizza t-taħditiet minn esperti f'oqsma differenti tal-Malti. L-ewwel taħdita li kellna matul dawn is-sentejn ikkommemorat l-40 sena mill-mewt tas-Sur Nin: "Ninu Cremona – Ħajtu u Ħidmietu" saret mis-Sur Joe Camilleri nhar l-24 ta' Frar 2012 fil-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt. Għal din l-okkażjoni l-Bibljoteka ħadet ħsieb torganizza wirja dokumentata b'manuskritti u fotografija fuq is-Sur Nin.

It-tieni taħdita saret minn Dr George Farrugia bit-titlu "Analiżi tal-ġens grammatikali fil-Malti skont nisel in-nom - Tendenzi ġodda?" li saret fis-sala EB1 fil-Bini tal-Fakultà tal-Inġinerija, l-Università, nhar it-28 ta' Marzu 2012.

It-tielet taħdita saret mis-Sur Carmel Azzopardi fuq "Problemi Pendenti marbuta mal-Ortografija tal-Malti" fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun, nhar is-27 ta' April 2012 bil-għajnuna tas-Sur David Agius Muscat u David Muscat. Dan is-seminar reġa' sar fit-18 ta' Mejju 2012 għall-għalliema tal-Malti fl-istess post.

Ir-raba' taħdita saret minn Dr William Zammit li kkommemorat it-tliet mitt sena mit-twelid tal-Kan. Ġann Piet Agius de Soldanis. Dr Zammit skopra erba' ittri ta' de Soldanis u t-taħdita fuqhom saret nhar l-20 ta' Diċembru 2012 fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. Kull min attenda ngħata ktejjeb fuq de Soldanis b'tifkira.

Il-ħames taħdita saret mis-Sur Emanuel Psaila, President tal-Għaqda tal-Malti – Università, bit-titlu "Leli ta' Ħaż-Żgħir ta' Ġużè Ellul Mercer" li saret nhar l-20 ta' Marzu 2013 fl-Iskola Primarja ta' Ħ'Attard. Fiċ-ċirkulari għal din it-taħdita, jissemma għall-ewwel darba "għandniex qanun letterarju".

Is-sitt u l-aħħar taħdita saret mis-Sur Reno Fenech bit-titlu "Il-vokali i fil-bidu ta' kliem Rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?" li mill-ġdid saret fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (Kulleġġ San Ġorġ Preca) nhar il-21 ta' Mejju 2013.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn it-taħditiet kellhom attendenza tajba. It-taħditiet ġew irrekordjati b'mod diġitali għall-arkivju tal-Akkademja.

**Serati mużiko-letterarji kommemorattivi**

Anniversarji importanti li ngħataw preċedenza mill-Akkademja fakkru lil:

- Dun Karm f'għeluq il-50 sena minn mewtu bis-serata mużiko-letterarja "L-Omm li Tatna Isimha" taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru u

s-Sinjura Gonzi li saret fil-Berġa ta' Kastilja, is-Sibt 3 ta' Diċembru 2011. Is-serata, organizzata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru flimkien mal-Akkademja tal-Malti u l-Kumitat Festi Nazzjonali, kienet tinkludi kelmtejn ta' merħba mill-President tal-Akkademja tal-Malti, qari u kant ta' poeżiji u interpretazzjoni ta' silta minn *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* minn atturi żgħażagħ taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara. Dr Immanuel Mifsud qara l-istudju tiegħu "L-Impossibbli Poetiku: It-Tensjoni bejn Malta Mara u l-Mara Maltija" u s-serata ntemmet b'diskors mill-Prim Ministru l-Onor. Dr Lawrence Gonzi. Id-diskors tal-Prim Ministru deher ukoll fi Stqarrija għall-Istampa PR 2368 maħruġ mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, Kastilja.

Waqt ir-riċeviment tnieda l-ktieb *Studji Dunkarmjani* ppubblikat mill-Akkademja tal-Malti u l-Klabb Kotba Maltin li jinkludi għażla sabiħa ta' taħditiet li l-biċċa l-kbira minnhom ingħataw fis-sensiela Konferenzi Dun Karm organizzati mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar bejn l-1976 u l-2002. Tnidiet ukoll is-CD l-ġdida, *Għanja – poeżiji ta' Dun Karm*, mużika ta' Dominic Galea.

- Anton Buttigieg f'għeluq il-mitt sena minn twelidu b'serata mużiko-letterarja organizzata flimkien mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta, fil-Palazz Verdala, il-Buskett. Din saret fil-25 ta' Mejju 2012 bis-sehem ta' Mro Dominic Galea, Doreen Galea (mużika u kant), qari minn Cynthia Zerafa u l-Prof. Manwel Mifsud. Saret drammatizzazzjoni ta' siltiet ta' poeżiji tal-poeta bid-direzzjoni ta' Josette Ciappara u Dr Immanuel Mifsud qara l-istudju "Rieqed ir-Raqda tal-Mewt Eterna".
- Patri Anastasju Cushieri f'għeluq il-50 sena minn mewtu organizzata bi sħab mal-Patrijiet Karmelitani, nhar it-22 ta' Ġunju 2012 fil-Knisja tal-Karmnu l-Imdina, bis-sehem tal-Kor Sine Macula mmexxi mill-Mro Tony Pace. Id-diskors sar minn Patri Charlò Camilleri bit-tema "Patri Anastasju Cuschieri O. Carm: Ħarsa mill-Ġdid lejn Ħajtu, Twemminu u Ħidmietu" b'qari tal-kwotazzjonijiet minn Toni Cortis.
- Rużar Briffa f'għeluq il-50 sena minn mewtu organizzata mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta, bl-għajnuna tas-Sinjuri Marica Mizzi u Tessie Bonello, nhar it-3 ta' Ġunju 2013 fil-Palazz ta' Sant'Anton. Is-serata kommemorattiva, bit-tema *Il-Ħolma tal-Poeta*, saret taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-E.T. Dott. George Abela. Bijografija awdjoviżiva ta' Rużar Briffa mħejjija mill-Uffiċċju tal-President fetħet is-serata u wara diskors minn Dr Bernard Micallef, Prof. Oliver Friggieri flimkien

ma' Dr Adrian Grima u Dr Immanuel Mifsud għamlu apprezzament letterarju fuq tliet lejtmotifi ewlenin fil-poetika ta' Briffa: il-ħarba taż-żmien, ix-xewqat mhux mitmuma u s-solitudni fis-sofferenza u fil-mard.

Taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara ġew iddrammatizzati xogħlijiet ta' Briffa u Dr George Farrugia, Leanne Ellul u Marcel Zammit Marmarà qraw għażla ta' poeżiji. Fi tmiem il-kommemorazzjoni, Mro Dominic Galea ppreżenta s-CD tiegħu "Karba" lill-President ta' Malta.

Nhar is-26 ta' April 2013 saret żjara ta' kortesija lil mart il-poeta, is-Sa Louisette Briffa, minn Joe Borg, Leanne Ellul u Marcel Zammit Marmarà li fiha ttieħdu ritratti ta' dokumenti li ntużaw għall-*powerpoint* matul is-serata.

**Restawr tal-volum li fih tinsab l-Għanja ta' Pietru Caxaru**

Fi żmien xahar wara s-serata f'ġieħ Rużar Briffa, il-President ta' Malta għoġbu jospita lill-Akkademja tal-Malti mill-ġdid, din id-darba fil-Palazz Verdala, fl-okkażjoni tar-restawr tal-volum li fih tinsab il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru. Is-serata saret nhar l-4 ta' Lulju 2013 bi sħab mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta kif ukoll mal-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Nutarili, b'mod speċjali bil-għajnuna ta' Dr Joan Abela, il-kuratriċi tal-Arkivju, u Dr Theresa Zammit Lupi li ħadet ħsieb ir-restawr tal-volum – xogħol mill-aktar delikat u li għall-ispejjeż tiegħu daħlet l-Akkademja tal-Malti. Ir-restawr sar bejn l-24 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2013 wara li l-Akkademja laqgħet l-appell ta' Dr Joan Abela biex il-volum tal-Kantilena jiġi restawrat waqt żjara fl-Arkivju Nutarili li l-Akkademja għamlet fid-9 ta' Awwissu 2012.

Matul id-diskors tagħha, u bil-għajnuna ta' ritratti proġettati, Dr Zammit Lupi tat rendikont dettaljat ta' kif sar ir-restawr fuq il-manuskritt ta' Brandanu de Caxario – xogħol li sar bl-akbar reqqa u professjonalità. Dan il-proċess hu ddokumentat fil-ħarġa *Journal of Maltese Studies*, vol. 28.

Dr Joan Abela, kofundatriċi tal-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Nutarili, tkellmet dwar il-ġid prezzjuż merfugħ f'dan l-Arkivju Nutarili – ġawhra tassew importanti fil-wirt nazzjonali. Id-diskors ta' Dr Abela wkoll kien imsaħħaħ minn għadd sabiħ ta' ritratti proġettati biex l-udjenza setgħet tapprezza l-ħidma kbira għaddejja mill-voluntiera u r-riċerkaturi.

Ruben Zahra żewwaq is-serata bid-daqq taż-żaqq, il-flejguta u ż-żummara, imsieħeb ma' Yuri Charyguine li daqq l-*accordion*. Saru wkoll kummenti minn Olvin Vella li wera kif il-Kantilena hi xhieda tal-Malti Medjevali u kif għadd ġmielu ta' ħsejjes petrifikati fiha llum tlifniehom. Ħsejjes li ħadu l-ħajja hekk kif Prof. Martin Zammit qara l-Kantilena wara li ta l-interpretazzjoni tiegħu fuq uħud mill-kliem li nsibu fiha.

Keith Borg qara s-silta fuq is-sejba tal-Kantilena mill-ktieb *Esperjenzi ta' Kittieb* li biha tfakkar Patri Mikiel Fsadni li miet fit-18 ta' April 2013. Il-President ta' Malta l-E.T. Dr George Abela ppreżenta tifkira tal-okkażjoni lill-Prof. Wettinger bħala apprezzament tal-ħidma u r-riċerka tiegħu b'risq il-patrimonju Malti.

Il-volum restawrat kien espost għall-pubbliku waqt is-serata.

## EWC Forum Mare Nostrum VII

Bit-tħabrik tal-President Carmel Azzopardi, l-Akkademja ħadet ħsieb torganizza f'Malta s-seba' edizzjoni tal-Forum Mare Nostrum tal-EWC. Għal dan il-forum prestiġjuż attendew għadd sabiħ ta' kittieba internazzjonali, awturi magħrufa, akkademiċi u operaturi kulturali mill-Ewropa u l-Mediterran.

Il-Forum Mare Nostrum sar il-Ħamis, 11 ta' April 2013 fil-Grand Hotel Excelsior, il-Furjana, mit-8.30am sat-3.30pm. L-attivitajiet kienu mifruxa fuq tlett ijiem u bdew mill-Erbgħa, 10 ta' April b'serata mużiko-letterarja fl-okkażjoni tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-European Writers' Council f'Malta, bis-sehem ta' Claudia Gauci u Keith Borg li qraw xogħlijiet ta' Simone Galea, Norbert Bugeja, Claudia Gauci u Immanuel Mifsud tradotti għall-Ingliż mill-Prof. Ivan Callus, Mark-Anthony Fenech, Albert Gatt u Maria Grech Ganado. Il-mużika fuq il-pjanu kienet fi ħsieb Mro Dominic Galea u saru diskorsi mill-President tal-EWC Dr Pirjo Hiidenmaa u l-President tal-Akkademja Carmel Azzopardi. Qabel is-serata l-mistednin ingħataw tagħrif storiku fuq il-Palazz ta' Sant'Anton fejn ġentilment ospitana l-President ta' Malta.

L-għada l-Ħamis, 11 ta' April, saret is-VII edizzjoni tal-forum li kien miftuħ għall-pubbliku ġenerali bit-tema "Il-Letteratura u r-Rivoluzzjoni". It-tema magħżula għal Malta f'dan il-forum kienet "Discourse/Disorder" – ir-rakkonti ta' ġrajjiet rivoluzzjonarji u tqanqil soċjali fil-Mediterran u l-Ewropa. Parti importanti minn dan il-forum kien is-sehem tar-rumanziera magħrufa Eġizzjani-Ingliża Ahdaf Soueif, awtriċi tal-ktieb *Cairo: my City, our Revolution*.

Intwerew siltiet mid-dokumentarju *London is Burning* ippreżentati mill-Prof. Haim Bresheeth, li jgħallem fl-iskola magħrufa tal-Istudji Orjentali u Afrikani fl-Università ta' Londra (SOAS). Il-Prof. Yosefa Loshitzky, li wkoll tgħallem fl-iSOAS, tkellmet dwar "Popular Cinema as Popular Resistance: Avatar in the Palestinian (Imagi)nation".

Dr Marco Galea fetaħ l-ewwel diskussjoni plenarja tal-forum bit-tema "Discourse/Disorder" u l-Prof. Stephanos Stephanides, poeta u akkademiku tal-Università Ċiprijotta, tkellem dwar "The Disorder of Discourse". Tkellmet warajh ir-rumanziera u operatur kulturali Suzanne Joinson dwar "The Medina and the Architecture of Light: bridging the stories of East and West, a writer's perspective."

Żewġ gruppi ta' kelliema komplew il-forum: "Translation Disorder", l-ewwel wieħed tmexxa minn Dr Clare Vassallo bis-sehem tal-kittieb Ingliż-Palestinjan Adel Bishtawi, il-lingwista u traduttur letterarju Dr Albert Gatt, u l-kittieb Malti-Palestinjan Walid Nabhan. It-tieni grupp iddiskuta t-tema "Righting the Mediterranean" u tmexxa minn Dr Simone Inguanez bis-sehem ta' Dr Karsten Xuereb, espert dwar ir-relazzjonijiet kulturali bejn l-Ewropa u l-Mediterran, il-poeta u rumanzier Franċiż Prof. Cécile Oumhani, u l-operatur kulturali Franċiża-Marokkina Kenza Sefrioui.

Aktar tard wara l-forum saret laqgħa pubblika ma' Ahdaf Soueif li fiha intervistatha l-Prof. Stella Borg Barthet dwar l-attivitajiet u x-xogħlijiet letterarji tagħha. Din l-attività saret fil-Valletta Campus, l-Aula Magna, il-Belt. L-attività saret taħt il-patroċinju tal-Akkademja tal-Malti u d-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta.

Qabel l-intervista ma' Ahdaf Soueif, il-mistednin kienu fi ħsieb Marcel Zammit Marmarà, membru tal-Akkademja, li dawwarhom mal-Belt, żjara turistika li kienet tinkludi l-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Barrakka ta' Fuq u l-għada l-Ġimgħa 12 ta' April ż-żjara kompliet fl-Imdina.

Il-Forum Mare Nostrum tal-European Writers' Council sar bis-saħħa tal-Akkademja tal-Malti flimkien ma' Dr Bernard Micallef, Dr Adrian Grima u Dr Marco Galea u bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-EWC, l-Għaqda għal-Liċenzji u l-Finanzi tal-Awturi, l-Ambaxxata Franċiża ta' Malta, ir-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, il-British Council, Bloomsbury, Marsovin u l-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann.

**Membri Onorarji**

Il-Kunsill ħatar bħala Membri Onorarji lill-Mons. Lawrenz Cachia u lis-Sur William Thierens.

**Attivitajiet u ħidmiet oħra**

Wara l-ħruġ tad-diska kompatta *Tina l-Ħlewwa*, is-Sur Joe Borg ħa l-inizjattiva li jġib reklam tas-CD fil-fuljett *Jum il-Mulej* li tqassam fil-knejjes kollha fis-27 ta' Novembru 2011 u ġabar is-CDs mid-Dipartiment tal-Informazzjoni u impustahom lil min ordnahom. L-Akkademja daħlet għall-ispejjeż postali.

Il-President Carmel Azzopardi mexxa l-bord tal-ġurija biex intgħażel ir-rebbieħ tal-premju għall-aħjar Malti fix-Xandir. Huwa qara r-rapport tal-ġurija u ppreżenta l-premju lir-rebbieħ waqt ċerimonja li saret fil-5 ta' Mejju organizzata mill-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin. Jum qabel il-President deher fil-programm *Xarabank* (TVM) f'diskussjoni fuq is-sehem tal-Malti bħala l-lingwa tat-tagħlim fl-iskejjel.

L-Akkademja kienet preżenti fil-funerali ta' J.J. Camilleri, Patri Mikiel Fsadni, Rev. Prof. Peter Serracino Inglott u nxtraw kuruni għall-korteo. Fit-8 ta' Settembru 2012 il-President u s-Segretarju kienu preżenti għaċ-ċerimonja u tqiegħdu kuruni f'riġlejn il-Mafkar tal-Assedju l-Kbir.

L-Akkademja baqgħet ukoll f'kuntatt kontinwu mal-Kumitat Festi Nazzjonali għaċ-ċelebrazzjonijiet li kienu qed jitħejjew f'Ottubru 2011 f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali u ħadet sehem fiċ-ċerimonja f'Jum Dun Karm fit-18 ta' Ottubru 2012 bi tqegħid ta' kuruna f'riġlejn il-Mafkar tal-Poeta Nazzjonali.

Fil-25 ta' Ottubru saret taħdita mill-Prof. Charles Briffa fil-Knisja ta' Lapsi, San Ġiljan bit-tema "Dun Karm – Poeta tal-Baħar" organizzata minn Versatili u l-Akkademja sponsorjat il-bibita.

Wara talba li saret mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta, l-Akkademja flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħadet ħsieb tiġbor għadd sabiħ ta' kotba b'xogħlijiet Maltin mingħand il-pubblikaturi filwaqt li numru sabiħ ta' awturi ppreżentaw pubblikazzjonijiet tagħhom għal-librerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Din il-preżentazzjoni saret fil-Palazz ta' Sant'Anton lill-President ta' Malta nhar id-19 ta' Diċembru 2012.

## Laqgħa mal-President ta' Malta

Fit-18 ta' Novembru 2011, erbat ijiem wara l-ftuħ uffiċjali ta' Dar Doreen Micallef, il-kunsill ippreżenta l-ħarġiet LXXXII u LXXXIII (2011) lill-President ta' Malta waqt laqgħa kordjali fil-Palazz ta' Sant'Anton.

## Sistema ta' PLR għal Malta

Nhar l-4 ta' Ġunju 2012, il-President Carmel Azzopardi attenda għall-konferenza organizzata mill-EWC fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell. Hu mexxa diskussjoni bis-suġġett: "Striking the right balance between access, fair renumeration and the author's rights" u semma l-possibbiltà li tibda titħaddem is-sistema tal-Public Lending Rights (PLR) f'Malta.

## Minn Palazzo Carafa għal Dar Doreen Micallef

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-Akkademja setgħet issejjaħ il-laqgħat f'post iddedikat għaliha. Qabel il-ftuħ uffiċjali ta' nhar l-14 ta' Novembru 2011 fil-91 anniversarju tagħha, kif intemm ix-xogħol ta' rinnovazzjoni fil-bini nnifsu, kien għad irid isir il-ġarr tal-għamara u tal-arkivju minn Palazzo Carafa. Il-President Carmel Azzopardi għadda sett ta' pultruni, vetrina u għamara oħra għal Dar Doreen Micallef. Saru mill-inqas sitt żjarat lil Palazzo Carafa biex jinġarr l-arkivju kollu – ammont kbir ta' kopji ta' edizzjonijiet differenti ta' *Il-Malti*, dokumenti u materjal li akkumula matul għexieren ta' snin – għad-dar il-ġdida tal-Akkademja.

Minbarra d-dar, il-komun kien jitlob rinnovazzjoni wkoll u minbarra t-tikħil u ż-żebgħa u tiswijiet oħra lill-bieb ta' barra u l-gallarija, ġie installat dawl ġdid u sistema awtomatika ta' sigurtà. Fil-11 ta' Novembru twaħħlet l-irħama mal-bini bil-kliem: "L-Akkademja tal-Malti – Dar Doreen Micallef" biex kif inhu xieraq infakkru lill-poetessa li skont xewqitha, l-appartament fejn kienet tgħix hi tgħix fih illum l-Akkademja. F'Novembru 2011 ġie ordnat u mqiegħed f'postu l-ixkaffar il-ġdid għall-arkivju u saret żjara lill-Kunvent Santu Wistin biex tinġabar il-*memorabilia* ta' Doreen Micallef, hekk li fis-sede tagħna llum hemm kamra ddedikata lil Doreen Micallef li fiha nsibu bosta tifkiriet tal-poetessa.

F'Jannar 2012 ordnajna l-mejda għal-laqgħat tal-kunsill u għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, nhar l-1 ta' Frar 2012 saret żjara uffiċjali lis-sede l-ġdida tagħna mill-President ta' Malta, l-E.T. Dr George Abela.

**Nominazzjonijiet għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Fil-laqgħa numru 9 (17 ta' Lulju 2012) il-kunsill innomina żewġ ismijiet għall-ħatra tal-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti filwaqt li ħatar lil Dr George Farrugia bħala r-rappreżentant tal-Akkademja fil-KNM. Il-ħatra tal-President tal-KNM u tar-rappreżentant tal-Akkademja ġew ikkonfermati mill-ġdid mill-Akkademja wara l-Elezzjoni Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013 fil-laqgħa nru 17 tas-26 ta' Ġunju 2013 għax, skont id-drawwa, il-bordijiet, kumitati, u kunsilli tal-Gvern iridu joffru r-riżenja wara l-Elezzjoni Ġenerali.

**Ritratti diġitali ta' *Il-Malti* u l-minuti tal-Akkademja**

Bis-saħħa tas-Sur William Thierens, arkivista Olandiż, il-ħarġiet kollha ta' *Il-Malti* bdew jiġu diġitalizzati u mtellgħa f'sit elettroniku minn fejn il-folji huma aċċessibbli għal kulħadd. Sal-Laqgħa Ġenerali tal-31 ta' Awwissu 2013, Thierens iddiġitalizza 17-il volum (madwar 60 ħarġa ta' *Il-Malti*) li jwasslu sas-sena 1942. Dan ifisser 843 artiklu u kontribuzzjonijiet oħra ppubblikati ta' dan il-perjodiku – total ta' 2000 paġna – kollha ritratti meħudin wieħed wieħed – xogħol li sar b'mod metikoluż.

Il-minuti tal-imgħoddi tal-Akkademja qed jiġu diġitalizzati mis-Segretarju u sal-Laqgħa Ġenerali saru erba' reġistri li jkopru s-snin 1940-44; 1944-1948; 1985-1989 u 1989-1993.